# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 141

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 58

5 ta' Ġunju 2015

Werrej

I *Atti leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament (UE) 2015/847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1781/2006** ([1]) ..... 1

★ **Regolament (UE) 2015/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar proċedimenti ta' insolvenza** ..... 19

DIRETTIVI

★ **Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE** ([1]) ..... 73

**Rettifika**

★ **Rettifika tar-Regolament (KE) Nru 861/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 li jistabbilixxi Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar** (ĠU L 199, 31.7.2007) ..... 118

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

I

*(Atti leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT (UE) 2015/847 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tal-20 ta' Mejju 2015**

**dwar l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1781/2006**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([3]),

Billi:

(1) Il-flussi ta' flus illeċiti permezz ta' trasferimenti ta' fondi jistgħu jagħmlu ħsara lill-integrità, l-istabbiltà u r-reputazzjoni tas-settur finanzjarju, u jheddu s-suq intern tal-Unjoni, kif ukoll l-iżvilupp internazzjonali. Il-ħasil tal-flus, il-finanzjament tat-terroriżmu u l-kriminalità organizzata jibqgħu problemi sinifikanti li għandhom jiġu indirizzati fil-livell tal-Unjoni. Is-saħħa, l-integrità u l-istabbiltà tas-sistema ta' trasferimenti ta' fondi u l-fiduċja fis-sistema finanzjarja, mill-aspett globali tagħha, jistgħu jiġu pperikolati serjament bl-isforzi tal-kriminali u s-soċji tagħhom li jgħattu l-oriġini ta' rikavat kriminali jew li jittrasferixxu fondi għal attivitajiet kriminali jew għal skopijiet terroristiċi.

(2) Sabiex jiffaċilitaw l-attivitajiet kriminali tagħhom, dawk li jwettqu l-ħasil tal-flus u li jiffinanzjaw it-terroriżmu x'aktarx jieħdu vantaġġ mil-libertà tal-movimenti tal-kapital fiż-żona finanzjarja integrata tal-Unjoni, sakemm ma jiġux adottati ċerti miżuri ta' koordinament fil-livell tal-Unjoni. Il-kooperazzjoni internazzjonali fil-qafas tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF) u l-implimentazzjoni globali tar-rakkomandazzjonijiet tiegħu għandhom l-għan li jevitaw il-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu meta jsiru t-trasferimenti ta' fondi.

(3) Minħabba d-daqs tal-azzjoni li trid tittieħed, l-Unjoni għandha tiżgura li l-Istandards Internazzjonali dwar il-Ġlieda kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Iffinanzjar tat-Terroriżmu u l-Proliferazzjoni adottati mill-FATF fis-16 ta' Frar 2012 (ir-"Rakkomandazzjonijiet riveduti tal-FATF"), u, b'mod partikolari, ir-Rakkomandazzjoni 16 dwar

([1]) ĠU C 166, 12.6.2013, p. 2.
([2]) ĠU C 271, 19.9.2013, p. 31.
([3]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Marzu 2014 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tal-20 ta' April 2015 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Mejju 2015 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

it-trasferimenti elettroniċi (ir-"Rakkomandazzjoni 16 tal-FATF") u n-nota interpretattiva riveduta għall-implimentazzjoni tagħha, ikunu implimentati b'mod uniformi fl-Unjoni kollha u li, b'mod partikolari, ma jkunx hemm diskriminazzjoni jew diskrepanza bejn, minn naħa waħda, il-pagamenti nazzjonali fi Stat Membru u, min-naħa l-oħra, il-pagamenti transkonfinali bejn l-Istati Membri. Azzjoni mhux koordinata mill-Istati Membri li jaġixxu waħedhom fil-qasam tat-trasferimenti transkonfinali tal-fondi jista' jkollha impatt sinifikanti fuq il-funzjonament tajjeb tas-sistemi ta' pagament fil-livell tal-Unjoni u b'hekk tista' tagħmel ħsara lis-suq intern fil-qasam tas-servizzi finanzjarji.

(4) Sabiex jitrawwem approċċ koerenti fil-kuntest internazzjonali u sabiex tiżdied l-effettività tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, azzjoni ulterjuri mill-Unjoni għandha tqis l-iżviluppi fil-livell internazzjonali, jiġifieri r-Rakkomandazzjonijiet riveduti tal-FATF.

(5) L-implimentazzjoni u l-infurzar ta' dan ir-Regolament, inkluż ir-Rakkomandazzjoni 16 tal-FATF, jirrappreżentaw mezzi rilevanti u effettivi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.

(6) Dan ir-Regolament mhuwiex maħsub biex jimponi piżijiet jew spejjeż mhux neċessarji fuq il-fornituri tas-servizzi ta' pagament jew fuq persuni li jużaw is-servizzi tagħhom. F'dan ir-rigward, l-approċċ preventiv għandu jkun immirat u proporzjonat u għandu jikkonforma bis-sħiħ mal-moviment liberu tal-kapital, li huwa ggarantit fl-Unjoni kollha.

(7) Fl-Istrateġija Riveduta tal-Unjoni dwar il-Finanzjament tat-Terroriżmu tas-17 ta' Lulju 2008 (l-"Istrateġija Riveduta"), ġie rrimarkat li jridu jinżammu l-isforzi għall-prevenzjoni tal-finanzjament tat-terroriżmu u għall-kontroll tal-użu minn persuni suspettati b'terroriżmu tar-riżorsi finanzjarji tagħhom stess. Wieħed jirrikonoxxi li l-FATF qed tfittex kontinwament li ttejjeb ir-Rakkomandazzjonijiet tagħha u qed taħdem lejn fehim komuni ta' kif dawk għandhom jiġu implimentati. Fl-Istrateġija Riveduta huwa nnotat li l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet riveduti tal-FATF mill-membri kollha tal-FATF u mill-membri tal-korpi reġjonali mmudellati fuq l-FATF hija evalwata fuq bażi regolari u li approċċ komuni għall-implimentazzjoni mill-Istati Membri huwa għalhekk importanti.

(8) Sabiex jiġi prevenut il-finanzjament tat-terroriżmu, ttieħdu miżuri bl-għan li jkunu ffriżati fondi u r-riżorsi ekonomiċi ta' ċerti persuni, gruppi u entitajiet, inkluż ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2580/2001 ([1]), (KE) Nru 881/2002 ([2]) u (UE) Nru 356/2010 ([3]). Għal dak l-istess għan, ittieħdu wkoll miżuri bl-għan li tiġi protetta s-sistema finanzjarja kontra l-inkanalar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi għall-finijiet tat-terroriżmu. Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) fiha għadd ta' miżuri bħal dawn. Madankollu dawk il-miżuri ma jimpedixxux kompletament lit-terroristi jew kriminali oħra milli jkollhom aċċess għal sistemi ta' pagament għat-trasferiment tal-fondi tagħhom.

(9) It-traċċabbiltà sħiħa tat-trasferimenti ta' fondi tista' tkun għodda partikolarment importanti u valida fil-prevenzjoni, fl-individwazzjoni u fl-investigazzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu, kif ukoll fl-implimentazzjoni ta' miżuri restrittivi, b'mod partikolari dawk imposti bir-Regolamenti (KE) Nru 2580/2001, (KE) Nru 881/2002 u (UE) Nru 356/2010, u f'konformità sħiħa ma' regolamenti tal-Unjoni li jimplimentaw tali miżuri. Għalhekk huwa xieraq, sabiex tkun żgurata t-trażmissjoni tal-informazzjoni tul il-katina kollha ta' pagament, li tiġi prevista sistema li timponi l-obbligu fuq il-fornituri tas-servizzi ta' pagament li jakkumpanjaw trasferimenti ta' fondi b'informazzjoni dwar il-pagatur u l-benefiċjarju.

(10) Dan ir-Regolament għandu japplika mingħajr preġudizzju għall-miżuri restrittivi imposti minn regolamenti bbażati fuq l-Artikolu 215 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), bħar-Regolamenti (KE) Nru 2580/2001, (KE) Nru 881/2002 u (UE) Nru 356/2010, li jistgħu jirrikjedu li l-fornituri tas-servizzi ta' pagament tal-pagaturi u tal-benefiċjarji, kif ukoll il-fornituri intermedjarji tas-servizzi ta' pagament, jieħdu azzjoni adatta biex jiffriżaw ċerti fondi jew li josservaw restrizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw ċerti trasferimenti ta' fondi.

---

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2580/2001 tas-27 ta' Diċembru 2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi mmirati kontra xi persuni u entitajiet bil-ħsieb tal-ġlieda kontra t-terroriżmu (ĠU L 344, 28.12.2001, p. 70).

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mn-network ta' Al-Qaida (ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9).

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 356/2010 tas-26 ta' April 2010 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Somalja (ĠU L 105, 27.4.2010, p. 1).

([4]) Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ara l-paġna 73 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

(11) Dan ir-Regolament għandu japplika wkoll bla ħsara għal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tittrasponi d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]). Pereżempju, *data* personali miġbura għall-fini ta' konformità ma' dan ir-Regolament ma għandhiex tiġi pproċessata aktar b'mod li hu inkompatibbli mad-Direttiva 95/46/KE. B'mod partikolari, ipproċessar ulterjuri ta' *data* personali għal skopijiet kummerċjali għandu jkun strettament ipprojbit. Il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu hija rikonoxxuta bħala raġuni importanti ta' interess pubbliku mill-Istati Membri kollha. Għalhekk, fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, it-trasferiment ta' *data* personali lil pajjiż terz li ma jiżgurax livell adegwat ta' protezzjoni skont l-Artikolu 25 tad-Direttiva 95/46/KE għandu jkun permess f'konformità mal-Artikolu 26 tagħha. Huwa importanti li l-fornituri tas-servizzi ta' pagament li joperaw f'ġurisdizzjonijiet multipli b'fergħat jew sussidjarji li jinsabu barra l-Unjoni m'għandhomx jitwaqqfu milli jittrasferixxu *data* dwar transazzjonijiet suspettużi fi ħdan l-istess organizzazzjoni, bil-kondizzjoni li huma japplikaw salvagwardji adegwati. Barra minn hekk, il-fornituri tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur u tal-benefiċjarju u l-fornituri intermedjarji tas-servizzi ta' pagament għandu jkollhom fis-seħħ miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa biex jipproteġu d-*data* personali kontra telf aċċidentali, tibdil, jew divulgazzjoni jew aċċess mhux awtorizzati.

(12) Persuni li sempliċiment jaqilbu dokumenti stampati f'*data* elettronika u li jaġixxu taħt kuntratt ma' fornitur tas-servizzi ta' pagament u persuni li jipprovdu lil fornituri tas-servizzi ta' pagament biss b'sistemi ta' messaġġi jew sistemi oħra ta' appoġġ għat-trażmissjoni ta' fondi jew b'sistemi ta' kklerjar u ta' saldu ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(13) It-trasferimenti ta' fondi li jikkorrispondu għal servizzi msemmija fil-punti (a) sa (m) u (o) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Huwa xieraq li jiġu esklużi wkoll mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament dawk it-trasferimenti ta' fondi li jirrappreżentaw riskju żgħir ta' ħasil ta' flus jew ta' finanzjament tat-terroriżmu. Jinħtieġ li tali esklużjonijiet jkopru kards tal-ħlas, strumenti ta' flus elettroniċi, telefons ċellulari jew apparat diġitali jew ta' teknoloġija tal-informatika (IT) ieħor imħallas minn qabel jew li jitħallas wara b'karatteristiċi simili, fejn ikunu użati esklużivament għax-xiri ta' prodotti jew servizzi u n-numru tal-kard, strument jew apparat jakkumpanja t-trasferimenti kollha. Madankollu, l-użu ta' kard tal-ħlas, strument ta' flus elettroniċi, telefon ċellulari jew kwalunkwe apparat diġitali jew apparat tal-IT ieħor b'karatteristiċi simili li jkun imħallas minn qabel jew li jitħallas wara sabiex isir trasferiment ta' flus minn persuna għal oħra jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Addizzjonalment, l-irtirar ta' flus minn kaxxiera awtomatiċi, pagamenti ta' taxxi, multi jew imposti oħra, trasferimenti ta' fondi li jsiru permezz ta' skambji elettroniċi ta' immaġni diġitali ta' ċekkijiet, inklużi *truncated cheques*, jew kambjali, u trasferimenti ta' fondi fejn kemm il-pagaturi kif ukoll il-benefiċjarju jkunu l-fornituri tas-servizzi ta' pagament li jaġixxu f'isimhom stess għandhom ikunu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(14) Sabiex ikunu riflessi l-karatteristiċi speċjali tas-sistemi nazzjonali ta' pagament, u bil-kondizzjoni li dejjem ikun possibbli li jiġi ttraċċat it-trasferiment ta' fondi lura sal-pagatur, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jeżentaw mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ċerti trasferimenti ta' fondi domestiċi ta' valur baxx inklużi pagamenti GIRO, użati għax-xiri ta' prodotti jew servizzi.

(15) Il-fornituri tas-servizzi ta' pagament għandhom jiżguraw li l-informazzjoni dwar il-pagatur u l-benefiċjarju ma tkunx nieqsa jew mhux kompleta.

(16) Sabiex ma jkunx hemm xkiel għall-effiċjenza tas-sistemi ta' pagament, u sabiex ikunu bbilanċjati r-riskji li t-transazzjonijiet jibdew isiru bil-moħbi b'riżultat ta' rekwiżiti eċċessivament stretti ta' identifikazzjoni kontra t-theddida terroristika potenzjali ppreżentata minn trasferimenti żgħar ta' fondi, l-obbligu ta' kontroll jekk l-informazzjoni dwar il-pagatur jew il-benefiċjarju hijiex eżatta, fil-każ ta' trasferimenti ta' fondi fejn il-verifika tkun għadha ma saritx, għandu jiġi applikat biss fuq trasferimenti ta' fondi individwali ta' aktar minn EUR 1 000, sakemm it-trasferiment jidher li huwa marbut ma' trasferimenti oħra ta' fondi li flimkien ikunu jaqbżu l-EUR 1 000, fejn il-fondi jkunu riċevuti jew imħallsa fi flus kontanti jew fi flus elettroniċi anonimi, jew fejn ikun hemm bażi raġonevoli għal suspett ta' ħasil tal-flus jew ta' finanzjament tat-terroriżmu.

(17) Għal trasferimenti ta' fondi fejn il-verifika titqies li tkun saret, il-fornituri tas-servizzi ta' pagament ma għandhomx ikunu obbligati li jivverifikaw l-informazzjoni dwar il-pagatur jew il-benefiċjarju li jakkumpanja kull trasferiment ta' fondi, sakemm l-obbligi stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2015/849 ikunu sodisfatti.

---

([1]) Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-*data* (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31).
([2]) Id-Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern li temenda d-Direttivi 97/7/KE, 2002/65/KE, 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 97/5/KE (ĠU L 319, 5.12.2007, p. 1).

(18) Fid-dawl tal-atti leġiżlattivi tal-Unjoni dwar is-servizzi ta' pagament, jiġifieri r-Regolament (KE) Nru 924/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), ir-Regolament (UE) Nru 260/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) u d-Direttiva 2007/64/KE,għandu jkun biżżejjed li jiġi previst li informazzjoni ssimplifikata biss takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi fl-Unjoni, bħan-numru/i tal-kont(ijiet) tal-pagamenti jew identifikatur uniku tat-transazzjoni.

(19) Sabiex l-awtoritajiet responsabbli mill-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu f'pajjiżi terzi jkunu jistgħu jittraċċaw is-sors ta' fondi użati għal dawk l-għanijiet, it-trasferimenti ta' fondi mill-Unjoni 'l barra mill-Unjoni għandu jkollhom informazzjoni kompleta dwar il-pagatur u l-benefiċjarju. Dawk l-awtoritajiet għandhom jingħataw aċċess għal informazzjoni kompleta dwar il-pagatur u l-benefiċjarju biss għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-individwazzjoni u l-investigazzjoni ta' ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.

(20) L-awtoritajiet tal-Istat Membru responsabbli mill-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, u l-aġenziji ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi rilevanti fl-Istati Membri, għandhom jintensifikaw il-kooperazzjoni bejniethom u mal-awtoritajiet rilevanti tal-pajjiżi terzi, inklużi dawk fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, sabiex jissaħħu aktar it-trasparenza u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni u l-aħjar prattiki.

(21) Fir-rigward ta' trasferimenti ta' fondi minn pagatur uniku lil diversi benefiċjarji li għandhom jintbagħtu f'lottijiet skedati li jinkludu trasferimenti individwali mill-Unjoni 'l barra mill-Unjoni, għandu jkun previst li tali trasferimenti individwali jkollhom biss in-numru tal-kont tal-pagamenti tal-pagatur jew l-identifikatur uniku tat-transazzjoni, kif ukoll l-informazzjoni kompleta dwar il-benefiċjarju, sakemm il-lott skedat ikun jinkludi informazzjoni kompleta dwar il-pagatur li tiġi vverifikata għall-eżattezza u informazzjoni kompleta dwar il-benefiċjarju li tkun tista' tiġi kompletament ittraċċata.

(22) Sabiex jiġi kkontrollat jekk l-informazzjoni meħtieġa dwar il-pagatur u l-benefiċjarju takkumpanjax it-trasferimenti tal-fondi, u sabiex tingħata għajnuna fl-identifikazzjoni ta' transazzjonijiet suspettużi, il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju u l-fornitur intermedjarju tas-servizzi ta' pagament għandu jkollhom proċeduri effettivi stabbiliti sabiex jindividwaw jekk l-informazzjoni dwar il-pagatur u l-benefiċjarju hijiex nieqsa jew mhux kompleta. Dawk il-proċeduri għandhom jinkludu monitoraġġ *ex post* jew monitoraġġ f'ħin reali fejn ikun fattibbli. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-fornituri tas-servizzi ta' pagament jinkludu l-informazzjoni meħtieġa dwar it-transazzjoni mat-trasferiment elettroniku jew il-messaġġ relatat tul il-katina kollha ta' pagament.

(23) Fid-dawl tat-theddida potenzjali tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu ppreżentata mit-trasferimenti anonimi, huwa xieraq li l-fornituri tas-servizzi ta' pagament ikunu meħtieġa jitolbu informazzjoni dwar il-pagatur u l-benefiċjarju. Konformement mal-approċċ ibbażat fuq ir-riskju żviluppat mill-FATF, huwa xieraq li jiġu identifikati oqsma ta' riskju ogħla u aktar baxx, bil-ħsieb li jiġu immirati aħjar ir-riskji tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu. Għaldaqstant, il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju u l-fornitur intermedjarju tas-servizzi ta' pagament għandu jkollhom proċeduri effettivi bbażati fuq ir-riskju li japplikaw fejn trasferiment ta' fondi ma jkollux l-informazzjoni meħtieġa dwar il-pagatur jew il-benefiċjarju, li tippermettilhom li jiddeċiedu jekk iwettqux, jirrifjutawx jew jissospendux dak it-trasferiment u jiddeterminaw li azzjoni adatta ta' segwitu li għandhom jieħdu.

(24) Il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju u l-fornitur intermedjarju tas-servizzi ta' pagament għandhom jeżerċitaw viġilanza speċjali, jivvalutaw ir-riskji, meta xi wieħed minnhom isir konxju li l-informazzjoni dwar il-pagatur jew il-benefiċjarju tkun nieqsa jew mhux kompleta u għandhom jirrapportaw transazzjonijiet suspettużi lill-awtoritajiet kompetenti, f'konformità mal-obbligi ta' rappurtar stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2015/849 u ma' miżuri nazzjonali li jittrasponu dik id-Direttiva.

(25) Id-dispożizzjonijiet dwar it-trasferimenti ta' fondi li fir-rigward tagħhom informazzjoni dwar il-pagatur jew il-benefiċjarju tkun nieqsa jew ma tkunx kompleta japplikaw mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe obbligu tal-fornituri tas-servizzi ta' pagament u l-fornituri intermedjarji tas-servizzi ta' pagament li jissospendu u/jew jirrifjutaw trasferimenti ta' fondi li jiksru dispożizzjonijiet tad-dritt ċivili, amministrattiv jew kriminali.

(26) Bil-għan li jassistu lill-fornituri tas-servizzi ta' pagament biex idaħħlu fis-seħħ proċeduri effettivi għall-individwazzjoni ta' każijiet fejn jirċievu trasferimenti ta' fondi b'informazzjoni nieqsa jew mhux kompleta dwar il-pagatur jew il-benefiċjarju u biex jieħdu azzjonijiet ta' segwitu, l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 924/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-ħlas transkonfinali fil-Komunità u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2560/2001 (ĠU L 266, 9.10.2009, p. 11).

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 260/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u tan-negozju għat-trasferimenti ta' kreditu u debiti diretti bl-euro u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 924/2009 (ĠU L 94, 30.3.2012, p. 22).

Bankarja Ewropea) ("EBA"), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) ("EIOPA"), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), u l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) ("ESMA"), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), għandhom joħorġu linji gwida.

(27) Sabiex tkun tista' tittieħed azzjoni immedjata fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, il-fornituri tas-servizzi ta' pagament għandhom jirrispondu immedjatament għal talbiet għal informazzjoni dwar il-pagatur u l-benefiċjarju mill-awtoritajiet responsabbli mill-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu fl-Istat Membru fejn dawk il-fornituri tas-servizzi ta' pagament jinsabu.

(28) L-għadd ta' ġranet ta' xogħol fl-Istat Membru tal-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur jiddetermina l-għadd ta' ġranet li fihom għandha tingħata tweġiba għal talba għal informazzjoni dwar il-pagatur.

(29) Ladarba jista' jagħti l-każ li f'investigazzjonijiet kriminali jista' ma jkunx possibbli li tiġi identifikata d-*data* meħtieġa jew l-individwi involuti fi transazzjoni għal ħafna xhur, jew anke snin, wara t-trasferiment oriġinali tal-fondi, u sabiex ikun hemm aċċess għal provi essenzjali fil-kuntest tal-investigazzjonijiet, huwa xieraq li l-fornituri tas-servizzi ta' pagament ikunu meħtieġa jżommu rekords ta' informazzjoni dwar il-pagatur u l-benefiċjarju għal perijodu ta' żmien għall-finijiet ta' prevenzjoni, individwazzjoni u investigazzjonital-ħasil tal-flus jew tal-finanzjament tat-terroriżmu. Dak il-perijodu ma għandux jaqbeż il-ħames snin, li warajhom id-*data* personali kollha għandha tithassar, sakemm ma jkunx previst mod ieħor mil-liġi nazzjonali. Jekk ikun meħtieġ għall-finijiet ta' prevenzjoni, individwazzjoni jew investigazzjoni ta' ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu, u wara li ssir valutazzjoni tal-ħtieġa u l-proporzjonalità tal-miżura, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jippermettu jew jeħtieġu żamma ta' rekords għal perijodu ulterjuri għal mhux aktar minn ħames snin, mingħajr preġudizzju għal-liġi kriminali nazzjonali dwar l-evidenza applikabbli għal investigazzjonijiet kriminali u proċedimenti legali kurrenti.

(30) Sabiex titjieb il-konformità ma' dan ir-Regolament, u f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Diċembru 2010 intitolata "Rinfurzar tar-reġimi tas-sanzjonar fis-settur tas-servizzi finanzjarji", għandhom jissaħħu s-setgħa tal-awtoritajiet kompetenti li jadottaw miżuri ta' sorveljanza u s-setgħat tagħhom ta' sanzjonar. Sanzjonijiet u miżuri amministrattivi għandhom ikunu previsti u, minħabba l-importanza tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sanzjonijiet u miżuri li jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, u lill-Kumitat Konġunt lill-ABE, lill-EIOPA u lill-ESMA (l-"ASE") b'dan.

(31) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-Kapitolu V ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]).

(32) Għadd ta' pajjiżi u territorji li ma jifformawx parti mit-territorju tal-Unjoni jikkondividu unjoni monetarja ma' Stat Membru, jiffurmaw parti miż-żona monetarja ta' Stat Membru jew iffirmaw konvenzjoni monetarja mal-Unjoni rappreżentati minn Stat Membru u għandhom fornituri tas-servizzi ta' pagament li jipparteċipaw direttament jew indirettament fis-sistemi ta' pagament u ta' saldu ta' dak l-Istat Membru. Sabiex tkun evitata l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għal trasferimenti ta' fondi, bejn l-Istati Membri kkonċernati u dawk il-pajjiżi jew territorji, li jkollhom effett negattiv sinifikanti fuq l-ekonomiji ta' dawk il-pajjiżi jew territorji, huwa xieraq li tkun prevista l-possibbiltà li tali trasferimenti ta' fondi jkunu trattati bħala trasferimenti ta' fondi fl-Istati Membri kkonċernati.

---

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

([4]) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

(33) Fid-dawl tan-numru ta' emendi li hemm bżonn li jsiru fir-Regolament (KE) Nru 1781/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), skont dan ir-Regolament, dak ir-Regolament għandu jitħassar għal raġunijiet ta' ċarezza.

(34) Minħabba li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.

(35) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja (l-Artikolu 7), id-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali (l-Artikolu 8), id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust (l-Artikolu 47) u l-prinċipju ta' *ne bis in idem*.

(36) Sabiex tkun żgurata introduzzjoni mingħajr xkiel tal-qafas kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, huwa xieraq li d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandha tkun l-istess bħal ta' dik tal-iskadenza għat-traspożizzjoni tad-Direttiva (UE) 2015/849.

(37) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat skont l-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) u ta opinjoni fl-4 ta' Lulju 2013 ([3]),

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

**SUĠĠETT, KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET**

*Artikolu 1*

### Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dwar l-informazzjoni dwar pagaturi u benefiċjarji, li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi, fi kwalunkwe munita, għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-individwazzjoni u l-investigazzjoni ta' ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu, fejn tal-inqas wieħed mill-fornituri tas-servizzi ta' pagament involut fit-trasferiment ta' fondi jkun stabbilit fl-Unjoni.

*Artikolu 2*

### Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għal trasferimenti ta' fondi, fi kwalunkwe munita, li jintbagħtu jew li jiġu riċevuti minn fornitur tas-servizzi ta' pagament jew fornitur intermedjarju tas-servizzi ta' pagament stabbilit fl-Unjoni.

2. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għas-servizzi elenkati fil-punti (a) sa (m) u (o) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2007/64/KE.

3. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal trasferiment ta' fondi li jsir permezz ta' kard tal-ħlas, strument ta' flus elettroniċi jew telefon ċellulari, jew kwalunkwe apparat diġitali jew apparat tal-IT ieħor b'karatteristiċi simili li huwa mħallas minn qabel jew li jitħallas wara, fejn ikunu ġew sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) dik il-kard, l-istrument jew l-apparat jintuża esklużivament biex jitħallsu prodotti jew servizzi; u

(b) in-numru ta' dik l-kard, l-istrument jew l-apparat jakkumpanja t-trasferimenti kollha li joħorġu minn din it-transazzjoni.

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 1781/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 dwar informazzjoni dwar il-pagatur, li għandha takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi (ĠU L 345, 8.12.2006, p. 1).

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-*data* (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

([3]) ĠU C 32, 4.2.2014, p. 9.

Madankollu, dan ir-Regolament għandu japplika fejn kard tal-ħlas, strument ta' flus elettroniċi jew telefon ċellulari, jew kwalunkwe apparat diġitali jew apparat tal-IT ieħor b'karatteristiċi simili li huwa mħallas minn qabel jew li jitħallas wara jintuża sabiex jiġi effettwat trasferiment ta' fondi minn persuna għal oħra.

4. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal persuni li m'għandhom ebda attività għajr li jaqilbu dokumenti stampati f'data elettronika u li jagħmlu dan bis-saħħa ta' kuntratt ma' fornitur tas-servizzi ta' pagament, jew għal persuni li m'għandhom ebda attività għajr li jipprovdu lill-fornituri tas-servizzi ta' pagament messaġġi jew sistemi oħra ta' appoġġ għat-trażmissjoni ta' fondi jew sistemi ta' kklerjar u ta' saldu.

Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal trasferimenti ta' fondi:

(a) li jinvolvu li l-pagatur jiġbed flus mill-kont tal-pagamenti tal-pagatur stess;

(b) fejn il-fondi huma ttrasferiti lil awtorità pubblika bħala pagament għal taxxi, multi jew imposti oħra fi Stat Membru;

(c) fejn kemm il-pagatur kif ukoll il-benefiċjarju jkunu fornituri tas-servizzi ta' pagament li jaġixxu f'isimhom stess;

(d) li jsiru permezz ta' skambji elettroniċi ta' immaġni diġitali ta' ċekkijiet, inklużi *truncated cheques*.

5. Stat Membru jista' jiddeċiedi li ma japplikax dan ir-Regolament għal trasferimenti ta' fondi fit-territorju tiegħu f'kont tal-pagamenti ta' benefiċjarju li jippermetti pagament esklużivament għall-provvista ta' prodotti jew servizzi fejn jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju jkun soġġett għad-Direttiva (UE) 2015/849;

(b) il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju jkun jista' jittraċċa lura, permezz tal-benefiċjarju, bl-użu ta' identifikatur uniku tat-transazzjoni, it-trasferiment ta' fondi mill-persuna li jkollha ftehim mal-benefiċjarju għall-forniment ta' prodotti jew servizzi;

(c) l-ammont tat-trasferiment ta' fondi ma jeċċedix EUR 1 000.

*Artikolu 3*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "finanzjament tat-terroriżmu" tfisser finanzjament tat-terroriżmu kif definit fl-Artikolu 1(5) tad-Direttiva (UE) 2015/849;

(2) "ħasil ta' flus" tfisser l-attivitajiet ta' ħasil ta' flus imsemmija fl-Artikolu 1(3) u (4) tad-Direttiva (UE) 2015/849;

(3) "pagatur" tfisser persuna li jkollha kont tal-pagamenti u tippermetti trasferiment ta' flus minn dak il-kont tal-pagamenti, jew, fejn ma jkun hemm ebda kont tal-pagamenti, li tagħti ordni għat-trasferiment ta' fondi;

(4) "benefiċjarju" tfisser persuna li tkun ir-riċevitur previst tat-trasferiment ta' fondi;

(5) "fornitur tas-servizzi ta' pagament" tfisser il-kategoriji ta' fornitur tas-servizzi ta' pagament imsemmijin fl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2007/64/KE, persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jibbenefikaw minn eżenzjoni msemmija fl-Artikolu 26 tagħha u persuni ġuridiċi li jibbenefikaw minn eżenzjoni skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), li jipprovdu servizzi għat-trasferiment ta' fondi;

(6) "fornitur intermedjarju tas-servizzi ta' pagament" tfisser fornitur tas-servizzi ta' pagament, li ma jkunx il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur jew tal-benefiċjarju u li jirċievi u jittrażmetti trasferiment ta' fondi f'isem il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur jew tal-benefiċjarju, jew ta' fornitur intermedjarju tas-servizzi ta' pagament ieħor;

(7) "kont tal-pagamenti" tfisser kont tal-pagamenti kif definit fil-punt (14) tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2007/64/KE;

(8) "fondi" tfisser fondi kif definiti fil-punt (15) tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2007/64/KE;

([1]) Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenzjali tan-negozju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li temenda d-Direttivi 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 2000/46/KE (ĠU L 267, 10.10.2009, p. 7).

(9) "trasferiment ta' fondi" tfisser kwalunkwe transazzjoni li tal-inqas ssir parzjalment b'mezzi elettroniċi f'isem pagatur permezz ta' fornitur tas-servizzi ta' pagament, bil-għan li l-fondi jkunu disponibbli għal benefiċjarju permezz ta' fornitur tas-servizzi ta' pagament, irrispettivament jekk il-pagatur u l-benefiċjarju humiex l-istess persuna u irrispettivament minn jekk il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur u dak tal-benefiċjarju humiex l-istess, inklużi:

(a) trasferiment ta' kreditu kif definit fil-punt (1) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 260/2012;

(b) debitu dirett kif definit fil-punt (2) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 260/2012;

(c) ħlas ta' flus kif definit fil-punt (13) tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2007/64/KE;

(d) trasferiment li jsir bl-użu ta' kard tal-ħlas, strument ta' flus elettroniċi, jew telefon ċellulari, jew kwalunkwe apparat diġitali jew apparat tal-IT ieħor b'karatteristiċi simili mħallas minn qabel jew li jitħallas wara;

(10) "trasferiment ta' lott skedat" tfisser pakkett ta' diversi trasferimenti individwali ta' fondi li ngħabru flimkien għal trażmissjoni;

(11) "identifikatur uniku tat-transazzjoni" tfisser kumbinazzjoni ta' ittri, numri jew simboli stabbiliti mill-fornitur tas-servizzi ta' pagament, f'konformità mal-protokolli tas-sistemi ta' pagament u saldu jew sistemi ta' messaġġi użati għat-trasferiment ta' fondi, li tippermetti t-traċċabbiltà tat-transazzjoni lura lill-pagatur u lill-benefiċjarju;

(12) "trasferiment ta' fondi minn persuna għal oħra" tfisser transazzjoni bejn persuni fiżiċi li jaġixxu, bħala konsumaturi, għal skopijiet oħra għajr il-kummerċ, in-negozju jew il-professjoni.

KAPITOLU II

**OBBLIGI TAL-FORNITURI TA' SERVIZZI TA' PAGAMENT**

*TAQSIMA 1*

***Obbligi tal-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-pagatur***

*Artikolu 4*

**Informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi**

1. Il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur għandu jiżgura li t-trasferimenti ta' fondi jkunu akkumpanjati mill-informazzjoni li ġejja dwar il-pagatur:

(a) l-isem tal-pagatur;

(b) in-numru tal-kont tal-pagamenti tal-pagatur; u

(c) l-indirizz tal-pagatur, in-numru tad-dokument uffiċjali personali, in-numru ta' identifikazzjoni tiegħu bħala klijent jew id-data u l-post tat-twelid tiegħu.

2. Il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur għandu jiżgura li t-trasferimenti ta' fondi jkunu akkumpanjati mill-informazzjoni li ġejja dwar il-benefiċjarju:

(a) l-isem tal-benefiċjarju; u

(b) in-numru tal-kont tal-pagamenti tal-benefiċjarju.

3. B'deroga mill-punt (b) tal-paragrafu 1 u mill-punt (b) tal-paragrafu 2, fil-każ ta' trasferiment mhux magħmul minn jew lil kont tal-pagamenti, il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur għandu jiżgura li t-trasferiment ta' fondi jkun akkumpanjat minn identifikatur uniku tat-transazzjoni minflok in-numru/i tal-kont(ijiet) tal-pagamenti.

4. Qabel jittrasferixxi fondi, il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur għandu jivverifika l-eżattezza tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 abbażi tad-dokumenti, tad-*data* u tal-informazzjoni miksuba minn sors affidabbli u indipendenti.

5. Il-verifika kif msemmija fil-paragrafu 4 għandha titqies li tkun saret fejn:

(a) l-identità ta' pagatur tkun ġiet ivverifikata f'konformità mal-Artikolu 13 tad-Direttiva (UE) 2015/849 u l-informazzjoni miksuba bis-saħħa ta' dik il-verifika tkun ġiet reġistrata f'konformità mal-Artikolu 40 ta' dik id-Direttiva; jew

(b) l-Artikolu 14(5) tad-Direttiva (UE) 2015/849 ikun japplika għall-pagatur.

6. Mingħajr preġudizzju għad-derogi previsti fl-Artikoli 5 u 6, il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur ma għandu jeżegwixxi ebda trasferiment ta' fondi qabel ma jiżgura konformità sħiħa ma' dan l-Artikolu.

*Artikolu 5*

**Trasferimenti ta' fondi fl-Unjoni**

1. B'deroga mill-Artikolu 4(1) u (2), fejn il-fornituri tas-servizzi ta' pagament kollha involuti fil-katina tal-pagamenti huma stabbiliti fl-Unjoni, it-trasferimenti ta' fondi għandhom ikunu akkumpanjati tal-inqas min-numru tal-kont tal-pagamenti kemm tal-pagatur kif ukoll tal-benefiċjarju jew, fejn ikun japplika l-Artikolu 4(3), mill-identifikatur uniku tat-transazzjoni, mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti tal-informazzjoni stipulati fir-Regolament (UE) Nru 260/2012 fejn applikabbli.

2. Minkejja l-paragrafu 1, il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur għandu, fi żmien tlett ijiem ta' xogħol minn meta jirċievi talba għall-informazzjoni mill-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju jew il-fornitur intermedjarju tas-servizzi ta' pagament, jagħmel disponibbli dawnli ġejjin:

(a) għal trasferimenti ta' fondi li jaqbżu l-EUR 1 000, kemm jekk it-trasferimenti jsiru fi transazjoni waħda kif ukoll jekk isiru f'diversi transazzjonijiet li jkunu jidhru marbutin, l-informazzjoni dwar il-pagatur jew il-benefiċjarju f'konformità mal-Artikolu 4;

(b) għal trasferimenti ta' fondi li ma jaqbżux l-EUR 1 000 u li ma jidhrux li huma marbuta ma' trasferimenti oħra ta' fondi li, flimkien mat-trasferiment inkwistjoni, jaqbżu l-EUR 1 000, tal-inqas

(i) l-isem tal-pagatur u l-isem tal-benefiċjarju, u

(ii) in-numri tal-kont tal-pagamenti kemm tal-pagatur kif ukoll tal-benefiċjarju jew, fejn ikun japplika l-Artikolu 4(3), l-identifikatur uniku tat-transazzjoni.

3. B'deroga mill-Artikolu 4(4), fil-każ ta' trasferimenti ta' fondi msemmija fil-paragrafu 2(b) ta' dan l-Artikolu, il-fornitur ta' servizzi ta' pagament ta' min iħallas mhuwiex meħtieġ li jivverifika l-informazzjoni dwar il-pagatur sakemm il-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju:

(a) ma jkunx irċieva l-fondi li għandhom jiġu trasferiti fi flus jew fi flus elettroniċi anonimi; jew

(b) ma jkollux raġunijiet raġonevoli għal suspett ta' ħasil tal-flus jew ta' finanzjament tat-terroriżmu.

*Artikolu 6*

**Trasferimenti ta' fondi 'l barra mill-Unjoni**

1. Fil-każ ta' trasferiment ta' lott skedat minn pagatur uniku fejn il-fornituri tas-servizzi ta' pagament tal-benefiċjarji jinsabu barra l-Unjoni, l-Artikolu 4(1) ma għandux japplika għat-trasferimenti individwali miġbura flimkien fih, sakemm il-lott skedat ikun fih l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(1), (2) u (3), dik l-informazzjoni tkun ġiet ivverifikata f'konformità mal-Artikolu 4(4) u (5), u sakemm it-trasferimenti individwali jkollhom in-numru tal-kont tal-pagamenti tal-pagatur jew, fejn ikun japplika l-Artikolu 4(3), l-identifikatur uniku tat-transazzjoni.

2. B'deroga mill-Artikolu 4(1), u, fejn applikabbli, mingħajr preġudizzju għall-informazzjoni meħtieġa f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 260/2012, fejn il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju jkun stabbilit barra l-Unjoni, it-trasferimenti ta' fondi li ma jaqbżux l-EUR 1 000 li ma jidhrux li huma marbuta ma' trasferimenti oħra ta' fondi li, flimkien mat-trasferiment inkwistjoni, jaqbżu l-EUR 1 000, għandhom ikunu akkumpanjati minn tal-anqas:

(a) l-isem tal-pagatur u l-isem tal-benefiċjarju; u

(b) in-numri tal-kont tal-pagamenti kemm tal-pagatur kif ukoll tal-benefiċjarju jew, fejn ikun japplika l-Artikolu 4(3), l-identifikatur uniku tat-transazzjoni.

B'deroga mill-Artikolu 4(4), mhuwiex meħtieġ li l-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju mhuwiex meħtieġ li jivverifika l-informazzjoni dwar il-pagatur imsemmija f'dan il-paragrafu, sakemm il-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju:

(a) ma jkunx irċieva l-fondi li għandhom jiġu trasferiti fi flus jew fi flus elettroniċi anonimi; jew

(b) ma jkollux raġunijiet raġonevoli għal suspett ta' ħasil tal-flus jew ta' finanzjament tat-terroriżmu.

*TAQSIMA 2*

***Obbligi tal-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju***

*Artikolu 7*

**Individwazzjoni ta' informazzjoni nieqsa dwar il-pagatur jew il-benefiċjarju**

1. Il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju għandu jimplimenta proċeduri effettivi biex jindividwa jekk is-segmenti li jirrigwardaw l-informazzjoni dwar il-pagatur u l-benefiċjarju fis-sistema ta' messaġġi jew ta' pagamenti u saldu li tintuża sabiex isir it-trasferiment ta' fondi jkunux imtlew bl-użu tal-karattri jew inputs ammissibbli skont il-prattika ta' dik is-sistema.

2. Il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju għandu jimplimenta proċeduri effettivi, inkluż, fejn adatt, monitoraġġ *ex post* jew monitoraġġ f'ħin reali, sabiex jindividwa jekk l-informazzjoni li ġejja dwar il-pagatur jew il-benefiċjarju tkunx nieqsa:

(a) għal trasferimenti ta' fondi fejn il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur ikun jinsab fl-Unjoni, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 5;

(b) għal trasferimenti ta' fondi fejn il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur ikun stabbilit barra l-Unjoni, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(1) u (2);

(c) għal trasferimenti ta' lottijiet skedati fejn il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur ikun stabbilit barra l-Unjoni l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(1) u (2) fir-rigward ta' dak it-trasferiment ta' lott skedat.

3. Fil-każ ta' trasferimenti ta' fondi li jaqbżu l-EUR 1 000, kemm jekk dawk it-trasferimenti jsiru fi transazzjoni waħda kif ukoll jekk isiru f'diversi transazzjonijiet li jidhru marbutin, qabel ma jikkredita l-kont tal-pagamenti tal-benefiċjarju jew ma jagħmel il-fondi disponibbli għall-benefiċjarju, il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju għandu jivverifika l-eżattezza tal-informazzjoni dwar il-benefiċjarju msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu abbażi ta' dokumenti, *data* jew informazzjoni miksuba minn sors affidabbli u indipendenti, mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 69 u 70 tad-Direttiva 2007/64/KE.

4. Fil-każ ta' trasferimenti ta' fondi li jaqbżu l-EUR 1 000 li ma jidhrux li huma marbuta ma' trasferimenti oħra ta' fondi li, flimkien mat-trasferiment inkwistjoni, jaqbżu l-EUR 1 000, mhuwiex meħtieġ li l-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju mhuwiex meħtieġ jivverifika l-eżattezza tal-informazzjoni dwar il-pagatur, sakemm il-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju:

(a) ma jħallasx l-fondi fi flus kontanti jew fi flus elettroniċi anonimi; jew

(b) ma jkollux raġunijiet raġonevoli għal suspett ta' ħasil tal-flus jew ta' finanzjament tat-terroriżmu.

5. Il-verifika kif imsemmija fil-paragrafi 3 u 4 għandha titqies li tkun saret fejn:

(a) l-identità ta' benefiċjarju tkun ġiet ivverifikata f'konformità mal-Artikolu 13 tad-Direttiva (UE) 2015/849 u l-informazzjoni miksuba bis-saħħa ta' din il-verifika tkun ġiet irreġistrata f'konformità mal-Artikolu 40 ta' dik id-Direttiva; jew

(b) l-Artikolu 14(5) tad-Direttiva (UE) 2015/849 japplika għall-benefiċjarju.

*Artikolu 8*

**Trasferimenti ta' fondi b'informazzjoni nieqsa jew mhux kompleta dwar il-pagatur jew il-benefiċjarju**

1. Il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju għandu jimplimenta proċeduri effettivi bbażati fuq ir-riskju, inkluż proċeduri bbażati fuq bażi ta' sensittività għar–riskji msemmija fl-Artikolu 13 tad-Direttiva (UE) 2015/849, biex jiġi determinat jekk għandux jiġi eżegwit, irrifjutat jew sospiż trasferiment ta' fondi li ma jkollux l-informazzjoni kompleta meħtieġa dwar il-pagatur u l-benefiċjarju u biex tittieħed l-azzjoni ta' segwitu adatta.

Fejn il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju isir konxju, meta jirċievi trasferiment ta' fondi, li l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(1) jew (2), l-Artikolu 5(1) jew l-Artikolu 6 hija nieqsa jew ma mtlietx bl-użu tal-karattri jew l-inputs ammissibbli skont il-prattika tas-sistema ta' messaġġi jew ta' pagamenti u saldu, kif imsemmi fl-Artikolu 7(1), il-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju għandu, jew jirrifjuta t-trasferiment jew inkella jitlob informazzjoni meħtieġa dwar il-pagatur u l-benefiċjarju, qabel jew wara li jikkredita l-kont tal-pagamenti tal-benefiċjarju jew jagħmel disponibbli l-fondi lill-benefiċjarju, abbażi tal-perċezzjoni tar-riskju.

2. Fejn fornitur tas-servizzi ta' pagament jonqos ripetutament milli jipprovdi kwalunkwe element mill-informazzjoni meħtieġa dwar il-pagatur jew il-benefiċjarju, il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju għandu jieħu passi, li jistgħu jinkludu inizjalment l-għoti ta' twissijiet u l-istipular ta' skadenzi, qabel li jew jirrifjuta kwalunkwe trasferiment futur ta' fondi mingħand dak il-fornitur tas-servizzi ta' pagament, jew jirrestrinġi jew itemm ir-relazzjoni ta' negozju tiegħu ma' dak il-fornitur tas-servizzi ta' pagament.

Il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju għandu jirrapporta dak in-nuqqas u l-passi meħudin, lill-awtorità kompetenti responsabbli mill-monitoraġġ tal-konformità mad-dispożizzjonijiet dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.

*Artikolu 9*

**Valutazzjoni u rapportar**

Il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju jikkunsidra informazzjoni nieqsa jew mhux kompleta dwar il-pagatur u l-benefiċjarju bħala fattur fil-valutazzjoni ta' jekk it-trasferiment ta' fondi, jew kwalunkwe transazzjoni relatata, hijiex suspettuża, u jekk għandhiex tiġi rappurtata lill-Unità tal-Intelligence Finanzjarja (UIF) stabbilita skont id-Direttiva (UE) 2015/849.

*TAQSIMA 3*

***L-obbligi ta' fornituri intermedjarji ta' servizzi ta' pagament***

*Artikolu 10*

**Żamma ta' informazzjoni dwar il-pagatur u l-benefiċjarju mat-trasferiment**

Il-fornituri intermedjarji tas-servizzi ta' pagament jiżguraw li l-informazzjoni kollha li jirċievu dwar il-pagatur li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi tinżamm mat-trasferiment.

*Artikolu 11*

**Individwazzjoni ta' informazzjoni nieqsa dwar il-pagatur jew il-benefiċjarju**

1. Il-fornitur intermedjarju tas-servizzi ta' pagament għandu jimplimenta proċeduri effettivi biex jindividwa jekk is-segmenti li jirrigwardaw l-informazzjoni dwar il-pagatur u l-benefiċjarju fis-sistema ta' messaġġi jew fis-sistema ta' pagament u saldu li tintuża sabiex isir it-trasferiment ta' fondi, ikunux imtlew bl-użu tal-karattri jew inputs ammissibbli skont il-konvenzjonijiet ta' dik is-sistema.

2. Il-fornitur intermedjarju tas-servizzi ta' pagament għandu jimplimenta proċeduri effettivi, inkluż, fejn adatt, monitoraġġ *ex post* jew monitoraġġ f'ħin reali, sabiex jindividwa jekk l-informazzjoni li ġejja dwar il-pagatur jew il-benefiċjarju tkunx nieqsa:

(a) għal trasferimenti ta' fondi fejn il-fornituri tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur u l-benefiċjarju jkunu jinsabu fl-Unjoni, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 5;

(b) għal trasferimenti ta' fondi fejn il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur jew il-benefiċjarju jkun stabbilit barra l-Unjoni, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(1) u (2);

(c) għal trasferimenti ta' lottijiet skedati fejn il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur jew tal-benefiċjarju jkun stabbilit barra l-Unjoni, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(1) u (2) rigward dak it-trasferiment ta' lott skedat.

*Artikolu 12*

**Trasferimenti ta' fondi b'informazzjoni nieqsa dwar il-pagatur jew il-benefiċjarju**

1. Il-fornitur intermedjarju tas-servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju għandu jistabbilixxi proċeduri effettivi bbażati fuq ir-riskju li jiddeterminaw jekk jiġix eżegwit, irrifjutat jew sospiż trasferiment ta' fondi minħabba nuqqas ta' informazzjoni meħtieġa dwar il-pagatur u l-benefiċjarju u biex tittieħed l-azzjoni ta' segwitu adatta.

Fejn il-fornitur intermedjarju tas-servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju jinduna, meta jirċievi trasferiment ta' fondi, li l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(1) jew (2), l-Artikolu 5(1) jew l-Artikolu 6 hija nieqsa jew li ma mtlietx bl-użu tal-karattri jew l-inputs ammissibbli skont il-prattika tas-sistema ta' messaġġi jew ta' pagamenti u saldu, kif imsemmi fl-Artikolu 7(1) dan għandu jirrifjuta t-trasferiment jew jitlob għall-informazzjoni meħtieġa dwar il-pagatur u l-benefiċjarju qabel jew wara t-trażmissjoni tat-trasferiment tal-fondi, abbażi tas-sensittività għar-riskji.

2. Fejn fornitur tas-servizzi ta' pagament jonqos ripetutament milli jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa dwar il-pagatur jew il-benefiċjarju, il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju għandu jieħu passi, li għall-ewwel jistgħu jinkludu l-ħruġ ta' twissijiet u l-istabbiliment ta' skadenzi, qabel ma jirrifjuta kwalunkwe trasferimenti futuri ta' fondi mingħand dak il-fornitur tas-servizzi ta' pagament jew jirrestrinġi jew itemm ir-relazzjoni ta' negozju tiegħu ma' dak il-fornitur tas-servizzi ta' pagament jew le.

Il-fornitur intermedjarju tas-servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju għandu jirrapporta dak in-nuqqas u l-passi meħudin, lill-awtorità kompetenti responsabbli mill-monitoraġġ tal-konformità mad-dispożizzjonijiet dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.

*Artikolu 13*

### Valutazzjoni u Rapportar

Il-fornitur intermedjarju tas-servizzi ta' pagament għandu jikkunsidra informazzjoni nieqsa dwar il-pagatur jew il-benefiċjarju bħala fattur meta jivvaluta jekk it-trasferiment ta' fondi, jew kwalunkwe transazzjoni relatata, huwiex suspettuż, u jekk dan għandux jiġi rappurtat lill-UIF skont id-Direttiva (UE) 2015/849.

KAPITOLU III

## INFORMAZZJONI, PROTEZZJONI TAD-DATA U ŻAMMA TAR-REKORDS

*Artikolu 14*

### Għoti ta' informazzjoni

Il-fornituri tas-servizzi ta' pagament għandhom jirrispondu b'mod sħiħ u mingħajr dewmien, inkluż permezz ta' punt ta' kuntatt ċentrali f'konformità mal-Artikolu 45(9) tad-Direttiva (UE) 2015/849, fejn ikun inħatar punt ta' kuntatt, u f'konformità mar-rekwiżiti proċedurali stipulati fil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru li jinsabu fih, esklużivament għall-mistoqsijiet mill-awtoritajiet responsabbli għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu ta' dak l-Istat Membru dwar l-informazzjoni meħtieġa skont dan ir-Regolament.

*Artikolu 15*

### Protezzjoni tad-*data*

1. L-ipproċessar tad-*data* personali taħt dan ir-Regolament huwa suġġett għad-Direttiva 95/46/KE kif trasposta fil-liġi nazzjonali. Id-*data* personali pproċessata skont dan ir-Regolament mill-Kummissjoni jew mill-ASEhija suġġetta għar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

2. Id-*data* personali għandha tiġi pproċessata mill-fornituri tas-servizzi ta' pagament abbażi ta' dan ir-Regolament għall-finijiet biss tal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu u ma għandhiex tiġi pproċessata ulterjorment b'mod li huwa inkompatibbli ma' dawk il-finijiet. L-ipproċessar tad-*data* personali abbażi ta' dan ir-Regolament għal finijiet kummerċjali għandu jkun ipprojbit.

3. Il-fornituri tas-servizzi ta' pagament għandhom jipprovdu lill-klijenti l-ġodda bl-informazzjoni rikjesta skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 95/46/KE qabel ma jistabbilixxu relazzjoni ta' negozju jew iwettqu transazzjoni okkażjonali. Din l-informazzjoni għandha, b'mod partikolari, tinkludi avviż ġenerali dwar l-obbligi legali tal-entitajiet obbligati skont din id-Direttiva meta jipproċessaw id-*data* personali għall-finijiet tal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.

4. Il-fornituri tas-servizzi ta' pagament għandhom jiżguraw li tiġi osservata l-kunfidenzjalità tad-*data* pproċessata.

*Artikolu 16*

**Żamma ta' rekords**

1. L-informazzjoni dwar il-pagatur u l-benefiċjarju m'għandhiex tinżamm għal aktar milli strettament meħtieġ. Il-fornituri tas-servizzi ta' pagament tal-pagatur u tal-benefiċjarju u l-fornituri intermedjarji tas-servizzi ta' pagament għandhom iżommu rekords tal-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 4 sa 7 għal perjodu ta' ħames snin.

2. Mal-iskadenza tal-perijodu ta' żamma msemmija fil-paragrafu 1, il-fornituri tas-servizzi ta' pagament għandhom jiżguraw li d-*data* personali tithassar, sakemm il-liġi nazzjonali ma tipprevedix mod ieħor, li tiddetermina taħt liema ċirkostanzi l-fornituri tas-servizzi ta' pagament jistgħu jew għandhom iżommu ulterjorment id-*data*. L-Istati Membri jistgħu jippermettu jew jeħtieġu żamma ulterjuri biss wara li jkunu wettqu evalwazzjoni bir-reqqa tan-neċessità u l-proporzjonalità ta' tali żamma ulterjuri, u fejn huma jikkunsidrawha ġustifikata bħala neċessarja għall-prevenzjoni, l-individwazzjoni jew l-investigazzjoni tal-ħasil tal-flus jew tal-finanzjament tat-terroriżmu. Dak il-perijodu ta' żamma ulterjuri ma għandux jaqbeż ħames snin.

3. Fejn, fil-25 ta' Ġunju 2015, il-proċedimenti legali marbuta mal-prevenzjoni, l-individwazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' suspett ta' ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu huma pendenti fi Stat Membru, u l-fornitur tas-servizzi ta' pagament iżomm informazzjoni jew dokumenti dwar dawn il-proċeduri pendenti, il-fornituri tas-servizzi ta' pagament jista' jżomm dik informazzjoni jew dawk id-dokumenti f'konformità mal-liġi nazzjonali għal perijodu ta' ħames snin mill-25 ta' Ġunju 2015. L-Istati Membri jistgħu, mingħajr preġudizzju għal-liġi kriminali dwar l-evidenza applikabbli għall-investigazzjonijiet kriminali u l-proċedimenti legali kurrenti, jippermettu jew jirrikjedu ż-żamma ta' tali informazzjoni jew dokumenti għal perijodu ulterjuri ta' ħames snin fejn in-neċessità u l-proporzjonalità ta' tali żamma ulterjuri tkun ġiet stabbilita għall-prevenzjoni, l-individwazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu suspettati.

KAPITOLU IV

**SANZJONIJIET U MONITORAĠĠ**

*Artikolu 17*

**Sanzjonijiet u miżuri amministrattivi**

1. Mingħajr preġudizzju għad-dritt li jiġu previsti u imposti sanzjonijiet kriminali, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar sanzjonijiet u miżuri amministrattivi applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Is-sanzjonijiet u miżuri previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi u għandhom ikunu konsistenti ma' dawk stabbiliti f'konformità mal-Kapitolu VI, Taqsima 4, tad-Direttiva (UE) 2015/849.

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jistipulawx regoli dwar sanzjonijiet jew miżuri amministrattivi applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li jkunu soġġetti għal-sanzjonijiet kriminali taħt il-liġi nazzjonali tagħhom. F'tali każ, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi kriminali.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fejn l-obbligi japplikaw għall-fornituri tas-servizzi ta' pagament, fil-każ ta' ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, jistgħu jiġu applikati sanzjonijiet jew miżuri, soġġetti għal-liġi nazzjonali, għall-membri tal-korp maniġerjali u għal kwalunkwe persuna fiżika oħra li, skont il-liġi nazzjonali, tkun responsabbli għall-ksur.

3. Sas-26 ta' Ġunju 2017, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw ir-regoli msemmija fil-paragrafu 1 lill-Kummissjoni u lill-Kumitat Konġunt tal-ASE, l-EIOPA u l-ESMA. Huma għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Kumitat Konġunt tal-ASE mingħajr dewmien bi kwalunkwe emenda sussegwenti għalihom.

4. F'konformità mal-Artikolu 58(4) tad-Direttiva (UE) 2015/849, l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom is-setgħat superviżorji u investigattivi kollha meħtieġa għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom. Fl-eżerċizzju tas-setgħat tagħhom li jimponu sanzjonijiet u miżuri amministrattivi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw mill-qrib biex jiżguraw li dawk is-sanzjonijiet jew miżuri amministrattivi jipproduċu r-riżultati mixtieqa u jikkoordinaw l-azzjoni tagħhom meta jittrattaw każijiet transkonfinali.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni ġuridiċi jistgħu jinżammu responsabbli għal ksur imsemmija fl-Artikolu 18 imwettqa għall-benefiċċju tagħhom minn kwalunkwe persuna li taġixxi jew individwalment jew bħala parti minn organu tal-persuna ġuridika, u li jkollha pożizzjoni ta' tmexxija fi ħdan il-persuna ġuridika abbażi ta' kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) is-setgħa ta' rappreżentanza tal-persuna ġuridika;

(b) awtorità li tieħu deċiżjonijiet f'isem il-persuna ġuridika; jew

(c) awtorità li teżerċita kontroll fi ħdan il-persuna ġuridika.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li persuni ġuridiċi jkunu jistgħu jinżammu responsabbli fejn in-nuqqas ta' sorveljanza jew ta' kontroll minn persuna msemmija fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu jkun għamel possibbli t-twettiq ta' xi ksur imsemmi fl-Artikoli 18 għall-benefiċċju ta' dik il-persuna ġuridika minn persuna taħt l-awtorità tagħha.

7. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jeżerċitaw is-setgħat tagħhom li jimponu sanzjonijiet u miżuri amministrattivi f'konformità ma' dan ir-Regolament, fi kwalunkwe wieħed minn dawn il-modi li ġejjin:

(a) direttament;

(b) f'kollaborazzjoni ma' awtoritajiet oħrajn;

(c) taħt ir-responsabbiltà tagħhom b'delega lil tali awtoritajiet oħrajn;

(d) permezz ta' applikazzjoni lill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti.

Fl-eżerċizzju tas-setgħat tagħhom li jimponu sanzjonijiet u miżuri amministrattivi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw mill-qrib biex jiżguraw li dawk is-sanzjonijiet jew miżuri amministrattivi jipproduċu r-riżultati mixtieqa u jikkoordinaw l-azzjoni tagħhom meta jittrattaw każijiet transkonfinali.

*Artikolu 18*

**Dispożizzjonijiet speċifiċi**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sanzjonijiet u l-miżuri amministrattivi tagħhom jinkludu tal-anqas dawk stipulati mill-Artikolu 59(2) u (3) tad-Direttiva (UE) 2015/849 fil-każ tal-ksur li ġej ta' dan ir-Regolament:

(a) nuqqas ripetittiv jew sistematiku minn fornitur tas-servizzi ta' pagament li jinkludi l-informazzjoni meħtieġa dwar il-pagatur jew il-benefiċjarju, bi ksur tal-Artikolu 4, 5 jew 6;

(b) nuqqas ripetittiv, sistematiku jew serju minn fornitur tas-servizzi ta' pagament li jżommu rekords, bi ksur tal-Artikolu 16;

(c) nuqqas minn fornitur tas-servizzi ta' pagament li jimplimenta proċeduri effettivi bbażati fuq ir-riskju, bi ksur tal-Artikoli 8 jew 12;

(d) nuqqas serju minn fornitur intermedjarju tas-servizzi ta' pagament li jikkonforma mal-Artikolu 11 jew 12.

*Artikolu 19*

**Pubblikazzjoni ta' sanzjonijiet u miżuri**

F'konformità mal-Artikoli 60(1), (2) u (3) tad-Direttiva (UE) 2015/849, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jippubblikaw sanzjonijiet u miżuri amministrattivi imposti fil-każijiet imsemmija fl-Artikoli 17 u 18 ta' dan ir-Regolament mingħajr dewmien żejjed, inkluż informazzjoni dwar it-tip u n-natura tal-ksur u l-identità tal-persuni responsabbli għalih, jekk meħtieġ u proporzjonat wara valutazzjoni każ b'każ.

*Artikolu 20*

**Applikazzjoni ta' sanzjonijiet u miżuri mill-awtoritajiet kompetenti**

1. Meta jiddeterminaw it-tip ta' sanzjonijiet jew miżuri amministrattivi u l-livell ta' sanzjonijiet pekunjarji amministrattivi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu kont taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha, inklużi dawk elenkati fl-Artikolu 60(4) tad-Direttiva (UE) 2015/849.

2. Fir-rigward ta' sanzjonijiet u miżuri amministrattivi imposti f'konformità ma' dan ir-Regolament, għandu japplika l-Artikolu 62 tad-Direttiva (UE) 2015/849.

*Artikolu 21*

**Rapportar ta' ksur**

1. L-Istati Membri jistabbilixxu mekkaniżmi effettivi sabiex jinkoraġġixxu r-rappurtar lill-awtoritajiet kompetenti ta' ksur ta' dan ir-Regolament.

Dawk il-mekkaniżmi għandhom jinkludu tal-anqas dawk imsemmija fl- Artikolu 61(2) tad-Direttiva (UE) 2015/849.

2. Il-fornituri tas-servizzi ta' pagament, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti, għandhom jistabbilixxu proċeduri interni adatti għall-impjegati tagħhom jew persuni f'pożizzjoni komparabbli, biex jirrappurtaw ksur internament permezz ta' mezz sigur, indipendenti, speċifiku u anonimu, proporzjonati għan-natura u d-daqs tal-fornitur tas-servizzi ta' pagament ikkonċernat.

*Artikolu 22*

**Monitoraġġ**

1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-awtoritajiet kompetenti jimmonitorjaw b'mod effettiv, u jieħdu l-miżuri meħtieġa bil-għan li tiġi żgurata l-konformità ma' dan ir-Regolament u, permezz ta' mekkaniżmi effettivi, jinkoraġġixxu r-rappurtar ta' ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament lill-awtoritajiet kompetenti.

2. Wara l-Istati Membri jkunu nnotifikaw ir-regoli msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu lill-Kummissjoni u lill-Kumitat Konġunt tal-ASE, f'konformità mal-Artikolu 17(3), il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-Kapitolu IV, b' rigward partikolari għal każijiet transkonfinali.

KAPITOLU V

**SETGĦAT TAL-IMPLIMENTAZZJONI**

*Artikolu 23*

**Proċedura ta' Kumitat**

1. Il-Kummissjoni tkun megħjuna mill-Kumitat dwar il-Prevenzjoni tal-Ħasil tal-Flus u tal-Finanzjament tat-Terroriżmu (il-"Kumitat"). Il-Kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

KAPITOLU VI

**DEROGI**

*Artikolu 24*

**Ftehimiet ma' pajjiżi u territorji li ma jifformawx parti mit-territorju tal-Unjoni**

1. Il-Kummissjoni tista' tawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru biex jikkonkludi ftehim ma' pajjiż jew ma' territorju li jinsab barra mill-ambitu territorjali tat-TUE u t-TFUE kif imsemmi fl-Artikolu 355 tat-TFUE (il-"pajjiż jew territorju kkonċernat"), li jinkludu derogi minn dan ir-Regolament, sabiex jippermettu li t-trasferimenti ta' fondi bejn dak il-pajjiż jew it-territorju u l-Istat Membru konċernat ikunu meqjusa bħala trasferimenti ta' fondi f'dak l-Istat Membru.

Tali ftehimiet jistgħu jkunu awtorizzati biss fejn jintlaħqu l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-pajjiż jew it-territorju konċernat jikkondividi unjoni monetarja mal-Istat Membru konċernat jew jifforma parti miż-żona monetarja ta' dak l-Istat Membru jew ikun iffirma konvenzjoni monetarja mal-Unjoni Ewropea rappreżentata minn Stat Membru;

(b) il-fornituri tas-servizzi ta' pagament fil-pajjiż jew it-territorju konċernat jipparteċipaw direttament jew indirettament fis-sistemi ta' pagament u ta' saldu f'dak l-Istat Membru; u

(c) il-pajjiż jew it-territorju konċernat jirrikjedi li l-fornituri tas-servizzi ta' pagament taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu japplikaw l-istess regoli bħal dawk stabbiliti taħt dan ir-Regolament.

2. Stat Membru li jixtieq jikkonkludi xi ftehim kif imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jippreżenta talba lill-Kummissjoni u jagħtiha l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-evalwazzjoni tat-talba.

3. Hekk kif il-Kummissjoni tirċievi tali talba, it-trasferimenti ta' fondi bejn dak l-Istat Membru u l-pajjiż jew it-territorju konċernat ikunu proviżorjament trattati bħala trasferimenti ta' fondi f'dak l-Istat Membru, sakemm tittieħed deċiżjoni f'konformità ma' dan l-Artikolu.

4. Jekk, fi żmien xahrejn minn meta tirċievi t-talba, il-Kummissjoni tikkunsidra li ma għandhiex l-informazzjoni kollha neċessarja għall-evalwazzjoni tat-talba, hija għandha tikkuntattja lill-Istat Membru konċernat u tispeċifika l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa.

5. Fi żmien xahar mir-riċezzjoni tal-informazzjoni kollha li tikkunsidra meħtieġa għall-valutazzjoni tat-talba, il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Istat Membru kif meħtieġ u tittrażmetti kopji tat-talba lill-Istati Membri l-oħra.

6. Fi żmien tliet xhur min-notifika msemmija fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi, f'konformità mal-Artikolu 23(2), jekk tawtorizzax lill-Istat Membru konċernat sabiex jikkonkludi l-ftehim li jkun is-suġġett tat-talba.

Il-Kummissjoni għandha, fi kwalunkwe każ, tadotta deċiżjoni kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu fi żmien 18-il xahar mir-riċezzjoni tat-talba.

7. Sas-26 ta' Marzu 2017, l-Istati Membri li jkunu ġew awtorizzati biex jikkonkludu ftehimiet ma' pajjiż jew territorju kkonċernat skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/43/UE ([1]), id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/259/UE ([2]), id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/853/KE ([3]) jew id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/982/KE ([4]) għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni aġġornata neċessarja għal evalwazzjoni taħt il-punt (c) tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1.

Fi żmien tliet xhur minn mir-riċezzjoni ta' tali informazzjoni, il-Kummissjoni għandha teżamina l-informazzjoni mogħtija sabiex tiżgura li l-pajjiż jew it-territorju konċernat jirrikjedi lill-fornituri tas-servizzi ta' pagament taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu biex japplikaw l-istess regoli bħal dawk stabbiliti skont dan ir-Regolament. Jekk, wara dan l-eżami, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-kondizzjoni stipulata fil-punt (c) tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 ma għadhiex tintlaħaq, hija għandha tirrevoka d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni jew id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni rilevanti.

---

([1]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/43/UE tal-25 ta' Jannar 2012 li tawtorizza lir-Renju tad-Danimarka jikkonkludi ftehimiet mal-Groenlandja u l-Gżejjer Faeroe għat-trasferimenti ta' fondi bejn id-Danimarka u kull wieħed minn dawn it-territorji li għandhom jiġu ttrattati bħala trasferimenti ta' fondi fid-Danimarka, skont ir-Regolament (KE) Nru 1781/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 24, 27.1.2012, p. 12).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/259/UE tal-4 ta' Mejju 2010 li tawtorizza r-Repubblika Franċiża tikkonkludi ftehim mal-Prinċipat ta' Monako dwar trasferimenti ta' fondi bejn ir-Repubblika Franċiża u l-Prinċipat ta' Monako sabiex jiġu meqjusa bħala trasferimenti fi ħdan ir-Repubblika Franċiża, skont ir-Regolament (KE) Nru 1781/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 112, 5.5.2010, p. 23).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/853/KE tas-26 ta' Novembru 2009 li tawtorizza lil Franza biex tikkonkludi ftehim ma' Saint-Pierre-et-Miquelon, Mayotte, il-Kaledonja l-Ġdida, il-Polinesja Franċiża u Wallis u Futuna rispettivament għal trasferimenti ta' fondi bejn Franza u kull wieħed minn dawn it-territorji sabiex jitqiesu bħala trasferimenti ta' fondi fi ħdan Franza, skont ir-Regolament (KE) Nru 1781/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 312, 27.11.2009, p. 71).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/982/KE tat-8 ta' Diċembru 2008 li tawtorizza lir-Renju Unit jikkonkludi ftehim mal-Bailiwick ta' Jersey, mal-Bailiwick ta' Guernsey u mal-Isle of Man sabiex it-trasferimenti ta' fondi bejn ir-Renju Unit u kull wieħed minn dawn it-territorji jitqiesu bħala trasferimenti ta' fondi fi ħdan ir-Renju Unit, skont ir-Regolament (KE) Nru 1781/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 352, 31.12.2008, p. 34).

*Artikolu 25*

**Linji gwida**

Sas-26 ta' Ġunju 2017, l-ASE għandhom joħorġu linji gwida indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti u l-fornituri tas-servizzi ta' pagament f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 u tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu f'konformità ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Artikoli 7, 8, 11 u 12.

KAPITOLU VII

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 26*

**Tħassir tar-Regolament (KE) Nru 1781/2006**

Ir-Regolament (KE) Nru 1781/2006 huwa mħassar.

Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw f'konformità mat-tabella tal-korrelazzjoni fl-Anness.

*Artikolu 27*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mis-26 ta' Ġunju 2017.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, l-20 ta' Mejju 2015.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| M. SCHULZ | Z. KALNIŅA-LUKAŠEVICA |

*ANNESS*

**TABELLA TA' KORRELAZZJONI**

| Regolament (KE) Nru 1781/2006 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Artikolu 1 | Artikolu 1 |
| Artikolu 2 | Artikolu 3 |
| Artikolu 3 | Artikolu 2 |
| Artikolu 4 | Artikolu 4(1) |
| Artikolu 5 | Artikolu 4 |
| Artikolu 6 | Artikolu 5 |
| Artikolu 7 | Artikolu 7 |
| Artikolu 8 | Artikolu 7 |
| Artikolu 9 | Artikolu 8 |
| Artikolu 10 | Artikolu 9 |
| Artikolu 11 | Artikolu 16 |
| Artikolu 12 | Artikolu 10 |
| — | Artikolu 11 |
| — | Artikolu 12 |
| — | Artikolu 13 |
| Artikolu 13 | — |
| Artikolu 14 | Artikolu 15 |
| Artikolu 15 | Artikoli 17 sa 22 |
| Artikolu 16 | Artikolu 23 |
| Artikolu 17 | Artikolu 24 |
| Artikolu 18 | — |
| Artikolu 19 | — |
| — | Artikolu 26 |
| Artikolu 20 | Artikolu 27 |

# REGOLAMENT (UE) 2015/848 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tal-20 ta' Mejju 2015

## dwar proċedimenti ta' insolvenza

**(tfassil mill-ġdid)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 81 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([2]),

Billi:

(1) Fit-12 ta' Diċembru 2012, il-Kummissjoni adottat rapport dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1346/2000 ([3]). Ir-rapport ikkonkluda li r-Regolament b'mod ġenerali qed jaħdem sew imma li hemm ix-xewqa li tittejjeb l-applikazzjoni ta' xi wħud mid-dispożizzjonijiet tiegħu sabiex tissaħħaħ l-amministrazzjoni effettiva tal-proċedimenti transkonfinali ta' insolvenza. Billi dak ir-Regolament ġie emendat diversi drabi u għandhom isiru aktar emendi, huwa għandu jitfassal mill-ġdid fl-interess taċ-ċarezza.

(2) L-Unjoni għandha l-objettiv li tistabbilixxi żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

(3) Il-funzjonament xieraq tas-suq intern jeħtieġ li l-proċedimenti transkonfinali ta' insolvenza joperaw b'effiċjenza u b'effettività. Dan ir-Regolament jeħtieġ li jiġi adottat sabiex jinkiseb dak l-objettiv, li jaqa' taħt l-ambitu tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili fit-tifsira tal-Artikolu 81 tat-Trattat.

(4) L-attivitajiet tal-impriżi għandhom iżjed u iżjed effetti transkonfinali u għalhekk jiġu dejjem aktar regolati bil-liġi tal-Unjoni. L-insolvenza ta' dawn l-impriżi taffettwa wkoll il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, u hemm il-ħtieġa għal att tal-Unjoni li jkun jeħtieġ il-koordinazzjoni tal-miżuri li għandhom jittieħdu rigward l-assi tad-debitur f'każ ta' falliment.

(5) Biex is-suq intern jiffunzjona sew, hu neċessarju li jiġu evitati inċentivi għall-partijiet biex jittrasferixxu assi jew proċedimenti ġudizzjarji minn Stat Membru għall-ieħor, bil-ħsieb li jiksbu pożizzjoni legali aktar favorevoli għad-detriment tal-korp ġenerali tal-kredituri (forum shopping).

(6) Dan ir-Regolament għandu jinkludi dispożizzjonijiet li jirregolaw il-ġurisdizzjoni għall-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza u azzjonijiet li jkunu ġejjin direttament mill-proċedimenti ta' insolvenza u jkunu marbutin magħhom mill-qrib. Dan ir-Regolament għandu jkun fih ukoll dispożizzjonijiet rigward ir-rikonoxximent u l-infurzar tas-sentenzi maħruġa f'tali proċedimenti, u dispożizzjonijiet rigward il-liġi applikabbli għall-proċedimenti ta' insolvenza. Barra minn hekk, dan ir-Regolament għandu jistipula regoli dwar il-koordinament tal-proċedimenti ta' insolvenza li jirrelataw mal-istess debitur jew ma' diversi membri tal-istess grupp ta' kumpaniji.

(7) Falliment, proċeduri marbuta mal-istralċ ta' kumpaniji jew persuni ġuridiċi oħrajn insolventi, arranġamenti ġudizzjarji, kompożizzjonijiet u proċedimenti analogi u azzjonijiet relatati ma' proċedimenti ta' dan it-tip huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]). Dawk il-proċedimenti għandhom ikunu koperti b'dan ir-Regolament. L-interpretazzjoni ta' dan ir-Regolament għandha kemm jista' jkun tevita lakuni regolatorji bejn iż-żewġ strumenti. Madankollu, is-sempliċi fatt li proċedura nazzjonali ma tkunx elenkata fl-Anness A għal dan ir-Regolament ma għandux jimplika li din hi koperta bir-Regolament (UE) Nru 1215/2012.

([1]) ĠU C 271, 19.9.2013, p. 55.

([2]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Frar 2014 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tat-12 ta' Marzu 2015 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Mejju 2015 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1346/2000 tad-29 ta' Mejju 2000 dwar proċedimenti ta' falliment insolvenza (ĠU L 160, 30.6.2000, p. 1).

([4]) Ir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (ĠU L 351, 20.12.2012, p. 1).

(8) Sabiex jinkiseb l-għan li jittejbu l-effiċjenza u l-effettività ta' proċedimenti ta' insolvenza li għandhom effetti transkonfinali, huwa meħtieġ, u xieraq, li dispożizzjonijiet dwar il-ġurisdizzjoni, l-għarfien, u l-liġi applikabbli f'dan il-qasam ikunu miġburin f'miżura tal-Unjoni li tkun torbot u tapplika direttament fl-Istati Membri.

(9) Dan ir-Regolament għandu japplika għall-proċedimenti ta' insolvenza li jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fih, irrispettivament minn jekk id-debitur ikunx persuna fiżika jew persuna ġuridika, negozjant jew individwu. Dawk il-proċedimenti ta' insolvenza huma elenkati b'mod eżawrjenti fl-Anness A. Fir-rigward ta' proċeduri nazzjonali li jinsabu fl-Anness A, dan ir-Regolament għandu japplika mingħajr ebda eżami ulterjuri mill-qrati ta' Stat Membru ieħor rigward jekk il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament humiex issodisfati. Proċeduri nazzjonali ta' insolvenza mhux elenkati fl-Anness A ma għandhomx ikunu koperti b'dan ir-Regolament.

(10) Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandu jiġi estiż għal proċedimenti li jippromwovu s-salvataġġ ta' negozji li huma ekonomikament vijabbli iżda f'diffikultà u l-intraprendituri jingħataw ċans ieħor. Dan għandu, b'mod partikolari, jestendi l-iktar għal proċedimenti li jipprovdu għar-ristrutturar ta' debitur fi stadju fejn hemm biss ċans ta' insolvenza, u għal proċedimenti li jħallu lid-debitur f'kontroll sħiħ jew parzjali tal-assi u l-affarijiet tiegħu. Dan għandu jestendi wkoll għal proċedimenti li jipprevedu rilaxx mid-dejn jew aġġustament tad-dejn fir-rigward ta' konsumaturi u persuni li jaħdmu għal rashom, pereżempju billi jitnaqqas l-ammont li jrid jitħallas mid-debitur jew billi jiġi estiż il-perjodu mogħti biex jitħallas id-debitur. Peress li tali proċedimenti ma jfissrux neċessarjament il-ħatra ta' prattikant fl-insolvenza, dawn għandhom ikunu koperti minn dan ir-Regolament jekk iseħħu taħt il-kontroll jew is-superviżjoni ta' qorti. F'dan il-kuntest, it-terminu "kontroll" għandu jinkludi sitwazzjonijiet fejn il-qorti tintervjeni biss wara appell minn kreditur jew partijiet interessati oħrajn.

(11) Dan ir-Regolament għandu japplika wkoll għal proċeduri li jagħtu sospensjoni temporanja fuq azzjonijiet ta' infurzar miġjuba minn kredituri individwali fejn tali azzjonijiet jistgħu jaffettwaw ħażin in-negozjati u jxekklu l-prospetti ta' ristrutturar tan-negozju tad-debitur. Tali proċeduri ma għandhomx ikunu detrimentali għall-korp ġenerali tal-kredituri u, jekk ma jkun jista' jintlaħaq ftehim dwar pjan ta' ristrutturar, għandhom ikunu preliminari għal proċeduri oħra koperti b'dan ir-Regolament.

(12) Dan ir-Regolament għandu japplika għal proċedimenti li biex dawn jinbdew ikunu soġġetti għall-pubbliċità sabiex il-kredituri jkunu jistgħu jsiru jafu dwar il-proċedimenti u jressqu t-talbiet tagħhom, b'hekk tkun żgurata n-natura kollettiva tal-proċedimenti, u sabiex il-kredituri jingħataw l-opportunità li jisfidaw il-ġurisdizzjoni tal-qorti li tkun fetħet il-proċedimenti.

(13) Għaldaqstant, proċedimenti ta' insolvenza li jkunu kunfidenzjali għandhom jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Filwaqt li tali proċedimenti jista' jkollhom rwol importanti f'xi Stati Membri, in-natura kunfidenzjali tagħhom tagħmilha impossibbli għal kreditur jew qorti li jinsabu fi Stat Membru ieħor biex ikunu jafu li tali proċedimenti jkunu nfetħu, u b'hekk ikun diffiċli li wieħed jipprevedi r-rikonoxximent tal-effetti tagħhom madwar l-Unjoni.

(14) Il-proċedimenti kollettivi li huma koperti b'dan ir-Regolament għandhom jinkludu lill-kredituri kollha jew parti sinifikanti minnhom li lilhom hu dovut l-ammont kollu jew proporzjon sostanzjali tad-djun pendenti tad-debitur dment li l-pretensjonijiet ta' dawk il-kredituri li mhumiex involuti f'tali proċedimenti ma jiġux affettwati. Proċedimenti li jinvolvu biss il-kredituri finanzjarji ta' debitur għandhom ikunu koperti wkoll. Il-proċedimenti li ma jinkludux il-kredituri kollha ta' debitur għandhom ikunu proċedimenti li jkollhom l-għan li jsalvaw lid-debitur. Proċedimenti li jwasslu għal waqfien definittiv tal-attivitajiet tad-debitur jew il-likwidazzjoni tal-assi tad-debitur għandhom jinkludu l-kredituri kollha tad-debitur. Barra minn hekk, il-fatt li xi proċedimenti ta' insolvenza għal persuni fiżiċi jeskludu kategoriji speċifiċi ta' pretensjonijiet, bħal talbiet għall-manteniment, mill-possibbiltà ta' rilaxx mid-dejn ma għandux ifisser li tali proċedimenti mhumiex kollettivi.

(15) Dan ir-Regolament għandu japplika wkoll għal proċedimenti li, skont il-liġi ta' xi Stati Membri, jinfetħu u jiġu żvolti għal ċertu perjodu ta' żmien fuq bażi interim jew provviżorja qabel ma qorti toħroġ ordni li tikkonferma l-kontinwazzjoni tal-proċedimenti fuq bażi non-interim. Għalkemm ittikkettati bħala "interim", il-proċedimenti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħra kollha ta' dan ir-Regolament.

(16) Dan ir-Regolament għandu japplika għal proċedimenti li huma bbażati fuq liġijiet relatati mal-insolvenza. Madankollu, il-proċedimenti li huma bbażati fuq il-liġi ġenerali tal-kumpaniji li mhijiex imfassla esklussivament għal sitwazzjonijiet ta' insolvenza ma għandhomx jitqiesu bħala li huma bbażati fuq liġijiet relatati mal-insolvenza. Bl-istess mod, l-iskop ta' aġġustament tad-dejn ma għandux jinkludi proċedimenti speċifiċi fejn id-djun ta' persuna fiżika bi dħul baxx ħafna u valur ta' assi baxx ħafna jiġu kkanċellati, dment li dan it-tip ta' proċedimenti fl-ebda ċirkostanza ma jipprevedu ħlas lill-kredituri.

(17) Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandu jiġi estiż għal proċedimenti li jinbdew minħabba sitwazzjonijiet fejn id-debitur jiffaċċja diffikultajiet mhux ta' natura finanzjarja, dment, li tali diffikultajiet joħolqu theddida reali u serja għall-kapaċità attwali jew futura tad-debitur biex iħallas id-dejn tiegħu hekk kif dan isir dovut. Il-medda ta' żmien rilevanti għad-determinazzjoni ta' tali theddida tista' tiġi estiża għal perjodu ta' diversi xhur jew saħansitra anki aktar sabiex jittieħed kont ta' każijiet fejn id-debitur jiffaċċja diffikultajiet mhux ta' natura finanzjarja li jheddu l-istat tan-negozju tiegħu u, fil-perjodu medju, il-likwidità tiegħu. Dan jista' jkun il-każ, pereżempju, meta d-debitur ikun tilef kuntratt li huwa ta' importanza ewlenija għalih.

(18) Dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar l-irkupru tal-għajnuna mill-Istat minn kumpanniji insolventi kif interpretati mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

(19) Proċedimenti ta' insolvenza li jikkonċernaw impriżi tal-assigurazzjoni, istituzzjonijiet ta' kreditu, ditti tal-investiment u ditti oħra, istituzzjonijiet jew impriżi koperti mid-Direttiva 2001/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) u impriżi ta' investiment kollettiv għandhom ikunu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, minħabba li huma kollha soġġetti għal arranġamenti speċjali u l-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali għandhom setgħat vasti ta' intervent.

(20) Il-proċedimenti ta' insolvenza mhux neċessarjament jinvolvu l-intervent ta' awtorità ġudizzjarja. Għalhekk, it-terminu "qorti" f'dan ir-Regolament għandu, f'ċerti dispożizzjonijiet, jingħata tifsira wiesgħa li tinkludi persuna jew korp bis-setgħa, mogħtija mid-dritt nazzjonali, li jiftaħ proċedimenti ta' insolvenza. Sabiex dan ir-Regolament japplika, il-proċedimenti (inklużi atti u formalitajiet stabbiliti fil-liġi) ma għandhomx biss jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, iżda għandhom ikunu wkoll rikonoxxuti uffiċjalment u jkollhom effett ġuridiku fl-Istat Membru fejn ikunu nfetħu proċedimenti ta' insolvenza.

(21) Il-prattikanti fl-insolvenza huma definiti f'dan ir-Regolament u elenkati fl-Anness B. Il-prattikanti fl-insolvenza li huma maħtura mingħajr l-involviment ta' korp ġudizzjarju għandhom, taħt id-dritt nazzjonali, ikunu regolati b'mod adatt u awtorizzati biex jaġixxu fi proċedimenti ta' insolvenza. Il-qafas regolatorju nazzjonali għandu jipprevedi arranġamenti adegwati li jittrattaw konflitti ta' interess potenzjali.

(22) Dan ir-Regolament jirrikonoxxi l-fatt li b'riżultat ta' liġijiet sostantivi li huma differenti ħafna minn xulxin, mhux prattiku li jkunu introdotti proċedimenti ta' insolvenza b'kamp ta' applikazzjoni universali madwar l-Unjoni kollha. F'dan l-isfond, l-applikazzjoni mingħajr eċċezzjoni tal-liġi tal-Istat dwar ftuħ ta' proċedimenti ta' spiss twassal għal diffikultajiet. Dan japplika, pereżempju, għal liġijiet nazzjonali ferm differenti dwar interessi ta' sigurtà li jinsabu fl-Istati Membri. Barra minn hekk, id-drittijiet preferenzjali li jgawdu whud mill-kredituri fi proċedimenti ta' insolvenza huma, f'ċerti każi, għalkollox differenti. Fir-rieżami li jmiss ta' dan ir-Regolament, ser ikun meħtieġ li jiġu identifikati aktar miżuri sabiex jittejbu d-drittijiet preferenzjali tal-impjegati fil-livell Ewropew. Dan ir-Regolament għandu jieħu konsiderazzjoni tal-liġijiet nazzjonali differenti f' żewġ modi differenti. Minn naħa l-waħda, għandhom jiġu magħmula regoli speċjali dwar l-applikabilità tal-liġi fil-każ ta' drittijiet partikolarment sinjifikanti u relazzjonijiet legali (eżempju drittijiet in rem u kuntratti ta' impjieg). Minn naħa l-oħra, proċedimenti nazzjonali li jkopru biss assi li jinstabu fl-Istat tal-ftuħ tal-proċedimenti, għandhom ukoll ikunu permissibbli flimkien mal-proċedimenti prinċipali ta' insolvenza b'kamp ta' applikazzjoni universali.

(23) Dan ir-Regolament jawtorizza l-proċedimenti prinċipali ta' insolvenza li jinbdew fl-Istat Membru fejn id-debitur ikollu ċ-ċentru prinċipali tal-interessi tiegħu. Dawk il-proċedimenti għandhom ambitu universali u huma mmirati li jkopru l-assi kollha tad-debitur. Sabiex tiġi protetta d-diversità ta' interessi, dan ir-Regolament jippermetti proċedimenti sekondarji ta' insolvenza li jinfetħu sabiex jimxu flimkien mal-proċedimenti prinċipali. Proċedimenti sekondarji jistgħu jinfetħu fl-Istat Membru fejn id-debitur ikollu stabbiliment. L-effetti ta' proċedimenti sekondarji ta' insolvenza huma limitati għall-assi li jinsabu f'dak l-Istat. Regoli mandatorji ta' koordinazzjoni mal-proċedimenti prinċipali ta' insolvenza jissodisfaw il-ħtieġa ta' unità fl-Unjoni.

(24) Fejn ikunu nfetħu proċedimenti prinċipali ta' insolvenza li jikkonċernaw persuna ġuridika jew kumpanija fi Stat Membri għajr dak tal-uffiċċju rreġistrat tagħhom, għandu jkun possibbli li jinfetħu proċedimenti sekondarji ta' insolvenza fl-Istat Membru tal-uffiċċju rreġistrat, dment li d-debitur qed iwettaq attività ekonomika b'mezzi umani u assi f'dak l-Istat, skont il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

(25) Dan ir-Regolament japplika biss għal proċedimenti rigward debitur li ċ-ċentru tal-interessi prinċipali tiegħu jkun jinsab fl-Unjoni.

([1]) Id-Direttiva 2001/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' April 2001 fuq ir-riorganizzazzjoni u l-istralċ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 125, 5.5.2001, p. 15).

(26) Ir-regoli ta' ġurisdizzjoni stipulati f'dan ir-Regolament jistabbilixxu biss ġurisdizzjoni internazzjonali, jiġifieri, huma jawtorizzaw lill-Istat Membru li l-qrati tiegħu jistgħu jibdew il-proċedimenti ta' insolvenza. Ġurisdizzjoni territorjali f'dak l-Istat Membru għandha tiġi stabbilita bil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat.

(27) Qabel il-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza, il-qorti kompetenti għandha teżamina fuq inizjattiva tagħha jekk iċ-ċentru tal-interessi prinċipali jew l-istabbiliment tad-debitur jinsabx effettivament fil-ġurisdizzjoni tagħha.

(28) Meta jkun qed jiġi determinat jekk iċ-ċentru tal-interessi prinċipali tad-debitur jistax jiġi aċċertat minn partijiet terzi, għandha tingħata kunsiderazzjoni speċjali lill-kredituri u l-perċezzjoni tagħhom dwar fejn debitur iwettaq l-amministrazzjoni tal-interessi tiegħu. Dan jista' jirrikjedi, fl-eventwalità ta' bidla fiċ-ċentru tal-interessi prinċipali, li l-kredituri jiġu infurmati bil-post il-ġdid minn fejn id-debitur qed iwettaq l-attivitajiet tiegħu fi żmien debitu, pereżempju billi tinġibed l-attenzjoni dwar il-bidla fl-indirizz f'korrispondenza kummerċjali, jew billi l-post il-ġdid isir magħruf pubblikament permezz ta' mezzi oħra adatti.

(29) Dan ir-Regolament għandu jkun fih għadd ta' salvagwardji bil-għan li jiġi evitat "forum shopping" frodulenti jew abbużiv.

(30) Għaldaqstant, il-preżunzjonijiet li l-uffiċċju reġistrat, il-post prinċipali tan-negozju u r-residenza abitwali huma ċ-ċentru tal-interessi prinċipali għandhom ikunu konfutabbli, u l-qorti rilevanti ta' Stat Membru għandha tivvaluta bir-reqqa jekk iċ-ċentru tal-interessi prinċipali tad-debitur jinsabx ġenwinament f'dak l-Istat Membru. Fil-każ ta' kumpanija, għandu jkun possibbli li din il-preżunzjoni tiġi kkontestata jekk l-amministrazzjoni ċentrali tal-kumpanija tkun tinsab fi Stat Membru minbarra dak li ma jkunx tal-uffiċċju rreġistrat tagħha, u fejn valutazzjoni komprensiva tal-fatturi rilevanti kollha tistabbilixxi, b'mod li jkun jista' jiġi aċċertat minn partijiet terzi, li ċ-ċentru attwali ta' tmexxija u superviżjoni tal-kumpanija u tat-tmexxija tal-interessi tagħha jinsab f'dak l-Istat Membru l-ieħor. Fil-każ ta' individwu li ma jeżerċitax negozju indipendenti jew attività professjonali, għandu jkun possibbli li din il-preżunzjoni tiġi kkontestata pereżempju jekk il-parti l-kbira tal-assi tad-debitur tkun tinsab barra l-Istat Membru tar-residenza abitwali tad-debitur, jew jekk ikun jista' jiġi stabbilit li r-raġuni ewlenija għaċ-ċaqliq kienet li jagħmel rikors għall-proċedimenti ta' insolvenza fil-ġurisdizzjoni l-ġdida u jekk dan ir-rikors ikunx ta' ħsara materjali għall-interessi tal-kredituri li n-negozju tagħhom mad-debitur ikun seħħ qabel ir-rilokazzjoni.

(31) Bl-istess objettiv tal-prevenzjoni ta' "forum shopping" frodulenti jew abbużiv, il-preżunzjoni li ċentru tal-interessi prinċipali huwa fil-post tal-uffiċċju rreġistrat, il-post prinċipali tal-individwu ta' negozju jew residenza abitwali tal-individwu, ma għandhomx japplikaw meta, rispettivament, fil-każ ta' kumpanija, persuna ġuridika jew individwu li jeżerċita negozju indipendenti jew attività professjonali, id-debitur ikun irriloka l-uffiċċju rreġistrat tiegħu jew il-post prinċipali tan-negozju għal Stat Membru ieħor f'perjodu ta' tliet xhur qabel it-talba biex jinfetħu proċedimenti ta' insolvenza, jew, fil-każ ta' individwu li ma jeżerċitax negozju indipendenti jew attività professjonali, id-debitur ikun irriloka r-residenza abitwali tiegħu għal Stat Membru ieħor f'perjodu ta' sitt xhur qabel it-talba għall-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza.

(32) Fil-każijiet kollha, fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ jagħtu lok għal dubju rigward il-ġurisdizzjoni tal-qorti, il-qorti għandha titlob lid-debitur iressaq evidenza addizzjonali biex jappoġġa dak li qed isostni u, fejn il-liġi applikabbli għall-proċedimenti ta' insolvenza tippermetti dan, tagħti lill-kredituri tad-debitur l-opportunità li jippreżentaw il-fehmiet tagħhom dwar il-kwistjoni tal-ġurisdizzjoni.

(33) Fil-każ li l-qorti invokata bit-talba għall-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza issib li ċ-ċentru tal-interessi prinċipali ma jinsabx fit-territorju tagħha, din ma għandhiex tiftaħ proċedimenti prinċipali ta' insolvenza.

(34) Barra minn hekk, kwalunkwe kreditur tad-debitur għandu jkollu rimedju effettiv kontra d-deċiżjoni biex tiftaħ il-proċedimenti ta' insolvenza. Il-konsegwenzi ta' kwalunkwe kontestazzjoni għad-deċiżjoni biex tiftaħ proċedimenti ta' insolvenza għandhom jiġu rregolati mid-dritt nazzjonali.

(35) Il-qrati tal-Istat Membru fi ħdan it-territorju li fih ikunu nfetħu l-proċedimenti ta' insolvenza għandu jkollhom ukoll ġurisdizzjoni għal azzjonijiet li jkunu ġejjin direttament mill-proċedimenti ta' insolvenza u li jkunu marbutin mill-qrib magħhom. Dawn l-azzjonijiet għandhom jinkludu azzjonijiet ta' nullità kontra konvenuti fi Stati Membri oħra u azzjonijiet li jikkonċernaw l-obbligi li jinqalgħu matul il-proċedimenti ta' insolvenza, bħal ħlas bil-quddiem għall-ispejjeż tal-proċedimenti. Min-naħa l-oħra, azzjonijiet għall-prestazzjoni tal-obbligi f'kuntratt konkluż mid-debitur qabel il-ftuħ ta' proċedimenti ma jirriżultawx direttament mill-proċedimenti. Meta tali azzjoni tkun relatata ma' azzjoni oħra bbażata fuq il-liġi ċivili u kummerċjali ġenerali, il-prattikant

fl-insolvenza għandu jkun jista' jġib iż-żewġ azzjonijiet fil-qrati tad-domiċilju tal-konvenut jekk iqis li jkun iktar effiċjenti li tinġieb azzjoni f'dik il-qorti. Dan jista' jkun il-każ, pereżempju, meta l-prattikant fl-insolvenza ikun jixtieq jgħaqqad azzjoni għar-responsabilità ta' direttur fuq il-bażi tal-liġi tal-insolvenza ma' azzjoni bbażata fuq il-liġi tal-kumpaniji jew il-liġi ġenerali dwar it-tort.

(36) Il-qorti li jkollha l-ġurisdizzjoni li tiftaħ il-proċedimenti prinċipali ta' insolvenza għandha tkun tista' tordna miżuri provviżorji u protettivi mill-waqt tat-talba tal-ftuħ tal-proċedimenti. Miżuri ta' preservazzjoni kemm qabel u kif ukoll wara l-bidu ta' proċedimenti ta' insolvenza huma importanti sabiex jiggarantixxu l-effettività tal-proċedimenti ta' insolvenza. F'dan ir-rigward dan ir-Regolament għandu jipprovdi għal possibbiltajiet varji. Minn naħa l-waħda, il-qorti kompetenti għal proċedimenti prinċipali ta' insolvenza għandha tkun tista' wkoll tordna miżuri provviżorji u protettivi li jkopru assi li jinsabu fit-territorji ta' Stati Membri oħra. Min-naħa l-oħra, prattikant fl-insolvenza maħtur temporanjament qabel il-ftuħ tal-proċedimenti prinċipali ta' insolvenza għandu jkun jista', fl-Istat Membru li fih ikun jinsab stabbiliment li jappartjeni lid-debitur, japplika għal miżuri ta' preservazzjoni li jkunu possibbli permezz tal-liġi ta' dawk l-Istati Membri.

(37) Qabel ma jinfetħu l-proċedimenti prinċipali ta' insolvenza, id-dritt li jintalab il-ftuħ tal-proċedimenti ta' insolvenza fl-Istat Membru fejn id-debitur ikollu l-istabbiliment tiegħu għandu jkun limitat għal kredituri lokali u l-awtoritajiet pubbliċi jew għal każijiet fejn il-proċedimenti prinċipali ta' insolvenza ma jkunux jistgħu jinfetħu permezz tal-liġi tal-Istat Membru fejn id-debitur ikollu ċ-ċentru tal-interessi prinċipali tiegħu. Ir-raġuni għal din ir-restrizzjoni hija illi f'dawk il-każijiet fejn proċedimenti territorjali ta' insolvenza ikunu mitluba qabel ma l-proċedimenti prinċipali ta' insolvenza jiġu intenzjonalment limitati għal dak li hu assolutament meħtieġ.

(38) Wara l-ftuħ tal-proċedimenti prinċipali ta' insolvenza, dan ir-Regolament ma jillimitax id-dritt li jintalab il-ftuħ tal-proċedimenti ta' insolvenza fi Stat Membru fejn id-debitur ikollu stabbiliment. Il-prattikant fl-insolvenza fil-proċedimenti prinċipali ta' insolvenza jew xi persuna awtorizzata permezz tal-liġi nazzjonali ta' dak l-Istat Membru tista titlob il-ftuħ tal-proċedimenti sekondarji ta' insolvenza.

(39) Dan ir-Regolament għandu jipprevedi regoli biex tiġi determinata l-lokalizzazzjoni tal-assi tad-debitur, li għandhom japplikaw meta jiġi determinat liema assi jappartjenu għall-proċedimenti prinċipali jew sekondarji, jew f'sitwazzjonijiet li jinvolvu d-drittijiet tal-partijiet terzi in rem. B'mod partikolari, dan ir-Regolament għandu jipprovdi li privattivi Ewropej b'effett unitarju, marka kummerċjali tal-Komunità jew kwalunkwe dritt simili ieħor, bħal drittijiet ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità jew disinji tal-Komunità, għandhom jiġu inklużi biss fil-proċedimenti prinċipali ta' insolvenza.

(40) Proċeduri sekondarji ta' insolvenza jistgħu jservu diversi skopijiet, apparti mill-protezzjoni ta' interessi lokali. Jistgħu jinqalgħu każijiet fejn il-patrimonju tal-insolvenza tad-debitur ikun kompless wisq biex jiġi amministrat bħala unità jew fejn id-differenzi fis-sistemi legali kkonċernati jkunu tant kbar illi jistgħu jinħolqu diffikultajiet mill-estensjoni ta' effetti li joriġinaw mil-liġi tal-Istat tal-ftuħ ta' proċedimenti lill-Istati Membri l-oħra fejn ikunu jinstabu l-assi. Għal dik ir-raġuni, il-prattikant fl-insolvenza jista' jitlob għal ftuħ ta' proċedimenti sekondarji ta' insolvenza fil-proċeduri prinċipali ta' insolvenza fejn l-amministrazzjoni effiċjenti tal-patrimonju tal-insolvenza tkun titlob hekk.

(41) Proċedimenti sekondarji ta' insolvenza jistgħu jxekklu wkoll l-amministrazzjoni effiċjenti tal-patrimonju tal-insolvenza. Għalhekk, dan ir-Regolament jistabbilixxi żewġ sitwazzjonijiet speċifiċi li fihom il-qorti invokata b'talba biex jinfetħu proċedimenti sekondarji ta' insolvenza, fuq talba tal-prattikant fl-insolvenza fil-proċedimenti prinċipali, għandha tkun tista' tipposponi jew tirrifjuta l-ftuħ ta' proċedimenti bħal dawn.

(42) L-ewwel, dan ir-Regolament jagħti l-possibbiltà lill-prattikant fl-insolvenza fil-proċedimenti prinċipali ta' insolvenza li jagħti impenn lill-kredituri lokali sabiex huma jiġu trattati daqslikieku jkunu nfetħulhom il-proċedimenti sekondarji ta' insolvenza. Dak l-impenn għandu jissodisfa għadd ta' kondizzjonijiet li jinsabu f'dan ir-Regolament, b'mod partikolari li jkun approvat b'maġġoranza kwalifikata ta' kredituri lokali. Meta jingħata tali impenn, il-qorti invokata b'talba biex tiftaħ proċedimenti sekondarji ta' insolvenza għandha tkun tista' tirrifjuta dik it-talba jekk hi tkun sodisfatta li dak l-impenn jipproteġi b'mod adegwat l-interessi ġenerali tal-kredituri lokali. Meta tevalwa dawk l-interessi l-qorti għandha tieħu kont tal-fatt li l-impenn ikun ġie approvat minn maġġoranza kwalifikata ta' kredituri lokali.

(43) Għall-finijiet li jingħata impenn lil kredituri lokali, l-assi u d-drittijiet li jinsabu fl-Istat Membru fejn id-debitur ikollu stabbiliment għandhom jifformaw sottokategorija tal-patrimonju tal-insolvenza, u, li fid-distribuzzjoni tagħhom jew tar-rikavat li jirriżulta mit-tisrif tagħhom, il-prattikant fl-insolvenza fil-proċedimenti prinċipali ta' insolvenza għandu jirrispetta d-drittijiet ta' prijorità li l-kredituri kien ikollhom kieku nfetħu proċedimenti sekondarji ta' insolvenza f'dak l-Istat Membru.

(44) Il-liġi nazzjonali għandha tkun applikabbli, kif adatt, fir-rigward tal-approvazzjoni tal-impenn. B'mod partikolari, fejn skont il-liġi nazzjonali r-regoli tal-votazzjoni sabiex jiġi adottat pjan ta' ristrutturar jeħtieġu l-approvazzjoni minn qabel tal-pretensjonijiet tal-kredituri, dawk il-pretensjonijiet għandhom jiġu meqjusa bħala approvati għall-fini ta' votazzjoni fuq l-impenn. Fejn hemm proċeduri differenti għall-adozzjoni ta' pjanijiet ta' ristrutturar skont il-liġi nazzjonali, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-proċedura speċifika li għandha tkun rilevanti f'dan il-kuntest.

(45) It-tieni, dan ir-Regolament għandu jipprevedi l-possibbiltà li b'mod temporanju l-qorti tissospendi l-ftuħ ta' proċedimenti sekondarji ta' insolvenza, meta tkun ingħatat sospensjoni temporanja ta' proċedimenti ta' infurzar individwali fil-proċedimenti prinċipali ta' insolvenza, sabiex tiġi ppreservata l-effiċjenza tas-sosepensjoni tal-proċedimenti sekondarji ta' insolvenza. Il-qorti għandha tkun tista' tagħti s-sospensjoni temporanja jekk hija tkun sodisfatta li hemm miżuri fis-seħħ li jipproteġu l-interess ġenerali tal-kredituri lokali. F'tali każ, il-kredituri kollha li jistgħu jiġu affettwati mill-eżitu tan-negozjati dwar pjan ta' ristrutturar għandhom jiġu infurmati dwar in-negozjati u jitħallew jipparteċipaw fihom.

(46) Sabiex jiġi żgurat il-ħarsien effettiv tal-interessi lokali, il-prattikant fl-insolvenza fil-proċedimenti prinċipali ta' insolvenza ma għandux ikun jista' jsarraf jew jerġa' jalloka, b'mod abbużiv, l-assi li jinsabu fl-Istat Membru fejn jinsab l-istabbiliment, b'mod partikolari, għall-fini li tiġi mxekkla l-possibbiltà li dawn l-interessi jkunu jistgħu effettivament jiġu ssodisfati jekk sussegwentement jinfetħu proċedimenti sekondarji ta' insolvenza.

(47) Dan ir-Regolament ma għandux jimpedixxi lill-qrati ta' Stat Membru li fih ikunu nfetħu proċedimenti sekondarji ta' insolvenza milli jissanzjonaw id-diretturi tad-debitur għal xi ksur ta' dmirijiethom, dment li dawk il-qrati jkollhom ġurisdizzjoni biex jindirizzaw tilwim bħal dan skont il-liġi nazzjonali tagħhom.

(48) Proċedimenti prinċipali ta' insolvenza u proċedimenti sekondarji ta' insolvenza jistgħu jikkontribwixxu għall-amministrazzjoni effiċjenti tal-patrimonju tal-insolvenza tad-debitur jew għat-tisrif effettiv tal-assi totali jekk ikun hemm kooperazzjoni proprja bejn l-atturi involuti fil-proċedimenti kurrenti kollha. Kooperazzjoni xierqa timplika illi l-prattikanti fl-insolvenza varji u l-qrati involuti jikkooperaw mill-qrib, b'mod partikolari billi jiskambjaw ammont suffiċjenti ta' informazzjoni. Sabiex jiġi assigurat ir-rwol dominanti tal-proċediment prinċipali ta' insolvenza, il-prattikant fl-insolvenza fi proċedimenti bħal dawn għandu jingħata diversi possibbiltajiet għal intervent fi proċedimenti sekondarji ta' insolvenza li jkunu pendenti fl-istess żmien. B'mod partikolari, il-prattikant fl-insolvenza għandu jkun jista' jipproponi pjan ta' ristrutturar jew kompożizzjoni jew japplika għal sospensjoni tat-tisrif tal-assi fil-proċedimenti sekondarji ta' insolvenza. Meta jkunu qegħdin jikkoperaw, il-prattikanti fl-insolvenza u l-qrati għandhom iqisu l-aqwa prattiki għall-kooperazzjoni f'kawżi ta' insolvenza transkonfinali, kif stabbilit fil-prinċipji u l-linji gwida għall-komunikazzjoni u l-kooperazzjoni adottata minn organizzazzjonijiet Ewropej u internazzjonali attivi fil-qasam tal-liġi tal-insolvenza, u b'mod partikolari linji gwida relevanti mħejjija mill-Kummissjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Kummerċ Internazzjonali (UNCITRAL).

(49) Bil-ħsieb li tiġi ffaċilitata kooperazzjoni xierqa, il-prattikanti fl-insolvenza u l-qrati għandhom ikunu jistgħu jidħlu fi ftehimiet u protokolli sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni transkonfinali ta' diversi proċedimenti ta' insolvenza fi Stati Membri differenti dwar l-istess debitur jew membri tal-istess grupp ta' kumpaniji, fejn dan ikun kompatibbli mar-regoli applikabbli għal kull wieħed mill-proċedimenti. Tali ftehimiet u protokolli jistgħu jvarjaw fil-forma, b'tali mod li jistgħu jkunu bil-miktub jew bil-fomm, u fl-ambitu, tant li jistgħu jvarjaw mill-ġeneriku għall-ispeċifiku, u jistgħu jidħlu fis-seħħ minn partijiet differenti. Ftehimiet ġeneriċi sempliċi jistgħu jenfasizzaw il-ħtieġa għall-kooperazzjoni mill-qrib bejn il-partijiet, mingħajr ma jiġu indirizzati kwistjonijiet speċifiċi, waqt li ftehimiet speċifiċi aktar dettaljati jistabbilixxu qafas ta' prinċipji li jirregolaw diversi proċedimenti ta' insolvenza u jistgħu jiġu approvati mill-qrati involuti, fejn hekk ikun jitlob id-dritt nazzjonali. Dawn jistgħu jirriflettu qbil bejn il-partijiet biex jieħdu jew jibqgħu lura milli jieħdu ċerti passi jew azzjonijiet.

(50) Bl-istess mod, il-qrati ta' Stati Membri differenti jistgħu jikkooperaw billi jikkoordinaw il-ħatra ta' prattikanti fl-insolvenza. F'dak il-kuntest, huma jistgħu jaħtru prattikant uniku fl-insolvenza għal diversi proċedimenti ta' insolvenza fir-rigward tal-istess debitur jew għal membri differenti ta' grupp ta' kumpaniji, dment li dan ikun kompatibbli mar-regoli li japplikaw għal kull wieħed mill-proċedimenti, b'mod partikolari ma' kwalunkwe rekwiżiti dwar il-kwalifiki u l-liċenzjar tal-prattikant fl-insolvenza.

(51) Dan ir-Regolament għandu jiżgura l-amministrazzjoni effiċjenti tal-proċedimenti ta' insolvenza relatati ma' kumpaniji differenti li jifformaw parti minn grupp ta' kumpaniji.

(52) Fejn ikunu nfetħu l-proċedimenti ta' insolvenza għal diversi kumpaniji tal-istess grupp, għandu jkun hemm kooperazzjoni tajba bejn l-atturi involuti f'dawk il-proċedimenti. Il-prattikanti fl-insolvenza varji u l-qrati involuti għalhekk għandu jkollhom obbligu simili ta' kooperazzjoni u komunikazzjoni ma' xulxin bħal dawk involuti fi proċedimenti prinċipali u sekondarji ta' insolvenza relatati mal-istess debitur. Il-kooperazzjoni bejn il-prattikanti fl-insolvenza ma għandhiex tmur kontra l-interessi tal-kredituri f'kull wieħed mill-proċedimenti u li din il-kooperazzjoni għandu jkollha l-għan li ssib soluzzjoni li tisfrutta s-sinerġiji fil-grupp kollu.

(53) L-introduzzjoni ta' regoli dwar il-proċedimenti ta' insolvenza ta' gruppi ta' kumpaniji ma għandhiex tillimita l-possibbiltà li qorti tiftaħ proċedimenti ta' insolvenza għal bosta kumpaniji li jappartjenu għall-istess grupp f'ġurisdizzjoni waħda jekk il-qorti ssib li ċ-ċentru tal-interessi prinċipali ta' dawk il-kumpaniji jinsab fi Stat Membru wieħed. F'każijiet bħal dawn, il-qorti għandha tkun tista' taħtar ukoll, jekk ikun xieraq, lill-istess prattikant fl-insolvenza fil-proċedimenti kollha kkonċernati, dment li dan ma jkunx inkompatibbli mar-regoli applikabbli għalihom.

(54) Bil-ħsieb li titkompla titjieb il-koordinazzjoni tal-proċedimenti ta' insolvenza ta' membri ta' grupp ta' kumpaniji, u biex ikun hemm ristrutturar ikkoordinat tal-grupp, dan ir-Regolament għandu jintroduċi regoli proċedurali dwar il-koordinazzjoni tal-proċedimenti ta' insolvenza ta' membri ta' grupp ta' kumpaniji. Tali koordinazzjoni għandha tara li tiżgura l-effiċjenza tal-koordinazzjoni, filwaqt li fl-istess ħin tirrispetta l-personalità ġuridika separata ta' kull membru tal-grupp.

(55) Prattikant fl-insolvenza maħtur fi proċedimenti ta' insolvenza li jinfetħu fir-rigward ta' membru ta' grupp ta' kumpanniji għandu jkun jista' jitlob il-ftuħ ta' proċedimenti ta' koordinazzjoni tal-gruppi. Madankollu, fejn il-liġi applikabbli għall-insolvenza tirrikjedi dan, dak il-prattikant fl-insolvenza għandu jikseb l-awtorizzazzjoni meħtieġa qabel ma ssir tali talba. It-talba għandha tispeċifika l-elementi essenzjali tal-koordinazzjoni, b'mod partikolari deskrizzjoni tal-pjan ta' koordinazzjoni, proposta li turi min għandu jinħatar bħala koordinatur u deskrizzjoni tal-ispejjeż stmati tal-koordinazzjoni.

(56) Sabiex tiġi żgurata n-natura volontarja tal-proċedimenti ta' koordinazzjoni tal-gruppi, il-prattikanti fl-insolvenza involuti għandhom ikunu jistgħu joġġezzjonaw għall-parteċipazzjoni fil-proċedimenti f'perjodu ta' żmien speċifiku. Sabiex il-prattikanti fl-insolvenza involuti jkunu jistgħu jieħdu deċiżjoni infurmata dwar il-parteċipazzjoni fil-proċedimenti ta' koordinazzjoni tal-grupp, għandhom jiġu infurmati fi stadju bikri dwar l-elementi essenzjali tal-koordinazzjoni. Madankollu, kwalunkwe prattikant fl-insolvenza li inizjalment oġġezzjona għall-inklużjoni fil-proċedimenti ta' koordinazzjoni għandu jkun jista' sussegwentement jitlob li jipparteċipa fihom. F'tali każ, il-koordinatur għandu jieħu deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà ta' tali talba. Il-prattikanti kollha fl-insolvenza, inkluż il-prattikant fl-insolvenza li jagħmel it-talba, għandhom jiġu infurmati dwar id-deċiżjoni tal-koordinatur u għandu jkollhom l-opportunità jikkontestaw dik id-deċiżjoni quddiem il-qorti li tkun fetħet il-proċedimenti ta' koordinazzjoni tal-grupp.

(57) Il-proċedimenti ta' koordinazzjoni tal-gruppi dejjem għandhom jippruvaw jiffaċilitaw l-amministrazzjoni effettiva tal-proċedimenti ta' insolvenza tal-membri ta' grupp, u għandhom impatt ġeneralment pożittiv fuq il-kredituri. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jiżgura li l-qorti li magħha ġiet ippreżentata talba għal proċedimenti ta' koordinazzjoni tal-gruppi tagħmel valutazzjoni ta' dawk il-kriterji qabel ma jinfetħu proċedimenti ta' koordinazzjoni tal-gruppi.

(58) Il-vantaġġi tal-proċedimenti ta' koordinazzjoni tal-gruppi ma għandhomx imorru lil hinn mill-ispejjeż ta' dawk il-proċedimenti. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-ispejjeż tal-koordinazzjoni, u s-sehem ta' dawk l-ispejjeż li kull membru ta' grupp għandu jagħmel tajjeb għalihom huma adegwati, proporzjonati u raġonevoli, u għandhom jiġu determinati f'konformità mal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru li fih ikunu nfetħu l-proċedimenti ta' koordinazzjoni tal-gruppi. Il-prattikanti fl-insolvenza involuti għandu jkollhom ukoll il-possibbiltà li jikkontrollaw dawk l-ispejjeż minn stadju bikri tal-proċedimenti. Fejn il-liġi nazzjonali tirrikjedi dan, il-kontroll tal-ispejjeż minn stadju bikri tal-proċedimenti jista' jinvolvi lill-prattikant fl-insolvenza li qed ifittex l-approvazzjoni ta' qorti jew ta' kumitat ta' kredituri.

(59) Fejn il-koordinatur iqis li t-twettiq tal-kompiti tiegħu jew tagħha jeħtieġ żieda sinifikanti fl-ispejjeż meta mqabbla mal-ispejjeż stmati inizjalment u, fi kwalunkwe każ, fejn l-ispejjeż jaqbżu l-10 % tal-ispejjeż stmati, il-koordinatur għandu jiġi awtorizzat mill-qorti li fetħet il-proċedimenti ta' koordinazzjoni tal-grupp biex jinqabżu tali spejjeż. Qabel ma tieħu d-deċiżjoni tagħha, il-qorti li tkun fetħet il-proċedimenti ta' koordinazzjoni tal-grupp għandha tagħti l-possibbiltà lill-prattikanti fl-insolvenza parteċipanti biex jinstemgħu quddiemha sabiex jikkomunikaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar l-adegwatezza tat-talba tal-koordinatur.

(60) Għall-membri ta' grupp ta' kumpaniji li mhumiex jipparteċipaw fi proċedimenti ta' koordinazzjoni tal-gruppi, dan ir-Regolament għandu jipprovdi wkoll mekkaniżmu alternattiv biex jinkiseb ristrutturar ikkoordinat tal-grupp. Prattikant fl-insolvenza maħtur fil-proċedimenti relatati ma' membru ta' grupp ta' kumpaniji għandu jkollu locus standi biex jitlob sospensjoni ta' kwalunkwe miżura relatata mat-tisrif tal-assi fil-proċedimenti miftuħin fir-rigward ta' membri oħrajn tal-gruppi mhumiex soġġetti għall-proċedimenti ta' koordinazzjoni tal-gruppi. Għandu jkun possibbli biss li tintalab sospensjoni jekk jiġi ppreżentat pjan ta' ristrutturar għall-membri tal-grupp ikkonċernat, jekk il-pjan ikun għall-benefiċċju tal-kredituri fil-proċedimenti li fir-rigward tagħhom tintalab is-sospensjoni, u jekk tkun neċessarja sabiex jiġi żgurat li l-pjan jista' jiġi implimentat kif suppost.

(61) Dan ir-Regolament ma għandux jipprevjeni lill-Istati Membri milli jistabbilixxu regoli nazzjonali li jissupplimentaw ir-regoli dwar il-kooperazzjoni, il-komunikazzjoni u l-koordinazzjoni fir-rigward tal-insolvenza tal-membri ta' gruppi ta' kumpaniji li jinsabu f'dan ir-Regolament, dment li l-kamp ta' applikazzjoni ta' dawk ir-regoli nazzjonali jkun limitat għall-ġurisdizzjoni nazzjonali u li l-applikazzjoni tagħhom ma ddgħajjifx l-effiċjenza tar-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(62) Ir-regoli dwar il-kooperazzjoni, il-komunikazzjoni u l-koordinazzjoni fil-qafas tal-insolvenza tal-membri ta' grupp ta' kumpaniji previsti f'dan ir-Regolament għandhom japplikaw biss sal-punt li l-proċedimenti relatati mal-membri differenti tal-istess grupp ta' kumpaniji jkunu nfetħu f'aktar minn Stat Membru wieħed.

(63) Kwalunkwe kreditur li għandu r-residenza abitwali, id-domiċilju jew l-uffiċċju tiegħu rreġistrat fl-Unjoni għandu jkollu d-dritt li jressaq l-pretensjonijiet tiegħu f'kull waħda mill-proċedimenti ta' insolvenza pendenti fl-Unjoni li hi marbuta mal-assi tad-debitur. Dan għandu japplika wkoll għall-awtoritajiet tat-taxxi u għall-istituzzjonijiet tas-sigurtà soċjali. Dan ir-Regolament ma għandux jipprevjeni lill-prattikant fl-insolvenza milli jressaq pretensjonijiet f'isem ċerti gruppi ta' kredituri, pereżempju impjegati, fejn il-liġi nazzjonali tipprevedi dan. Madankollu, sabiex ikun żgurat it-trattament ugwali tal-kredituri, it-tqassim tal-proċedimenti għandu jkun ikkoordinat. Kull kreditur għandu jkun jista' jżomm dak li jkun irċieva matul il-kors tal-proċedimenti ta' insolvenza imma għandu jkun intitolat biss li jipparteċipa fid-distribuzzjoni tal-assi totali fi proċedimenti oħra jekk kredituri bl-istess drittijiet ta' pożizzjoni jkunu akkwistaw l-istess proporzjon tal-pretensjonijiet tagħhom.

(64) Huwa essenzjali li kredituri li jkollhom ir-residenza abitwali, id-domiċilju jew l-uffiċċju rreġistrat tagħhom fl-Unjoni jkunu infurmati bil-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza relatati mal-assi tad-debitur tagħhom. Sabiex tiġi żgurata trażmissjoni malajr tal-informazzjoni lill-kredituri, ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) ma għandux japplika fejn dan ir-Regolament jirreferi għall-obbligu li jiġu infurmati l-kredituri. L-użu ta' formoli standard disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandu jiffaċilita l-kompitu tal-kredituri meta jressqu pretensjonijiet fi proċedimenti miftuħa fi Stat Membru ieħor. Il-konsegwenzi ta' preżentazzjoni inkompleta tal-formoli standard għandhom ikunu kwistjoni għad-dritt nazzjonali.

(65) Dan ir-Regolament għandu jipprovdi għall-għarfien immedjat ta' ġudizzji li jkopru l-ftuħ, it-twettiq u l-għeluq ta' proċedimenti ta' insolvenza li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu u fis-sentenzi mgħotija b' konnessjoni diretta ma' proċedimenti ta' insolvenza bħal dawk. Għarfien awtomatiku għandu għalhekk ifisser li l-effetti attribwiti għal proċedimenti bil-liġi tal-Istat Membru li fih ikunu ġew miftuħa l-proċedimenti, ikunu estiżi lejn l-Istati Membri l-oħra kollha. L-għarfien tas-sentenzi mogħtija mill-qrati tal-Istati Membri għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipju ta' fiduċja reċiproka. Għal dan il-għan, ir-raġunijiet għal nuqqas ta' għarfien għandhom jitnaqqsu għal minimu meħtieġ. Dan huwa wkoll il-bażi li fuqu għandha tiġi solvuta xi tilwima meta l-qrati ta' żewġ Stati Membri jinsistu t-tnejn fuq il-kompetenza li jiftħu l-proċedimenti prinċipali tal-insolvenza. Id-deċiżjoni tal-Prim Awla li tiftaħ il-proċedimenti għandha tkun magħrufa fl-Istati Membri l-oħra mingħajr ma dawk l-Istati jkollhom il-poter li jiskrutinizzaw id-deċiżjoni tal-qorti.

(66) Dan ir-Regolament għandu jesiġi, għall-materji koperti minnu, regoli uniformi dwar kunflitt ta' liġijiet, li jissostitwixxu, fil-kamp tal-applikazzjoni tagħhom, ir-regoli nazzjonali tal-liġi privata internazzjonali. Sakemm ma jingħadx mod ieħor, għandha tapplika l-liġi tal-Istat Membru tal-ftuħ tal-proċedimenti (lex concursus). Din ir-regola ta' kunflitt ta' liġijiet għandha tkun valida kemm għal proċedimenti prinċipali ta' insolvenza kif ukoll għal proċedimenti lokali. Il-lex concursus tiddetermina l-effetti tal-proċedimenti ta' insolvenza, kemm proċedurali kif ukoll sostantivi, fuq il-persuni u relazzjonijiet legali li jikkonċernawhom. Jirregola il-kondizzjonijiet kollha għal ftuħ, it-twettieq u l-egħluq tal-proċedimenti ta' insolvenza.

(67) L-għarfien awtomatiku ta' proċedimenti ta' insolvenza li għalihom normalment tapplika l-liġi tal-Istat li jiftaħ il-proċedimenti jista' jfixkel ir-regoli li skonthom jitwettqu t-transazzjonijiet fl-Istati Membri l-oħra. Sabiex jitħarsu l-aspettattivi leġittimi u iċ-ċertezza ta' transazzjonijiet fi Stati Membri apparti minn dak ta' fejn ikunu nfetħu l-proċedimenti, għandha ssir dispożizzjoni għal numru ta' eċċezzjonijiet għar-regola ġenerali.

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u *extra*-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali (servizz ta' dokumenti) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1348/2000 (ĠU L 324, 10.12.2007, p. 79).

(68) Hemm ħtieġa partikolari għal referenza speċjali li tmur lil hinn mil-liġi tal-Istat li jiftaħ il-proċedimenti fil-każ tad-drittijiet in rem ladarba tali drittijiet huma ta' importanza konsiderevoli għal-għoti ta' kreditu. Il-bażi, il-validità u l-firxa tad-drittijiet in rem għandu għalhekk normalment jiġi determinat bi qbil mal-lex situs u ma għandux ikun effettwat bil-ftuħ tal-proċedimenti ta' insolvenza. Il-propjetarju ta' dritt in rem għandu għalhekk ikun jista' jkompli jinsisti bid-dritt tiegħu ta' segregazzjoni jew ta' ftehim separat għal garanzija kollaterali. Meta l-assi huma suġġetti għad-drittijiet in rem taħt il-lex situs fi Stat Membru wieħed iżda l-proċedimenti prinċipali ta' insolvenza jitwettqu fi Stat Membru ieħor, il-prattikant fl-insolvenza fil-proċedimenti prinċipali ta' insolvenza għandu jkun jista' jitlob il-ftuħ ta' proċedimenti sekondarji ta' insolvenza fil-ġurisdizzjoni fejn joriġinaw id-drittijiet in rem jekk id-debitur ikollu stabbiliment hemmhekk. Jekk proċedimenti sekondarji ta' insolvenza ma jinfetħux, kwalunkwe dħul żejjed mill-bejgħ ta' assi koperti bid-drittijiet in rem għandu jitħallas lill-prattikant fl-insolvenza fil-proċedimenti prinċipali ta' insolvenza.

(69) Dan ir-Regolament jistipula bosta dispożizzjonijiet għal qorti sabiex tordna proċedimenti ta' sospensjoni ta' ftuħ jew proċedimenti ta' sospensjoni tal-infurzar. Kwalunkwe sospensjoni ta' dan it-tip ma għandhiex taffettwa d-drittijiet in rem tal-kredituri jew ta' partijiet terzi.

(70) Jekk ma tkunx permissibbli tpaċija ta' pretensjonijiet skont il-liġi tal-Istat tal-ftuħ ta' proċedimenti, il-kreditur għandu b'dana kollu jkun intitolat għal tpaċija jekk dan ikun possibbli skont il-liġi applikabbli għat-talba tal-insolvenza tad-debitur. B' dan il-mod, it-tpaċija takkwista funzjoni ta' tip ta' garanzija bbażata fuq id-dispożizzjonijiet legali li fuqhom ikun jista' joqgħod il-kreditur ikkonċernat meta titressaq it-talba.

(71) Teżisti wkoll il-ħtieġa għal protezzjoni speċjali fil-każ ta' sistema ta' pagamenti u swieq finanzjarji, pereżempju, fir-rigward ta' ftehimiet ta' għeluq ta' pożizzjoni u ta' ftehimiet ta' kumpens li jinstabu f'sistemi bħal dawk kif ukoll għall-bejgħ ta' kambjali u għall-garanziji li hemm dispożizzjoni dwarhom fi transazzjonijiet bħal dawn kif jiġu rregolati b' mod partikolari bid-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]). Għal transazzjonijiet bħal dawn, l-unika liġi li hija rilevanti għandha għalhekk tkun dik applikabbli għas-sistema jew is-suq ikkonċernat. Dik il-liġi hija intenzjonata li tneħħi l-possibbiltà ta' mekkaniżmi għal pagament u twettiq ta' transazzjonijiet, u li hemm dispożizzjoni dwarhom bis-sistemi ta' pagament u kumpens b'bilanċ jew bis-swieq finanzjarjament regolati tal-Istati Membri li jiġu mibdula fil-każ ta' insolvenza ta' sieħeb fin-negozju. Id-Direttiva 98/26/KE fiha dispożizzjonijiet speċjali li għandhom jieħdu preċedenza fuq ir-regoli ġenerali stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(72) Sabiex ikunu protetti l-impjegati u l-impjiegi, l-effetti ta' proċedimenti ta' insolvenza fuq il-kontinwazzjoni jew it-terminazzjoni ta' impjieg u fuq id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet tal-partijiet kollha f'dan l-impjieg għandhom jiġu determinati bil-liġi applikabbli għall-ftehim ta' impjieg rilevanti skont ir-regoli ġenerali dwar il-kunflitt fil-liġijiet. Barra minn hekk, f'każijiet fejn it-terminazzjoni ta' kuntratti ta' impjieg teħtieġ l-approvazzjoni minn qorti jew awtorità amministrattiva, l-Istat Membru li fih jinsab stabbiliment tad-debitur għandu jżomm il-ġurisdizzjoni li jagħti tali approvazzjoni anki jekk ma jkun infetaħ l-ebda proċediment ta' insolvenza f'dak l-Istat Membru. Kwalunkwe kwistjoni oħra tal-liġi dwar l-insolvenza, bħal jekk il-pretensjonijiet tal-impjegati humiex protetti minn drittijiet preferenzjali u x'tip ta' status tali drittijiet preferenzjali jista' jkollhom, għandhom jiġu determinati mil-liġi tal-Istat Membru li fih ikunu nfetħu l-proċedimenti ta' insolvenza (prinċipali jew sekondarji) ħlief f'każijiet fejn impriża, sabiex tevita proċedimenti sekondarji ta' insolvenza, tkun ingħatat skont dan ir-Regolament.

(73) Il-liġi applikabbli għall-effetti ta' proċedimenti ta' insolvenza fuq kwalunkwe kawża pendenti jew proċedimenti arbitrali pendenti li jikkonċernaw assi jew dritt li jifforma parti mill-patrimonju tal-insolvenza tad-debitur għandha tkun il-liġi tal-Istat Membru fejn il-kawża tkun pendenti jew fejn hemm is-sede tal-arbitraġġ. Madankollu, din ir-regola ma għandhiex taffettwa r-regoli nazzjonali dwar ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi ta' arbitraġġ.

(74) Sabiex jitqiesu r-regoli proċedurali speċifiċi tas-sistemi tal-qrati f'ċerti Stati Membri, għandha tkun provduta flessibbiltà fir-rigward ta' ċerti regoli f'dan ir-Regolament. Għaldaqstant, ir-referenzi f'dan ir-Regolament għall-avviż li jingħata minn korp ġudizzjarju ta' Stat Membru għandu jinkludu, fejn ir-regoli proċedurali ta' Stat Membru hekk jeħtieġu, ordni minn dak il-korp ġudizzjarju li jmexxi l-avviż li għandu jingħata.

(75) Għal raġunijiet ta' negozju, il-kontenut ewlieni tad-deċiżjoni li tiftaħ il-proċedimenti għandu jiġi ppublikat, fuq talba tal-prattikant fl-insolvenza, fi Stat Membru għajr dak li l-qorti tkun tat is-sentenza. Jekk hemm stabbiliment fl-Istat Membru kkonċernat, tali pubblikazzjoni għandha tkun obbligatorja. B'danakollu, fl-ebda każ, ma għandha l-pubblikazzjoni tkun kondizzjoni bil-quddiem ta' għarfien ta' proċedimenti barranin.

---

([1]) Id-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 1998 dwar finalità ta' settlement fis-sistemi ta' settlement ta' pagamenti u titoli (ĠU L 166, 11.6.1998, p. 45).

(76) Sabiex tittejjeb l-għoti tal-informazzjoni lill-kredituri u l-qrati rilevanti u biex jipprevjenu l-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza paralleli, l-Istati Membri għandhom ikunu meħtieġa jippubblikaw l-informazzjoni rilevanti f'kawżi ta' insolvenza transkonfinali f'reġistru elettroniku aċċessibbli mill-pubbliku. Biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għal dik l-informazzjoni għall-kredituri u l-qrati domiċiljati jew li jinsabu fi Stati Membri oħra, dan ir-Regolament għandu jipprevedi l-interkonnessjoni ta' tali reġistri ta' insolvenza permezz tal-Portal Ewropew tal-Ġustizzja elettronika. L-Istati Membri għandhom ikunu liberi li jippubblikaw informazzjoni rilevanti f'diversi reġistri u għandu jkun possibbli li jiġu interkonnessi flimkien aktar minn reġistru wieħed għal kull Stat Membru.

(77) Dan ir-Regolament għandu jiddetermina l-ammont minimu ta' informazzjoni li għandu jiġi ppubblikat fir-reġistri ta' insolvenza. L-Istati Membri ma għandhomx jiġu preklużi milli jinkludu informazzjoni addizzjonali. Meta d-debitur ikun individwu, ir-reġistri ta' insolvenza għandhom ikollhom jindikaw numru ta' reġistrazzjoni biss li qed jeżerċita negozju indipendenti jew attività professjonali, jekk id-debitur ikun qed jeżerċita negozju indipendenti jew attività professjonali. Dak in-numru ta' reġistrazzjoni għandu jinftiehem bħala n-numru tar-reġistrazzjoni uniku tan-negozju indipendenti tad-debitur jew l-attività professjonali tiegħu ippubblikat fir-reġistru tal-kummerċ, jekk ikun hemm.

(78) Informazzjoni dwar ċerti aspetti tal-proċedimenti ta' insolvenza hija essenzjali għall-kredituri, bħal limiti taż-żmien għat-tressiq tal-pretensjonijiet jew biex jiġu kkontestati d-deċiżjonijiet. Madankollu, dan ir-Regolament ma għandux jimponi fuq l-Istati Membri biex jikkalkulaw dawk il-limiti ta' żmien fuq bażi każ b'każ. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jissodisfaw l-obbligi tagħhom billi jżidu l-ħoloq attivi għall-Portal Ewropew tal-Ġustizzja elettronika fejn tingħata l-informazzjoni awtospjegattiva fuq il-kriterji għall-kalkoli ta' dawk il-limiti ta' żmien.

(79) Sabiex tingħata biżżejjed protezzjoni għal informazzjoni relatata ma' individwi li ma jeżerċitawx negozju indipendenti jew attività professjonali, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jaċċessaw dik l-informazzjoni soġġetta għal kriterji ta' tiftix supplimentari bħan-numru ta' identifikazzjoni personali tad-debitur, l-indirizz, id-data tat-twelid jew id-distrett tal-qorti kompetenti jew biex jagħmlu l-aċċess possibbli biss fuq talba lil awtorità kompetenti jew meta ssir verifika ta' interess leġittimu.

(80) L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu ma jinkludux, fir-reġistri tagħhom tal-insolvenza, informazzjoni dwar individwi li ma jeżerċitawx negozju indipendenti jew attività professjonali. F'każijiet bħal dawn, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni rilevanti tingħata lill-kredituri permezz ta' avviż individwali u li l-pretensjonijiet tal-kredituri li ma jirċevux l-informazzjoni ma jiġux affettwati mill-proċedimenti.

(81) Jista' jkun il-każ li uħud mill-persuni kkonċernati ma jkunux konxji mill-ftuħ tal-proċedimenti ta' insolvneza u jaġixxu in bona fede b'tali mod li jkun hemm kunflitt maċ-ċirkostanzi l-ġodda. Sabiex jitħarsu persuni li, ma jkunux konxji li jkunu nfetħu l-proċedimenti barranin, u jagħmlu pagament lid-debitur minflok lill-prattikant fl-insolvenza barrani, għandu jkun hemm dispożizzjoni li pagament bħal dan għandu jkollu l-effett li jneħħi l-piż tad-dejn.

(82) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu konferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

(83) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari, dan ir-Regolament jara li jippromwovi l-applikazzjoni tal-Artikoli 8, 17 u 47 li jikkonċernaw, rispettivament, il-ħarsien tad-*data* personali, id-dritt tal-proprjetà u d-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust.

(84) Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) u r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) japplikaw għall-ipproċessar ta' *data* personali fil-qafas ta' dan ir-Regolament.

(85) Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għar-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1182/71 tal-Kunsill ([4]).

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

([2]) Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31).

([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dak id-data (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

([4]) Ir-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1182/71 tal-Kunsill tat-3 ta' Ġunju 1971 li jistabbilixxi r-regoli applikabbli għal perjodi, dati u limiti ta' żmien (ĠU L 124, 8.6.1971, p. 1).

(86) Minħabba li l-għanijiet t ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jistgħu, permezz ta' raġuni li jinħoloq qafas legali għall-amministrazzjoni xierqa ta' proċedimenti ta' insolvenza transkonfinali, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.

(87) F'konformità mal-Artikolu 3 u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward taż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, annessa mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ir-Renju Unit u l-Irlanda nnotifikaw ix-xewqa tagħhom li jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(88) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament, u la hi marbuta bih u lanqas mhi soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu,

(89) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat u ta l-opinjoni tiegħu fis-27 ta' Marzu 2013 ([1]),

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 1*

### Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-proċedimenti kollettivi pubbliċi, inklużi proċedimenti interim, li huma bbażati fuq liġijiet relatati mal-insolvenza u fejn, għall-fini ta' salvataġġ, aġġustament tad-dejn, riorganizzazzjoni jew likwidazzjoni,

(a) debitur ikun totalment jew parzjalment ipprivat mill-assi tiegħu u jinħatar prattikant fl-insolvenza;

(b) l-assi u l-affarijiet ta' debitur ikunu suġġetti għall-kontroll jew is-sorveljanza ta' qorti; jew

(c) sospensjoni temporanja ta' proċedimenti ta' infurzar individwali tingħata minn qorti jewbl-applikazzjoni tal-liġi sabiex ikunu jistgħu jsiru n-negozjati bejn id-debitur u l-kredituri tiegħu, dment li l-proċedimenti li fihom tingħata s-sospensjoni jipprevedu miżuri adatti għall-protezzjoni tal-korp ġenerali ta' kredituri u, fejn ma jintlaħaq l-ebda qbil, huma preliminari għal wieħed mill-proċedimenti msemmija fil-punt (a) jew (b).

Fejn il-proċedimenti msemmijin f'dan il-paragrafu jistgħu jitniedu f'sitwazzjonijiet fejn hemm biss probabbiltà ta' insolvenza, l-għan tagħhom għandu jkun li tiġi evitata l-insolvenza tad-debitur jew il-waqfien tal-attivitajiet ta' negozju tad-debitur.

Il-proċedimenti msemmija f'dan il-paragrafu huma elenkati fl-Anness A.

2. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal proċedimenti msemmija fil-paragrafu 1 li jikkonċernaw:

(a) impriżi tal-assigurazzjoni;

(b) istituzzjonijiet ta' kreditu;

(c) kumpaniji ta' investiment u kumpaniji oħrajn, istituzzjonijiet u impriżi sa fejn huma koperti mid-Direttiva 2001/24/KE; jew

(d) impriżi ta' investiment kollettiv.

*Artikolu 2*

### Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

(1) "proċedimenti kollettivi" tfisser proċedimenti li jinkludu t-total ta' jew parti sinifikanti mill-kredituri tad-debitur, dment li, fil-każ tal-aħħar, il-proċedimenti ma jaffettwawx il-pretensjonijiet ta' kredituri li mhumiex involuti fihom;

([1]) ĠU C 358, 7.12.2013, p. 15.

(2) "impriżi għal investiment kollettiv" tfisser impriżi għal investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) kif definit fid-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) u fondi ta' investiment alternattiv (AIF) kif definiti fid-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]);

(3) "debitur fil-pussess" tfisser debitur li fil-konfront tiegħu jinfetħu proċedimenti ta' insolvenza li mhux neċessarjament jinvolvu l-ħatra ta' prattikant fl-insolvenza jew it-trasferiment sħiħ tad-drittijiet u d-dmirijiet ta' ġestjoni tal-assi tad-debitur lil prattikant fl-insolvenza u fejn, allura, id-debitur jibqa' totalment jew mill-inqas parzjalment fil-kontroll tal-assi u l-affarijiet tiegħu;

(4) "proċedimenti ta' insolvenza" tfisser il-proċedimenti elenkati fl-Anness A;

(5) "prattikant fl-insolvenza" tfisser kwalunkwe persuna jew korp li l-funzjoni tiegħu, inkluż fuq bażi interim, li

(i) li tivverifika u jammetti l-pretensjonijiet ippreżentati fi proċedimenti ta' insolvenza;

(ii) tirrappreżenta l-interess kollettiv tal-kredituri;

(iii) tamministra, kemm għalkollox jew parzjalment, l-assi li ġew ipprivati lid-debitur;

(iv) tillikwida l-assi msemmija fil-punt (iii); jew

(v) tissorvelja l-amministrazzjoni tal-affarijiet tad-debitur.

Il-persuni u korpi msemmija fl-ewwel subparagrafu huma mniżżla fl-Anness B;

(6) "qorti" tfisser

(i) fil-punti (b) u (c) tal-Artikolu 1(1), l-Artikolu 4(2), l-Artikoli 5 u 6, l-Artikolu 21(3), il-punt (j) tal-Artikolu 24(2), l-Artikoli 36 u 39, u l-Artikoli 61 sa 77, il-korp ġudizzjarju ta' Stat Membru;

(ii) fl-Artikoli l-oħra kollha, il-korp ġudizzjarju jew kwalunkwe korp kompetenti ieħor ta' Stat Membru li għandu s-setgħa jiftaħ il-proċedimenti ta' insolvenza, li jikkonferma dan il-ftuħ jew li jieħu deċiżjoni tul dawk il-proċedimenti;

(7) "sentenza li tiftaħ il-proċedimenti ta' insolvenza" tinkludi:

(i) id-deċiżjoni ta' kull qorti li tiftaħ proċedimenti ta' insolvenza jew li tikkonferma l-ftuħ ta' proċedimenti ta' dan it-tip; u

(ii) id-deċiżjoni ta' qorti li taħtar prattikant fl-insolvenza;

(8) "iż-żmien tal-ftuħ ta' proċedimenti" tfisser iż-żmien meta s-sentenza li tiftaħ il-proċedimenti ta' insolvenza ssir effettiva, irrispettivament jekk is-sentenza hijiex finali jew le;

(9) "l-Istat Membru li fih ikunu jinstabu l-assi" tfisser, fil-każ ta':

(i) ishma rreġistrati f'kumpaniji, minbarra dawk imsemmija fil-punt (ii), l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu l-kumpanija li ħarġet l-ishma għandha l-uffiċċju rreġistrat tagħha;

(ii) strumenti finanzjarji, li s-sjieda tagħhom tirriżulta minn entrati f'reġistru jew kont miżmum minn intermedjarju jew minn xi ħadd f'ismu ("titoli f'forma miktuba"), l-Istat Membru fejn jinżamm ir-reġistru jew il-kont fejn hemm l-entrati;

(iii) flus kontanti miżmuma f'istituzzjoni ta' kreditu, l-Istat Membru indikat fil-kont IBAN, jew, għal flus kontanti miżmuma f'kontijiet ma' istituzzjonijiet ta' kreditu li ma għandhomx IBAN, l-Istat Membru fejn l-istituzzjoni ta' kreditu li għandha l-kont għandha l-amministrazzjoni ċentrali tagħha jew, fejn huwa miżmum il-kont ma' fergħa, aġenzija jew stabbiliment ieħor, l-Istat Membru fejn tinsab il-fergħa, l-aġenzija jew stabbiliment ieħor;

(iv) proprjetà u drittijiet għall-propjetà ta' intitolament jew intitolament li jiddaħħal f'reġistru pubbliku għajr dawk imsemmija fil-punt (i), l-Istat Membru li r-reġistru jkun jinżamm taħt l-awtorità tiegħu;

(v) privattivi Ewropej, l-Istat Membru li tingħatalu l-privattiva Ewropea;

---

([1]) Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal- impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32).

([2]) Id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010 (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1).

(vi) id-dritt tal-awtur u drittijiet relatati, l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu s-sid ta' tali drittijiet għandu r-residenza abitwali jew l-uffiċċju rreġistrat tiegħu;

(vii) proprjetà tanġibbli, għajr dik imsemmija fil-punti (i) sa (iv), l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tkun tinstab il-proprjetà;

(viii) pretensjonijiet kontra partijiet terzi ħlief dawk relatati ma' assi msemmija fil-punt (iii), l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu l-parti terza meħtieġa li tissodisfa l-pretensjonijiet ikollu ċ-ċentru tal-interessi prinċipali tiegħu, kif iddeterminat skont l-Artikolu 3(1);

(10) "stabbiliment" tfisser kull post ta' operazzjoni fejn debitur iwettaq jew ikun wettaq fi tliet xhur qabel it-talba għall-ftuħ tal-proċedimenti prinċipali ta' insolvenza attività ekonomika mhux transitorja b'mezzi umani jew b'assi;

(11) "kredituri lokali" tfisser kredituri li l-pretensjonijiet tagħhom kontra debitur ikunu ġew mill-operat jew f'konnessjoni mal-operat ta' stabbiliment li jinsab fi Stat Membru li mhux dak fejn id-debitur għandu ċ-ċentru tal-interessi prinċipali tiegħu;

(12) "kreditur barrani" tfisser kreditur li għandu r-residenza abitwali, domiċilju jew uffiċċju reġistrat fi Stat Membru li mhuwiex dak fejn fih infetħu l-proċedimenti, inklużi l-awtoritajiet tat-taxxa u l-awtoritajiet tas-sigurtà soċjali tal-Istati Membri;

(13) "grupp ta' kumpanniji" tfisser impriża prinċipali u l-impriżi sussidjarji kollha tagħha;

(14) "impriża prinċipali" tfisser impriża li tikkontrolla, jew direttament jew indirettament, impriża sussidjarja waħda jew aktar u tinkludi impriża li tħejji rapporti finanzjarji konsolidati f'konformità mad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) għandha titqies impriża prinċipali.

*Artikolu 3*

**Ġurisdizzjoni internazzjonali**

1. Il-qrati tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jkun jinsab iċ-ċentru tal-interessi prinċipali tad-debitur għandu jkollhom il-ġurisdizzjoni biex jiftħu l-proċedimenti tal-insolvenza ("il-proċedimenti prinċipali ta' insolvenza"). Iċ-ċentru tal-interessi prinċipali għandu jkun il-post fejn id-debitur iwettaq l-amministrazzjoni tal-interessi tiegħu fuq bażi regolari u li jista' jiġi aċċertat minn partijiet terzi.

Fil-każ ta' kumpannija jew persuna ġuridika, il-preżunzjoni tkun li l-post tal-uffiċċju rreġistrat ikun iċ-ċentru tal-interessi prinċipali tiegħu fin-nuqqas ta' prova kuntrarja. Dik il-preżunzjoni għandha tapplika biss jekk l-uffiċċju rreġistrat ma jkunx iċċaqlaq għal Stat Membru ieħor fi żmien perjodu ta' tliet xhur qabel it-talba għall-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza.

Fil-każ ta' individwu li qed jeżerċita attività ta' negozju jew professjonali indipendenti, iċ-ċentru tal-interessi prinċipali għandu jkun preżunt li hu l-post prinċipali tan-negozju ta' dak l-individwu fin-nuqqas ta' prova kuntrarja. Dik il-preżunzjoni għandha tapplika biss jekk il-post prinċipali tan-negozju ta' dak l-individwu ma jkunx iċċaqlaq għal Stat Membru ieħor fi żmien perjodu ta' 3 xhur qabel it-talba għall-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza.

Fil-każ ta' kwalunkwe individwu ieħor, iċ-ċentru tal-interessi prinċipali għandu jkun preżunt li hu l-post tar-residenza abitwali tal-individwu fin-nuqqas ta' prova kuntrarja. Din il-preżunzjoni għandha tapplika biss jekk ir-residenza abitwali ma tkunx iċċaqilqet għal Stat Membru ieħor fi żmien perjodu ta' sitt xhur qabel it-talba għall-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza.

2. Meta ċ-ċentru tal-interessi prinċipali tad-debitur ikun jinstab fit-territorju ta' Stat Membru, il-qrati ta' Stat Membru ieħor għandhom ikollhom il-ġurisdizzjoni li jiftħu proċedimenti ta' insolvenza kontra dak id-debitur fil-każ biss li dak ikollu stabbiliment fit-territorju ta' dak l-Istat Membru l-ieħor. L-effetti ta' dawk il-proċedimenti għandhom ikunu ristretti għall-assi tad-debitur li jkunu jinstabu fit-territorju tal-Istat Membru l-ieħor.

3. Meta proċedimenti ta' insolvenza jkunu nfetħu skont il-paragrafu 1, kull proċediment miftuħ sussegwentement skont il-paragrafu 2 ikun proċedimenti sekondarji ta' insolvenza.

([1]) Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19).

4. Il-proċedimenti territorjali ta' insolvenza msemmija fil-paragrafu 2 jistgħu jinfetħu biss qabel il-ftuħ tal-proċedimenti prinċipali ta' insolvenza skont il-paragrafu 1 meta:

(a) l-proċedimenti ta' insolvenza skont il-paragrafu 1 ma jistgħux jinfetħu minħabba l-kondizzjonijiet stabbiliti bil-liġi tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jkun jinstab iċ-ċentru tal-interessi prinċipali tad-debitur; jew

(b) l-ftuħ ta' proċedimenti territorjali ta' insolvenza huma mitluba minn:

(i) kreditur li l-pretensjoni tiegħu tirriżulta minn operazzjoni jew b'rabta magħha, ta' stabbiliment li jinsab fit-territorju tal-Istat Membru fejn huwa mitlub il-ftuħ tal-proċedimenti territorjali; jew

(ii) awtorità pubblika li, skont il-liġi tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jinsab l-istabbiliment, għandha d-dritt li titlob il-ftuħ tal-proċedimenti ta' insolvenza.

Meta jinfetħu l-proċedimenti ta' insolvenza prinċipali, il-proċedimenti territorjali ta' insolvenza għandhom isiru proċedimenti sekondarji ta' insolvenza.

*Artikolu 4*

**Eżami tal-ġurisdizzjoni**

1. Qorti li tiġi invokata bit-talba għall-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza għandha teżamina *ex ufficio* jekk għandhiex ġurisdizzjoni skont l-Artikolu 3. Is-sentenza li tiftaħ il-proċedimenti ta' insolvenza għandha tispeċifika r-raġunijiet fuq xiex tkun ibbażata l-ġurisdizzjoni tal-qorti, u, b'mod partikolari, jekk il-ġurisdizzjoni tkunx ibbażata fuq l-Artikolu 3(1) jew (2).

2. Minkejja l-paragrafu 1, meta jinfetħu proċedimenti ta' insolvenza f'konformità mal-liġi nazzjonali mingħajr deċiżjoni mill-qorti, l-Istati Membri jistgħu jinkarigaw il-prattikant fl-insolvenza maħtur f'tali proċedimenti biex jeżamina jekk l-Istat Membru li fih tinsab pendenti talba għall-ftuħ ta' proċedimenti għandux il-ġurisdizzjoni skont l-Artikolu 3. Fejn dan ikun il-każ, il-prattikant fl-insolvenza għandu jispeċifika fid-deċiżjoni li tiftaħ il-proċedimenti r-raġunijiet li fuqhom tkun ibbażata l-ġurisdizzjoni, u, b'mod partikolari, jekk il-ġurisdizzjoni tkunx ibbażata fuq l-Artikolu 3(1) jew (2).

*Artikolu 5*

**Stħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjoni li tiftaħ proċedimenti prinċipali ta' insolvenza**

1. Id-debitur jew kwalunkwe kreditur jista' jikkontesta quddiem qorti id-deċiżjoni li tiftaħ il-proċedimenti prinċipali ta' insolvenza għal raġunijiet ta' ġurisdizzjoni internazzjonali.

2. Id-deċiżjoni li tiftaħ il-proċedimenti prinċipali ta' insolvenza tista' tiġi kkontestata minn partijiet oħra barra dawk imsemmija fil-paragrafu 1, jew għal raġunijiet oħra minbarra n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni internazzjonali, fejn il-liġi nazzjonali tipprevedi dan.

*Artikolu 6*

**Ġurisdizzjoni għal azzjoni li tirriżulta direttament mill-proċedimenti ta' insolvenza u li tkun marbuta mill-qrib magħhom**

1. Il-qrati tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jkunu nfetħu proċedimenti ta' insolvenza f'konformità mal-Artikolu 3 ikollhom ġurisdizzjoni għal kull azzjoni li tirriżulta direttament mill-proċedimenti ta' insolvenza u li tkun marbuta magħhom, bħal azzjonijiet ta' nullità.

2. Meta azzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tkun relatata ma' azzjoni fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali kontra l-istess konvenut, il-prattikant fl-insolvenza jista' jressaq iż-żewġ azzjonijiet quddiem il-qrati tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jinsab domiċiljat il-konvenut, jew, fejn l-azzjoni tkun kontra diversi konvenuti, quddiem il-qrati tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu kwalunkwe wieħed minnhom ikun domiċiljat, dment li dawk il-qrati jkollhom ġurisdizzjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 1215/2012.

L-ewwel subparagrafu għandu japplika għad-debitur fil-pussess, dment li d-dritt nazzjonali jippermetti lid-debitur fil-pussess, skont id-dritt nazzjonali jagħmel rikors f'isem il-patrimonju tal-insolvenza.

3. Għall-fini tal-paragrafu 2, azzjonijiet jitqiesu li jkunu relatati meta jkunu konnessi hekk mill-qrib illi jkun aktar konvenjenti illi jinstemgħu u jiġu determinati flimkien sabiex ikun evitat ir-riskju ta' sentenzi irrikonċiljabbli li jirriżultaw minn proċedimenti separati.

*Artikolu 7*

**Liġi applikabbli**

1. Ħlief fejn ipprovdut b' mod ieħor f'dan ir-Regolament, il-liġi applikabbli għal proċedimenti ta' insolvenza u l-effetti tagħhom għandha tkun dik tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tinfetaħ tali proċedura, (l-"Istat tal-ftuħ tal-proċedimenti").

2. Il-liġi tal-Istat tal-ftuħ tal-proċedimenti għandha tiddetermina l-kondizzjonijiet tal-ftuħ ta' dawk il-proċedimenti, il-manjiera tagħhom u l-għeluq tagħhom. Għandha tiddetermina b' mod partikolari:

(a) id-debituri li kontrihom jistgħu jinġiebu l-proċedimenti ta' insolvenza abbażi tal-kapaċità tagħhom;

(b) l-assi li jiffurmaw parti mill-patrimonju tal-insolvenza u t-trattament tal-assi akkwistati minn jew li jmissu lid-debitur wara l-ftuħ tal-proċedimenti ta' insolvenza;

(c) il-poteri rispettivi tad-debitur u tal-prattikant fl-insolvenza;

(d) il-kondizzjonijiet li bihom tista' tiġi invokata t-tpaċija;

(e) l-effetti tal-proċedimenti ta' insolvenza fuq kuntratti kurrenti li minnhom id-debitur jagħmel parti;

(f) l-effetti tal-proċedimenti ta' insolvenza fuq il-proċedimenti miġjuba minn kredituri individwali, bl-eċċezzjoni ta' kawżi pendenti;

(g) il-pretensjonijiet li jkunu ġew ippreżentati kontra l-patrimonju tal-insolvenza tad-debitur u t-trattament tat-talbiet li joriġinaw wara l-ftuħ tal-proċedimenti ta' insolvenza;

(h) ir-regoli li jirregolaw il-preżentazzjoni, il-verifika u l-ammissjoni tal-pretensjoni;

(i) ir-regoli li jirregolaw id-distribuzzjoni ta' rikavat mit-tisrif tal-assi, il-gradazzjoni ta' pretensjonijiet u d-dritt tal-kredituri li ġew parzjalment sodisfatti wara l-ftuħ tal-proċedimenti ta' insolvenza bis-saħħa tad-dritt in rem jew permezz ta' tpaċija;

(j) il-kundizzjonijiet għal, u l-effetti tal-għeluq ta', proċedimenti ta' insolvenza, b'mod partikolari b'kompożizzjoni;

(k) id-drittijiet tal-kredituri wara l-għeluq ta' proċedimenti ta' insolvenza;

(l) min għandu jagħmel tajjeb għall-kostijiet u l-ispejjeż involuti fil-proċedimenti ta' insolvenza;

(m) ir-regoli li għandhom x'jaqsmu ma' invalidità, invalidabilità u nuqqas ta' eżegwibilità ta' atti ġuridiċi detrimentali għall-korp ġenerali tal-kredituri.

*Artikolu 8*

**Drittijiet ta' partijiet terzi *in rem***

1. Il-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza ma għandux jaffettwa d-drittijiet in rem ta' kredituri jew partijiet terzi rigward assi tanġibbli jew mhux tanġibbli, mobbli jew immobbli, kemm l-assi speċifiċi kif ukoll il-kollezzjonijiet ta' assi indefiniti ħolistikament li jinbidlu minn żmien għal żmien, li jappartjenu għad-debitur li jkunu jinstabu fit-territorju ta' Stat Membru ieħor fil-waqt tal-ftuħ tal-proċedimenti.

2. Id-drittijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom, b' mod partikolari, jfissru:

(a) id-dritt li tiddisponi mill-assi jew li jiġu disposti u biex tikseb sodisfazzjon mir-rikavat jew mid-dħul minn dawk l-assi, partikolarment bis-saħħa ta' preferenza jew ipoteka;

(b) id-dritt esklużiv li tintlaqa' talba, partikolarment dritt garantit bi preferenza dwar talba jew b'ċessjoni tat-talba bħala garanzija;

(c) id-dritt li jintalbu assi minn, u/jew li jeħtieġu restituzzjoni minn, xi ħadd li jkollu l-pussess jew użu tagħhom kuntrarju tax-xewqat tal-parti hekk intitolata;

(d) id-dritt in rem għall-użu li jagħti benefiċċju tal-assi.

3. Id-dritt, irreġistrat f'reġistru pubbliku u infurzabbli kontra partijiet terzi, li abbażi tiegħu jista' jiġi akkwistat dritt in rem fi ħdan it-tifsira tal-paragrafu 1 għandu jkun meqjus bħala dritt in rem.

4. Il-paragrafu 1 ma għandux jipprekludi azzjonijiet ta' invalidità, invalidabilità u nuqqas ta' eżegwibilità kif imsemmi fil-punt (m) tal-Artikolu 7(2).

*Artikolu 9*

**Tpaċija**

1. Il-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza ma għandhomx jaffetwaw id-dritt tal-kredituri li jitolbu tpaċija għall-pretensjonijiet tagħhom mal-pretensjonijiet ta' debitur, meta tali tpaċija tkun permissibbli bil-liġi applikabbli għat-talbiet tad-debitur insolventi.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux jipprekludi azzjonijiet ta' invalidità, invalidabbiltà u nuqqas ta' infurzabbiltà kif imsemmi fil-punt (m) tal-Artikolu 7(2).

*Artikolu 10*

**Riserva ta' titolu**

1. Il-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza kontra xerrej ta' ass ma għandux jaffettwa d-drittijiet tal-bejjiegħa li huma bbażati fuq riżerva ta' titolu meta fil-waqt tal-ftuħ tal-proċedimenti l-ass ikun jinstab fit-territorju ta' Stat Membru apparti minn dak l-Istat fejn jinfetħu l-proċedimenti.

2. Il-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza kontra bejjiegħ ta' ass, wara l-kunsinna tal-ass, ma għandux jikkonstitwixxi bażi sabiex jitreġġa' lura jew jintemm il-bejgħ u ma għandux jipprevjeni lix-xerrej milli jakkwista titolu meta fil-waqt tal-ftuħ tal-proċedimenti l-ass mibjugħ ikun jinstab fit-territorju ta' Stat Membru ieħor minn dak l-Istat fejn jinfetħu l-proċedimenti.

3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx jipprekludu azzjonijiet ta' invalidità, invalidabbiltà u nuqqas ta' infurzabbiltà kif imsemmi fil-punt (m) tal-Artikolu 7(2).

*Artikolu 11*

**Kuntratti marbuta ma' proprjetà immobbli**

1. L-effetti ta' proċedimenti ta' insolvenza fuq kuntratt li jagħti d-dritt li tiġi akkwistata jew li jsir użu minn propjetà immobbli għandhom jiġu regolati biss bil-liġi tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tkun tinsab il-propjetà immobbli.

2. Il-qorti li tkun fetħet il-proċedimenti prinċipali ta' insolvenza għandu jkollha l-ġurisdizzjoni li tapprova t-tmiem jew il-modifika tal-kuntratti msemmija f'dan l-Artikolu meta:

(a) il-liġi tal-Istat Membru applikabbli għal dawk il-kuntratti tirrikjedi li tali kuntratt jista' jintemm jew jiġi modifikat biss bl-approvazzjoni tal-qorti li tiftaħ proċedimenti ta' insolvenza; u

(b) l-ebda proċediment ta' insolvenza ma jkun infetaħ f'dak l-Istat Membru.

*Artikolu 12*

**Sistema ta' pagamenti u swieq finanzjarji**

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8, l-effetti ta' proċedimenti ta' insolvenza fuq id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet għal pagament jew sistema tas-saldu jew għal suq finanzjarju għandha tiġi regolata biss bil-liġi tal-Istat Membru applikabbli għal dik is-sistema jew suq.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux jipprekludi xi azzjoni għal invalidità, invalidabbiltà jew nuqqas ta' infurzabbiltà li tista' tittieħed sabiex jitwarrbu pagamenti jew transazzjonijiet taħt il-liġi applikabbli għas-sistema rilevanti ta' pagamenti jew suq finanzjarju.

*Artikolu 13*

**Kuntratti ta' impjieg**

1. L-effetti ta' proċedimenti ta' insolvenza fuq kuntratti ta' impjieg u relazzjonijiet għandhom jiġu regolati biss bil-liġi tal-Istat Membru applikabbli għall-kuntratt ta' impjieg.

2. Il-qrati tal-Istat Membru li fihom jistgħu jinfetħu proċedimenti sekondarji ta' insolvenza għandhom iżommu l-ġurisdizzjoni li japprovaw it-tmiem jew il-modifika tal-kuntratti msemmija f'dan l-Artikolu saħansitra jekk ma jkun infetaħ l-ebda proċediment ta' insolvenza f'dak l-Istat Membru.

L-ewwel subparagrafu għandu japplika wkoll għal awtorità kompetenti taħt il-liġi nazzjonali biex tapprova t-terminazzjoni jew il-modifika ta' kuntratti msemmija f'dan l-Artikolu.

*Artikolu 14*

**Effetti fuq id-drittijiet soġġetti għal reġistrazzjoni**

L-effetti ta' proċedimenti ta' insolvenza fuq id-drittijiet ta' debitur fi propjetà immobbli, vapur jew ajruplan li huma soġġetti għal reġistrazzjoni f'reġistru pubbliku għandu jiġi determinat bil-liġi tal-Istat Membru li taħt l-awtorità tiegħu jinżamm dak ir-reġistru.

*Artikolu 15*

**Privattivi Ewropej b'effett unitarju u marki kummerċjali Komunitarji**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, privattiva Ewropea b'effett unitarju, marka kummerċjali Komunitarja jew kwalunkwe dritt ieħor simili stabbilit bid-dritt tal-Unjoni jista' jkun inkluż biss fil-proċedimenti msemmija fl-Artikolu 3(1).

*Artikolu 16*

**Atti detrimentali**

Il-punt (m) tal-Artikolu 7(2) ma għandux japplika meta l-persuna li tibbenefika minn att detrimentali għal-kredituri kollha tipprovdi prova li:

(a) l-att huwa soġġett għal-liġi ta' Stat Membru ieħor minn dak l-Istat tal-ftuħ tal-proċedimenti, u

(b) l-liġi ta' dak l-Istat Membru ma tippermettix xi mezzi biex jiġi kkontestat dak l-att fil-każ rilevanti.

*Artikolu 17*

**Protezzjoni ta' xerrejja terzi**

Meta, b'att konkluż wara l-ftuħ tal-proċedimenti ta' insolvenza, debitur jiddisponi, għal konsiderazzjoni, minn:

(a) xi assi immobbli,

(b) vapur jew inġenju tal-ajru soġġetti għal reġistrazzjoni f'reġistru pubbliku, jew

(c) titoli li l-eżistenza tagħhom tirrikjedi reġistrazzjoni f'reġistru stabbilit mil-liġi,

il-validità ta' dak l-att għandha tiġi regolata bil-liġi tal-Istat li fit-territorju tiegħu jkunu jinstabu l-assi immobbli jew permezz tal-awtorità li biha jinżamm ir-reġistru.

*Artikolu 18*

**Effetti ta' proċedimenti ta' insolvenza fuq kawżi jew proċedimenti arbitrali pendenti**

L-effetti ta' proċedimenti ta' insolvenza fuq kawża pendenti jew proċedimenti arbitrali pendenti li jikkonċernaw ass jew dritt li jifforma parti mill-patrimonju tal-insolvenza ta' debitur għandu jkun irregolat biss mil-liġi tal-Istat Membru fejn dik il-kawża tkun pendenti jew fejn hemm is-sede tat-tribunal arbitrali.

KAPITOLU II

## GĦARFIEN TA' PROĊEDIMENTI TA' INSOLVENZA

*Artikolu 19*

### Prinċipju

1. Kwalunkwe sentenza li tiftaħ il-proċedimenti ta' insolvenza mogħtija minn qorti ta' Stat Membru li jkollu l-ġurisdizzjoni skont l-Artikolu 3 għandu jkun rikonoxxut fl-Istati Membri kollha mill-waqt li jsir effettiv fl-Istat tal-ftuħ tal-proċedimenti.

Ir-regola stabbilita fl-ewwel subparagrafu għandha wkoll tapplika fejn, minħabba l-kapaċità ta' debitur, ma jistgħux jinġiebu proċedimenti ta' insolvenza kontra dak id-debitur fi Stat Membru ieħor.

2. Għarfien tal-proċedimenti msemmija fl-Artikolu 3(1) ma għandux jipprekludi l-ftuħ tal-proċedimenti msemmija fl-Artikolu 3(2) minn qorti fi Stat Membru ieħor. Dawn il-proċedimenti tal-aħħar għandhom ikunu sekondarji għal proċedimenti ta' insolvenza fi ħdan it-tifsira tal-Kapitolu III.

*Artikolu 20*

### Effetti ta' għarfien

1. Is-sentenza li tiftaħ il-proċedimenti ta' insolvenza msemmija fl-Artikolu 3(1) għandha, mingħajr formalitajiet ulterjuri, tipproduċi l-istess effetti fi kwalunkwe Stat Membru ieħor taħt il-liġi tal-Istat li jiftaħ il-proċedimenti, dment li dan ir-Regolament ma jipprovdix mod ieħor u sakemm ma jinfetħux proċedimenti msemmija fl-Artikolu 3(2) f'xi Stat Membru ieħor.

2. L-effetti tal-proċedimenti msemmija fl-Artikolu 3(2) ma jistgħux jiġu sfidati fi Stati Membri oħra. Kwalunkwe restrizzjoni għad-drittijiet tal-kredituri, b'mod partikolari sospensjoni jew it-tneħħija, għandhom jipproduċu effetti vis-à-vis assi li jinstabu fit-territorju ta' Stat Membru ieħor biss fil-każ ta' dawk il-kredituri li jkunu taw il-kunsens tagħhom.

*Artikolu 21*

### Setgħat tal-prattikant fl-insolvenza

1. Il-prattikant fl-insolvenza maħtur minn qorti li jkollha ġurisdizzjoni bis-saħħa tal-Artikolu 3(1) jista' jeżerċita s-setgħat kollha mogħtija lilu bil-liġi tal-Istat li jiftaħ il-proċedimenti fi Stat Membru ieħor, sakemm ma jinfetħux proċedimenti ta' insolvenza oħra hemm u lanqas ma jittieħdu miżuri ta' preservazzjoni kuntrarja wara talba għal ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza f'dak l-Istat. Soġġett għall-Artikoli 8 u 10, il-prattikant fl-insolvenza jista', b'mod partikolari, ineħħi l-assi tad-debitur mit-territorju tal-Istat Membru fejn ikunu.

2. Il-prattikant fl-insolvenza maħtur minn qorti li jkollha ġurisdizzjoni skont l-Artikolu 3(2) jista' fi Stat Membru ieħor jitlob permezz tal-qrati jew barra mill-qorti li propjetà mobbli tkun tneħħiet mit-territorju tal-Istat tal-ftuħ tal-proċedimenti lejn it-territorju ta' dak l-Istat Membru ieħor wara l-bidu tal-proċedimenti ta' insolvenza. Il-prattikant fl-insolvenza jista' wkoll jiftaħ azzjoni li twarrab li tkun fl-interess tal-kredituri.

3. Fl-eżerċizzju tas-setgħat tiegħu, il-prattikant fl-insolvenza għandu jkun konformi mal-liġi tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jkollu l-ħsieb li tittieħed azzjoni, b' mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam ma' proċedimenti għat-tisrif tal-assi. Dawk is-setgħat ma jistgħux jinkludu miżuri koerċittivi, sakemm mhux ordnatimill-qorti ta' dak l-Istat Membru, jew id-dritt ta' deċiżjoni dwar proċedimenti ġuridiċi jew tilwim.

*Artikolu 22*

### Prova tal-ħatra tal-prattikant fl-insolvenza

Il-ħatra tal-prattikant fl-insolvenza għandha tiġi manifestata b'kopja ċertifikata tad-deċiżjoni oriġinali li tkun ħatritu jew ħatritha b'xi ċertifikat ieħor maħruġ mill-qorti li jkollha ġurisdizzjoni.

Tista' tkun meħtieġa traduzzjoni f'lingwa uffiċjali jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jkollu l-intenzjoni li jaġixxi. Ma għandha tiġi mitluba l-ebda legalizzazzjoni jew xi formalità simili oħra.

*Artikolu 23*

**Radd lura u imputazzjoni**

1. Kreditur li, wara l-ftuħ tal-proċedimenti msemmija fl-Artikolu 3(1), jakkwista bi kwalunkwe mezz, b' mod partikolari permezz ta' infurzar, sodisfazzjoni totali jew parzjali tal-pretensjoni tiegħu fuq l-assi li jappartjenu lid-debitur li jkun jinsab fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, għandu jrodd lura lill-prattikant fl-insolvenza dak li jkun ġie akkwistat, soġġett għall-Artikoli 8 u 10.

2. Sabiex jiżgura trattament ugwali tal-kredituri, kreditur li jkollu, matul il-proċedimenti ta' insolvenza, akkwista dividend fuq il-pretensjoni tiegħu għandu jaqsam fid-distribuzzjoni magħmula fi proċedimenti oħra biss meta kredituri tal-istess grad jew kategorija jkunu, f'dawk il-proċedimenti l-oħra, akkwistaw dividend ekwivalenti.

*Artikolu 24*

**Stabbiliment ta' reġistri ta' insolvenza**

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jżommu fit-territorju tagħhom reġistru wieħed jew diversi li fih tiġi ppubblikata l-informazzjoni li tikkonċerna proċedimenti ta' insolvenza ("reġistri ta' insolvenza"). Dik l-informazzjoni għandha tiġi ppubblikata kemm jista' jkun malajr wara l-ftuħ ta' tali proċedimenti.

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun disponibbli għall-pubbliku, soġġetta għall-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 27, u għandha tinkludi dan li ġej ("informazzjoni mandatorja"):

(a) id-data tal-ftuħ tal-proċedimenti ta' insolvenza;

(b) il-qorti li tiftaħ il-proċedimenti ta' insolvenza u n-numru ta' referenza tal-kawża, jekk jeżisti;

(c) it-tip ta' proċedimenti ta' insolvenza msemmija fl-Anness A li kienu miftuħa u, fejn applikabbli, kwalunkwe tip ta' sottotip ta' tali proċedimenti miftuħa f'konformità mal-liġi nazzjonali;

(d) jekk il-ġurisdizzjoni għall-ftuħ tal-proċedimenti hijiex ibbażata fuq l-Artikolu 3(1), 3(2) jew 3(4);

(e) jekk id-debitur huwa kumpannija jew persuna ġuridika, isem id-debitur, in-numru ta' reġistrazzjoni, l-uffiċċju rreġistrat jew, jekk differenti, l-indirizz postali;

(f) jekk id-debitur huwa individwu, jekk jeżerċitax attività ta' negozju jew professjonali indipendenti jew le, isem id-debitur, in-numru ta' reġistrazzjoni, jekk jeżisti, u l-indirizz postali jew, fejn l-indirizz huwa protett, il-post u d-data tat-twelid tad-debitur;

(g) l-isem, l-indirizz postali jew l-indirizz elettroniku, jekk jeżistu, tal-prattikant fl-insolvenza maħtur fil-proċedimenti;

(h) il-limitu ta' żmien biex jitressqu l-pretensjonijiet, jekk jeżisti, jew referenza għall-kriterji għall-kalkolu ta' dak il-limitu ta' żmien;

(i) id-data tal-għeluq tal-proċedimenti prinċipali ta' insolvenza, jekk teżisti;

(j) il-qorti li quddiemha u, fejn applikabbli, il-limitu ta' żmien li fih għandha tiġi kkontestata d-deċiżjoni li tiftaħ il-proċeduri ta' insolvenza f'konformità mal-Artikolu 5, jew referenza għall-kriterji għall-kalkolu ta' dak il-limitu ta' żmien.

3. Il-paragrafu 2 ma għandux jipprekludi lill-Istati Membri milli jinkludu dokumenti jew informazzjoni addizzjonali fir-reġistri nazzjonali ta' insolvenza tagħhom, bħall-iskwalifiki ta' diretturi b'rabta mal-insolvenza.

4. L-Istati Membri ma għandhomx ikunu obbligati jinkludu l-informazzjoni fir-reġistri ta' insolvenza msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu b'rabta ma' individwi li ma jeżerċitawx attività ta' negozju jew professjonali, jew li jagħmlu din l-informazzjoni disponibbli pubblikament permezz tas-sistema ta' interkonnessjoni ta' dawk ir-reġistri, dment li huma jinfurmaw lil kredituri barranin magħrufa, skont l-Artikolu 54, bl-elementi msemmijin fil-punt (j) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

Fejn Stat Membru jagħmel użu mill-possibbiltà msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-proċedimenti ta' insolvenza ma għandhomx jaffettwaw il-pretensjonijiet tal-kredituri barranin li ma jkunux irċevew l-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu.

5. Il-pubblikazzjoni tal-informazzjoni fir-reġistri skont dan ir-Regolament ma għandha jkollha ebda effett legali minbarra dawk stabbiliti fil-liġi nazzjonali u fl-Artikolu 55(6).

*Artikolu 25*

**Interkonnessjoni tar-reġistri ta' insolvenza**

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi sistema deċentralizzata għall-interkonnessjoni tar-reġistri ta' insolvenza permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dik is-sistema tkun magħmula mir-reġistri ta' insolvenza u l-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika li jservu ta' punt ta' aċċess elettroniku pubbliku ċentrali għall-informazzjoni fis-sistema. Is-sistema għandha tipprovdi servizz ta' tfittxija fil-lingwi uffiċjali kollha tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni sabiex tagħmel disponibbli l-informazzjoni obbligatorja u kwalunkwe dokument jew informazzjoni oħra inkluża fir-reġistri ta' insolvenza li l-Istati Membri jagħżlu li jagħmlu disponibbli permezz tal-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika.

2. Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 87, il-Kummissjoni għandha tadotta dawn li ġejjin sas-26 ta' Ġunju 2019:

(a) l-ispeċifikazzjoni teknika li tiddefinixxi l-metodi ta' komunikazzjoni u skambju ta' informazzjoni b'mezzi elettroniċi abbażi tal-ispeċifikazzjoni tal-interfaċċa stabbilit għas-sistema ta' interkonnessjoni tar-reġistri ta' insolvenza;

(b) il-miżuri tekniċi li jiżguraw l-istandards minimi ta' sikurezza tat-teknoloġija tal-informazzjoni għall-komunikazzjoni u d-distribuzzjoni tal-informazzjoni fis-sistema ta' interkonnessjoni tar-reġistri ta' insolvenza;

(c) kriterji minimi għas-servizz ta' tfittxija pprovduti mill-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika bbażati fuq l-informazzjoni stabbilita fl-Artikolu 24;

(d) kriterji minimi għall-preżentazzjoni tar-riżultati ta' tfittxijiet ta' dan it-tip ibbażati fuq l-informazzjoni stabbilita fl-Artikolu 24;

(e) il-mezzi u l-kundizzjonijiet tekniċi tad-disponibbiltà tas-servizzi pprovduti mis-sistema ta' interkonnessjoni; u

(f) glossarju li fih spjegazzjoni bażika tal-proċedimenti ta' insolvenza nazzjonali elenkati fl-Anness A.

*Artikolu 26*

**Spejjeż għall-istabbiliment u l-interkonnessjoni tar-reġistri ta' insolvenza**

1. L-istabbiliment, iż-żamma fis-seħħ u l-iżvilupp futur tas-sistema ta' interkonnessjoni tar-reġistri ta' insolvenza għandhom ikunu ffinanjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni.

2. Kull Stat Membru għandu jagħmel tajjeb għall-ispejjeż għall-istabbiliment u l-aġġustament tar-reġistri nazzjonali ta' insolvenza tiegħu biex jagħmilhom interoperabbli mal-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika, flimkien mal-ispejjeż għall-amministrazzjoni, l-operazzjoni u ż-żamma fis-seħħ ta' dawk ir-reġistri. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li japplika għal għotjiet biex jiġu appoġġati tali attivitajiet taħt il-programmi finanzjarji tal-Unjoni.

*Artikolu 27*

**Kundizzjonijiet tal-aċċess għal informazzjoni permezz tas-sistema ta' interkonnessjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni obbligatorja msemmija fil-punti (a) sa (j) tal-Artikolu 24(2) hija disponibbli mingħajr ħlas permezz tas-sistema tar-reġistri ta' insolvenza interkonnessi.

2. Dan ir-Regolament ma għandux jipprekludi lill-Istati Membri milli jimponu tariffa raġonevoli għal aċċess għad-dokumenti jew informazzjoni addizzjonali msemmija fl-Artikolu 24(3) permezz tas-sistema ta' interkonnessjoni tarreġistri ta' insolvenza.

3. L-Istati Membri jista' jkollhom aċċess għal informazzjoni obbligatorja dwar individwi li ma jeżerċitawx attività ta' negozju jew professjonali indipendenti, u dwar individwi li jeżerċitaw attività ta' negozju jew professjonali indipendenti meta l-proċedimenti ta' insolvenza ma jkunux relatati ma' din l-attività soġġett għal kriterji ta' tiftix supplimentari relatati mad-debitur, flimkien mal-kriterji minimi msemmijin fil-punt (c) tal-Artikolu 25(2).

4. L-Istati Membri jistgħu jitolbu li l-aċċess għall-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 jkun kondizzjonali fuq talba lill-awtorità kompetenti. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu l-aċċess kondizzjonali għall-verifika tal-eżistenza ta' interess leġittimu għall-aċċess għal informazzjoni bħal din. Il-persuna li tagħmel it-talba għandha tkun tista' tippreżenta t-talba għal informazzjoni b'mod elettroniku permezz ta' formola standard mill-Portal Ewropew tal-Ġustizzja elettroniku. Meta jkun meħtieġ interess leġittimu, għandu jkun permissibbli għall-persuni li jagħmlu t-talba biex jiġġustifikaw it-talba tagħhom permezz ta' kopji elettroniċi tad-dokumenti rilevanti. Il-persuna li tagħmel it-talba għandha tingħata tweġiba mill-awtorità kompetenti fi żmien tlett ijiem ta' xogħol.

Il-persuna li tagħmel it-talba ma għandhiex tkun obbligata tipprovdi traduzzjonijiet ta' dokumenti li jiġġustifikaw it-talba tagħha u lanqas tħallas xi spejjeż ta' traduzzjoni li l-awtorità kompetenti tista' ġġarrab.

*Artikolu 28*

**Pubblikazzjoni fi Stat Membru ieħor**

1. Il-prattikant fl-insolvenza jew id-debitur fil-pussess għandu jitlob li l-avviż tas-sentenza li tiftaħ il-proċedimenti tal-insolvenza u, fejn adatt, id-deċiżjoni li taħtar il-prattikant fl-insolvenza jiġu ppubblikati fi kwalunkwe Stat Membru ieħor fejn ikun jinsab stabbiliment tad-debitur f'konformità mal-proċeduri ta' pubblikazzjoni previsti f'dak l-Istat Membru. Tali pubblikazzjoni għandha tispeċifika, fejn adatt, il-prattikant fl-insolvenza maħtur u jekk ir-regola tal-ġurisdizzjoni applikata tkunx dik skont l-Artikolu 3(1) jew (2).

2. Il-prattikant fl-insolvenza jew id-debitur fil-pussess jista' jitlob li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tiġi ppubblikata fi kwalunkwe Stat Membru ieħor fejn il-prattikant fl-insolvenza jew id-debitur fil-pussess iqis li dan ikun meħtieġ f'konformità mal-proċeduri ta' pubblikazzjoni previsti f'dak l-Istat Membru.

*Artikolu 29*

**Reġistrazzjoni fir-reġistri pubbliċi ta' Stat Membru ieħor**

1. Fejn il-liġi ta' Stat Membru li fih ikun jinsab stabbiliment tad-debitur, u dan l-istabbiliment fejn ikun iddaħħal f'reġistru pubbliku ta' dak l-Istat Membru, jew il-liġi ta' Stat Membru li fih tkun tinsab proprjetà immobbli li tappartjeni għad-debitur tirrikjedi li l-informazzjoni dwar il-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza msemmija fl-Artikolu 28 tiġi ppubblikata fir-reġistru tal-artijiet, ir-reġistru tal-kumpanniji jew kwalunkwe reġistru pubbliku ieħor, il-prattikant fl-insolvenza jew id-debitur fil-pussess għandu jieħu l-miżuri neċessarji kollha biex jiżgura din ir-reġistrazzjoni.

2. Il-prattikant fl-insolvenza jew id-debitur fil-pussess jista' jirrikjedi din ir-reġistrazzjoni fi kwalunkwe Stat Membru ieħor, dment li l-liġi tal-Istat Membru li fih hemm miżmum ir-reġistru jippermetti tali reġistrazzjoni.

*Artikolu 30*

**Spejjeż**

L-ispejjeż tal-pubblikazzjoni u r-reġistrazzjoni previsti fl-Artikoli 28 u 29 għandhom jiġu meqjusa bħala spejjeż u nefqiet imġarrba fil-proċedimenti.

*Artikolu 31*

**Rispett ta' obbligu lejn debitur**

1. Meta jkun ġie onorat obbligu fi Stat Membru għal benefiċċju ta' debitur li jkun soġġett għal proċedimenti ta' insolvenza miftuħa fi Stat Membru ieħor, meta suppost li jkun ġie onorat għall-benefiċċju tal-prattikant fl-insolvenza f'dawk il-proċedimenti, il-persuna li tonora l-obbligu għandha tkun meqjusa li ssoddisfat dan l-obbligu jekk ma kinitx taf bil-ftuħ tal-proċedimenti.

2. Fejn tali obbligu jkun onorat qabel ma tkun saret il-pubblikazzjoni prevista fl-Artikolu 28, il-persuna li tonora l-obbligu għandha tkun presunta, fin-nuqqas ta' prova kontrarja, li ma kinitx taf bil-ftuħ tal-proċeduri ta' insolvenza. Fejn l-obbligu jkun onorat wara li tali pubblikazzjoni tkun saret, il-persuna li tonora l-obbligu għandha tkun presunta, fin-nuqqas ta' prova kuntrarja, li kienet taf bil-ftuħ tal-proċeduri.

*Artikolu 32*

**Għarfien u eżegwibilità ta' sentenzi oħrajn**

1. Sentenzi mogħtija minn qorti li s-sentenza tagħha dwar il-ftuħ ta' proċedimenti tkun rikonoxxuta skont l-Artikolu 19 u li jikkonċernaw l-andament u l-għeluq ta' proċedimenti ta' insolvenza, u kompożizzjonijiet approvati minn dik il-qorti wkoll ikunu rikonoxxuti mingħajr ebda formalitajiet ulterjuri. Dawn is-sentenzi għandhom jiġu eżegwiti f'konformità mal-Artikoli 39 sa 44 u 47 sa 57 tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012.

L-ewwel subparagrafu għandu japplika wkoll għal sentenzi li jirriżultaw direttament mill-proċedimenti ta' insolvenza u li jkunu marbuta mill-qrib magħhom, anke jekk ikunu ngħataw minn qorti oħra.

L-ewwel subparagrafu japplika wkoll għal sentenzi relatati ma' miżuri ta' preservazzjoni meħuda fuq talba għall-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza jew b'konnessjoni magħha.

2. L-għarfien u l-infurzar ta' sentenzi ħlief dawk imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu regolati mir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 sakemm dak ir-Regolament ikun applikabbli.

*Artikolu 33*

**Politika pubblika**

Kwalunkwe Stat Membru jista' jirrifjuta li jirrikonoxxi proċedimenti ta' insolvenza miftuħa fi Stat Membru ieħor jew li jinfurza sentenza mogħtija fil-kuntest ta' tali proċedimenti meta l-effetti ta' tali rikonoxximent jew infurzar ikunu manifestament kontra l-politika pubblika ta' dak l-Istat, b'mod partikolari l-prinċipji fundamentali tiegħu jew id-drittijiet kostituzzjonali u l-libertajiet tal-individwu.

KAPITOLU III

**PROĊEDIMENTI SEKONDARJI TA' INSOLVENZA**

*Artikolu 34*

**Ftuħ tal-proċedimenti**

Meta jkunu nfetħu proċedimenti prinċipali ta' insolvenza f'qorti ta' Stat Membru u jkunu ġew rikonoxxuti fi Stat Membru ieħor, qorti ta' dak l-Istat Membru ieħor li jkollha ġurisdizzjoni skont l-Artikolu 3(2) tista' tiftaħ proċedimenti sekondarji ta' insolvenza skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Kapitolu. Meta l-proċedimenti prinċipali ta' insolvenza jirrikjedu li d-debitur ikun insolventi, l-insolvenza tad-debitur ma għandhiex terġa' tiġi eżaminat mill-ġdid fl-Istat Membru li fih il-proċedimenti sekondarji ta' insolvenza jistgħu jinfetħu. L-effetti ta' proċedimenti sekondarji ta' insolvenza jkunu ristretti għall-assi tad-debitur li jkunu fit-territorju tal-Istat Membru l-ieħor li fih ikunu nfetħu dawk il-proċedimenti.

*Artikolu 35*

**Liġi applikabbli**

Dment li mhux previst mod ieħor f'dan ir-Regolament, il-liġi applikabbli għal proċedimenti sekondarji ta' insolvenza għandha tkun dik tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jinfetħu l-proċedimenti sekondarji ta' insolvenza.

*Artikolu 36*

**Dritt li jingħata impenn sabiex jiġu evitati proċedimenti sekondarji ta' insolvenza**

1. Sabiex jiġi evitat il-ftuħ ta' proċedimenti sekondarji ta' insolvenza, il-prattikant fl-insolvenza fil-proċedimenti prinċipali ta' insolvenza jista' jagħti impenn unilaterali ("l-impenn") fir-rigward tal-assi li jinsabu fl-Istat Membru li fih jistgħu jinfetħu proċedimenti sekondarji ta' insolvenza, li fid-distribuzzjoni ta' dawk l-assi jew tar-rikavat irċevut b'riżultat tat-tisrif tagħhom, huwa jikkonforma mad-drittijiet ta' distribuzzjoni u ta' prijorità skont il-liġi nazzjonali li l-kredituri lokali kien ikollhom kieku nfetħu proċedimenti sekondarji ta' insolvenza f'dak l-Istat Membru. L-impenn għandu jispeċifika l-assunzjonijiet fattwali li fuqhom huwa bbażat, b'mod partikolari fir-rigward tal-valur tal-assi li jinsabu fl-Istat Membru kkonċernat u l-għażliet disponibbli biex jissarrfu dawn l-assi.

2. Fejn impenn ikun ingħata f'konformità ma' dan l-Artikolu, il-liġi applikabbli għad-distribuzzjoni tar-rikavat mit-tisrif tal-assi msemmi fil-paragrafu 1, il-gradazzjoni ta' pretensjonijiet tal-kredituri u d-drittijiet tal-kredituri fir-rigward tal-assi msemmija fil-paragrafu 1, għandha tkun il-liġi tal-Istat Membru li fih setgħu nfetħu proċedimenti sekondarji ta' insolvenza. Il-mument rilevanti għad-determinazzjoni tal-assi msemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun il-mument li fih jingħata l-impenn.

3. L-impenn għandu jsir bil-lingwa uffiċjali jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru fejn setgħu nfetħu proċedimenti sekondarji ta' insolvenza, jew, jekk ikun hemm diversi lingwi uffiċjali f'dak l-Istat Membru, bil-lingwa uffiċjali jew b'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-post li fih setgħu nfetħu proċedimenti sekondarji ta' insolvenza.

4. L-impenn għandu jsir bil-miktub. Għandha tkun soġġett għal kwalunkwe rekwiżiti oħra relatati mal-forma, u rekwiżiti ta' approvazzjoni bħal distribuzzjonijiet, jekk jeżistu, tal-Istat li fih infetħu l-proċedimenti prinċipali ta' insolvenza.

5. L-impenn għandu jiġi approvat mill-kredituri lokali magħrufa. Ir-regoli dwar il-maġġoranza kwalifikata u l-votazzjoni li japplikaw għall-adozzjoni ta' pjanijiet ta' ristrutturar skont il-liġi tal-Istat Membru fejn ikunu nfetħu proċedimenti sekondarji ta' insolvenza jistgħu japplikaw ukoll għall-approvazzjoni tal-impenn. Il-kredituri għandhom ikunu jistgħu jipparteċipaw fil-vot b'mezzi ta' komunikazzjoni mill-bogħod, fejn dan ikun permess mil-liġi nazzjonali. Il-prattikant tal-insolvenza għandu jinforma lill-kredituri magħrufa lokali tal-impriża, ir-regoli u l-proċeduri għall-approvazzjoni tagħha u tal-approvazzjoni jew ir-rifjut tal-impriża.

6. Impenn mogħti u approvat f'konformità ma' dan l-Artikolu għandha tkun vinkolanti fuq l-assi. Jekk jinfetħu proċedimenti sekondarji ta' insolvenza f'konformità mal-Artikolu 37 u 38, il-prattikant fl-insolvenza fil-proċedimenti prinċipali ta' insolvenza għandu jittrasferixxi kwalunkwe assi li huwa neħħa mit-territorju ta' dak l-Istat Membru wara li jkun ingħata l-impenn jew, f'każ li jkun diġà sar tisrif ta' dawk l-assi, ir-rikavat tagħhom, lill-prattikant fl-insolvenza fil-proċedimenti sekondarji ta' insolvenza.

7. Fejn il-prattikant fl-insolvenza jkun ta impenn, huwa għandu jinforma lill-kredituri lokali dwar id-distribuzzjonijiet intenzjonati qabel ma jiddistribwixxi l-assi u r-rikavat msemmija fil-paragrafu 1. Jekk dik l-informazzjoni ma tkunx konformi mat-termini tal-impenn jew mal-liġi applikabbli, kwalunkwe kreditur lokali jista' jikkontesta din id-distribuzzjoni quddiem il-qrati tal-Istat Membru li fih infetħu l-proċedimenti prinċipali ta' insolvenza sabiex tinkiseb distribuzzjoni f'konformità mat-termini tal-impenn u l-liġi applikabbli. F'dan il-każ, ma għandha sseħħ l-ebda distribuzzjoni sakemm il-Qorti tkun ħadet deċiżjoni dwar il-kontestazzjoni.

8. Il-kredituri lokali jistgħu jagħmlu talba lill-qrati tal-Istat Membru li fih ikunu nfetħu proċedimenti prinċipali ta' insolvenza sabiex jitolbu lill-prattikant fl-insolvenza fil-proċedimenti prinċipali ta' insolvenza jieħu kwalunkwe miżura adatta meħtieġa biex tiġi żgurata konformità mat-termini tal-impenn, disponibbli skont il-liġi tal-Istat li jiftaħ il-proċedimenti prinċipali ta' insolvenza.

9. Il-kredituri lokali jistgħu jagħmlu talba lill-qrati tal-Istat Membru li fih setgħu nfetħu l-proċedimenti sekondarji ta' insolvenza sabiex jitolbu lill-qorti tieħu miżuri provviżorji jew protettivi biex tiġi żgurata konformità mill-prattikant fl-insolvenza mat-termini tal-impenn.

10. Il-prattikant fl-insolvenza għandu jkun responsabbli għal kwalunkwe ħsara kkawżata lill-kredituri lokali bħala riżultat tan-nuqqas ta' konformità tiegħu mal-obbligi u r-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Artikolu.

11. Għall-fini ta' dan l-Artikolu, awtorità li hija stabbilita fl-Istat Membru fejn setgħu nfetħu proċedimenti sekondarji ta' insolvenza u li hija obbligata skont id-Direttiva 2008/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) tiggarantixxi l-ħlas tal-pretensjonijiet pendenti ta' ħaddiema li jirriżultaw minn kuntratti ta' impjieg jew minn relazzjonijiet ta' impjieg għandha titqies bħala "kreditur lokali", fejn il-liġi nazzjonali tipprevedi dan.

([1]) Id-Direttiva 2008/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar il-protezzjoni tal-impjegati fil-każ tal-insolvenza ta' min iħaddimhom (ĠU L 283, 28.10.2008, p. 36).

*Artikolu 37*

**Dritt għal talba ta' ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza**

1. Il-ftuħ ta' proċedimenti sekondarji ta' insolvenza jista' jiġi mitlub minn:

(a) il-prattikant fl-insolvenza fil-proċedimenti prinċipali ta' insolvenza;

(b) kwalunkwe persuna jew awtorità oħra mogħtija s-setgħa titlob il-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza skont il-liġi tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jkun mitlub il-ftuħ tal-proċediment sekondarji ta' insolvenza.

2. Fejn impriża tkun saret vinkolanti skont l-Artikolu 36, it-talba għall-ftuħ ta' proċedimenti sekondarji ta' insolvenza għandha tiġi ppreżentata fi żmien 30 jum minn meta jiġi riċevut l-avviż tal-approvazzjoni tal-impriża.

*Artikolu 38*

**Deċiżjoni ta' ftuħ ta' proċedimenti sekondarji ta' insolvenza**

1. Qorti invokata b'talba għall-ftuħ ta' proċedimenti sekondarji ta' insolvenza għandha tavża minnufih lill-prattikant fl-insolvenza jew id-debitur fil-pussess fil-proċedimenti prinċipali ta' insolvenza u tagħtih l-opportunità li jinstema' fuq it-talba.

2. Fejn il-prattikant fl-insolvenza fil-proċedimenti prinċipali ta' insolvenza jkun ta impriża skont l-Artikolu 36, il-qorti msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, fuq talba tal-prattikant fl-insolvenza ma għandhiex tiftaħ proċedimenti sekondarji ta' insolvenza jekk tkun sodisfatta li l-impriża tipproteġi adegwatament l-interessi ġenerali tal-kredituri lokali.

3. Meta tkun ingħatat sospensjoni temporanja ta' proċedimenti ta' eżekuzzjoni individwali sabiex ikunu jistgħu jsiru negozjati bejn id-debitur u l-kredituri, il-qorti, fuq talba tal-prattikant fl-insolvenza jew tad-debitur fil-pussess, jistgħu jissospendu l-ftuħ ta' proċedimenti sekondarji ta' insolvenza għal perjodu ta' mhux aktar minn tliet xhur, dment li jkun hemm fis-seħħ miżuri xierqa sabiex jipproteġu l-interessi tal-kredituri lokali.

Il-qorti msemmija fil-paragrafu 1 tista' tordna miżuri ta' protezzjoni sabiex tipproteġi l-interessi tal-kredituri lokali billi teżiġi lill-prattikant fl-insolvenza jew id-debitur fil-pussess li ma jneħħux jew jeħilsu minn kwalunkwe assi li jinsabu fl-Istat Membru fejn jinsab l-istabbiliment tiegħu sakemm dan isir fil-perkors normali tan-negozju. Il-qorti tista' tordna wkoll miżuri oħra biex tipproteġi l-interessi tal-kredituri lokali waqt sospensjoni dment li ma tkunx inkompatibbli mar-regoli nazzjonali dwar proċedura ċivili.

Is-sospensjoni ta' ftuħ ta' proċedimenti sekondarji ta' insolvenza għandha tiġi rtirata mill-qorti *ex ufficio* jew fuq talba ta' kwalunkwe kreditur jekk matul is-sospensjoni jkun ġie konkluż ftehim fin-negozjati msemmija fl-ewwel subparagrafu.

Is-sospensjoni tista' tiġi rtirata mill-qorti *ex ufficio* jew fuq talba ta' kwalunkwe kreditur jekk it-tkomplija tas-sospensjoni tkun ta' detriment għad-drittijiet tal-kreditur, b'mod partikolari jekk in-negozjati jkunu ġew interrotti jew sar evidenti li dawn aktarx ma jiġux konklużi jew jekk il-prattikant fl-insolvenza jew id-debitur fil-pussess kiser il-projbizzjoni biex jeħles mill-assi tiegħu jew biex ineħħihom mit-territorju tal-Istat Membru fejn ikun jinsab l-istabbiliment.

4. Fuq talba tal-prattikant fl-insolvenza fil-proċedimenti prinċipali ta' insolvenza, il-qorti msemmija fil-paragrafu 1 tista' tiftaħ tip ta' proċedimenti ta' insolvenza kif elenkat fl-Anness A li ma jkunx dak tat-tip mitlub inizjalment, dment li l-kondizzjonijiet għall-ftuħ ta' dik it-tip ta' proċedura hija l-iktar waħda xierqa rigward l-interessi tal-kredituri lokali u l-koerenza bejn il-proċedimenti prinċipali u sekondarji ta' insolvenza. It-tieni sentenza tal-Artikolu 34 għandha tapplika.

*Artikolu 39*

**Stħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjoni biex jinfetħu proċedimenti sekondarji ta' insolvenza**

Il-prattikant fl-insolvenza fil-proċedimenti prinċipali ta' insolvenza jista' jikkontesta d-deċiżjoni għall-ftuħ ta' proċedimenti sekondarji ta' insolvenza quddiem il-qrati tal-Istat Membru li fihom ikunu nfetħu proċedimenti sekondarji ta' insolvenza, fuq il-bażi li dik il-qorti ma tikkonformax mal-kondizzjonijiet u r-rekwiżiti tal-Artikolu 38.

*Artikolu 40*

**Pagament bil-quddiem ta' infiq u spejjeż**

Meta l-liġi tal-Istat Membru li fih jintalab il-ftuħ tal-proċedimenti sekondarji ta' insolvenza tirrikjedi li l-assi tad-debitur ikunu suffiċjenti sabiex ikopru l-infiq u l-ispejjeż, kollha jew parti minnhom, tal-proċedimenti, il-qorti tista', meta tirċievi tali talba, titlob li l-applikant jagħmel pagament bil-quddiem tal-ispejjeż jew li jipprovdi sigurtà xierqa.

*Artikolu 41*

**Kooperazzjoni u komunikazzjoni bejn prattikanti fl-insolvenza**

1. Il-prattikant fl-insolvenza fil-proċedimenti prinċipali ta' insolvenza u l-prattikant jew il-prattikanti fl-insolvenza fil-proċedimenti sekondarji ta' insolvenza dwar l-istess debitur għandhom jikkooperaw ma' xulxin sakemm din il-kooperazzjoni tkun kompatibbli mar-regoli applikabbli għall-proċedimenti rispettivi. Din il-kooperazzjoni tista' tkun fi kwalunkwe forma, inkluża l-konklużjoni ta' ftehimiet jew protokolli.

2. Waqt l-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni prevista fil-paragrafu 1, il-prattikanti fl-insolvenza għandhom:

(a) mill-aktar fis possibbli jikkomunikaw lil xulxin kwalunkwe informazzjoni li tista' tkun rilevanti għall-proċedimenti l-oħra, b'mod partikolari kwalunkwe progress li jkun sar fil-preżentazzjoni u l-verifika tal-pretensjonijiet u l-miżuri kollha mmirati lejn is-salvataġġ jew ir-ristrutturar tad-debitur jew it-tmiem tal-proċedimenti, dment li jsiru arranġamenti xierqa għall-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali;

(b) jesploraw il-possibilità ta' ristrutturar tad-debitur u, fejn tkun teżisti tali possibilità, jikkoordinaw l-elaborazzjoni u l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ristrutturazzjoni;

(c) jikkoordinaw l-amministrazzjoni tat-tisrif jew l-użu tal-assi u l-affarijiet tad-debitur; il-prattikant fl-insolvenza fil-proċedimenti sekondarji ta' insolvenza għandu jagħti lill-prattikant fl-insolvenza fil-proċedimenti prinċipali ta' insolvenza opportunità bikrija biex jippreżenta proposti dwar it-tisrif jew l-użu tal-assi fil-proċedimenti sekondarji ta' insolvenza.

3. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw mutatis mutandis għal sitwazzjonijiet fejn, fil-proċedimenti prinċipali jew sekondarji ta' insolvenza jew fi kwalunkwe proċediment ta' insolvenza territorjali li jikkonċerna l-istess debitur u li jinfetħu fl-istess żmien, id-debitur jibqa' jkollu l-pussess tal-assi tiegħu.

*Artikolu 42*

**Kooperazzjoni u komunikazzjoni bejn il-qrati**

1. Sabiex ikun iffaċilitat il-koordinazzjoni ta' proċedimenti ta' insolvenza prinċipali u territorjali u sekondarji li jikkonċernaw lill-istess debitur, il-qorti li jkollha talba pendenti quddiemha għall-ftuħ tal-proċedimenti ta' insolvenza jew li tkun fetħet dawk il-proċedimenti tikkoopera ma' kwalunkwe qorti oħra li jkollha proċedimenti ta' insolvenza pendenti quddiemha jew li tkun fetħet dawk il-proċedimenti sakemm dik il-kooperazzjoni ma tkunx inkompatibbli mar-regoli applikabbli ta' kull wieħed mill-proċedimenti. Għal dak il-għan, il-qrati jistgħu, fejn xieraq, jaħtru persuna jew entità indipendenti biex taġixxi fuq l-istruzzjonijiet tagħha, sakemm ma jkunx inkompatibbli mar-regoli applikabbli għalihom.

2. Waqt li tiġi implimentata l-kooperazzjoni stipulata fil-paragrafu 1, il-qrati, jew kwalunkwe persuna jew entità maħtura biex taġixxi f'isimhom, kif imsemmi fil-paragrafu 1, jistgħu jikkommunikaw direttament ma', jew jitolbu informazzjoni jew għajnuna direttament minn xulxin sakemm tali komunikazzjoni tirrispetta d-drittijiet proċedurali tal-partijiet għall-proċedimenti u l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni.

3. Il-kooperazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tista' tiġi implimentata bi kwalunkwe mezz li l-qorti tikkunsidra adatt. Dan jista' jikkonċerna, b'mod partikolari

(a) koordinazzjoni fil-ħatra ta' prattikanti fl-insolvenza;

(b) komunikazzjoni tal-informazzjoni b'kull mezz meqjus xieraq mill-qorti;

(c) koordinazzjoni tal-amministrazzjoni u s-sorveljanza tal-assi u l-affarijiet tad-debitur;

(d) koordinazzjoni tat-tmexxija tas-seduti;

(e) koordinazzjoni fl-approvazzjoni tal-protokolli, fejn meħtieġ.

*Artikolu 43*

**Kooperazzjoni u komunikazzjoni bejn il-prattikanti fl-insolvenza u l-qrati**

1. Sabiex tiġi ffaċilitata l-koordinazzjoni tal-proċedimenti ta' insolvenza prinċipali, territorjali u sekondarji miftuħa fir-rigward tal-istess debitur,

(a) prattikant fl-insolvenza fi proċedimenti prinċipali ta' insolvenza għandu jikkoopera u jikkomunika ma' kwalunkwe qorti li jkollha pendenti quddiemha talba għall-ftuħ ta' proċedimenti sekondarji ta' insolvenza jew li tkun fetħet dawk il-proċedimenti;

(b) prattikant fl-insolvenza fi proċedimenti ta' insolvenza territorjali jew sekondarji għandu jikkoopera u jikkomunika mal-qorti li jkollha pendenti quddiemha talba għall-ftuħ ta' proċedimenti prinċipali ta' insolvenza jew li tkun fetħet dawk il-proċedimenti, u

(c) prattikant fl-insolvenza fi proċedimenti ta' insolvenza territorjali jew sekondarji għandu jikkoopera u jikkomunika mal-qorti li jkollha quddiemha talba pendenti għall-ftuħ ta' proċedimenti territorjali jew sekondarji oħra ta' insolvenza jew li tkun fetħet dawk il-proċedimenti,

dment li tali kooperazzjoni u komunikazzjoni ma jkunux inkompatibbli mar-regoli applikabbli għal kull proċediment u ma jinkludux kwalunkwe kunflitt ta' interess.

2. Il-kooperazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tista' tiġi implimentata bi kwalunkwe mezz adatt bħal dawk li jinsabu fl-Artikolu 42(3).

*Artikolu 44*

**Spejjeż ta' kooperazzjoni u komunikazzjoni**

Ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 42 u 43 ma għandhomx iwasslu biex il-qrati jimponu spejjeż lil xulxin għal kooperazzjoni u komunikazzjoni.

*Artikolu 45*

**Eżerċizzju tad-drittijiet ta' kredituri**

1. Kwalunkwe kreditur jista' jippreżenta t-talba tiegħu fil-proċedimenti prinċipali ta' insolvenza u fi kwalunkwe proċediment sekondarju ta' insolvenza.

2. Il-prattikanti fl-insolvenza fil-proċedimenti prinċipali u kwalunkwe proċediment sekondarju ta' insolvenza għandhom jippreżentaw fil-proċedimenti l-oħra t-talbiet li jkunu diġà ġew ippreżentati fil-proċedimenti li għalihom ikunu ġew maħtura, dment li l-interessi tal-kredituri f'dawn il-proċedimenti tal-aħħar ikunu b'hekk moqdija, suġġett għad-dritt tal-kredituri li jopponu tali preżentazzjoni jew li jirtiraw il-preżentazzjoni tat-talbiet tagħhom meta l-liġi applikabbli hekk tipprovdi.

3. Il-prattikant fl-insolvenza fil-proċedimenti prinċipali jew sekondarji ta' insolvenza għandu jkun intitolat li jipparteċipa fi proċedimenti oħra bl-istess bażi bħala kreditur, b' mod partikolari billi jattendi laqgħat tal-kredituri.

*Artikolu 46*

**Sospensjoni tal-proċess ta' tisrif tal-assi**

1. Il-qorti, li tkun fetħet il-proċedimenti sekondarji ta' insolvenza, għandha tissospendi l-proċess ta' tisrif tal-assi kollu jew parti minnu, mal-wasla ta' talba mill-prattikant fl-insolvenza fil-proċedimenti prinċipali ta' insolvenza. F'dan il-każ, tista' tinħtieġ illi l-prattikant fl-insolvenza fil-proċedimenti prinċipali ta' insolvenza jieħu kwalukwe miżura meħtieġa sabiex jiggarantixxi l-interessi tal-kredituri fil-proċedimenti sekondarji u tal-klassijiet individwali ta' kredituri. Talba bħal din mill- prattikant fl-insolvenza tista' tkun miċħuda biss jekk ikun manifestat li ma jkollha ebda interess għall-kredituri fil-proċedimenti prinċipali ta' insolvenza. Tista' tiġi ordnata sospensjoni bħal din fil-proċess ta' tisrif tal-assi sa massimu ta' tlett xhur. Tista' titkompla jew tiġġedded għal perjodi simili.

2. Il-qorti msemmija fil-paragrafu 1 għandha tittermina s-sospensjoni tal-proċess ta' tisrif tal-assi:

(a) fuq it-talba tal- prattikant fl-insolvenza fil-proċedimenti prinċipali ta' insolvenza,

(b) fuq il-mozzjoni tagħha stess, fuq talba minn kreditur jew fuq talba tal-prattikant fl-insolvenza fil-proċedimenti sekondarji ta' insolvenza jekk dik il-miżura ma tidhirx aktar ġustifikata, b'mod partikolari, fl-interessi ta' kredituri fil-proċedimenti prinċipali ta' insolvenza jew fil-proċedimenti sekondarji ta' insolvenza.

*Artikolu 47*

**Setgħa tal-prattikant fl-insolvenza biex jipproponi pjanijiet ta' ristrutturazzjoni**

1. Fejn il-liġi tal-Istat Membru li fih ikunu nfetħu proċedimenti sekondarji ta' insolvenza tippermetti li dawn il-proċedimenti jingħalqu mingħajr likwidazzjoni bi pjan ta' ristrutturar, b'miżura komposta jew b'miżura komparabbli, il-prattikant fl-insolvenza fil-proċedimenti prinċipali ta' insolvenza għandu jkollu s-setgħa li jipproponi huwa stess miżura bħal din f'konformità mal-proċedura ta' dak l-Istat Membru.

2. Kwalunkwe restrizzjoni għad-drittijiet tal-kredituri li toriġina minn miżura msemmija fil-paragrafu 1 li tiġi proposta fi proċedimenti sekondarji ta' insolvenza, bħal sospensjoni ta' pagament jew għeluq ta' dejn, ma għandhiex ikollha effett fuq l-assi ta' debitur li ma jkunux koperti b'dawk il-proċedimenti mingħajr il-kunsens tal-kredituri kollha li jkollhom interess.

*Artikolu 48*

**Impatt tal-għeluq tal-proċedimenti ta' insolvenza**

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 49, l-għeluq tal-proċedimenti ta' insolvenza ma għandux jipprevjeni l-kontinwazzjoni ta' proċedimenti ta' insolvenza oħra li jikkonċernaw l-istess debitur li jkunu għadhom miftuħa f'dak il-mument.

2. Fejn il-proċedimenti ta' insolvenza li jikkonċernaw persuna ġuridika jew kumpannija fl-Istat Membru tal-uffiċċju reġistrat ta' dik il-persuna jew ta' dik il-kumpannija, ikunu jimplikaw ix-xoljiment tal-persuna ġuridika jew tal-kumpannija, dik il-persuna ġuridika jew il-kumpannija għandha tibqa' teżisti sakemm kwalunkwe proċediment ta' insolvenza ieħor rigward l-istess debitur ikun ingħalaq jew sa meta l-prattikant jew il-prattikanti fl-insolvenza f'dawn il-proċedimenti jkunu taw kunsens għax-xoljiment.

*Artikolu 49*

**Assi li jibqgħu fil-proċedimenti sekondarji ta' insolvenza**

Jekk bir-realizzazzjoni ta' assi fil-proċedimenti sekondarji ta' insolvenza jkun possibbli li jintlaħqu t-talbiet kollha permissibbli permezz ta' dawk il-proċedimenti, il-prattikant fl-insolvenza maħtur f'dawk il-proċedimenti għandu immedjatament jittrasferixxi xi assi li jkun baqa' lill-prattikant fl-insolvenza fil-proċedimenti prinċipali ta' insolvenza.

*Artikolu 50*

**Ftuħ sussegwenti tal-proċedimenti prinċipali ta' insolvenza**

Meta l-proċedimenti msemmija fl-Artikolu 3(1) jinfetħu wara l-ftuħ tal-proċedimenti msemmija fl-Artikolu 3(2) fi Stat Membru ieħor, l-Artikoli 41, 45, 46, 47 u 49 għandhom japplikaw għal dawk miftuħa l-ewwel, sakemm jippermetti l-progress ta' dawk il-proċedimenti.

*Artikolu 51*

**Konverżjoni ta' proċedimenti sekondarji ta' insolvenza**

1. Fuq it-talba tal-prattikant fl-insolvenza fil-proċedimenti prinċipali ta' insolvenza, il-qorti tal-Istat Membru li fiha jkunu nfetħu proċedimenti sekondarji ta' insolvenza tista' tordna li l-proċedimenti sekondarji ta' insolvenza jinbidlu f'tip ieħor ta' proċedimenti ta' insolvenza elenkati fl-Anness A, dment li jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet għall-ftuħ ta' dak it-tip ta' proċediment skont il-liġi nazzjonali u dment li dak it-tip ta' proċediment ikun l-aktar xieraq rigward l-interessi tal-kredituri lokali u l-koerenza bejn il-proċedimenti ta' insolvenza prinċipali u dawk sekondarji.

2. Meta tikkunsidra t-talba msemmija fil-paragrafu 1, il-qorti tista' titlob informazzjoni mill-prattikanti fl-insolvenza involuti fiż-żewġ proċedimenti.

*Artikolu 52*

**Miżuri ta' preservazzjoni**

Meta l-qorti ta' Stat Membru li jkollha l-ġurisdizzjoni bis-saħħa tal-Artikolu 3(1) taħtar amministratur temporanju sabiex tassigura il-preservazzjoni tal-assi tad-debitur, dak l-amministratur temporanju għandu jkun awtorizzat li jitlob kwalunkwe miżura sabiex jassigura u jippreserva xi assi ta' debitur li jkunu jinsabu fi Stat Membru ieħor, kif previst skont il-liġi ta' dak l-Istat Membru, għall-perjodu bejn it-talba għal ftuħ tal-proċedimenti ta' insolvenza u s-sentenza għal ftuħ tal-proċedimenti.

KAPITOLU IV

**GĦOTI TA' INFORMAZZJONI GĦAL KREDITURI U PREŻENTAZZJONI TAT-TALBIET TAGĦHOM**

*Artikolu 53*

**Dritt ta' preżentazzjoni ta' talbiet**

Kwalunkwe kreditur barrani, jista' jressaq pretensjonijiet fi proċedimenti ta' insolvenza bi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni, li jkun aċċettat bil-liġi tal-Istat tal-ftuħ tal-proċedimenti. Ir-rappreżentanza minn avukat jew professjonist ġuridiku ieħor ma għandhiex tkun obbligatorja għall-fini uniku tat-tressiq ta' pretensjonijiet.

*Artikolu 54*

**Dmir li jiġu infurmati l-kredituri**

1. Malli jinfetħu proċedimenti ta' insolvenza fi Stat Membru, il-qorti ta' dak l-Istat li jkollha l-ġurisdizzjoni, jew il-prattikant fl-insolvenza maħtur minn dik il-qorti, għandha immedjatament tinforma lill-kredituri magħrufa barranin.

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, ipprovduta b'avviż individwali, għandha b'mod partikolari tinkludi limiti taż-żmien, il-penalitajiet imposti rigward dawk il-limiti ta' żmien, il-korp jew l-awtorità awtorizzata li taċċetta l-preżentazzjoni ta' talbiet u ta' kwalunkwe miżuri oħra stabbiliti. Avviż bħal dan għandu wkoll jindika jekk il-kredituri li t-talbiet tagħhom ikunu preferenzjali jew assigurati in rem jeħtieġx li jippreżentaw it-talbiet tagħhom. L-avviż għandu jinkludi wkoll kopja tal-formola standard għat-tressiq ta' pretensjonijiet imsemmija fl-Artikolu 55 jew informazzjoni dwar fejn tkun disponibbli dik il-formola.

3. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandha tiġi provduta bl-użu tal-formola standard għall-avviżi li għandha tiġi stabbilita f'konformità mal-Artikolu 88. Il-formola għandha tiġi ppubblikata fil-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika u għandu jkollha l-intestatura "Avviż ta' proċedimenti ta' insolvenza" bil-lingwi uffiċjali kollha tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Hija għandha tiġi trażmessa bil-lingwi uffiċjali tal-Istat tal-ftuħ tal-proċedimenti jew, jekk ikun hemm diversi lingwi uffiċjali f'dak l-Istat Membru, bil-lingwa uffiċjali jew b'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-post fejn il-proċedimenti tal-insolvenza jkunu nfetħu, jew b'lingwa oħra li dak l-Istat ikun indika li jista' jaċċetta f'konformità mal-Artikolu 55(5) jekk ikun preżunt li dik il-lingwa tkun aktar faċli biex tinftiehem mill-kredituri barranin.

4. Fi proċedimenti ta' insolvenza fir-rigward ta' individwu li ma jeżerċitax attività professjonali jew ta' negozju, l-użu tal-formola standard imsemmija f'dan l-Artikolu ma għandux ikun obbligatorju jekk il-kredituri ma jkunux meħtieġa jippreżentaw il-pretensjonijiet tagħhom sabiex jittieħed kont tad-djun tagħhom fil-proċedimenti.

*Artikolu 55*

**Proċedura għat-tressiq tal-pretensjonijiet**

1. Kwalunkwe kreditur barrani jista' jressaq il-pretensjoni tiegħu bl-użu tal-formola standard tal-pretensjonijiet li għandha tiġi stabbilita f'konformità mal-Artikolu 88. Il-formola għandu jkollha l-intestatura "Tressiq ta' pretensjonijiet" bil-lingwi uffiċjali kollha tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

2. Il-formola standard tal-pretensjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem, l-indirizz postali, l-indirizz elettroniku, jekk jeżisti, in-numru ta' identifikazzjoni personali, jekk jeżisti, u d-dettalji tal-bank tal-kreditur barrani imsemmi fil-paragrafu 1;

(b) l-ammont tal-pretensjoni, li jispeċifika l-kapital u, fejn applikabbli, l-interessi u d-data ta' meta bdiet u d-data meta kellha titħallas, jekk tkun differenti;

(c) jekk jintalbu interessi, ir-rata tal-interessi, jekk l-interessi humiex ta' natura legali jew kuntrattwali, il-perjodu ta' żmien li fih jintalbu l-interessi u l-ammont ta' interessi kkapitalizzat;

(d) jekk jintalbu l-ispejjeż li jkunu ġġarrbu fit-twettiq tal-pretensjoni qabel il-ftuħ tal-proċedimenti, l-ammont u d-dettalji ta' dawk l-ispejjeż;

(e) in-natura tal-pretensjoni;

(f) jekk hux qed jintalab kwalunkwe status ta' kreditur preferenzjali u l-bażi ta' din il-pretensjoni;

(g) jekk hux qed jintalab titolu in rem jew riżerva ta' titolu fir-rigward tal-pretensjoni u jekk ikun hekk, x'assi huma koperti mit-titolu li qed jinvoka, id-data meta ngħatat il-garanzija u, f'każ li l-garanzija tkun ġiet irreġistrata, in-numru ta' reġistrazzjoni; u

(h) jekk hux qed tintalab tpaċija u, jekk ikun hekk, l-ammonti tal-pretensjonijiet reċiproċi li jkun hemm fid-data meta nfetħu l-proċedimenti ta' insolvenza, id-data meta bdew u l-ammont nett tat-tpaċija mitluba.

Il-formola standard tal-pretensjonijiet għandha tkun akkumpanjata minn kwalunkwe kopji ta' dokumenti ta' sostenn.

3. Il-formola standard tal-pretensjonijiet għandha tindika li l-għoti ta' informazzjoni rigward id-dettalji tal-bank u n-numru ta' identifikazzjoni personali tal-kreditur imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 2 mhuwiex obbligatorji.

4. Fejn kreditur iressaq il-pretensjoni tiegħu b'mezzi oħra u mhux bil-formola standard imsemmija fil-paragrafu 1, il-pretensjoni tiegħu għandu jkun fiha l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2.

5. Il-pretensjonijiet jistgħu jitressqu bi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Il-qorti, il-prattikant fl-insolvenza jew id-debitur fil-pussess jista' jitlob lill-kreditur jipprovdi traduzzjoni bil-lingwa uffiċjali tal-Istat tal-ftuħ tal-proċedimenti jew, jekk ikun hemm diversi lingwi uffiċjali f'dak l-Istat Membru, bil-lingwa uffiċjali jew b'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-post fejn ikunu nfetħu l-proċedimenti tal-insolvenza, jew b'lingwa oħra li dak l-Istat Membru ikun indika li jista' jaċċetta. Kull Stat Membru għandu jindika jekk jaċċettax xi lingwa uffiċjali tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni minbarra tiegħu li hija aċċettabbli għalih għall-fini tat-tressiq ta' pretensjonijiet.

6. Il-pretensjonijiet għandhom jitressqu fil-perjodu stipulat mil-liġi tal-Istat tal-ftuħ tal-proċedimenti. Fil-każ ta' kreditur barrani, dak il-perjodu ma għandux ikun inqas minn 30 jum wara l-pubblikazzjoni tal-ftuħ tal-proċedimenti tal-insolvenza fir-reġistru tal-insolvenza tal-Istat tal-ftuħ tal-proċedimenti. Fejn Stat Membru jiddependi fuq l-Artikolu 24(4), dak il-perjodu ma għandux ikun anqas minn 30 ġurnata minn meta jkun infurmat il-kreditur skont l-Artikolu 54.

7. Fejn il-qorti, il-prattikant fl-insolvenza jew id-debitur fil-pussess ikollu dubji fir-rigward ta' pretensjoni mressqa f'konformità ma' dan l-Artikolu, huwa għandu jagħti lill-kreditur l-opportunità li jipprovdi evidenza addizzjonali dwar l-eżistenza u l-ammont tal-pretensjoni.

## KAPITOLU V

## PROĊEDIMENTI TA' INSOLVENZA TA' MEMBRI TA' GRUPP TA' KUMPANNIJI

### *TAQSIMA 1*

### ***Kooperazzjoni u komunikazzjoni***

#### *Artikolu 56*

#### **Kooperazzjoni u komunikazzjoni bejn ir-rappreżentanti tal-insolvenza**

1. Meta l-proċedimenti ta' insolvenza jkunu relatati ma' żewġ membri jew iktar ta' grupp ta' kumpanniji, prattikant fl-insolvenza maħtur fil-proċedimenti li jikkonċernaw membru tal-grupp għandu jikkoopera ma' kwalunkwe prattikant fl-insolvenza maħtur fi proċedimenti li jikkonċernaw membru ieħor tal-istess grupp dment li dik il-kooperazzjoni tkun

adatta biex tiġi ffaċilitata l-amministrazzjoni effettiva ta' dawn il-proċedimenti, tkun kompatibbli mar-regoli applikabbli għal dawn il-proċedimenti u ma tikkostitwixxi l-ebda kunflitt ta' interess. Dik il-kooperazzjoni tista' tkun fi kwalunkwe għamla, inkluża l-konklużjoni ta' ftehimiet jew protokolli.

2. Fl-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni prevista fil-paragrafu 1, il-prattikanti fl-insolvenza għandhom

(a) jikkomunikaw lil xulxin kemm jista' jkun malajr kull informazzjoni oħra li tista' tkun rilevanti għall-proċedimenti l-oħra, sakemm ikunu saru l-arranġamenti xierqa għall-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali;

(b) jikkunsidraw jekk hemmx il-possibbiltà li jikkoordinaw l-amministrazzjoni u s-superviżjoni tal-affarijiet tal-membri tal-grupp li huma soġġetti għall-proċedimenti ta' insolvenza, u jekk ikun il-każ, jikkoordinaw din l-amministrazzjoni u s-superviżjoni;

(c) jikkunsidraw jekk hemmx possibbiltajiet ta' ristrutturazzjoni tal-membri tal-grupp li huma soġġetti għal proċedimenti ta' insolvenza u, jekk ikun il-każ, jikkoordinaw fir-rigward tal-proposta u n-negozjati għal pjan ta' ristrutturazzjoni kkoordinat;

Għall-finijiet tal-punti (b) u (c), xi wħud mill-prattikanti fl-insolvenza msemmija fil-paragrafu 1, jew kollha kemm huma, jistgħu jaqblu li jingħataw setgħat addizzjonali lill-prattikant fl-insolvenza li jkun ġie maħtur f'wieħed mill-proċedimenti fejn dan it-tip ta' ftehim hu permess mir-regoli applikabbli għal kull wieħed mill-proċedimenti. Huma jistgħu jilħqu qbil ukoll dwar l-allokazzjoni ta' ċerti kompiti bejniethom, fejn tali allokazzjoni ta' kompiti tkun permessa mir-regoli li japplikaw għal kull wieħed mill-proċedimenti.

*Artikolu 57*

**Kooperazzjoni u komunikazzjoni bejn il-qrati**

1. Meta l-proċedimenti ta' insolvenza jkunu relatati ma' żewġ membri jew iktar ta' grupp ta' kumpanniji, il-qorti li tkun fetħet dawn il-proċedimenti għandha tikkoopera ma' kull qorti oħra li jkollha pendenti quddiemha talba biex jinfetħu proċedimenti fir-rigward ta' membru ieħor tal-istess grupp jew li tkun fetħet dawk il-proċedimenti, dment li dik il-kooperazzjoni tkun xierqa biex tiġi ffaċilitata l-amministrazzjoni effettiva tal-proċedimenti, ma tkunx inkompatibbli mar-regoli li japplikaw għalihom u ma tikkostitwixxi l-ebda kunflitt ta' interess. Għal dak il-għan, il-qrati jistgħu, fejn xieraq, jaħtru persuna jew entità indipendenti biex taġixxi fuq l-istruzzjonijiet tagħhom, sakemm dan ma jkunx kompatibbli mar-regoli li japplikaw għalihom.

2. Fl-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni prevista fil-paragrafu 1, il-qrati, jew kwalunkwe persuna jew entità maħtura biex taġixxi f'isimhom, kif imsemmi fil-paragrafu 1, jistgħu jikkommunikaw ma' xulxin direttament, jew jitolbu informazzjoni jew assistenza direttament minn xulxin, dment li din il-komunikazzjoni tirrispetta d-drittijiet proċedurali tal-partijiet fil-proċedimenti u l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni.

3. Il-kooperazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tista' tiġi implimentata bi kwalunkwe mezz li l-qorti tqis li jkun adatt. Tista' b'mod partikolari, tikkonċerna

(a) koordinazzjoni fil-ħatra ta' prattikanti fl-insolvenza;

(b) il-komunikazzjoni tal-informazzjoni b'kull mezz meqjus xieraq mill-qorti;

(c) koordinazzjoni tal-amministrazzjoni u s-superviżjoni tal-assi u l-affarijiet tal-membri tal-grupp;

(d) koordinazzjoni tat-tmexxija tas-seduti;

(e) koordinazzjoni fl-approvazzjoni tal-protokolli, fejn meħtieġ.

*Artikolu 58*

**Kooperazzjoni u komunikazzjoni bejn prattikanti fl-insolvenza u l-qrati**

Prattikant fl-insolvenza maħtur fi proċedimenti ta' insolvenza fir-rigward ta' membru ta' grupp ta' kumpanniji:

(a) għandu jikkoopera u jikkomunika ma' kwalunkwe qorti oħra li jkollha pendenti quddiemha talba biex jinfetħu proċedimenti fir-rigward ta' membru ieħor tal-istess grupp ta' kumpanniji jew li tkun fetħet dawk il-proċedimenti; u

(b) jista' jitlob lil dik il-qorti, informazzjoni li tikkonċerna l-proċedimenti fir-rigward tal-membru l-ieħor tal-grupp jew jitlob assistenza li tikkonċerna l-proċedimenti li hu jkun inħatar fihom,

dment li dik il-kooperazzjoni u komunikazzjoni jkunu xierqa sabiex tiġi ffaċilitata l-amministrazzjoni effettiva tal-proċedimenti, ma jikkostitwixxu l-ebda kunflitt ta' interess u jkunu kompatibbli mar-regoli li japplikaw għalihom.

*Artikolu 59*

**Spejjeż marbutin mal-kooperazzjoni u l-komunikazzjoni fi proċedimenti li jikkonċernaw membri ta' grupp ta' kumpanniji**

L-ispejjeż tal-kooperazzjoni u l-komunikazzjoni provduti fl-Artikoli 56 sa 60 li jiġu mġarrba minn prattikant fl-insolvenza jew qorti, għandhom jitqiesu bħala spejjeż u nfiq imġarrba fil-proċedimenti.

*Artikolu 60*

**Setgħat tal-prattikant fl-insolvenza fi proċedimenti li jikkonċernaw membri ta' grupp ta' kumpanniji**

1. Prattikant fl-insolvenza maħtur fi proċedimenti ta' insolvenza li jkunu nfetħu fir-rigward ta' membru ta' grupp ta' kumpanniji jista', dment li dan ikun xieraq biex tiġi ffaċilitata l-amministrazzjoni effettiva tal-proċedimenti,

(a) jixhed fi kwalunkwe wieħed mill-proċedimenti miftuħa fir-rigward ta' kwalunkwe membru ieħor tal-istess grupp;

(b) jitlob sospensjoni ta' kwalunkwe miżura marbuta mat-tisrif tal-assi fil-proċedimenti miftuħa fir-rigward ta' kwalunkwe membru ieħor tal-istess grupp, dment li:

(i) ikun ġie propost pjan ta' ristrutturazzjoni għal xi membri tal-grupp jew kollha kemm huma li għalihom ikunu nfetħu proċediment ta' insolvenza skont il-punt (c) tal-Artikolu 56(2) u dan jippreżenta probabbiltà raġonevoli ta' suċċess;

(ii) tali sospensjoni meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa tal-pjan ta' ristrutturazzjoni;

(iii) il-pjan ta' ristrutturazzjoni jkun għall-benefiċċju tal-kredituri fil-proċedimenti li għalihom tkun intalbet is-sospensjoni; u

(iv) la l-proċedimenti ta' insolvenza li fihom inħatar il-prattikant fl-insolvenza msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u lanqas il-proċedimenti li fir-rigward tagħhom hi rikjesta s-sospensjoni mhuma soġġetti għal koordinazzjoni skont it-Taqsima 2 ta' dan il-Kapitolu;

(c) jagħmel rikors biex jinfetħu proċedimenti ta' koordinazzjoni tal-grupp f'konformità mal-Artikolu 61.

2. Il-qorti li tkun fetħet il-proċedimenti msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1 għandha tissospendi kompletament jew parzjalment kwalunkwe miżura marbuta mat-tisrif tal-assi fil-proċedimenti jekk tkun sodisfatta li jkunu ġew sodisfatti l-kondizzjonijiet imsemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1.

Qabel ma tordna s-sospensjoni, il-qorti għandha tisma' x-xhieda tal-prattikant fl-insolvenza maħtur fil-proċedimenti li tkun intalbet is-sospensjoni tagħhom. Tali sospensjoni tista' tiġi ordnata għal kwalunkwe perjodu, li ma jaqbiżx tliet xhur, li l-qorti tqis li jkun xieraq u li jkun kompatibbli mar-regoli li japplikaw għall-proċedimenti.

Il-qorti li tordna s-sospensjoni tista' titlob li l-prattikant fl-insolvenza msemmi fil-paragrafu 1 jieħu kwalunkwe miżura adatta disponibbli skont il-liġi nazzjonali biex jiġu ggarantiti l-interessi tal-kredituri fil-proċedimenti.

Il-qorti tista' testendi t-tul tas-sospensjoni b'tali perjodu jew perjodi oħrajn li hi tqis li huma xierqa u li huma kompatibbli mar-regoli applikabbli fil-proċedimenti dment li l-kondizzjonijiet imsemmija fil-punti (b)(ii) sa (iv) tal-paragrafu 1 jibqgħu jiġu sodisfatti u li t-tul ta' żmien tas-sospensjoni (il-perjodu inizjali flimkien ma' kwalunkwe estensjoni ta' dan it-tip) ma jaqbiżx sitt xhur.

TAQSIMA 2

***Koordinazzjoni***

Subtaqsima 1

**Proċedura**

*Artikolu 61*

**Talba biex jinfetħu proċedimenti ta' koordinazzjoni tal-grupp**

1. Tista' ssir talba għal proċedimenti ta' koordinazzjoni tal-grupp quddiem kwalunkwe qorti li jkollha ġurisdizzjoni fir-rigward tal-proċedimenti ta' insolvenza ta' membru tal-grupp minn prattikant fl-insolvenza maħtur fi proċedimenti ta' insolvenza li jkunu nfetħu fir-rigward ta' membru tal-grupp.

2. It-talba msemmija fil-paragrafu 1 għandha ssir f'konformità mal-kondizzjonijiet provduti fil-liġi applikabbli għall-proċedimenti li fihom ikun inħatar il-prattikant fl-insolvenza.

3. It-talba msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun akkumpanjata minn:

(a) proposta rigward persuna li ser tiġi nnominata bħala l-koordinatur tal-grupp ("il-koordinatur"), dettalji dwar l-eliġibbiltà tiegħu jew tagħha skont l-Artikolu 71, dettalji tal-kwalifiki tiegħu jew tagħha u qbil bil-miktub min-naħa tiegħu jew tagħha li ser taġixxi ta' koordinatur;

(b) deskrizzjoni ġenerali tal-koordinazzjoni proposta tal-grupp u b'mod partikolari r-raġunijiet għalfejn il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 63(1) ikunu ġew sodisfatti;

(c) lista tal-prattikanti fl-insolvenza maħtura fir-rigward tal-membri tal-grupp u, fejn rilevanti, il-qrati u l-awtoritajiet kompetenti involuti fil-proċedimenti ta' insolvenza tal-membri tal-grupp;

(d) deskrizzjoni ġenerali tal-estimi tal-ispejjeż ta' koordinazzjoni proposta tal-grupp u l-estimi tas-sehem ta' dawk l-ispejjeż li għandu jitħallas minn kull membru tal-grupp.

*Artikolu 62*

**Regola ta' prijorità**

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 66, fejn jintalab il-ftuħ ta' proċedimenti ta' koordinazzjoni tal-grupp quddiem qrati ta' Stati Membri differenti, kwalunkwe qorti li ma tkunx l-ewwel qorti invokata għandha tastjenti mill-ġurisdizzjoni favur dik il-qorti.

*Artikolu 63*

**Notifika mill-qorti invokata**

1. Il-qorti invokata b'talba biex tiftaħ proċedimenti ta' koordinazzjoni tal-grupp għandha tinnotifika malajr kemm jista' jkun it-talba għall-ftuħ tal-proċedimenti ta' koordinazzjoni tal-grupp u l-koordinatur propost lill-prattikanti fl-insolvenza maħtura fir-rigward tal-membri tal-grupp kif indikat fit-talba msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 61(3), jekk tkun sodisfatta li:

(a) il-ftuħ ta' tali proċedimenti jkun adatt biex tiġi ffaċilitata l-amministrazzjoni effettiva tal-proċedimenti ta' insolvenza li jkunu relatati ma' membri differenti tal-grupp;

(b) l-ebda kreditur ta' xi wieħed mill-membri tal-grupp li jkun mistenni li ser jipparteċipa fil-proċedimenti x'aktarx li jiġi żvantaġġat finanzjarjament mill-inklużjoni ta' dak il-membru f'tali proċedimenti; u

(c) il-koordinatur propost jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 71.

2. In-notifika msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha telenka l-elementi msemmija fil-punti (a) sa (d) tal-Artikolu 61(3).

3. In-notifika msemmija fil-paragrafu 1 għandha tintbagħat permezz ta' ittra rreġistrata, attestata permezz ta' konferma tar-riċevuta.

4. Il-qorti invokata għandha tagħti lill-prattikanti fl-insolvenza involuti, l-opportunità li jinstemgħu.

*Artikolu 64*

**Oġġezzjonijiet mill-prattikanti fl-insolvenza**

1. Prattikant fl-insolvenza maħtur fir-rigward ta' kwalunkwe membru tal-grupp jista' joġġezzjona għal,

(a) l-inklużjoni fil-proċedimenti ta' koordinazzjoni tal-grupp tal-proċedimenti ta' insolvenza li għalihom ikun inħatar jew;

(b) il-persuna proposta bħala koordinatur.

2. L-oġġezzjonijiet skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jitressqu fil-qorti msemmija fl-Artikolu 63 fi żmien 30 jum minn meta tasal in-notifika tat-talba għall-ftuħ ta' proċedimenti ta' koordinazzjoni tal-grupp mill-prattikant fl-insolvenza msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Aritkolu.

L-oġġezzjoni tista' ssir permezz tal-formola standard stabbilita f'konformità mal-Artikolu 88.

3. Qabel ma jiddeċiedi jekk għandux jipparteċipa jew le fil-koordinazzjoni skont il-punt (a) tal-paragrafu 1, il-prattikant fl-insolvenza għandu jikseb kwalunkwe approvazzjoni li tista' tkun meħtieġa skont il-liġi tal-Istat tal-ftuħ tal-proċedimenti li għalihom ikun inħatar.

*Artikolu 65*

**Konsegwenzi tal-oġġezzjoni għall-inklużjoni fil-koordinazzjoni tal-grupp**

1. Meta prattikant fl-insolvenza jkun oġġezzjona għall-inklużjoni tal-proċedimenti li għalihom ikun inħatar fil-proċedimenti ta' koordinazzjoni tal-grupp, dawk il-proċedimenti ma għandhomx jiġu inklużi fil-proċedimenti ta' koordinazzjoni tal-grupp.

2. Is-setgħat tal-qorti msemmija fl-Artikolu 68 jew tal-koordinatur li jirriżultaw minn dawk il-proċedimenti ma għandu jkollhom l-ebda effett fir-rigward ta' dak il-membru, u ma għandhomx jinvolvu spejjeż għal dak il-membru.

*Artikolu 66*

**Għażla tal-qorti għal proċedimenti ta' koordinazzjoni tal-grupp**

1. Meta tal-inqas żewġ terzi mill-prattikanti fl-insolvenza kollha maħtura fil-proċedimenti ta' insolvenza tal-membri tal-grupp ikunu qablu li qorti ta' Stat Membru ieħor li jkollha l-ġurisdizzjoni tkun l-aktar qorti adatta għall-ftuħ ta' proċedimenti ta' koordinazzjoni tal-grupp, dik il-qorti għandu jkollha ġurisdizzjoni esklussiva.

2. L-għażla tal-qorti għandha ssir bi ftehim konġunt bil-miktub jew evidenzjat bil-miktub. Din tista' ssir sakemm jinfetħu proċedimenti ta' koordinazzjoni tal-grupp f'konformità mal-Artikolu 68.

3. Kwalunkwe qorti minbarra l-qorti invokata skont il-paragrafu 1 għandha tastjeni mill-ġurisdizzjoni favur dik il-qorti.

4. It-talba għall-ftuħ ta' proċedimenti ta' koordinazzjoni tal-grupp għandha titressaq quddiem il-qorti li jkun intlaħaq qbil dwarha f'konformità mal-Artikolu 61.

*Artikolu 67*

**Konsegwenzi ta' oġġezzjonijiet għall-koordinatur propost**

Meta jaslu oġġezzjonijiet għall-ħatra tal-persuna proposta bħala koordinatur propost minn prattikant fl-insolvenza li ma joġġezzjonax ukoll għall-inklużjoni fil-proċedimenti ta' koordinazzjoni tal-grupp tal-membru li għalih ikun inħatar, il-qorti tista' tibqa' lura milli taħtar lil dik il-persuna u tistieden lill-prattikant fl-insolvenza li jkun oġġezzjonaw biex jippreżenta talba ġdida f'konformità mal-Artikolu 61(3).

*Artikolu 68*

**Deċiżjoni ta' ftuħ ta' proċedimenti ta' koordinazzjoni**

1. Wara l-iskadenza tal-perjodu msemmi fl-Artikolu 64(2), il-qorti tista' tiftaħ proċedimenti ta' koordinazzjoni tal-grupp, meta tkun sodisfatta li l-kondizzjonijiet tal-Artikolu 63(1) ikunu ntlaħqu. F'dan il-każ, il-qorti għandha

(a) taħtar koordinatur;

(b) tiddeċiedi dwar il-pjan ta' koordinazzjoni; u

(c) tieħu deċiżjoni dwar l-estimi tal-ispejjeż u s-sehem li għandu jitħallas mill-membri tal-grupp.

2. Id-deċiżjoni rigward il-ftuħ ta' proċedimenti ta' koordinazzjoni tal-grupp għandha tiġi nnotifikata lill-prattikanti fl-insolvenza parteċipanti u lill-koordinatur.

*Artikolu 69*

**Inklużjoni fakultattiva sussegwenti mill-prattikanti fl-insolvenza**

1. F'konformità mal-liġi nazzjonali, kwalunkwe prattikant fl-insolvenza jista' jitlob, wara d-deċiżjoni tal-qorti msemmija fl-Artikolu 68, l-inklużjoni tal-proċedimenti li għalihom ikun inħatar, fejn

(a) kien hemm oġġezzjoni għall-inklużjoni tal-proċedimenti ta' insolvenza fil-proċedimenti ta' koordinazzjoni tal-grupp, jew

(b) il-proċedimenti ta' insolvenza rigward membru tal-grupp ikunu nfetħu wara li l-qorti tkun fetħet proċedimenti ta' koordinazzjoni tal-grupp.

2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4, il-koordinatur jista' jaċċetta din it-talba wara li jkun ikkonsulta lill-prattikanti fl-insolvenza involuti jekk

(a) ikun jew tkun sodisfatta li, b'kont meħud tal-istadju li jkun intlaħaq mill-proċedimenti ta' koordinazzjoni tal-grupp meta ssir it-talba, il-kriterji stipulati fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 63(1) ikunu ġew sodisfatti; jew

(b) il-prattikanti kollha fl-insolvenza involuti jaqblu, soġġett għall-kondizzjonijiet fil-liġi nazzjonali tagħhom.

3. Il-koordinatur għandu jinforma lill-qorti u lill-prattikanti fl-insolvenza parteċipanti bid-deċiżjoni tiegħu jew tagħha skont il-paragrafu 2 u bir-raġunijiet li fuqhom ikun ibbaża d-deċiżjoni.

4. Kwalunkwe prattikant fl-insolvenza parteċipanti jew kwalunkwe prattikant fl-insolvenza li t-talba tiegħu għal inklużjoni fil-proċedimenti ta' koordinazzjoni tal-grupp tkun ġiet rifjutata jista' jikkontesta d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 2 f'konformità mal-proċedura stabbilita skont il-liġi tal-Istat Membru li fih ikunu nfetħu proċedimenti ta' koordinazzjoni tal-grupp.

*Artikolu 70*

**Rakkomandazzjonijiet u pjan ta' koordinazzjoni tal-grupp**

1. Fit-tmexxija tal-proċedimenti ta' insolvenza tagħhom, il-prattikanti fl-insolvenza għandhom jikkunsidraw ir-rakkomandazzjonijiet tal-koordinatur u l-kontenut tal-pjan ta' koordinazzjoni tal-grupp imsemmi fl-Artikolu 72(1).

2. Il-prattikant fl-insolvenza ma għandux ikun obbligat li jsegwi, kompletament jew parzjalment, ir-rakkomandazzjonijiet tal-koordinatur jew il-pjan ta' koordinazzjoni tal-grupp.

Jekk ma jsegwix ir-rakkomandazzjonijiet tal-koordinatur jew il-pjanijiet ta' koordinazjoni tal-grupp, huwa għandu jagħti r-raġunijiet għalfejn ma segwihomx lill-persuni jew lill-entitajiet li lilhom jirrapporta skont il-liġi nazzjonali tiegħu.

Subtaqsima 2

**Dispożizzjonijiet ġenerali**

*Artikolu 71*

**Il-koordinatur**

1. Il-koordinatur għandu jkun persuna eliġibbli skont il-liġi ta' Stat Membru li jaġixxi bħala prattikant fl-insolvenza.

2. Il-koordinatur ma għandux ikun wieħed mill-prattikanti fl-insolvenza maħtur biex jaġixxi fir-rigward ta' kwalunkwe wieħed mill-membri tal-grupp, u ma għandu jkollu l-ebda kunflitt ta' interess fir-rigward tal-membri tal-grupp, tal-kredituri tagħhom u l-prattikanti fl-insolvenza maħtura fir-rigward ta' kwalunkwe wieħed mill-membri tal-grupp.

*Artikolu 72*

**Kompiti u drittijiet tal-koordinatur**

1. Il-koordinatur għandu:

(a) jidentifika u jiddeskrivi fil-qosor rakkomandazzjonijiet għat-twettiq ikkoordinat tal-proċedimenti ta' insolvenza;

(b) jipproponi pjan ta' koordinazzjoni tal-grupp li jidentifika, jiddeskrivi u jirrakkomanda sett komprensiv ta' miżuri adatti għal approċċ integrat għar-riżoluzzjoni tal-insolvenzi tal-membri tal-grupp. B'mod partikolari, il-pjan jista' jinkludi proposti għal:

(i) il-miżuri li għandhom jittieħdu sabiex jiġu stabbiliti mill-ġdid ir-rendiment ekonomiku u s-solidità finanzjarja tal-grupp jew kwalunkwe parti minnu;

(ii) ir-riżoluzzjoni ta' tilwim fil-grupp innifsu fir-rigward tat-transazzjonijiet u l-azzjonijiet ta' nullità fil-grupp stess;

(iii) ftehimiet bejn il-prattikanti fl-insolvenza tal-membri tal-grupp insolventi.

2. Il-koordinatur jista' wkoll:

(a) jinstema' u jipparteċipa, b'mod partikolari billi jattendi laqgħat tal-kredituri, fi kwalunkwe wieħed mill-proċedimenti miftuħa fir-rigward ta' kwalunkwe membru ieħor tal-istess grupp;

(b) iwettaq medjazzjoni fi kwalunkwe tilwim li jqum bejn żewġ prattikanti fl-insolvenza jew iżjed tal-membri tal-grupp;

(c) jippreżenta u jispjega l-pjan ta' koordinazzjoni tal-grupp tiegħu lil persuni jew entitajiet li lilhom jirrapporta skont il-liġi nazzjonali tiegħu;

(d) jitlob informazzjoni minn kwalunkwe prattikant fl-insolvenza rigward kwalunkwe membru tal-grupp fejn tali informazzjoni tkun utli jew tista' tkun ta' użu fl-identifikazzjoni u d-deskrizzjoni ta' strateġiji u miżuri għall-koordinazzjoni tal-proċedimenti; u

(e) jitlob is-sospensjoni għal perjodu ta' mhux iktar minn sitt xhur tal-proċedimenti miftuħa fir-rigward ta' kwalunkwe membru tal-grupp, dment li tali sospensjoni tkun meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa tal-pjan u tkun għall-benefiċċju tal-kredituri fil-proċedimenti li għalihom tkun intalbet is-sospensjoni, jew jitlob it-tneħħija ta' kwalunkwe sospensjoni eżistenti. Tali talba għandha ssir lill-qorti li tkun fetħet il-proċedimenti li tkun intalbet is-sospensjoni tagħhom.

3. Il-pjan imsemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 1 ma għandux jinkludi rakkomandazzjonijiet fir-rigward ta' kwalunkwe konsolidazzjoni tal-proċedimenti jew ta' patrimonji ta' insolvenza.

4. Il-kompiti u d-drittijiet tal-koordinatur kif definiti skont dan l-Artikolu ma għandhom jiġu estiżi għall-ebda membru tal-grupp li mhuwiex qiegħed jipparteċipa fi proċedimenti ta' koordinazzjoni tal-grupp.

5. Il-koordinatur għandu jwettaq dmirijietu b'mod imparzjali u bl-attenzjoni dovuta.

6. Meta l-koordinatur jistma li biex iwettaq il-kompiti tiegħu jeħtieġ li l-ispejjeż jiżdiedu b'mod sinifikanti meta mqabbla mal-estimi tal-ispejjeż imsemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 61(3), u fi kwalunkwe każ, fejn l-ispejjeż jaqbżu 10 % tal-estimi tal-ispejjeż, il-koordinatur għandu

(a) jinforma mingħajr dewmien lill-prattikanti fl-insolvenza parteċipanti, u

(b) ifittex l-approvazzjoni minn qabel tal-qorti li tiftaħ il-proċedimenti għall-koordinazzjoni tal-grupp.

*Artikolu 73*

**Lingwi**

1. Il-kordinatur għandu jikkomunika mal-prattikant fl-insolvenza ta' membru tal-grupp parteċipanti bil-lingwa miftiehma mal-prattikant fl-insolvenza jew, fin-nuqqas ta' qbil, fil-lingwa uffiċjali jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, u tal-qorti li tkun fetħet il-proċedimenti fir-rigward ta' dak il-membru tal-grupp.

2. Il-koordinatur għandu jikkomunika ma' qorti bil-lingwa uffiċjali applikabbli għal dik il-qorti.

*Artikolu 74*

**Kooperazzjoni bejn il-prattikanti fl-insolvenza u l-koordinatur**

1. Il-prattikanti fl-insolvenza maħtura b'rabta mal-membri tal-grupp u l-koordinatur għandhom jikkooperaw ma' xulxin dment li tali kooperazzjoni tkun kompatibbli mar-regoli li japplikaw għall-proċedimenti rispettivi.

2. B'mod partikolari, il-prattikanti fl-insolvenza għandhom jikkomunikaw kwalunkwe informazzjoni li tkun rilevanti għall-koordinatur biex iwettaq il-kompiti tiegħu jew tagħha.

*Artikolu 75*

**Revoka tal-ħatra tal-koordinatur**

Il-qorti għandha tirrevoka l-ħatra tal-koordinatur ex officio jew fuq talba tal-prattikant fl-insolvenza ta' membru tal-grupp parteċipanti fejn:

(a) il-koordinatur jaġixxi bi ħsara għall-kredituri ta' membru tal-grupp parteċipanti; jew

(b) il-koordinatur ma jikkonformax mal-obbligi tiegħu jew tagħha skont dan il-Kapitolu.

*Artikolu 76*

**Debitur fil-pussess**

Id-dispożizzjonijiet applikabbli, taħt dan il-Kapitolu, għall-prattikant fl-insolvenza għandhom ukoll japplikaw, kif xieraq għad-debitur fil-pussess.

*Artikolu 77*

**Spejjeż u distribuzzjoni**

1. Ir-remunerazzjoni għall-koordinatur għandha tkun adegwata, proporzjonata mal-kompiti mwettqa u għandha tirrifletti spejjeż raġonevoli.

2. Meta jkun wettaq il-kompiti tiegħu jew tagħha, il-koordinatur għandu jistabbilixxi d-dikjarazzjoni finali tal-ispejjeż u s-sehem li għandu jitħallas minn kull membru, u jippreżenta din id-dikjarazzjoni lil kull prattikant fl-insolvenza parteċipanti u lill-qorti li tiftaħ il-proċedimenti ta' koordinazzjoni.

3. Fin-nuqqas ta' oġġezzjonijiet mill-prattikanti fl-insolvenza fi żmien 30 jum minn meta tasal id-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, għandu jitqies li jkun intlaħaq qbil dwar l-ispejjeż u s-sehem li għandu jitħallas minn kull membru. Id-dikjarazzjoni għandha tiġi ppreżentata lill-qorti li tiftaħ il-proċedimenti ta' koordinazzjoni għal konferma.

4. Fil-każ ta' oġġezzjoni, abbażi ta' applikazzjoni mill-koordinatur jew kwalunkwe prattikant fl-insolvenza parteċipanti, il-qorti li tkun fetħet il-proċedimenti ta' koordinazzjoni tal-grupp għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż u s-sehem li għandu jitħallas minn kull Membru f'konformità mal-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, u b'kont meħud tal-estimi tal-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu 68(1) u, fejn applikabbli, l-Artikolu 72(6).

5. Kwalunkwe prattikant fl-insolvenza parteċipanti jista' jikkontesta d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 4 f'konformità mal-proċedura stabbilita skont il-liġi tal-Istat Membru fejn ikunu nfetħu proċedimenti ta' koordinazzjoni tal-grupp.

KAPITOLU VI

**PROTEZZJONI TAD-DATA**

*Artikolu 78*

**Protezzjoni tad-*data***

1. Ir-regoli nazzjonali li jimplimentaw id-Direttiva 95/46/KE għandhom japplikaw għall-ipproċessar ta' *data* personali li jsir fl-Istati Membri skont dan ir-Regolament dment li l-operazzjonijiet tal-ipproċessar imsemmija fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 95/46/KE ma jiġux affettwati.

2. Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 għandu japplika għall-ipproċessar tad-*data* personali li jsir mill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament.

*Artikolu 79*

**Responsabbiltajiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali f'reġistri nazzjonali ta' insolvenza**

1. Kull Stat Membru għandu jikkomunika lill-Kummissjoni l-isem tal-persuna fiżika jew ġuridika, l-awtorità pubblika, l-aġenzija jew kwalunkwe entità oħra maħtura bil-liġi nazzjonali biex teżerċita l-funzjonijiet ta' kontrollur f'konformità mal-punt (d) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 95/46/KE, bil-ħsieb li dan jiġi ppubblikat fil-Portal Ewropew tal-Ġustizzja elettronika.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu implimentati l-miżuri tekniċi biex tiġi żgurata s-sigurtà tad-*data* personali pproċessata fir-reġistri nazzjonali tagħhom ta' insolvenza msemmija fl-Artikolu 24.

3. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli biex jiġi vverifikat li l-kontrollur, maħtur bil-liġi nazzjonali f'konformità mal-punt (d) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 95/46/KE, jiżgura l-konformità mal-prinċipji tal-kwalità tad-*data*, b'mod partikolari l-preċiżjoni u l-aġġornament tad-*data* maħżuna fir-reġistri nazzjonali ta' insolvenza.

4. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli, f'konformità mad-Direttiva 95/46/KE, għall-ġbir u l-ħżin ta' *data* f'bażijiet ta' *data* nazzjonali u għal deċiżjonijiet meħudin biex din id-*data* tkun disponibbli fir-reġistru interkonness li jista' jiġi kkonsultat permezz tal-Portal Ewropew tal-Ġustizzja elettronika.

5. Bħala parti mill-informazzjoni li għandha tingħata lis-suġġetti tad-*data* sabiex ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom, u b'mod partikolari d-dritt għat-tħassir tad-*data*, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lis-suġġetti tad-*data* dwar il-perjodu ta' aċċessibbiltà stabbilit għad-*data* personali maħżuna f'reġistri ta' insolvenza.

*Artikolu 80*

**Responsabbiltajiet tal-Kummissjoni b'rabta mal-ipproċessar ta' *data* personali**

1. Il-Kummissjoni għandha teżerċita r-responsabbiltajiet tal-kontrollur skont l-Artikolu 2(d) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 f'konformità mar-responsabbiltajiet rispettivi tagħha definiti f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi l-linji politiċi meħtieġa u tapplika s-soluzzjonijiet tekniċi meħtieġa biex tissodisfa r-responsabbiltajiet tagħha fi ħdan l-ambitu tal-funzjoni ta' kontrollur.

3. Il-Kummissjoni għandha timplimenta l-miżuri tekniċi meħtieġa biex tiżgura s-sigurtà tad-*data* personali fit-transitu, b'mod partikolari l-kunfidenzjalità u l-integrità għal kwalunkwe trażmissjoni lejn il-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika u minnu.

4. L-obbligi tal-Kummissjoni ma għandhomx jaffettwaw ir-responsabbiltajiet tal-Istati Membri u entitajiet oħrajn għall-kontenut u t-tħaddim tal-bażijiet ta' *data* nazzjonali interkonnessi ġestiti minnhom.

*Artikolu 81*

**Obbligi ta' informazzjoni**

Mingħajr preġudizzju għall-informazzjoni li għandha tingħata lis-suġġetti tad-*data* f'konformità mal-Artikoli 11 u 12 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001, il-Kummissjoni għandha tinforma lis-suġġetti tad-*data*, permezz ta' pubblikazzjoni fil-Portal Ewropew tal-Ġustizzja elettronika, dwar ir-rwol tagħha fl-ipproċessar tad-*data* u l-finijiet għalfejn dik id-*data* ser tiġi pproċessata.

*Artikolu 82*

**Ħżin tad-*data* personali**

Fir-rigward tal-informazzjoni minn bażijiet ta' *data* nazzjonali interkonnessi, ma għandha tinħażen l-ebda *data* personali relatata mas-suġġetti tad-*data* fil-Portal Ewropew tal-Ġustizzja elettronika. Id-*data* kollha ta' dan it-tip għandha tiġi maħżuna f'bażijiet ta' *data* nazzjonali operati mill-Istati Membri jew entitajiet oħrajn.

*Artikolu 83*

**Aċċess għal *data* personali permezz tal-Portal Ewropew tal-Ġustizzja elettronika**

Id-*data* personali maħżuna fir-reġistri nazzjonali ta' insolvenza msemmija fl-Artikolu 24, għandha tkun aċċessibbli permezz tal-Portal Ewropew tal-Ġustizzja elettronika dment li din tibqa' aċċessibbli skont il-liġi nazzjonali.

KAPITOLU VII

**DISPOŻIZZJONIJIET TRANSITORJI U FINALI**

*Artikolu 84*

**Applikabilità fiż-żmien**

1. Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw biss għal proċedimenti ta' insolvenza miftuħa wara s-26 ta' Ġunju 2017. Atti kommessi minn debitur qabel dik id-*data* għandhom jibqgħu jiġu rregolati bil-liġi li kienet applikabbli għalihom fiż-żmien ta' meta saru.

2. Minkejja l-Artikolu 91 ta' dan ir-Regolament, ir-Regolament (KE) Nru 1346/2000 għandu jkompli japplika għal proċedimenti ta' insolvenza li jaqgħu fl-ambitu ta' dak ir-Regolament u li jkunu nfetħu qabel is-26 ta' Ġunju 2017.

*Artikolu 85*

**Relazzjonijiet għal Konvenzjonijiet**

1. Dan ir-Regolament jissostitwixxi, f'dak li għandu x'jaqsam mal-materji msemmija fih, u fir-rigward ta' relazzjonijiet bejn l-Istati Membri, il-Konvenzjonijiet konklużi bejn tnejn jew aktar Stati Membri, b'mod partikolari:

(a) il-Konvenzjoni bejn il-Belġju u Franza dwar il-Ġurisdizzjoni u l-Validità u l-Infurzar ta' Sentenzi, Deċiżjoniet tal-Arbitraġġ u Strumenti Awtentiċi, iffirmata f'Pariġi fit-8 ta' Lulju 1899;

(b) il-Konvenzjoni bejn il-Belġju u l-Awstrija dwar Falliment, Għeluq ta' Negozju, Arranġamenti, Kompożizzjoni u Sospensjoni ta' Pagamenti (bil-Protokoll Addizzjonali tat-13 ta' Ġunju 1973), iffirmata fi Brussell fis-16 ta' Lulju 1969;

(c) il-Konvenzjoni bejn il-Belġju u l-Olanda dwar il-Ġurisdizzjoni Territorjali, Falliment u l-Validità u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi, Għotjiet ta' Arbitraġġ u Strumenti Awtentiċi, iffirmata fi Brussell fit-28 ta' Marzu 1925;

(d) it-Trattat bejn il-Ġermanja u l-Awstrija dwar Falliment, Għeluq ta' Negozju, Arranġamenti u Kompożizzjoni, iffirmat fi Vjenna fil-25 ta' Mejju 1979;

(e) il-Konvenzjoni bejn Franza u l-Awstrija dwar il-Ġurisdizzjoni, l-Għarfien u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi dwar Falliment, iffirmata fi Vjenna fis-27 ta' Frar 1979;

(f) il-Konvenzjoni bejn Franza u l-Italja dwar l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi f'Materji Ċivili u Kummerċjali, iffirmata f'Ruma fit-3 ta' Ġunju 1930;

(g) il-Konvenzjoni bejn l-Italja u l-Awstrija dwar Falliment, Għeluq ta' Negozju, Arranġamenti u Kompożizzjoni, iffirmata f'Ruma fit-12 ta' Lulju 1977;

(h) il-Konvenzjoni bejn ir-Renju tal-Olanda u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja dwar l-Għarfien Reċiproku u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi u l-Istrumenti l-oħra Eżegwibbli f'Materji Ċivili u Kummerċjali, iffirmata fl-Aja fit-30 ta' Awwissu 1962;

(i) il-Konvenzjoni bejn ir-Renju Unit u r-Renju tal-Belġju li tipprevedi l-Eżekuzzjoni Reċiproka ta' Sentenzi f'Materji Ċivili u Kummerċjali, bi Protokoll, iffirmata fi Brussell fit-2 ta' Mejju 1934;

(j) il-Konvenzjoni bejn id-Danimarka, il-Finlandja, in-Norveġja, l-Iżvezja u l-Iżlanda dwar Falliment, iffirmata f'Kopenħagen fis-7 ta' Novembru 1933;

(k) il-Konvenzjoni Ewropea dwar Ċerti Aspetti Internazzjonali ta' Falliment, iffirmata f'Istanbul fil-5 ta' Ġunju 1990;

(l) il-Konvenzjoni bejn ir-Repubblika Federali tal-Poplu tal-Jugoslavja u r-Renju tal-Greċja dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku u l-Infurzar tas-Sentenzi, iffirmata f'Ateni fit-18 ta' Ġunju 1959;

(m) il-Ftehim bejn ir-Repubblika Federali tal-Poplu tal-Jugoslavja u r-Repubblika tal-Awstrija dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku u l-Infurzar ta' Għotjiet ta' Arbitraġġ u Arranġamenti ta' Arbitraġġ fi Kwistjonijiet Kummerċjali, iffirmat f'Belgrad fit-18 ta' Marzu 1960;

(n) il-Konvenzjoni bejn ir-Repubblika Federali tal-Poplu tal-Jugoslavja u r-Repubblika tal-Italja dwar il-Koperazzjoni Ġudizzjarja Reċiproka fi Kwistjonijiet Ċivili u Amministrattivi, iffirmata f'Ruma fit-3 ta' Diċembru 1960;

(o) il-Ftehim bejn ir-Repubblika Federali Soċjalista tal-Jugoslavja u r-Renju tal-Belġju dwar il-Koperazzjoni Ġudizzjarja fi Kwistjonijiet Ċivili u Kummerċjali, iffirmat f'Belgrad fl-24 ta' Settembru 1971;

(p) il-Konvenzjoni bejn il-Gvernijiet tal-Jugoslavja u Franza dwar ir-Rikonoxximent u l-Infurzar tas-Sentenzi fi Kwistjonijiet Ċivili u Kummerċjali, iffirmata f'Pariġi fit-18 ta' Mejju 1971;

(q) il-Ftehim bejn ir-Repubblika Soċjalista Ċekoslovakka u r-Repubblika Ellenika dwar l-Għajnuna Legali fi Kwistjonijiet Ċivili u Kummerċjali, iffirmat f'Ateni fit-22 ta' Ottubru 1980, li għadu fis-seħħ bejn ir-Repubblika Ċeka u l-Greċja;

(r) il-Ftehim bejn ir-Repubblika Soċjalista Ċekoslovakka u r-Repubblika ta' Ċipru dwar l-Għajnuna Legali fi Kwistjonijiet Ċivili u Kummerċjali, iffirmat f'Nikosija fit-23 ta' April 1982, li għadu fis-seħħ bejn ir-Repubblika Ċeka u Ċipru;

(s) it-Trattat bejn il-Gvern tar-Repubblika Soċjalista Ċekoslovakka u l-Gvern tar-Repubblika ta' Franza dwar l-Għajnuna Legali u r-Rikonoxximent u l-Infurzar tas-Sentenzi f'Materji Ċivili, Familjari u Kummerċjali, iffirmat f'Pariġi fl-10 ta' Mejju 1984, li għadu fis-seħħ bejn ir-Repubblika Ċeka u Franza;

(t) it-Trattat bejn ir-Repubblika Soċjalista Ċekoslovakka u r-Repubblika Taljana dwar l-Għajnuna Legali f'Materji Ċivili u Kummerċjali, iffirmat fi Praga fis-6 ta' Diċembru 1985, li għadu fis-seħħ bejn ir-Repubblika Ċeka u l-Italja;

(u) il-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Estonja u r-Repubblika tal-Litwanja dwar l-Għajnuna Legali u r-Relazzjonijiet Legali, iffirmat f'Tallinn fil-11 ta' Novembru 1992;

(v) il-Ftehim bejn l-Estonja u l-Polonja dwar l-Għoti ta' Għajnuna Legali u r-Relazzjonijiet Legali fi Kwistjonijiet Ċivili, tax-Xogħol u Kriminali, iffirmat f'Tallinn fis-27 ta' Novembru 1998;

(w) il-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Litwanja u r-Repubblika tal-Polonja dwar l-Għajnuna Legali u r-Relazzjonijiet Legali fi Kwistjonijiet Ċivili, Familjari, tax-Xogħol u Kriminali, iffirmat f'Varsavja fis-26 ta' Jannar 1993;

(x) il-Konvenzjoni bejn ir-Repubblika Soċjalista tar-Rumanija u r-Repubblika Ellenika dwar assistenza legali f'materji ċivili u kriminali u l-Protokolli tagħha, iffirmata f'Bukarest fid-19 ta' Ottubru 1972;

(y) il-Konvenzjoni bejn ir-Repubblika Soċjalista tar-Rumanija u r-Repubblika Franċiża dwar assistenza legali f'materji ċivili u kummerċjali, iffirmata f'Pariġi fil-5 ta' Novembru 1974;

(z) il-Ftehim bejn ir-Repubblika Popolari tal-Bulgarija u r-Repubblika Ellenika dwar Assistenza Legali f'Materji Ċivili u Kriminali, iffirmat f'Ateni fl-10 ta' April 1976;

(aa) il-Ftehim bejn ir-Repubblika Popolari tal-Bulgarija u r-Repubblika ta' Ċipru dwar Assistenza Legali f'Materji Ċivili u Kriminali, iffirmat f'Nikosija fid-29 ta' April 1983;

(ab) il-Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika Popolari tal-Bulgarija u l-Gvern tar-Repubblika Franċiża dwar Assistenza Legali Reċiproka f'Materji Ċivili, iffirmat f'Sofija fit-18 ta' Jannar 1989;

(ac) it-Trattat bejn ir-Rumanija u r-Repubblika Ċeka dwar assistenza ġudizzjarja f'materji ċivili, iffirmat f'Bukarest fil-11 ta' Lulju 1994;

(ad) it-Trattat bejn ir-Rumanija u r-Repubblika tal-Polonja dwar assistenza legali u relazzjonijiet legali f'każijiet ċivili, iffirmat f'Bukarest fil-15 ta' Mejju 1999.

2. Il-Konvenzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jibqgħu effettivi fir-rigward ta' proċedimenti miftuħa qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 1346/2000.

3. Dan ir-Regolament ma għandux japplika:

(a) f'xi Stat Membru, sal-limitu li ma jkunx jaqbel mal-obbligi li joriġinaw b'rabta ma' falliment minn konvenzjoni konkluża minn dak l-Istat Membru ma' pajjiż terz wieħed jew aktar qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 1346/2000;

(b) fir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, sal-limitu li dan ma jkunx jaqbel mal-obbligi li joriġinaw b'rabta ma' falliment u l-għeluq ta' negozju ta' kumpaniji insolventi minn xi arranġamenti mal-Commonwealth li jkunu eżistenti fil-waqt meta daħal fis-seħħ ir-Regolament (KE) Nru 1346/2000.

*Artikolu 86*

**Informazzjoni dwar il-liġi nazzjonali u tal-Unjoni dwar l-insolvenza**

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu, fil-qafas tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali, stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/470/KE ([1]), u bil-ħsieb li l-informazzjoni ssir disponibbli għall-pubbliku, deskrizzjoni qasira tal-leġiżlazzjoni u l-proċeduri nazzjonali tagħhom marbutin mal-insolvenza, b'mod partikolari rigward il-materji elenkati fl-Artikolu 7(2).

2. L-Istati Membri għandhom jaġġornaw l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 b'mod regolari.

3. L-informazzjoni marbuta ma' dan ir-Regolament għandha titqiegħed mill-Kummissjoni għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.

*Artikolu 87*

**Stabbiliment tal-interkonnessjoni tar-reġistri**

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-interkonnessjoni tar-reġistri ta' insolvenza msemmija fl-Artikolu 25. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 89(3).

*Artikolu 88*

**Stabbiliment u emendar sussegwenti ta' formoli standard**

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu u, fejn meħtieġ, jemendaw il-formoli msemmija fl-Artikolu 27(4), l-Artikoli 54 u 55 u l-Artikolu 64(2). Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 89(2).

*Artikolu 89*

**Proċedura ta' kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat. Il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 90*

**Klawżola ta' reviżjoni**

1. Mhux aktar tard mis-27 ta' Ġunju 2027, u konsegwentement kull ħames snin, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, fejn meħtieġ, minn proposta għall-adattament ta' dan ir-Regolament.

2. Mhux aktar tard mis-27 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, rapport dwar l-applikazzjoni tal- proċedimenti ta' koordinazzjoni tal-grupp. Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat fejn meħtieġ, minn proposta għall-adattament ta' dan ir-Regolament.

3. Mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2016, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, studju dwar kwistjonijiet transkonfinali fil-qasam tar-responsabbiltà u l-iskwalifikar tad-diretturi.

4. Mhux aktar tard mis-27 ta' Ġunju 2020, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, studju dwar il-kwistjoni ta' forum shopping abbużiv.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/470/KE tat-28 ta' Mejju 2001 li tistabbilixxi Network Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali (ĠU L 174, 27.6.2001, p. 25).

*Artikolu 91*

**Revoka**

Ir-Regolament (KE) Nru 1346/2000 hu rrevokat.

Ir-referenzi għar-Regolament irrevokat għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni kif stabbilta fl-Anness D ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 92*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu japplika mis-26 ta' Ġunju 2017, bl-eċċezzjoni:

(a) tal-Artikolu 86, li għandu japplika mis-26 ta' Ġunju 2016;

(b) L-Artikolu 24(1), li għandu japplika mis-26 ta' Ġunju 2018; u

(c) L-Artikolu 25 li għandu japplika mis-26 ta' Ġunju 2019.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Strasburgu, l-20 ta' Mejju 2015.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| M. SCHULZ | Z. KALNIŅA-LUKAŠEVICA |

*ANNESS A*

**Proċedimenti ta' insolvenza msemmija fil-punt (4) tal-Artikolu 2**

BELGIQUE/BELGIË

— Het faillissement/La faillite,

— De gerechtelijke reorganisatie door een collectief akkoord/La réorganisation judiciaire par accord collectif,

— De gerechtelijke reorganisatie door een minnelijk akkoord/La réorganisation judiciaire par accord amiable,

— De gerechtelijke reorganisatie door overdracht onder gerechtelijk gezag/La réorganisation judiciaire par transfert sous autorité de justice,

— De collectieve schuldenregeling/Le règlement collectif de dettes,

— De vrijwillige vereffening/La liquidation volontaire,

— De gerechtelijke vereffening/La liquidation judiciaire,

— De voorlopige ontneming van beheer, bepaald in artikel 8 van de faillissementswet/Le dessaisissement provisoire, visé à l'article 8 de la loi sur les faillites,

БЪЛГАРИЯ

— Производство по несъстоятелност,

ČESKÁ REPUBLIKA

— Konkurs,

— Reorganizace,

— Oddlužení,

DEUTSCHLAND

— Das Konkursverfahren,

— Das gerichtliche Vergleichsverfahren,

— Das Gesamtvollstreckungsverfahren,

— Das Insolvenzverfahren,

EESTI

— Pankrotimenetlus,

— Võlgade ümberkujundamise menetlus,

ÉIRE/IRELAND

— Compulsory winding-up by the court,

— Bankruptcy,

— The administration in bankruptcy of the estate of persons dying insolvent,

— Winding-up in bankruptcy of partnerships,

— Creditors' voluntary winding-up (with confirmation of a court),

— Arrangements under the control of the court which involve the vesting of all or part of the property of the debtor in the Official Assignee for realisation and distribution,

— Examinership,

— Debt Relief Notice,

— Debt Settlement Arrangement,

— Personal Insolvency Arrangement,

ΕΛΛΑΔΑ

— Η πτώχευση,

— Η ειδική εκκαθάριση εν λειτουργία,

— Σχέδιο αναδιοργάνωσης,

— Απλοποιημένη διαδικασία επί πτωχεύσεων μικρού αντικειμένου,

— Διαδικασία Εξυγίανσης,

ESPAÑA

— Concurso,

— Procedimiento de homologación de acuerdos de refinanciación,

— Procedimiento de acuerdos extrajudiciales de pago,

— Procedimiento de negociación pública para la consecución de acuerdos de refinanciación colectivos, acuerdos de refinanciación homologados y propuestas anticipadas de convenio,

FRANCE

— Sauvegarde,

— Sauvegarde accélérée,

— Sauvegarde financière accélérée,

— Redressement judiciaire,

— Liquidation judiciaire,

HRVATSKA

— Stečajni postupak,

ITALIA

— Fallimento,

— Concordato preventivo,

— Liquidazione coatta amministrativa,

— Amministrazione straordinaria,

— Accordi di ristrutturazione,

— Procedure di composizione della crisi da sovraindebitamento del consumatore (accordo o piano),

— Liquidazione dei beni,

ΚΥΠΡΟΣ

— Υποχρεωτική εκκαθάριση από το Δικαστήριο,

— Εκούσια εκκαθάριση από μέλη,

— Εκούσια εκκαθάριση από πιστωτές

— Εκκαθάριση με την εποπτεία του Δικαστηρίου,

— Διάταγμα Παραλαβής και πτώχευσης κατόπιν Δικαστικού Διατάγματος,

— Διαχείριση της περιουσίας προσώπων που απεβίωσαν αφερέγγυα,

LATVIJA

— Tiesiskās aizsardzības process,

— Juridiskās personas maksātnespējas process,

— Fiziskās personas maksātnespējas process,

LIETUVA

— Įmonės restruktūrizavimo byla,
— Įmonės bankroto byla,
— Įmonės bankroto procesas ne teismo tvarka,
— Fizinio asmens bankroto procesas,

LUXEMBOURG

— Faillite,
— Gestion contrôlée,
— Concordat préventif de faillite (par abandon d'actif),
— Régime spécial de liquidation du notariat,
— Procédure de règlement collectif des dettes dans le cadre du surendettement,

MAGYARORSZÁG

— Csődeljárás,
— Felszámolási eljárás,

MALTA

— Xoljiment,
— Amministrazzjoni,
— Stralċ volontarju mill-membri jew mill-kredituri,
— Stralċ mill-Qorti,
— Falliment f'każ ta' kummerċjant,
— Proċedura biex kumpanija tirkupra,

NEDERLAND

— Het faillissement,
— De surséance van betaling,
— De schuldsaneringsregeling natuurlijke personen,

ÖSTERREICH

— Das Konkursverfahren (Insolvenzverfahren),
— Das Sanierungsverfahren ohne Eigenverwaltung (Insolvenzverfahren),
— Das Sanierungsverfahren mit Eigenverwaltung (Insolvenzverfahren),
— Das Schuldenregulierungsverfahren,
— Das Abschöpfungsverfahren,
— Das Ausgleichsverfahren,

POLSKA

— Postępowanie naprawcze,
— Upadłość obejmująca likwidację,
— Upadłość z możliwością zawarcia układu,

PORTUGAL

— Processo de insolvência,
— Processo especial de revitalização,

ROMÂNIA

— Procedura insolvenței,

— Reorganizarea judiciară,

— Procedura falimentului,

— Concordatul preventiv,

SLOVENIJA

— Postopek preventivnega prestrukturiranja,

— Postopek prisilne poravnave,

— Postopek poenostavljene prisilne poravnave,

— Stečajni postopek: stečajni postopek nad pravno osebo, postopek osebnega stečaja and postopek stečaja zapuščine,

SLOVENSKO

— Konkurzné konanie,

— Reštrukturalizačné konanie,

— Oddlženie,

SUOMI/FINLAND

— Konkurssi/konkurs,

— Yrityssaneeraus/företagssanering,

— Yksityishenkilön velkajärjestely/skuldsanering för privatpersoner,

SVERIGE

— Konkurs,

— Företagsrekonstruktion,

— Skuldsanering,

UNITED KINGDOM

— Winding-up by or subject to the supervision of the court,

— Creditors' voluntary winding-up (with confirmation by the court),

— Administration, including appointments made by filing prescribed documents with the court,

— Voluntary arrangements under insolvency legislation,

— Bankruptcy or sequestration.

*ANNESS B*

**Prattikanti fl-insolvenza msemmija fil-punt (5) tal-Artikolu 2**

BELGIQUE/BELGIË

— De curator/Le curateur,

— De gedelegeerd rechter/Le juge-délégué,

— De gerechtsmandataris/Le mandataire de justice,

— De schuldbemiddelaar/Le médiateur de dettes,

— De vereffenaar/Le liquidateur,

— De voorlopige bewindvoerder/L'administrateur provisoire,

БЪЛГАРИЯ

— Назначен предварително временен синдик,

— Временен синдик,

— (Постоянен) синдик,

— Служебен синдик,

ČESKÁ REPUBLIKA

— Insolvenční správce,

— Předběžný insolvenční správce,

— Oddělený insolvenční správce,

— Zvláštní insolvenční správce,

— Zástupce insolvenčního správce,

DEUTSCHLAND

— Konkursverwalter,

— Vergleichsverwalter,

— Sachwalter (nach der Vergleichsordnung),

— Verwalter,

— Insolvenzverwalter,

— Sachwalter (nach der Insolvenzordnung),

— Treuhänder,

— Vorläufiger Insolvenzverwalter,

— Vorläufiger Sachwalter,

EESTI

— Pankrotihaldur,

— Ajutine pankrotihaldur,

— Usaldusisik,

ÉIRE/IRELAND

— Liquidator,

— Official Assignee,

— Trustee in bankruptcy,

— Provisional Liquidator,

— Examiner,

— Personal Insolvency Practitioner,

— Insolvency Service,

ΕΛΛΑΔΑ

— Ο σύνδικος,

— Ο εισηγητής,

— Η επιτροπή των πιστωτών,

— Ο ειδικός εκκαθαριστής,

ESPAÑA

— Administrador concursal,

— Mediador concursal,

FRANCE

— Mandataire judiciaire,

— Liquidateur,

— Administrateur judiciaire,

— Commissaire à l'exécution du plan,

HRVATSKA

— Stečajni upravitelj,

— Privremeni stečajni upravitelj,

— Stečajni povjerenik,

— Povjerenik,

ITALIA

— Curatore,

— Commissario giudiziale,

— Commissario straordinario,

— Commissario liquidatore,

— Liquidatore giudiziale,

— Professionista nominato dal Tribunale,

— Organismo di composizione della crisi nella procedura di composizione della crisi da sovraindebitamento del consumatore,

— Liquidatore,

ΚΥΠΡΟΣ

— Εκκαθαριστής και Προσωρινός Εκκαθαριστής,

— Επίσημος Παραλήπτης,

— Διαχειριστής της Πτώχευσης,

LATVIJA

— Maksātnespējas procesa administrators,

LIETUVA

— Bankroto administratorius,

— Restruktūrizavimo administratorius,

LUXEMBOURG

— Le curateur,

— Le commissaire,

— Le liquidateur,

— Le conseil de gérance de la section d'assainissement du notariat,

— Le liquidateur dans le cadre du surendettement,

MAGYARORSZÁG

— Vagyonfelügyelő,

— Felszámoló,

MALTA

— Amministratur Proviżorju,

— Riċevitur Uffiċjali,

— Stralċjarju,

— Manager Speċjali,

— Kuraturi f'każ ta' proċeduri ta' falliment,

— Kontrolur Speċjali,

NEDERLAND

— De curator in het faillissement,

— De bewindvoerder in de surséance van betaling,

— De bewindvoerder in de schuldsaneringsregeling natuurlijke personen,

ÖSTERREICH

— Masseverwalter,

— Sanierungsverwalter,

— Ausgleichsverwalter,

— Besonderer Verwalter,

— Einstweiliger Verwalter,

— Sachwalter,

— Treuhänder,

— Insolvenzgericht,

— Konkursgericht,

POLSKA

— Syndyk,

— Nadzorca sądowy,

— Zarządca,

PORTUGAL

— Administrador da insolvência,

— Administrador judicial provisório,

ROMÂNIA

— Practician în insolvență,

— Administrator concordatar,

— Administrator judiciar,

— Lichidator judiciar,

SLOVENIJA

— Upravitelj,

SLOVENSKO

— Predbežný správca,

— Správca,

SUOMI/FINLAND

— Pesänhoitaja/boförvaltare,

— Selvittäjä/utredare,

SVERIGE

— Förvaltare,

— Rekonstruktör,

UNITED KINGDOM

— Liquidator,

— Supervisor of a voluntary arrangement,

— Administrator,

— Official Receiver,

— Trustee,

— Provisional Liquidator,

— Interim Receiver,

— Judicial factor.

*ANNESS C*

**Regolament imħassar flimkien ma' lista tal-emendi suċċessivi għalih**

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1346/2000

(ĠU L 160, 30.6.2000, p. 1)

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 603/2005

(ĠU L 100, 20.4.2005, p. 1)

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 694/2006

(ĠU L 121, 6.5.2006, p. 1)

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006

(ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1)

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 681/2007

(ĠU L 159, 20.6.2007, p. 1)

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 788/2008

(ĠU L 213, 8.8.2008, p. 1)

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 210/2010

(ĠU L 65, 13.3.2010, p. 1)

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 583/2011

(ĠU L 160, 18.6.2011, p. 52)

Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 517/2013

(ĠU L 158, 10.6.2013, p. 1)

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 663/2014

(ĠU L 179, 19.6.2014, p. 4)

Att li jikkonċerna l-kondizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika tal-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika tal-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka u l-aġġustamenti għat-Trattati li jistabbilixxu l-Unjoni Ewropea

(ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33)

*ANNESS D*

**Tabella ta' korrelazzjoni**

| Regolament (KE) Nru 1346/2000 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Artikolu 1 | Artikolu 1 |
| Artikolu 2, kliem introduttorju | Artikolu 2, kliem introduttorju |
| Artikolu 2, punt (a) | Artikolu 2, punt (4) |
| Artikolu 2, punt (b) | Artikolu 2, punt (5) |
| Artikolu 2, punt (c) | — |
| Artikolu 2, punt (d) | Artikolu 2, punt (6) |
| Artikolu 2, punt (e) | Artikolu 2, punt (7) |
| Artikolu 2, punt (f) | Artikolu 2, punt (8) |
| Artikolu 2, punt (g), kliem introduttorju | Artikolu 2, punt (9), kliem introduttorju |
| Artikolu 2, punt (g), l-ewwel inċiż | Artikolu 2, punt (9)(vii) |
| Artikolu 2, punt (g), it-tieni inċiż | Artikolu 2, punt (9)(iv) |
| Artikolu 2, punt (g), it-tielet inċiż | Artikolu 2, punt (9)(viii) |
| Artikolu 2, punt (h) | Artikolu 2, punt 10 |
| — | Artikolu 2, punti (1) sa (3) u (11) sa (13) |
| — | Artikolu 2, punt (9)(i) sa (iii), (v), (vi) |
| Artikolu 3 | Artikolu 3 |
| — | Artikolu 4 |
| — | Artikolu 5 |
| — | Artikolu 6 |
| Artikolu 4 | Artikolu 7 |
| Artikolu 5 | Artikolu 8 |
| Artikolu 6 | Artikolu 9 |
| Artikolu 7 | Artikolu 10 |
| Artikolu 8 | Artikolu 11(1) |
| — | Artikolu 11(2) |
| Artikolu 9 | Artikolu 12 |
| Artikolu 10 | Artikolu 13(1) |
| — | Artikolu 13(2) |
| Artikolu 11 | Artikolu 14 |
| Artikolu 12 | Artikolu 15 |
| Artikolu 13, l-ewwel inċiż | Artikolu 16, punt (a) |
| Artikolu 13, it-tieni inċiż | Artikolu 16, punt (b) |
| Artikolu 14, l-ewwel inċiż | Artikolu 17, punt (a) |
| Artikolu 14, it-tieni inċiż | Artikolu 17, punt (b) |

| Regolament (KE) Nru 1346/2000 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Artikolu 14, it-tielet inċiż | Artikolu 17, punt (c) |
| Artikolu 15 | Artikolu 18 |
| Artikolu 16 | Artikolu 19 |
| Artikolu 17 | Artikolu 20 |
| Artikolu 18 | Artikolu 21 |
| Artikolu 19 | Artikolu 22 |
| Artikolu 20 | Artikolu 23 |
| — | Artikolu 24 |
| — | Artikolu 25 |
| — | Artikolu 26 |
| — | Artikolu 27 |
| Artikolu 21(1) | Artikolu 28(2) |
| Artikolu 21(2) | Artikolu 28(1) |
| Artikolu 22 | Artikolu 29 |
| Artikolu 23 | Artikolu 30 |
| Artikolu 24 | Artikolu 31 |
| Artikolu 25 | Artikolu 32 |
| Artikolu 26 | Artikolu 33 |
| Artikolu 27 | Artikolu 34 |
| Artikolu 28 | Artikolu 35 |
| — | Artikolu 36 |
| Artikolu 29 | Artikolu 37(1) |
| — | Artikolu 37(2) |
| — | Artikolu 38 |
| — | Artikolu 39 |
| Artikolu 30 | Artikolu 40 |
| Artikolu 31 | Artikolu 41 |
| — | Artikolu 42 |
| — | Artikolu 43 |
| — | Artikolu 44 |
| Artikolu 32 | Artikolu 45 |
| Artikolu 33 | Artikolu 46 |
| Artikolu 34(1) | Artikolu 47(1) |
| Artikolu 34(2) | Artikolu 47(2) |
| Artikolu 34(3) | — |
| — | Artikolu 48 |
| Artikolu 35 | Artikolu 49 |
| Artikolu 36 | Artikolu 50 |
| Artikolu 37 | Artikolu 51 |

| Regolament (KE) Nru 1346/2000 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Artikolu 38 | Artikolu 52 |
| Artikolu 39 | Artikolu 53 |
| Artikolu 40 | Artikolu 54 |
| Artikolu 41 | Artikolu 55 |
| Artikolu 42 | — |
| — | Artikolu 56 |
| — | Artikolu 57 |
| — | Artikolu 58 |
| — | Artikolu 59 |
| — | Artikolu 60 |
| — | Artikolu 61 |
| — | Artikolu 62 |
| — | Artikolu 63 |
| — | Artikolu 64 |
| — | Artikolu 65 |
| — | Artikolu 66 |
| — | Artikolu 67 |
| — | Artikolu 68 |
| — | Artikolu 69 |
| — | Artikolu 70 |
| — | Artikolu 71 |
| — | Artikolu 72 |
| — | Artikolu 73 |
| — | Artikolu 74 |
| — | Artikolu 75 |
| — | Artikolu 76 |
| — | Artikolu 77 |
| — | Artikolu 78 |
| — | Artikolu 79 |
| — | Artikolu 80 |
| — | Artikolu 81 |
| — | Artikolu 82 |
| — | Artikolu 83 |
| Artikolu 43 | Artikolu 84(1) |
| — | Artikolu 84(2) |
| Artikolu 44 | Artikolu 85 |
| — | Artikolu 86 |
| Artikolu 45 | — |
| — | Artikolu 87 |
| — | Artikolu 88 |

| Regolament (KE) Nru 1346/2000 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| — | Artikolu 89 |
| Artikolu 46 | Artikolu 90(1) |
| — | Artikolu 90(2) sa (4) |
| — | Artikolu 91 |
| Artikolu 47 | Artikolu 92 |
| Anness A | Anness A |
| Anness B | — |
| Anness C | Anness B |
| — | Anness C |
| — | Anness D |

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA (UE) 2015/849 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tal-20 ta' Mejju 2015**

**dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([2]),

Waqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja ([3]),

Billi:

(1) Il-flussi ta' flus illeċiti jistgħu jagħmlu ħsara lill-integrità, l-istabbiltà u r-reputazzjoni tas-settur finanzjarju, u jheddu s-suq intern tal-Unjoni kif ukoll l-iżvilupp internazzjonali. Il-ħasil ta' flus, il-finanzjament tat-terroriżmu u l-kriminalità organizzata jibqgħu problemi sinifikanti li għandhom jiġu indirizzati fil-livell tal-Unjoni. Minbarra l-iżvilupp ulterjuri tal-applikazzjoni tal-liġi kriminali fil-livell tal-Unjoni, il-prevenzjoni mmirata u proporzjonata tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu hija indispensabbli u tista' tipproduċi riżultati komplementari.

(2) Is-saħħa, l-integrità u l-istabbiltà tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tal-istituzzjonijiet finanzjarji u l-fiduċja fis-sistema finanzjarja kollha kemm hi jistgħu jkunu mhedda b'mod serju bl-isforzi tal-kriminali u l-assoċjati tagħhom biex jaħbu l-oriġini tar-rikavat kriminali jew biex jinkanalaw flus legali jew illegali għal finijiet terroristiċi. Sabiex jiffaċilitaw l-attivitajiet kriminali tagħhom, dawk li jaħslu l-flus u li jiffinanzjaw it-terroriżmu jistgħu jippruvaw jieħdu vantaġġ mil-libertà tal-movimenti tal-kapital u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi finanzjarji li jirriżultaw mill-qasam finanzjarju integrat tal-Unjoni. Għalhekk, ċerti miżuri ta' koordinazzjoni huma meħtieġa fil-livell tal-Unjoni. Fl-istess ħin, l-objettivi tal-protezzjoni tas-soċjetà mill-kriminalità u l-protezzjoni tal-istabbiltà u l-integrità tas-sistema finanzjarja tal-Unjoni għandhom jitqiesu fid-dawl tal-ħtieġa li jinħoloq ambjent regolatorju li jippermetti li l-kumpanniji jkabbru n-negozji tagħhom mingħajr ma jeħlu spejjeż ta' konformità sproporzjonati.

(3) Din id-Direttiva hija r-raba' Direttiva li tindirizza t-theddid tal-ħasil tal-flus. Id-Direttiva tal-Kunsill 91/308/KEE ([4]) iddefinixxiet il-ħasil tal-flus f'termini ta' reati marbutin mad-drogi u imponiet obbligi biss fuq is-settur finanzjarju.

---

([1]) ĠU C 166, 12.6.2013, p. 2.

([2]) ĠU C 271, 19.9.2013, p. 31.

([3]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Marzu 2014 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tal-20 ta' April 2015 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Mejju 2015 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

([4]) Direttiva tal-Kunsill 91/308/KEE tal-10 ta' Ġunju 1991 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus (ĠU L 166, 28.6.1991, p. 77).

Id-Direttiva 2001/97/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) estendiet il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 91/308/KEE kemm f'termini tar-reati, kif ukoll f'termini tal-firxa ta' professjonijiet u l-attivitajiet koperti. F'Ġunju 2003, it-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF) irreveda r-Rakkomandazzjonijiet tiegħu biex ikopri l-finanzjament tat-terroriżmu, u ppreveda rekwiżiti aktar dettaljati fir-rigward tal-identifikazzjoni u l-verifika ta' klijenti, is-sitwazzjonijiet fejn riskju ogħla ta' ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu jista' jiġġustifika miżuri msaħħa kif wkoll sitwazzjonijiet fejn riskju mnaqqas jista' jiġġustifika kontrolli inqas rigorużi. Dawk il-bidliet ġew riflessi fid-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE ([3]).

(4) Il-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu spiss jitwettqu f'kuntest internazzjonali. Miżuri adottati biss fil-livell nazzjonali jew anki fil-livell tal-Unjoni, mingħajr ma jieħdu kont tal-koordinazzjoni u kooperazzjoni internazzjonali, ikollhom effetti limitati ħafna. Il-miżuri adottati mill-Unjoni f'dak il-qasam għandhom ikunu għalhekk kompatibbli ma', u mill-inqas strinġenti daqs, azzjonijiet oħra mwettqa f'fora internazzjonali. L-azzjoni tal-Unjoni għandha tkompli tieħu kont partikolari tar-Rakkomandazzjonijiet tal-FATF, u ta' strumenti ta' korpi internazzjonali oħra attivi fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu. Bil-ħsieb li tissaħħaħ l-effikaċja tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, l-att leġislattivi rilevanti tal-Unjoni għandhom, fejn adatt, ikunu allinjati mal-Istandards Internazzjonali dwar il-Ġlieda kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Iffinanzjar tat-Terroriżmu u l-Proliferazzjoni adottati mill-FATF fi Frar 2012 (ir-"Rakkomandazzjonijiet riveduti tal-FATF" ).

(5) Barra minn hekk, l-użu ħażin tas-sistema finanzjarja sabiex flus illeċiti jew anki flus legali jiġu nkanalati għal finijiet terroristiċi huwa riskju ċar għall-integrità, il-funzjonament korrett, ir-reputazzjoni u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja. Għaldaqstant, il-miżuri preventivi stabbiliti f'din id-Direttiva għandhom jindirizzaw il-manipulazzjoni ta' flus derivati mill-kriminalità serja u l-ġbir ta' flus jew proprjetà għal finijiet terroristiċi.

(6) L-użu ta' pagamenti kbar fi flus kontanti huwa vulnerabbli ħafna għall-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu. Sabiex tiżdied il-viġilanza u jiġu mitigati r-riskji li jirriżultaw minn tali pagamenti bi flus kontanti, persuni li jinnegozjaw il-prodotti għandhom ikunu koperti minn din id-Direttiva sal-punt li jagħmlu jew jirċievu pagamenti bi flus kontanti ta' EUR 10 000 jew aktar. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jadottaw limiti aktar baxxi, limitazzjonijiet ġenerali addizzjonali għall-użu tal-flus kontanti u dispożizzjonijiet ulterjuri aktar stretti.

(7) L-użu ta' prodotti tal-flus elettroniċi huwa dejjem aktar ikkunsidrat bħala sostitut għall-kontijiet bankarji li, b'żieda mal-miżuri stabbiliti fid-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), jiġġustifika li dawk il-prodotti jkunu soġġetti għall-obbligi fir-rigward tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu (AML/CFT). Madankollu, f'ċerti ċirkostanzi ppruvati li għandhom riskju żgħir u taħt kondizzjonijiet stretti ta' mitigazzjoni tar-riskju, l-Istati Membri għandhom ikunu permessi jeżentaw il-prodotti ta' flus elettroniċi minn ċerti miżuri ta' diliġenza dovuta tal-klijenti, bħalma huma l-identifikazzjoni u l-verifika tal-klijent u tas-sid benefiċjarju iżda mhux mill-monitoraġġ ta' transazzjonijiet jew ta' relazzjonijiet ta' negozju. Il-kondizzjonijiet tal-mitigazzjoni tar-riskju għandhom jinkludu rekwiżit li l-prodotti ta' flus elettroniċi eżentati għandhom jintużaw esklużivament għax-xiri ta' oġġetti jew servizzi, u li l-ammont maħżun elettronikament ikun baxx biżżejjed biex ma jħallix li r-regoli tal-AML/CFT jiġu evitati. Tali eżenzjoni hija mingħajr ħsara għas-setgħa diskrezzjonali mogħtija lill-Istati Membri li jippermettu lill-entitajiet marbutin b'obbligu japplikaw miżuri simplifikati ta' diliġenza dovuta tal-klijenti għal prodotti ta' flus elettroniċi li jippreżentaw inqas riskji, skont l-Artikolu 15.

(8) Fir-rigward tal-entitajiet marbutin b'obbligu li huma soġġetti għal din id-Direttiva, l-aġenti immobiljari jistgħu jinftiehmu li jinkludu aġenti tal-kirjiet, fejn applikabbli.

([1]) Direttiva 2001/97/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-4 ta' Diċembru 2001 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/308/KEE dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus (ĠU L 344, 28.12.2001, p. 76).
([2]) Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu (ĠU L 309, 25.11.2005, p. 15).
([3]) Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE tal-1 ta' Awwissu 2006 li tistabbilixxi miżuri implimentattivi għad-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-definizzjoni ta' persuni esposti politikament u l-kriterji tekniċi għal proċeduri ssimplifikati tad-diliġenza dovuta mal-klijent u għal eżenzjoni għal raġunijiet ta' attività finanzjarja mwettqa fuq bażi okkażjonali jew limitata ħafna (ĠU L 214, 4.8.2006, p. 29).
([4]) Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenzjali tan-negozju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li temenda d-Direttivi 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 2000/46/KE (ĠU L 267, 10.10.2009, p. 7).

(9) Il-professjonisti legali, kif definiti mill-Istati Membri, għandhom ikunu soġġetti għal din id-Direttiva meta jipparteċipaw fi transazzjonijiet finanzjarji jew korporattivi, inkluż meta jagħtu pariri dwar it-taxxa, fejn ikun hemm l-akbar riskju li s-servizzi ta' dawk il-professjonisti legali jintużaw ħażin għall-fini tal-ħasil tar-rikavat ta' attività kriminali jew għall-fini ta' finanzjament tat-terroriżmu. Madankollu, għandu jkun hemm eżenzjonijiet minn kwalunkwe obbligu ta' rappurtaġġ ta' informazzjoni miksuba qabel, matul jew wara proċedimenti ġudizzjarji, jew matul il-proċess li tiġi aċċertata l-pożizzjoni legali ta' klijent. Għaldaqstant, il-parir legali għandu jibqa' soġġett għall-obbligu tas-sigriet professjonali, ħlief fejn il-professjonist legali ma jkunx qed jieħu sehem fil-ħasil tal-flus jew fil-finanzjament tat-terroriżmu, il-parir legali ma jingħatax għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew tal-finanzjament tat-terroriżmu jew il-professjonist legali ma jkun jaf li l-klijent qed ifittex parir legali għal finijiet tal-ħasil tal-flus jew tal-finanzjament tat-terroriżmu.

(10) Servizzi li huma direttament komparabbli għandhom ikunu trattati bl-istess mod meta jingħataw minn kwalunkwe wieħed mill-professjonisti koperti b'din id-Direttiva. Sabiex jiġi żgurat li d-drittijiet garantiti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta") jiġu rrispettati, fil-każ ta' awdituri, kontabilisti esterni u konsulenti tat-taxxa li, f'xi Stati Membri, għandhom id-dritt li jiddefendu jew jirrappreżentaw klijent fil-kuntest ta' proċedimenti legali jew jaċċertaw il-pożizzjoni legali tal-klijent, l-informazzjoni li huma jiksbu fit-twettiq ta' dawk il-kompiti ma għandhiex tkun soġġetta għall-obbligi ta' rappurtar stipulati f'din id-Direttiva.

(11) Huwa importanti espressament li ssir enfasi li "reati fiskali" relatati ma' taxxi diretti u indiretti huma inklużi fid-definizzjoni wiesa' ta' "attività kriminali" f'din id-Direttiva, f'konformità mar-Rakkomandazzjonijiet riveduti tal-FATF. Billi f'kull Stat Membru jistgħu jiġu indikati reati fiskali differenti bħala li jikkostitwixxu "attività kriminali" punibbli permezz tas-sanzjonijiet kif imsemmi fil-punt (4)(f) tal-Artikolu 3 ta' din id-Direttiva, id-definizzjonijiet tal-liġi nazzjonali ta' reati fiskali jistgħu jvarjaw. Filwaqt li mhi qed tintalab l-ebda armonizzazzjoni tad-definizzjonijiet ta' reati fiskali fil-liġi nazzjonali tal-Istati Membri, l-Istati Membri għandhom jippermettu, sal-aktar grad possibbli taħt il-liġi nazzjonali tagħhom, l-iskambju ta' informazzjoni jew l-għoti ta' assistenza bejn l-Unitajiet ta' Intelligence Finanzjarja (UIF) tal-UE.

(12) Jeħtieġ li tiġi identifikata kwalunkwe persuna fiżika li teżerċita sjieda jew kontroll fuq entità ġuridika. Sabiex tiġi żgurata trasparenza effettiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li tkun koperta l-aktar firxa wiesgħa possibbli ta' entitajiet ġuridiċi inkorporati jew maħluqa minn kwalunkwe mekkaniżmu ieħor fit-territorju tagħhom. Filwaqt li perċentwal speċifiku ta' parteċipazzjoni azzjonarja jew ta' sjieda ma jirriżultax awtomatikament fl-individwazzjoni tas-sid benefiċjarju, dan għandu jkun fattur ta' evidenza fost oħrajn li għandu jittieħed kont tiegħu. Madankollu, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jiddeċiedu li perċentwal iktar baxx jista' jkun indikazzjoni ta' sjieda jew kontroll.

(13) L-identifikazzjoni u l-verifika tas-sidien benefiċjarji għandhom, fejn rilevanti, jestendu għal entitajiet ġuridiċi li huma s-sidien ta' entitajiet ġuridiċi oħrajn u l-entitajiet marbutin b'obbligu għandhom ifittxu l-persuna fiżika jew persuni fiżiċi li jeżerċitaw il-kontroll finali permezz ta' sjieda jew permezz ta' mezzi oħra tal-entità ġuridika li tkun il-klijent. Il-kontroll permezz ta' mezzi oħra jistgħu, fost oħrajn, jinkludi l-kriterji ta' kontroll użati għall-finijiet tat-tħejjija ta' rapporti finanzjarji konsolidati, bħal permezz ta' ftehim tal-azzjonisti, l-eżerċizzju ta' influwenza dominanti jew is-setgħa tal-ħatra ta' maniġment superjuri. Jista' jkun hemm każijiet fejn l-ebda persuna fiżika ma tkun identifikabbli li hija s-sid finali jew li teżerċita kontroll fuq entità ġuridika. F'każijiet eċċezzjonali bħal dawn l-entitajiet marbutin b'obbligu, wara li jkunu eżawrew kull mezz ieħor ta' identifikazzjoni, u sakemm ma jkunx hemm raġunijiet għal suspett, jistgħu jikkunsidraw lill-maniġment superjuri bħala s-sid(ien) benefiċjarju/i.

(14) Il-ħtieġa għal informazzjoni preċiża u aġġornata dwar is-sid benefiċjarju hija fattur importanti fil-lokalizzazzjoni ta' kriminali li inkella jkunu jistgħu jaħbu l-identità tagħhom wara struttura korporattiva. L-Istati Membri għandhom għalhekk jiżguraw li l-entitajiet inkorporati fit-territorju tagħhom f'konformità mal-liġi nazzjonali jiksbu u jżommu informazzjoni adegwata, preċiża u attwali dwar is-sjieda benefiċjarja tagħhom, flimkien ma' informazzjoni bażika bħall-isem u l-indirizz tal-kumpannija u l-prova ta' inkorporazzjoni u s-sjieda legali. Bil-ħsieb tat-titjib tat-trasparenza sabiex jiġi miġġieled l-użu ħażin ta' entitajiet ġuridiċi, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja tiġi rreġistrata f'reġistru ċentrali li tinsab barra mill-kumpannija, f'konformità sħiħa mad-dritt tal-Unjoni. L-Istati Membri jistgħu, għal dak il-fini, jużaw bażi tad-data ċentrali li jiġbor l-informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja, jew ir-reġistru tan-negozju jew reġistru ċentrali ieħor. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li entitajiet marbutin b'obbligu jkunu responsabbli li jżommu r-reġistru. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fil-każijiet kollha dik l-informazzjoni ssir disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti u l-UIF u tiġi provduta lill-entitajiet marbutin b'obbligu meta dawn tal-aħħar ikun qed jieħdu miżuri ta' diliġenza dovuta tal-klijenti. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li persuni oħra li jkunu jistgħu juru interess

leġittimu fir-rigward tal-ħasil tal-flus, il-finanzjament tat-terroriżmu u r-reati predikati assoċjati, bħall-korruzzjoni, reati fiskali u l-frodi, jingħataw aċċess għall-informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja, f'konformità mar-regoli tal-protezzjoni tad-data. Il-persuni li jkunu jistgħu juru interess leġittimu għandu jkollhom aċċess għal informazzjoni dwar in-natura u l-limitu tal-interess benefiċjarju miżmuma li tikkonsisti mil-piż approssimattiv tiegħu.

(15) Għal dak il-għan, huwa xieraq li l-Istati Membri jkunu jistgħu, skont il-liġi nazzjonali, jippermettu aċċess li huwa usa' mill-aċċess previst taħt din id-Direttiva.

(16) Għandu jiġi żgurat l-aċċess f'waqtu għal informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja b'modi li jevitaw kwalunkwe riskju li tinġibed l-attenzjoni tal-kumpannija kkonċernata.

(17) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti fost it-tipi differenti ta' forom legali, il-fiduċjarji għandhom ukoll ikunu meħtieġa li jiksbu, iżommu u jipprovdu informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja lill-entitajiet marbutin b'obbligu li jieħdu miżuri ta' diliġenza dovuta tal-klijenti, u li jikkomunikaw dik l-informazzjoni lil reġistru ċentrali jew bażi tad-data ċentrali u għandhom jiddivulgaw l-istatus tagħhom lil-entitajiet marbutin b'obbligu. Entitajiet ġuridiċi bħal fondazzjonijiet u arranġamenti legali simili għal trusts għandhom ikunu soġġetti għal rekwiżiti ekwivalenti.

(18) Din id-Direttiva għandha tapplika wkoll għal attivitajiet tal-entitajiet marbutin b'obbligu li jitwettqu bl-Internet.

(19) It-teknoloġiji ġodda jipprovdu soluzzjonijiet li huma effikaċi fil-ħin kif ukoll kosteffikaċi lin-negozji u l-konsumaturi u għalhekk għandu jittieħed kont tagħhom fil-valutazzjoni tar-riskji. L-awtoritajiet kompetenti u l-entitajiet marbutin b'obbligu għandhom ikunu proattivi fil-ġlieda kontra modi ġodda u innovattivi tal-ħasil tal-flus.

(20) Ir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-korpi governattivi tal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp huma mħeġġa jimplimentaw din id-Direttiva u jippubblikaw fis-sit web tiegħu politiki tal-AML/CFT, li jinkludu proċeduri dettaljati li jagħtu effett lil din id-Direttiva.

(21) L-użu ta' servizzi tas-settur tal-logħob tal-azzard għall-ħasil tar-rikavat tal-attività kriminali huwa ta' tħassib. Sabiex jiġu mitigati r-riskji relatati mas-servizzi tal-logħob tal-azzard, din id-Direttiva għandha tistipula obbligu għall-fornituri tas-servizzi tal-logħob tal-azzard li jippreżentaw riskji ikbar biex japplikaw miżuri ta' diliġenza dovuta tal-klijenti għal transazzjonijiet singoli li jammontaw għal EUR 2 000 jew aktar. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet marbutin b'obbligu japplikaw l-istess limitu għall-ġbir ta' rebħiet, imħatri, inkluż permezz tax-xiri u l-iskambju ta' ċipep tal-logħob tal-azzard, jew it-tnejn. Il-fornituri ta' servizzi tal-logħob tal-azzard b'bini fiżiku, bħal casinos u postijiet għal-logħob tal-azzard, għandhom jiżguraw li diliġenza dovuta tal-klijenti, jekk issir fil-punt ta' dħul għall-bini, tista' tkun marbuta mat-transazzjonijiet imwettqa mill-klijent f'dak il-bini. Madankollu f'ċirkostanzi li ġew ippruvati li għandhom riskju żgħir, l-Istati Membri għandhom jippermettu li ċerti servizzi tal-logħob tal-azzard għandhom ikunu eżenti minn xi uħud mir-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva jew minn kollha kemm huma. L-użu ta' eżenzjoni minn Stat Membru għandha tiġi kkunsidrata biss f'ċirkostanzi strettament limitati u ġustifikati, u fejn ir-riskji tal-ħasil tal-flus jew tal-finanzjament tat-terroriżmu jkunu baxxi. Tali eżenzjonijiet għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni tar-riskju speċifika li wkoll tikkunsidra il-livell ta' vulnerabbiltà tat-transazzjonijiet applikabbli. Għandhom ikunu nnotifikati lill-Kummissjoni. F'dik il-valutazzjoni tar-riskju, l-Istati Membri għandhom jindikaw kif ikunu ħadu kont ta' kwalunkwe konklużjoni rilevanti fir-rapporti maħruġa mill-Kummissjoni fil-qafas tal-valutazzjoni tar-riskju sovranazzjonali.

(22) Ir-riskju tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu mhuwiex l-istess f'kull każ. Għaldaqstant, għandu jintuża approċċ olistiku bbażat fuq ir-riskju. L-approċċ ibbażat fuq ir-riskju mhuwiex għażla permissiva bla bżonn għall-Istati Membri u l-entitajiet marbutin b'obbligu. Dan jinvolvi l-użu tat-teħid tad-deċiżjonijiet fuq il-bażi ta' provi biex jiġu mmirati b'mod aktar effettiv ir-riskji tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu li jiffaċċjaw l-Unjoni u dawk li joperaw fiha.

(23) L-approċċ ibbażat fuq ir-riskju huwa mirfud mill-ħtieġa li l-Istati Membri u l-Unjoni jidentifikaw, jifhmu u jimmitigaw ir-riskji tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu li huma jiffaċċjaw. L-importanza ta' approċċ sovranazzjonali għall-identifikazzjoni ta' riskji ġiet rikonoxxuta fil-livell internazzjonali, u l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) (EBA), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1], l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) (EIOPA), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2], u l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) (ESMA), stabbilita bir-Regolament (UE)

(1) Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

(2) Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48).

Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), għandhom ikollhom il-kompitu li joħorġu opinjoni, permezz tal-Kumitat Konġunt tagħhom, dwar ir-riskji li jaffettwaw is-settur finanzjarju tal-Unjoni.

(24) Il-Kummissjoni qiegħda f'pożizzjoni tajba biex tirrevedi theddid transkonfinali speċifiku, li jista' jaffettwa s-suq intern u li ma jistax jiġi identifikat u miġġieled b'mod effettiv minn Stati Membri individwali. Għalhekk, din għandha tiġi inkarigata bir-responsabbiltà għall-koordinazzjoni tal-valutazzjoni tar-riskji relatati mal-attivitajiet transkonfinali. L-involviment tal-esperti rilevanti, bħall-Grupp ta' Esperti dwar il-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu u r-rappreżentanti mill-UIF, kif ukoll, fejn adatt, minn korpi oħra fil-livell tal-Unjoni, huwa essenzjali għall-effettività ta' dan il-proċess. Il-valutazzjonijiet tar-riskju u l-esperjenzi nazzjonali huma wkoll sors importanti ta' informazzjoni għall-proċess. Tali valutazzjonijiet tar-riskji transkonfinali mill-Kummissjoni ma għandhomx jinvolvu l-ipproċessar tad-data personali. Fi kwalunkwe każ, id-data għandha ssir kompletament anonima. L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u dawk tal-Unjoni tal-protezzjoni tad-data għandhom ikunu involuti biss jekk il-valutazzjoni tar-riskju tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu jkollha impatt fuq il-privatezza u l-protezzjoni tad-data ta' individwi.

(25) Ir-riżultati ta' valutazzjonijiet tar-riskju għandhom, fejn adatt, ikunu disponibbli b'mod f'waqtu lill-entitajiet marbutin b'obbligu sabiex ikunu jistgħu jidentifikaw, jifhmu, jiġġestixxu u jimmitigaw ir-riskji tagħhom stess.

(26) Barra minn hekk, sabiex jidentifikaw, jifhmu, jiġġestixxu u jimmitigaw aktar u aktar ir-riskji fil-livell tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni r-riżultati tal-valutazzjonijiet tar-riskju tagħhom lil xulxin, lill-Kummissjoni u lill-EBA, l-EIOPA u l-ESMA (l-"ASE").

(27) Meta tiġi applikata din id-Direttiva, ikun adatt li jiġu kkunsidrati l-karatteristiċi u l-ħtiġijiet ta' entitajiet marbutin b'obbligi iżgħar li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha, u li jiġi żgurat trattament li jkun adatt għall-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom, u n-natura tan-negozju.

(28) Sabiex jiġi protett il-funzjonament korrett tas-sistema finanzjarja tal-Unjoni u tas-suq intern mill-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, is-setgħa li jiġu adottati att f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni sabiex jiġu identifikati ġurisdizzjonijiet ta' pajjiżi terzi li għandhom defiċjenzi strateġiċi fir-reġimi nazzjonali AML/CFT tagħhom (il-"pajjiżi terzi b'riskju kbir"). In-natura li dejjem tinbidel tat-theddid tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu, iffaċilitata minn evoluzzjoni kostanti tat-teknoloġija u tal-mezzi għad-dispożizzjoni tal-kriminali, teħtieġ li jitwettqu adattamenti rapidi u kontinwi tal-qafas legali fir-rigward tal-pajjiżi terzi b'riskju kbir sabiex jiġu indirizzati b'mod effiċjenti r-riskji eżistenti u jiġi impedit li jinqalgħu oħrajn ġodda. Il-Kummissjoni għandha tqis l-informazzjoni minn organizzazzjonijiet internazzjonali u korpi tal-istabbiliment ta' standards fil-qasam tal-AML/CFT, bħal stqarrijiet pubbliċi tal-FATF, rapporti ta' evalwazzjoni reċiproka jew ta' valutazzjoni dettaljata jew rapporti ta' segwitu ppubblikati, u jadattaw il-valutazzjonijiet tagħha għall-bidliet li jkun fihom, fejn ikun adatt.

(29) L-Istati Membri għandhom mill-inqas jipprevedu miżuri ta' diliġenza dovuta tal-klijenti msaħħa biex jiġu applikati mill-entitajiet marbutin b'obbligu meta jittrattaw ma' persuni fiżiċi jew entitajiet ġuridiċi stabbiliti f'pajjiżi terzi b'riskju kbir identifikati mill-Kummissjoni. Id-dipendenza fuq partijiet terzi stabbiliti f'tali pajjiżi terzi b'riskju kbir għandha tkun ukoll ipprojbita. Il-pajjiżi li mhumiex inklużi fil-lista ma għandhomx awtomatikament jitqiesu bħala li għandhom sistemi tal-AML/CFT effettivi u l-persuni fiżiċi jew entitajiet ġuridiċi stabbiliti f'tali pajjiżi għandhom jiġu vvalutati fuq bażi ta' sensittività għar-riskju.

(30) Ir-riskju nnifsu huwa varjabbli fin-natura, u l-varjabbli, waħedhom jew meta kkombinati, jistgħu jżidu jew jnaqqsu r-riskju potenzjali maħluq, u b'hekk għandhom impatt fil-livell adatt ta' miżuri preventivi, bħal miżuri ta' diliġenza dovuta tal-klijenti. Għaldaqstant hemm ċirkostanzi fejn għandha tiġi applikata diliġenza dovuta msaħħa, u oħrajn fejn diliġenza dovuta simplifikata tista' tkun adatta.

(31) Għandu jkun rikonoxxut li ċerti sitwazzjonijiet jippreżentaw riskju akbar ta' ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu. Għalkemm l-identità u l-profil tan-negozju tal-klijenti kollha għandhom ikunu stabbiliti, hemm każijiet li għalihom ikunu meħtieġa proċeduri partikolarment rigorużi għall-identifikazzjoni u l-verifika tal-klijent.

([1]) Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

(32) Dan japplika b'mod partikolari għar-relazzjonijiet ma' individwi li għandhom jew li kellhom funzjonijiet pubbliċi importanti, fl-Unjoni jew fil-livell internazzjonali, u b'mod partikulari individwi minn pajjiżi fejn il-korruzzjoni hija mifruxa. Relazzjonijiet bħal dawn jistgħu jesponu s-settur finanzjarju b'mod partikolari għal riskji sinifikanti legali u ta' reputazzjoni. L-isforz internazzjonali għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni jiġġustifika l-ħtieġa li tingħata attenzjoni partikulari għal tali persuni u li tiġi applikata diliġenza dovuta tal-klijenti adatta u msaħħa fir-rigward ta' persuni li għandhom jew li kellhom funzjonijiet pubbliċi prominenti f'livell lokali jew barra pajjiżhom u fir-rigward ta' persuni b'funzjonijiet ta' livell għoli f'organizzazzjonijiet internazzjonali.

(33) Ir-rekwiżiti li jirrigwardaw persuni politikament esposti huma ta' natura preventiva u mhux kriminali, u ma għandhomx jiġu interpretati li jistigmatizzaw lill-persuni politikament esposti bħala persuni li huma involuti f'attività kriminali. L-irrifjutar ta' relazzjoni ta' negozju ma' persuna sempliċiment abbażi tad-determinazzjoni li huwa jew hija persuna politikament esposta imur kontra l-kliem u l-ispirtu ta' din id-Direttiva u tar-Rakkomandazzjonijiet riveduti tal-FAFT.

(34) Il-ksib ta' approvazzjoni mill-maniġment superjuri għat-twaqqif ta' relazzjonijiet ta' negozju ma għandux neċessarjament jimplika, fil-każijiet kollha, il-ksib ta' approvazzjoni mill-bord ta' diretturi. Għandu jkun possibbli li tali approvazzjoni tinkiseb minn xi ħadd b'għarfien suffiċjenti tal-iskopertura għar-riskju ta' ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu tal-istituzzjoni u ta' anzjanità suffiċjenti biex jieħu deċiżjonijiet li jaffettwaw l-iskopertura għar-riskju.

(35) Sabiex jiġu evitati proċeduri ripetuti ta' identifikazzjoni tal-klijent, li jwasslu għal dewmien u ineffiċjenza fin-negozju, ikun adatt, soġġett għal salvagwardji adattati, li jitħallew li jkunu introdotti klijenti li tkun saritilhom identifikazzjoni x'imkien ieħor sabiex isirilhom l-introduzzjoni mal-entitajiet marbutin b'obbligu. Fejn entità marbuta b'obbligu tistrieħ fuq parti terza, ir-responsabbiltà finali għad-diliġenza dovuta tal-klijenti għandha tibqa' fuq l-entità marbuta b'obbligu li lilha tkun saret l-introduzzjoni tal-klijent. Il-parti terza, jew il-persuna li tkun introduċiet il-klijent, għandha wkoll tibqa' responsabbli għall-konformità ma' din id-Direttiva, inkluż ir-rekwiżit li tirrapporta transazzjonijiet suspettużi u żżomm ir-rekords, sa fejn hi għandha relazzjoni mal-klijent koperta minn din id-Direttiva.

(36) Fil-każ ta' relazzjonijiet ta' aġenzija jew ta' esternalizzazzjoni fuq bażi kontrattwali bejn entitajiet marbutin b'obbligu jew persuni esterni mhux koperti minn din id-Direttiva, kwalunkwe obbligu tal-AML/CFT fuq dawk l-aġenti jew fornituri tas-servizz ta' esternalizzazzjoni, bħala parti mill-entitajiet marbutin b'obbligu, jista' jirriżulta biss mill-kuntratt bejn il-partijiet u mhux minn din id-Direttiva. Għalhekk ir-responsabbiltà għall-konformità ma' din id-Direttiva għandha tibqa' primarjament mal-entità marbuta b'obbligu.

(37) L-Istati Membri kollha stabbilixxew, jew għandhom, jistabbilixxu UIF operazzjonalment indipendenti u awtonomi sabiex jiġbru u janalizzaw l-informazzjoni li tkun waslitilhom bil-għan li jistabbilixxu rabtiet bejn transazzjonijiet suspettużi u l-attività kriminali sottostanti biex jipprevjenu u jiġġieldu kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu. UIF operazzjonalment indipendenti u awtonomu għandha tfisser li l-UIF ikollha l-awtorità u l-kapaċità li twettaq il-funzjonijiet tagħha b'mod ħieles, inkluż id-deċiżjoni awtonoma biex tanalizza, titlob u tiddissemina informazzjoni speċifika. Transazzjonijiet suspettużi u informazzjoni rilevanti oħra dwar ħasil tal-flus, reati predikati assoċjati u finanzjament tat-terroriżmu għandhom jiġu rrappurtati lill-UIF, li għandha sservi bħala unità ċentrali nazzjonali biex tirċievi, tanalizza, u tiddissemina lill-awtoritajiet kompetenti r-riżultati tal-analiżi tagħha. Għandhom jiġu rrappurtati t-transazzjonijiet suspettużi kollha, inkluż attentati ta' transazzjonijiet, irrispettivament mill-ammont tat-transazzjoni. L-informazzjoni rrappurtata tista' tinkludi wkoll informazzjoni abbażi ta' limitu.

(38) B'deroga mill-projbizzjoni ġenerali kontra t-twettiq ta' transazzjonijiet suspettużi, l-entitajiet marbutin b'obbligu għandhom ikunu jistgħu jesegwixxu transazzjonijiet suspettużi qabel ma jinformaw lill-awtoritajiet kompetenti, fejn ikun impossibbli li ma ssirx tali esekuzzjoni jew fejn in-nuqqas ta' tali esekuzzjoni jista' jxekkel l-isforzi biex jinqabdu l-benefiċjarji ta' operazzjoni suspettata ta' ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu. Dan, madankollu, għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi internazzjonali aċċettati mill-Istati Membri li jiffriżaw mingħajr dewmien fondi jew assi oħra ta' terroristi, ta' organizzazzjonijiet terroristiċi jew ta' dawk li jiffinanzjaw it-terroriżmu, skont ir-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.

(39) Għal ċerti entitajiet marbutin b'obbligu, l-Istati Membri għandu jkollhom il-possibbiltà li jinnominaw korp awtoregolatorju adatt tal-professjonijiet bħala l-awtorità li għanda tiġi informata fl-ewwel istanza minflok l-UIF. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, sistema ta' rappurtar tal-ewwel istanza lil korp awtoregolatorju adatt tikkostitwixxi salvagwardja importanti għaż-żamma tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali b'rabta mal-obbligi ta' rappurtar applikabbli lill-avukati. L-Istati Membri għandhom jipprevedu l-mezzi u l-mod li bihom għandha tinkiseb il-protezzjoni tas-segretezza, il-kunfidenzjalità u l-privatezza professjonali.

(40) Fejn Stat Membru jiddeċiedi li jinnomina tali korp awtoregolatorju, huwa jista' jippermetti jew jesiġi li dak il-korp ma jagħti lill-UIF l-ebda informazzjoni miksuba mingħand persuni rappreżentati minn dak il-korp fejn tali

informazzjoni tkun ġiet riċevuta minn, jew tkun inkisbet dwar, xi wieħed mill-klijenti tagħhom, fil-kors tal-aċċertament tal-pożizzjoni legali tal-klijent tagħhom, jew fil-qadi tal-funzjoni tagħhom li jiddefendu jew jirrappreżentaw dak il-klijent fi, jew fir-rigward ta', proċedimenti ġudizzjarji, inkluż l-għoti ta' parir dwar l-istituzzjoni ta', jew l-evażjoni minn, tali proċedimenti, kemm jekk tali informazzjoni tkun riċevuta jew miksuba qabel, matul jew wara tali proċedimenti.

(41) Kien hemm għadd ta' każijiet fejn impjegati li rrappurtaw is-suspetti tagħhom ta' ħasil tal-flus kienu soġġetti għal theddid u azzjoni ostili. Għalkemm din id-Direttiva ma tistax tinterferixxi fil-proċeduri ġudizzjarji tal-Istati Membri, huwa kruċjali li tali kwistjoni tiġi indirizzata biex tkun żgurata l-effikaċja tas-sistema tal-AML/CFT. L-Istati Membri għandhom ikunu konxji ta' din il-problema u għandhom jagħmlu kulma jistgħu biex jipproteġu l-individwi, inklużi l-impjegati u r-rappreżentanti tal-entità marbuta b'obbligu, minn tali theddid jew azzjoni ostili, u biex jipprovdu, f'konformità mal-liġi nazzjonali, protezzjoni adatta lil tali persuni, b'mod partikolari fir-rigward tad-dritt tagħhom tal-protezzjoni tad-data personali tagħhom u d-dritt tagħhom tal-protezzjoni u r-rappreżentazzjoni ġudizzjarji effettivi.

(42) Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1], kif trasposta fil-liġi nazzjonali, tapplika għall-ipproċessar ta' data personali għall-finijiet ta' din id-Direttiva.Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2] japplika għall-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni għall-finijiet ta' din id-Direttiva. Il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu hija rikonoxxuta bħala raġuni ta' interess pubbliku importanti mill-Istati Membri kollha.Din id-Direttiva hi mingħajr preġudizzju għall-protezzjoni ta' data personali pproċessata fil-qafas tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali, inkluż id-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI [3], kif implimentata fil-liġi nazzjonali.

(43) Huwa essenzjali li l-allinjament ta' din id-Direttiva mar-Rakkomandazzjonijiet riveduti tal-FATF jitwettaq f'konformità sħiħa mad-dritt tal-Unjoni, partikolarment fir-rigward tal-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali kif stabbiliti fil-Karta. Ċerti aspetti tal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva jinvolvu l-ġbir, l-analiżi, il-ħażna u l-kondiviżjoni ta' data. Tali pproċessar ta' data personali għandu jiġi permess filwaqt li jiġu rispettati bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali, biss għall-finijiet stipulati f'din id-Direttiva, u għall-attivitajiet meħtieġa skont din id-Direttiva bħat-twettiq ta' diliġenza dovuta tal-klijenti, il-monitoraġġ kontinwu, l-investigazzjoni u r-rappurtar ta' transazzjonijiet mhux tas-soltu u suspettużi, l-identifikazzjoni tas-sid benefiċjarju ta' persuna ġuridika jew arranġament legali, l-identifikazzjoni ta' persuna politikament esposta, il-kondiviżjoni ta' informazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni minn istituzzjonijiet ta' kreditu u istituzzjonijiet finanzjarji u entitajiet marbutin b'obbligu oħra. Il-ġbir u l-ipproċessar sussegwenti tad-data personali mill-entitajiet marbutin b'obbligu għandhom ikunu limitati għal dak li hu meħtieġ għall-fini tal-konformità mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva u d-data personali ma għandhiex tiġi pproċessata ulterjorment b'mod li jkun inkompatibbli ma' dik il-fini. B'mod partikolari, l-ipproċessar ulterjuri ta' data personali għal raġunijiet kummerċjali għandu jkun projbit b'mod strett.

(44) Ir-Rakkomandazzjonijiet riveduti tal-FAFT juru li, sabiex ikunu jistgħu jikkooperaw b'mod sħiħ u jwieġbu malajr għat-talbiet ta' informazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-individwazzjoni jew l-investigazzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, l-entitajiet marbutin b'obbligu għandhom iżommu, għal mill-inqas ħames snin, l-informazzjoni meħtieġa miksuba permezz ta' miżuri tad-diliġenza dovuta tal-klijenti u r-rekords dwar it-transazzjonijiet. Sabiex jiġu evitati approċċi differenti u sabiex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti li jirrigwardaw il-protezzjoni tad-data personali u ċ-ċertezza legali, dak il-perijodu taż-żamma għandu jiġi ffissat għal ħames snin wara tmiem ir-relazzjoni ta' negozju jew ta' transazzjoni okkażjonali. Madankollu, jekk ikun meħtieġ għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-individwazzjoni jew l-investigazzjoni ta' ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu, u wara li titwettaq valutazzjoni tal-ħtieġa u l-proporzjonalità tagħha, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jippermettu jew jirrikjedu ż-żamma ulterjuri ta' rekords għal perijodu li ma jaqbiżx ħames snin addizzjonali, mingħajr preġudizzju għal-liġi kriminali nazzjonali dwar l-evidenza applikabbli għal investigazzjonijiet kriminali li għaddejjin u l-proċedimenti legali. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li salvagwardji speċifiċi jiddaħħlu fis-seħħ biex tiġi żgurata s-sigurtà tad-data u għandhom jiddeterminaw liema persuni jew kategoriji ta' persuni jew awtoritajiet għandu jkollhom aċċess esklużiv għad-data miżmuma.

(45) Għall-finijiet li tiġi żgurata l-amministrazzjoni adatta u effiċjenti tal-ġustizzja matul il-perijodu għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva fl-ordnijiet legali nazzjonali tal-Istati Membri, u sabiex l-interazzjoni tagħha mal-liġijiet proċedurali nazzjonali tkun bla xkiel, l-informazzjoni u d-dokumenti pertinenti għall-proċedimenti legali li

[1] Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31).

[2] Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

[3] Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI tas-27 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni ta' data personali pproċessata fil-qafas tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali (ĠU L 350, 30.12.2008, p. 60).

jinsabu għaddejjin għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-individwazzjoni jew l-investigazzjoni tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu possibbli, li jkunu pendenti fl-Istati Membri fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, għandhom jinżammu għal perijodu ta' ħames snin wara dik id-data, u għandu jkun possibbli li dan il-perijodu jiġi estiż għal ħames snin oħra.

(46) Id-drittijiet ta' aċċess għal data mis-suġġett tad-data huma applikabbli għad-data personali pproċessata għall-fini ta' din id-Direttiva. Madankollu, l-aċċess mis-suġġett tad-data għal kwalunkwe informazzjoni relatata ma' rapport ta' transazzjoni suspettuża jnaqqas b'mod gravi l-effettività tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu. L-eċċezzjonijiet u r-restrizzjonijiet għal dak id-dritt f'konformità mal-Artikolu 13 tad-Direttiva 95/46/KE u, fejn rilevanti, l-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001, għalhekk jistgħu jkunu ġġustifikati. Is-suġġett tad-data għandu d-dritt jitlob li awtorità superviżorja msemmija fl-Artikolu 28 tad-Direttiva 95/46/KE, jew, fejn applikabbli, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, tivverifika l-legalità tal-ipproċessar, u għandu d-dritt li jfittex rimedju ġudizzjarju msemmi fl-Artikolu 22 ta' dik id-Direttiva. L-awtorità superviżorja msemmija fl-Artikolu 28 tad-Direttiva 95/46/KE tista' wkoll taġixxi fuq bażi ta' *ex officio*. Mingħajr preġudizzju għar-restrizzjonijiet għad-dritt tal-aċċess, l-awtorità superviżorja għandha tkun tista' tinforma s-suġġett tad-data li jkunu seħħew il-verifiki meħtieġa kollha mill-awtorità superviżorja, u bir-riżultat fir-rigward tal-legalità tal-ipproċessar inkwistjoni.

(47) Persuni li sempliċiment jikkonvertu dokumenti stampati għal data elettronika u li tkun qed taġixxi taħt kuntratt ma' istituzzjoni ta' kreditu jew istituzzjoni finanzjarja upersuni li jipprovdu istituzzjonijiet ta' kreditu jew istituzzjonijiet finanzjarji biss b'sistema ta' messaġġi jew ta' appoġġ ieħor għat-trasmissjoni ta' fondi jew b'sistemi ta' kklerjar u ta' ħlas ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

(48) Il-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu huma problemi internazzjonali u l-isforz sabiex jiġu miġġielda għandu jkun globali. Fejn istituzzjonijiet ta' kreditu u istituzzjonijiet finanzjarji tal-Unjoni għandhom fergħat jew sussidjarji li jinsabu f'pajjiżi terzi li fihom ir-rekwiżiti f'dak il-qasam huma inqas rigorużi minn dawk tal-Istati Membri, huma għandhom, sabiex tiġi evitata l-applikazzjoni ta' standards differenti ħafna fi ħdan l-istituzzjoni jew il-grupp ta' istituzzjonijiet, japplikaw għal dawk il-fergħat u sussidjarji l-istandards tal-Unjoni jew jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju jekk l-applikazzjoni ta' tali standards mhijiex possibbli.

(49) Il-feedback dwar l-utilità u s-segwitu tar-rapporti ta' transazzjonijiet suspettużi li jippreżentaw għandu, fejn ikun prattikabbli, jkun disponibbli għall-entitajiet marbutin b'obbligu. Sabiex dan ikun possibbli, u sabiex ikunu jistgħu jagħmlu reviżjoni tal-effettività tas-sistemi tagħhom għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, l-Istati Membri għandhom iżommu, u jtejbu l-kwalità tal-istatistika rilevanti. Biex titjieb aktar il-kwalità u l-konsistenza tad-data statistika miġbura fil-livell tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tissorvelja s-sitwazzjoni fl-Unjoni kollha rigward il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu u għandha tippubblika analiżi regolari.

(50) Fejn l-Istati Membri jiddeċiedu li jirrikjedu li l-emittenti tal-flus elettroniċi u fornituri tas-servizzi ta' pagament li huma stabbiliti fit-territorju tagħhom f'forom oħra minbarra fergħa, u li l-uffiċċju ewlieni tagħhom jinsab fi Stat Membru ieħor, jaħtru punt ta' kuntatt ċentrali fit-territorju tagħhom, huma għandhom ikunu jistgħu jirrikjedu li tali punt ta' kuntatt ċentrali, li jaġixxi f'isem l-istituzzjoni li taħtar, jiżgura li l-istabbilimenti jkunu konformi ma' regoli tal-AML/CFT. Huma għandhom jiżguraw ukoll li dak ir-rekwiżit ikun proporzjonat u ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan tal-konformità mar-regoli tal-AML/CFT, inkluż permezz tal-iffaċilitar tas-superviżjoni rispettiva.

(51) L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li, fir-rigward ta' uffiċċji tal-kambju ta' flus, l-uffiċċji li jsarrfu ċ-ċekkijiet, fornituri ta' servizzi ta' trusts jew ta' kumpanniji jew fornituri ta' servizzi tal-logħob tal-azzard, il-persuni li effettivament imexxu n-negozju ta' entitajiet bħal dawn u s-sidien benefiċjarji ta' tali entitajiet ikunu kompetenti u idonei. Bħala minimu, il-kriterji li jiddeterminaw jekk persuna hijiex kompetenti u idonea, jirriflettu l-ħtieġa li tali entitajiet jiġu protetti milli jintużaw ħażin mill-maniġers jew is-sidien benefiċjarji tagħhom għal finijiet kriminali.

(52) Fejn entità marbuta b'obbligu topera stabbilimenti fi Stat Membru ieħor, inkluż permezz ta' netwerk ta' aġenti, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha tkun responsabbli li tissorvelja li l-entità marbuta b'obbligu tapplika l-politiki u l-proċeduri tal-AML/CFT mal-grupp kollu. Dan jista' jinvolvi żjarat fuq il-post fi stabbilimenti bbażati fi Stat Membru ieħor. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha tikkoopera mill-qrib mal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti u għandha tinforma lil dan tal-aħħar dwar kwalunkwe kwistjoni li tista' taffettwa l-valutazzjoni tagħhom tal-konformità tal-istabbiliment maregoli tal-AML/CFT.

(53) Fejn entità marbuta b'obbligu topera stabbilimenti fi Stat Membru ieħor, inkluż permezz ta' netwerk ta' aġenti jew persuni li jqassmu flus elettroniċi skont l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2009/110/KE, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti żżomm ir-responsabbiltà għall-infurzar tal-konformità tal-istabbiliment mar-regoli tal-AML/CFT, inkluż fejn xieraq, billi twettaq spezzjonijiet fuq il-post u monitoraġġ mhux fuq il-post u billi tieħu miżuri adatti u proporzjonati biex tindirizza ksur serju ta' dawk ir-rekwiżiti. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandha tikkoopera mill-qrib mal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju u għandha tinforma lil dan tal-aħħar dwar kwalunkwe kwistjoni li tista' taffettwa l-valutazzjoni tagħha tal-applikazzjoni tal-entità marbuta b'obbligu tal-politiki u l-proċeduri tal-grupp tal-AML/CFT. Sabiex jinqered il-ksur serju tar-regoli tal-AML/CFT li jeħtieġ rimedji immedjati, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandha tkun tista' tapplika miżuri temporanji ta' rimedju adatti u proporzjonati, applikabbli taħt ċirkostanzi simili għal entitajiet marbutin b'obbligu taħt il-kompetenza tagħhom, sabiex jiġu indirizzati dawn in-nuqqasijiet serji, fejn adatt, bl-assistenza ta', jew f'kooperazzjoni mal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju.

(54) Filwaqt li jittieħed kont tan-natura transnazzjonali tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-UIF hija importanti ħafna. Sabiex tali koordinazzjoni u kooperazzjoni jittejbu, u, b'mod partikolari, biex jiġi żgurat li r-rapporti ta' transazzjonijiet suspettużi jilħqu l-UIF tal-Istat Membru fejn ir-rapport ikun tal-aktar użu, għandhom jiġu stipulati regoli dettaljati b'din id-Direttiva.

(55) Il-"Pjattaforma tal-UE tal-Unitajiet ta' Intelligence Finanzjarja" ("Pjattaforma tal-UE tal-UIF"), grupp informali magħmul minn rappreżentanti mill-UIF u li ilu attiv mill-2006, tintuża biex tiffaċilita l-kooperazzjoni fost l-UIF u biex jiġu skambjati fehmiet dwar kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni bħal kooperazzjoni effettiva fost l-UIF u bejn l-UIF u unitajiet tal-*intelligence* finanzjarja, l-analiżi konġunta ta' każijiet transkonfinali kif ukoll ix-xejriet u l-fatturi rilevanti għall-valutazzjoni tar-riskji ta' ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak sovranazzjonali.

(56) It-titjib fl-iskambju ta' informazzjoni bejn UIF fl-Unjoni huwa partikolarment importanti biex tiġi indirizzata n-natura transnazzjonali tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu. L-Istati Membri għandhom iħeġġu l-użu ta' faċilitajiet siguri għall-iskambju ta' informazzjoni, partikolarment in-netwerk informatiku deċentralizzat FIU.net (l-"FIU.net") jew is-suċċessur tiegħu u t-tekniki offruti mill-FIU.net. L-iskambju inizjali bejn l-UIF ta' informazzjoni relatata mal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu għal skopijiet analitiċi u li ma terġax tiġi pproċessata jew imxerrda, għandu jkun permess dment li tali skambju ta' informazzjoni ma jmurx kontra l-prinċipji fundamentali tal-liġi nazzjonali. L-iskambji ta' informazzjoni dwar każijiet identifikati mill-UIF tal-UE li jistgħu jinvolvu reati fiskali, għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-iskambji ta' informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni, f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE ([1]) jew f'konformità ma' standards internazzjonali dwar l-iskambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni amministrattiva fi kwistjonijiet tat-taxxa.

(57) Sabiex ikunu jistgħu jirrispondu sew u malajr għal mistoqsijiet mill-UIF, jeħtieġ li l-entitajiet marbutin b'obbligu jkollhom stabbiliti sistemi effettivi li jippermettulhom ikollhom aċċess sħiħ u f'waqtu permezz ta' mezzi siguri u kunfidenzjali ta' informazzjoni dwar relazzjonijiet ta' negozju li għandhom jew kellhom ma' persuni speċifikati. F'konformità mal-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali, l-Istati Membri jistgħu, pereżempju, jikkunsidraw li jistabbilixxu sistemi ta' reġistri bankarji jew sistemi elettroniċi għall-irkupru ta' data li jipprovdu lill-UIF b'aċċess għal informazzjoni dwar kontijiet bankarji mingħajr preġudizzju għall-awtorizzazzjoni ġuridika fejn applikabbli. L-Istati Membri jistgħu wkoll jikkunsidraw li jistabbilixxu mekkaniżmi li jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom stabbiliti proċeduri sabiex jidentifikaw assi mingħajr notifika minn qabel lill-proprjetarju.

(58) L-Istati Membri għandhom iħeġġu lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom biex jipprovdu b'mod rapidu, kostruttiv u effettiv l-aktar firxa wiesgħa ta' kooperazzjoni transkonfinali għall-finijiet ta' din id-Direttiva, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe regola jew proċedura applikabbli għal kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali. L-Istati Membri għandhom jiżguraw b'mod partikolari li l-UIF jiskambjaw l-informazzjoni ma' unitajiet tal-*intelligence* finanzjarja ta' pajjiżi terzi b'mod liberu, spontanju jew fuq talba, wara li jikkunsidraw il-liġi tal-Unjoni u l-prinċipji li jirrigwardaw l-iskambju tal-informazzjoni żviluppati mill-Grupp Egmont ta' Unitajiet ta' Intelligence Finanzjarja.

(59) L-importanza tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu għandha twassal lill-Istati Membri biex jistabbilixxu sanzjonijiet u miżuri amministrattivi effettivi, proporzjonati u dissważivi fil-liġi nazzjonali għan-nuqqas ta' osservanza tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva. Attwalment l-Istati Membri għandhom stabbilita firxa varja ta' sanzjonijiet u miżuri amministrattivi għall-ksur tad-dispożizzjonijiet preventivi ewlenin. Dik id-diversità tista' tkun ta' detriment għall-isforzi fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament

([1]) Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE tal-15 ta' Frar 2011 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni u li tħassar id-Direttiva 77/799/KEE (ĠU L 64, 11.3.2011, p. 1).

tat-terroriżmu u r-rispons tal-Unjoni huwa f'riskju li jkun frammentat. Għalhekk din id-Direttiva għandha tipprovdi firxa ta' sanzjonijiet u miżuri amministrattivi mill-Istati Membri għal-inqas għal ksur serju, ripetut jew sistematiku tar-rekwiżiti relatati ma' miżuri ta' diliġenza dovuta tal-klijenti, iż-żamma ta' rekords, ir-rappurtar ta' transazzjonijiet suspettużi u l-kontrolli interni ta' entitajiet marbutin b'obbligu. Il-firxa ta' sanzjonijiet u miżuri għandha tkun wiesgħa biżżejjed biex tippermetti lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet kompetenti biex jikkunsidraw id-differenzi bejn entitajiet marbutin b'obbligu, b'mod partikolari bejn istituzzjonijiet finanzjarji u ta' kreditu u entitajiet marbutin b'obbligu oħra, fir-rigward tad-daqs, il-karatteristiċi u n-natura tan-negozju tagħhom. Fit-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet u miżuri amministrattivi f'konformità ma' din id-Direttiva u ta' sanzjonijiet kriminali f'konformità mal-liġi nazzjonali ma tmurx kontra l-prinċipju ta' *ne bis in idem*.

(60) Għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-adegwatezza ta' persuni li jkollhom funzjoni ta' ġestjoni f'entitajiet marbutin b'obbligu, jew b'xi mod jikkontrollawhom, kwalunkwe skambju ta' informazzjoni dwar il-kundanni kriminali għandu jitwettaq f'konformità mad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/315/ĠAI ([1]) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/316/ĠAI ([2]), kif trasposti fil-liġi nazzjonali, u ma' dispożizzjonijiet rilevanti oħra tal-liġi nazzjonali.

(61) Standards regolatorji fis-servizzi finanzjarji għandhom jiżguraw armonizzazzjoni konsistenti u protezzjoni adegwata tad-depożituri, l-investituri u l-konsumaturi fl-Unjoni kollha. Bħala korpi b'għarfien speċjalizzat għoli, ikun effiċjenti u adatt li l-ASE ikunu inkarigati bl-elaborazzjoni, għall-preżentazzjoni lill-Kummissjoni, ta' abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li ma jinvolvux għażliet ta' politika.

(62) Il-Kummissjoni għandha tadotta l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji żviluppati mill-ASE skont din id-Direttiva permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 290 TFUE u f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, Nru 1094/2010 u (UE) Nru 1095/2010.

(63) Minħabba l-emendi sostanzjali li jeħtieġ isiru għad-Direttivi 2005/60/KE u 2006/70/KE fid-dawl ta' din id-Direttiva, dawn għandhom jingħaqdu u jiġu sostitwiti għal raġunijiet ta' ċarezza u konsistenza.

(64) Minħabba li l-objettiv ta' din id-Direttiva, b'mod partikolari l-protezzjoni tas-sistema finanzjarja permezz tal-prevenzjoni, l-individwazzjoni u l-investigazzjoni ta' ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, minħabba li l-miżuri individwali adottati mill-Istati Membri biex jipproteġu s-sistemi finanzjarji tagħhom jistgħu jkunu inkonsistenti mal-funzjonament tas-suq intern u mal-preskrizzjonijiet tal-istat tad-dritt u l-politika pubblika tal-Unjoni iżda pjuttost jista', minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif jinsab fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-għan.

(65) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta, b'mod partikolari, id-dritt għar-rispett għall-ħajja privata u tal-familja, id-dritt għall-protezzjoni ta' data personali, il-libertà tat-twettiq ta' negozju, il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni, id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust, il-preżunzjoni ta' innoċenza u d-drittijiet ta' difiża.

(66) F'konformità mal-Artikolu 21 tal-Karta, li jipprojbixxi kwalunkwe diskriminazzjoni bbażata fuq kwalunkwe raġuni, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li din id-Direttiva hi implimentata, fir-rigward ta' valutazzjonijiet tar-riskju fil-kuntest ta' diliġenza dovuta tal-klijenti mingħajr diskriminazzjoni.

(67) F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni dwar dokumenti ta' spjegazzjoni ([3]), l-Istati Membri impenjaw ruħhom li, f'każijiet iġġustifikati, jissupplimentaw in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom b'dokument wieħed jew aktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti tal-istrumenti tat-traspożizzjoni nazzjonali. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġislatur iqis li t-trasmissjoni ta' dawn id-dokumenti hija ġustifikata,

(68) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat skont l-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 u ta opinjoni fl-4 ta' Lulju 2013 ([4]),

---

([1]) Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/315/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009 dwar l-organizzazzjoni u l-kontenut tal-iskambju bejn l-Istati Membri, ta' informazzjoni estratta mir-rekords kriminali (ĠU L 93, 7.4.2009, p. 23).

([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/316/ĠAI tas-6 ta' April 2009 dwar l-istabbiliment ta' Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS) fl-applikazzjoni tal-Artikolu 11 tad-Deċiżjoni Qafas 2009/315/ĠAI (ĠU L 93, 7.4.2009, p. 33).

([3]) ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

([4]) ĠU C 32, 4.2.2014, p. 9.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

KAPITOLU I

**DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI**

*TAQSIMA 1*

***Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet***

*Artikolu 1*

1. Din id-Direttiva timmira għall-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja tal-Unjoni għall-finijiet tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu jkunu projbiti.

3. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, dawn li ġejjin, meta jitwettqu b'intenzjoni, għandhom jitqiesu bħala ħasil tal-flus:

(a) il-konverżjoni jew it-trasferiment ta' proprjetà, bil-konoxxenza li tali proprjetà ġejja minn attività kriminali jew minn kompliċità f'tali attività, għall-fini ta' ħabi jew travestiment tal-oriġini illeċita tal-proprjetà jew sabiex tingħata għajnuna lil kwalunkwe persuna li tkun involuta fit-twettiq ta' tali attività sabiex tevadi l-konsegwenzi legali tal-azzjoni ta' dik il-persuna;

(b) il-ħabi jew it-travestiment tan-natura, is-sors, il-lokalità, id-dispożizzjoni, il-moviment, jew is-sidien veri tal-proprjetà jew tad-drittijiet veri fir-rigward tagħha, bil-konoxxenza li tali proprjetà ġejja minn attività kriminali jew minn kompliċità f'tali attività;

(c) l-akkwist, il-pussess jew l-użu ta' proprjetà, bil-konoxxenza, fiż-żmien tar-riċezzjoni tagħha, li tali proprjetà ġiet minn attività kriminali jew minn kompliċità f'tali attività;

(d) parteċipazzjoni f'attentati jew assoċjazzjoni fihom, għat-twettiq u l-għoti ta' għajnuna, sostenn, tħaffif u l-għoti ta' parir għat-twettiq ta' xi waħda mill-azzjonijiet imsemmija fil-punti (a), (b) u (c).

4. Il-ħasil tal-flus għandu jitqies bħala tali anke fejn l-attivitajiet li ġġeneraw il-proprjetà ddestinata għall-ħasil tal-flus twettqu fit-territorju ta' Stat Membru ieħor jew f'dak ta' pajjiż terz.

5. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "finanzjament tat-terroriżmu" tfisser l-għoti jew il-ġbir ta' fondi, bi kwalunkwe mezz, dirett jew indirett, bl-intenzjoni li jintużaw jew bl-għarfien li ser jintużaw, totalment jew parzjalment, sabiex jitwettaq xi wieħed mir-reati li jaqgħu taħt it-tifsira tal-Artikoli 1 sa 4 tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI ([1]).

6. L-għarfien, l-intenzjoni jew l-għan meħtieġ bħala element tal-attivitajiet imsemmija fil-paragrafi 3 u 5 jistgħu jiġu preżunti miċ-ċirkostanzi fattwali oġġettivi.

*Artikolu 2*

1. Din id-Direttiva għandha tapplika għall-entitajiet marbutin b'obbligu li ġejjin:

(1) l-istituzzjonijiet ta' kreditu;

(2) l-istituzzjonijiet finanzjarji;

(3) il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li ġejjin meta jeżerċitaw l-attivitajiet professjonali tagħhom:

(a) awdituri, kontabilisti esterni u konsulenti tat-taxxa;

(b) nutara u professjonisti legali indipendenti oħra, fejn dawn jieħdu sehem, kemm jekk jaġixxu f'isem jew għan-nom tal-klijent tagħhom fi kwalunkwe transazzjoni finanzjarja jew immobbiljarja, kif ukoll jekk jgħinu fl-ippjanar jew fit-twettiq ta' transazzjonijiet għall-klijent tagħhom li jirrigwardaw:

(i) ix-xiri u l-bejgħ ta' proprjetà immobbli jew ta' entitajiet kummerċjali;

(ii) il-ġestjoni ta' flus, titoli jew assi oħra tal-klijent;

(iii) il-ftuħ jew il-ġestjoni ta' kontijiet bankarji ta' tfaddil jew ta' titoli;

([1]) Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu (ĠU L 164, 22.6.2002, p. 3).

(iv) l-organizzazzjoni tal-kontributi neċessarji għall-ħolqien, l-operazzjoni jew il-ġestjoni ta' kumpanniji;

(v) il-kostituzzjoni, l-operat jew il-ġestjoni ta' trusts, ta' kumpanniji, ta' fondazzjonijiet jew ta' strutturi simili;

(c) fornituri ta' servizzi ta' trust jew ta' kumpanniji li mhumiex diġà koperti mill-punti (a) jew (b);

(d) aġenti immobbiljari;

(e) persuni oħrajn li jinnegozjaw fi prodotti, sa fejn il-ħlasijiet isiru jew jiġu riċevuti fi flus kontanti f'ammont ta' EUR 10 000 jew aktar, kemm jekk it-transazzjoni ssir f'operazzjoni waħda jew inkella f'bosta operazzjonijiet li jidhru li għandhom x'jaqsmu ma' xulxin;

(f) fornituri ta' servizzi tal-logħob tal-azzard.

2. Bl-eċċezzjoni tal-casinos, u wara valutazzjoni tar-riskju xierqa, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jeżentaw għal kollox jew parzjalment il-fornituri ta' ċerti servizzi tal-logħob tal-azzard minn dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu id-Direttiva abbażi tar-riskju żgħir ippruvat li jirriżulta min-natura u, fejn xieraq, l-iskala tal-operazzjonijiet ta' servizzi bħal dawn.

Fost il-fatturi li jikkunsidraw fil-valutazzjoni tar-riskju tagħhom, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-grad ta' vulnerabbiltà tat-transazzjonijiet applikabbli, inkluż fir-rigward tal-metodi ta' ħlas użati.

Fil-valutazzjoni tar-riskju tagħhom, l-Istati Membri għandhom jindikaw kif huma jkunu ħadu kont tal-konklużjonijiet rilevanti fir-rapporti maħruġin mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 6.

Kull deċiżjoni meħuda minn Stat Membru skont l-ewwel subparagrafu għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni, flimkien ma' ġustifikazzjoni bbażata fuq il-valutazzjoni tar-riskju speċifika. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika dik id-deċiżjoni lill-Istati Membri l-oħra.

3. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-persuni li jidħlu f'attività finanzjarja fuq bażi okkażjonali jew ferm limitata fejn ftit li xejn hemm riskju ta' ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu, ma jaqgħux fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva dment li jkunu sodisfatti l-kriterji kollha li ġejjin:

(a) l-attività finanzjarja tkun limitata f'termini assoluti;

(b) l-attività finanzjarja tkun limitata fuq bażi ta' transazzjoni;

(c) l-attività finanzjarja ma tkunx l-attività prinċipali ta' tali persuni;

(d) l-attività finanzjarja tkun anċillari u marbuta direttament mal-attività prinċipali ta' tali persuni;

(e) l-attività ewlenija ta' tali persuni ma tkunx attività msemmija fil-punti (a) sa (d) jew fil-punt (f) tal-paragrafu 1(3);

(f) l-attività finanzjarja tkun ipprovduta biss lill-klijenti tal-attività prinċipali ta' tali persuni u ma tkunx offruta lill-pubbliku b'mod ġenerali.

L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika għal persuni involuti fl-attività ta' ħlas ta' flus kif definit fil-punt (13) tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

4. Għall-finijiet tal-punt (a) tal-paragrafu 3, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-fatturat totali tal-attività finanzjarja ma taqbiżx livell limitu partikolari. Dak il-livell limitu għandu jkun baxx biżżejjed. Dak il-livell limitu għandu jiġi stabbilit fuq il-livell nazzjonali, skont it-tip tal-attività finanzjarja.

5. Għall-finijiet tal-punt (b) tal-paragrafu 3, l-Istati Membri għandhom japplikaw livell limitu massimu għal kull klijent u għal kull transazzjoni, kemm jekk it-transazzjoni titwettaq f'operazzjoni waħda kif ukoll jekk titwettaq f'bosta operazzjonijiet li jidhru li għandhom x'jaqsmu ma' xulxin. Dak il-limitu massimu għandu jiġi stabbilit fuq il-livell nazzjonali skont it-tip tal-attività finanzjarja. Għandu jkun baxx biżżejjed biex jiġi żgurat li t-tipi ta' transazzjonijiet inkwistjoni jkunu metodu ineffiċjenti u mhux prattiku għall-ħasil tal-flus jew għall-finanzjament tat-terroriżmu, u ma għandux jaqbeż l-EUR 1 000.

6. Għall-finijiet tal-punt (c) tal-paragrafu 3, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-fatturat mill-attività finanzjarja ma jaqbżux 5 % tal-fatturat annwali totali tal-persuna fiżika jew ġuridika kkonċernata.

---

([1]) Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern li temenda d-Direttivi 97/7/KE, 2002/65/KE, 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 97/5/KE (ĠU L 319, 5.12.2007, p. 1).

7. Fil-valutazzjoni tar-riskju ta' ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikulari lil kwalunkwe attività finanzjarja li minħabba n-natura tagħha titqies li għandha probabbiltà għolja li tintuża jew tiġi abbużata għal finijiet ta' ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu.

8. Id-deċiżjonijiet meħuda minn Stat Membru skont il-paragrafu 3 għandhom jiddikjaraw ir-raġunijiet li fuqhom ikunu bbażati. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jirtiraw tali deċiżjonijiet fejn jinbidlu ċ-ċirkostanzi. Huma għandhom jinnotifikaw tali deċiżjonijiet lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika tali deċiżjonijiet lill-Istati Membri l-oħra.

9. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu attivitajiet ta' monitoraġġ ibbażati fuq ir-riskju jew jieħdu miżuri adegwati oħrajn biex jiżguraw li ma jsirx abbuż mill-eżenzjoni mogħtija mid-deċiżjonijiet skont dan l-Artikolu.

*Artikolu 3*

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "istituzzjoni ta' kreditu" tfisser istituzzjoni ta' kreditu kif definita fil-punt (1) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), inklużi l-fergħat tagħha, kif definit fil-punt (17) tal-Artikolu 4(1) ta' dak ir-Regolament, li jkunu jinsabu fl-Unjoni, kemm jekk l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun jinsab fl-Unjoni kif ukoll jekk ikun f'pajjiż terz;

(2) "istituzzjoni finanzjarja" tfisser:

(a) intrapriża, li ma tkunx istituzzjoni ta' kreditu, li twettaq waħda jew aktar mill-attivitajiet inklużi fil-punti (2) sa (12), (14) u (15) tal-Anness I għad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), inklużi l-attivitajiet ta' uffiċċji ta' kambju tal-munita;

(b) impriża tal-assigurazzjoni kif definita fil-punt (1) tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), sa fejn hija twettaq attivitajiet tal-assigurazzjoni tal-ħajja koperti minn dik id-Direttiva;

(c) ditta ta' investiment kif definita fil-punt (1) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]);

(d) intrapriża ta' investiment kollettiv li tikkummerċjalizza l-unitajiet jew l-ishma tagħha;

(e) intermedjarja tal-assigurazzjoni kif definita fil-punt (5) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2002/92/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) fejn taġixxi fir-rigward tal-assigurazzjoni tal-ħajja u servizzi oħra relatati mal-investiment, bl-eċċezzjoni ta' intermedjarju marbut ta' assigurazzjoni kif definita fil-punt (7) ta' dak l-Artikolu;

(f) fergħat, meta jinsabu fl-Unjoni, ta' istituzzjonijiet finanzjarji kif imsemmija fil-punti (a) sa (e), kemm jekk l-uffiċċju prinċipali tagħhom ikunu jinsab fi Stat Membru kif ukoll jekk ikun jinsab f'pajjiż terz;

(3) "proprjetà" tfisser assi ta' kwalunkwe tip, kemm korporali kif ukoll inkorporali, mobbli jew immobbli, tanġibbli jew intanġibbli, u dokumenti jew strumenti legali fi kwalunkwe forma inkluż dik elettronika jew diġitali, li tixhed it-titolu ta' tali assi jew interess fihom;

(4) "attività kriminali" tfisser kwalunkwe tip ta' involviment kriminali fit-twettiq tar-reati serji li ġejjin:

(a) atti previsti fl-Artikoli 1 sa 4 tad-Deċiżjoni Kwadru 2002/475/ĠAI;

(b) kwalunkwe wieħed mir-reati msemmija fl-Artikolu 3(1)(a) tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1988 kontra t-Traffikar Illeċitu fi Drogi Narkotiċi u Sustanzi Psikotropiċi;

---

([1]) Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).
([2]) Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).
([3]) Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1).
([4]) Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE (ĠU L 145, 30.4.2004, p. 1).
([5]) Direttiva 2002/92/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Diċembru 2002 dwar il-medjazzjoni fl-assigurazzjoni (ĠU L 9, 15.1.2003, p. 3).

(c) l-attivitajiet ta' organizzazzjonijiet kriminali kif definit fl-Artikolu 1 tal-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 98/733/ĠAI ([1]);

(d) frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, fejn tkun mill-inqas serja, kif definit fl-Artikolu 1(1) u l-Artikolu 2(1) tal-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej ([2]);

(e) korruzzjoni;

(f) ir-reati kollha, inklużi reati fiskali, relatati ma' taxxi diretti u taxxi indiretti u kif definiti fil-liġi nazzjonali tal-Istati Membri, li huma punibbli b'ċaħda tal-libertà jew ordni ta' detenzjoni għal massimu ta' aktar minn sena jew, fir-rigward ta' Stati Membri li għandhom livell limitu minimu għal reati fis-sistema legali tagħhom, ir-reati kollha punibbli b'ċaħda tal-libertà jew ordni ta' detenzjoni għal minimu ta' aktar minn sitt xhur;

(5) "korp awtoregolatorju" tfisser korp li jirrappreżenta membri ta' professjoni u li għandu rwol fir-regolamentazzjoni tagħhom, fit-twettiq ta' ċerti funzjonijiet tat-tip superviżorju jew ta' monitoraġġ u fl-iżgurar tal-infurzar tar-regoli li jirrigwardawhom;

(6) "sid benefiċjarju" tfisser kwalunkwe persuna jew persuni fiżiċi li huma s-sid jew li għandhom l-kontroll finali tal-klijent jew il-persuna jew persuni fiżiċi li f'isimhom tkun qed titwettaq transazzjoni jew attività u tinkludi:

(a) fil-każ ta' entitajiet korporattivi:

(i) il-persuna fiżika/persuni fiżiċi li hija s-sid jew li għandha l-kontroll finali ta' entità ġuridika permezz ta' sjieda diretta jew indiretta ta' perċentwal suffiċjenti tal-ishma jew tad-drittijiet tal-vot jew interess ta' sjieda f'dik l-entità, inkluż permezz ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji bearer, jew permezz ta' kontroll b'mezzi oħra, minbarra kumpannija elenkata fuq suq regolat li hija soġġetta għal rekwiżiti ta' żvelar konsistenti mal-leġislazzjoni tal-Unjoni Ewropea jew soġġetta għal standards internazzjonali ekwivalenti li jiżguraw it-trasparenza adegwata tal-informazzjoni tas-sjieda.

Il-pussess ta' ishma ta' 25 % u sehem wieħed jew interess ta' sjieda ta' aktar minn 25 % fil-klijent miżmum minn persuna fiżika, għandu jkun indikazzjoni ta' sjieda diretta. Il-parteċipazzjoni azzjonarja ta' 25 % u sehem wieħed jew interess ta' sjieda ta' aktar minn 25 % fil-klijent miżmum minn entità korporattiva, li tkun taħt il-kontroll ta' persuna fiżika jew persuni fiżiċi, jew minn entitajiet korporattivi multipli, li jkunu taħt il-kontroll tal-istess persuna fiżika jew persuni fiżiċi, għandha tkun indikazzjoni ta' sjieda indiretta. Dan japplika mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li jiddeċiedu li perċentwal aktar baxx jista' jkun indikazzjoni ta' sjieda jew kontroll. Jista' jiġi determinat kontroll permezz ta' mezzi oħra, fost oħrajn, f'konformità mal-kriterji fl-Artikolu 22(1) sa (5) tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]);

(ii) jekk, wara li tkun eżawriet il-mezzi kollha possibbli u sakemm ma jkunx hemm raġunijiet għal suspett, l-ebda persuna taħt il-punt (i) ma tkun identifikata, jew jekk ikun hemm xi dubbju li l-persuna jew persuni identifikati huma s-sid jew sidien benefiċjarji, il-persuna jew persuni fiżiċi li jkollhom l-inkarigu ta' uffiċjal jew uffiċjali ta' maniġment superjuri; l-entitajiet marbutin b'obbligu għandhom iżommu rekords tal-azzjonijiet meħudin għall-finijiet tal-identifikazzjoni tas-sidien benefiċjarji taħt il-punt (i) u dan il-punt.

(b) fil-każ ta' trusts:

(i) is-settlor;

(ii) il-fiduċjarju/i;

(iii) il-protettur, jekk ikun hemm;

(iv) il-benefiċjarji, jew fejn l-individwi li jibbenefikaw mill-arranġament jew l-entità ġuridika jkunu għad iridu jiġu ddeterminati, il-klassi ta' persuni li fl-interess ewlieni tagħhom huwa stabbilit jew operat l-arranġament jew l-entità ġuridika;

(v) kwalunkwe persuna fiżika oħra li teżerċita kontroll finali fuq it-trust permezz ta' sjieda diretta jew indiretta jew permezz ta' mezzi oħra;

---

([1]) Azzjoni Konġunta 98/733/ĠAI tal-21 ta' Diċembru 1998 adottata mill-Kunsill fuq il-bażi tal-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar li tkun magħmula reat kriminali l-parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 351, 29.12.1998, p. 1).
([2]) ĠU C 316, 27.11.1995, p. 49.
([3]) Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19).

(c) fil-każ ta' entitajiet ġuridiċi bħal fondazzjonijiet, u arranġamenti legali simili għal trusts, il-persuna fiżika jew persuni fiżiċi li jkollhom pożizzjonijiet ekwivalenti jew simili għal dawk imsemmija fil-punt (b)

(7) "fornitur ta' servizz ta' trusts jew kumpanniji" tfisser kwalunkwe persuna li permezz tan-negozju tagħha jipprovdi xi wieħed mis-servizzi li ġejjin lil partijiet terzi:

(a) il-formazzjoni ta' kumpanniji jew ta' persuni ġuridiċi oħra;

(b) taġixxi bħala jew tirranġa biex persuna oħra taġixxi bħala direttur jew segretarju ta' kumpannija, jew bħala soċju f'soċjetà, jew f'xi pożizzjoni simili marbuta ma' persuni ġuridiċi oħra;

(c) il-forniment ta' uffiċċju reġistrat, jew ta' indirizz kummerċjali, jew ta' indirizz ta' korrispondenza jew amministrattiv u servizzi oħra relatati lil xi kumpannija, soċjetà jew kwalunkwe persuna ġuridika jew arranġament legali ieħor;

(d) taġixxi bħala jew tirranġa biex persuna oħra taġixxi bħala fiduċjarju ta' express trust jew ta' arranġament legali simili ieħor;

(e) taġixxi bħala jew tirranġa biex persuna oħra taġixxi bħala azzjonist nominat għal persuna oħra li mhijiex kumpannija elenkata f'suq regolat li hija soġġetta għar-rekwiżiti ta' żvelar f'konformità mal-liġi tal-Unjoni jew soġġetta għal standards internazzjonali ekwivalenti;

(8) "relazzjoni ta' korrispondenza" tfisser:

(a) il-forniment ta' servizzi bankarji minn bank wieħed bħala l-korrispondent lil bank ieħor bħala r-rispondenti, inkluża l-provvista ta' kont kurrenti jew kont ta' responsabbiltà ieħor u servizzi relatati, bħal ġestjoni ta' flus kontanti, trasferimenti ta' fondi internazzjonali, ikklerjar ta' ċekkijiet, pagamenti permezz ta' trasferimenti minn kontijiet u servizzi ta' kambju;

(b) ir-relazzjonijiet bejn l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istituzzjonijiet finanzjarji u fost l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istituzzjonijiet finanzjarji inkluż fejn jiġu fornuti servizzi simili minn istituzzjoni korrispondenti jew istituzzjoni rispondenti, u inklużi relazzjonijiet stabbiliti għal transazzjonijiet ta' titoli jew trasferimenti ta' fondi;

(9) "persuna esposta politikament" tfisser persuna fiżika li hi jew li kienet fdata bi funzjonijiet pubbliċi prominenti u jinkludu dawn li ġejjin:

(a) kapijiet ta' Stat, kapijiet ta' gvern, Ministri u viċi Ministri jew segretarji parlamentari;

(b) membri parlamentari jew ta' korpi leġislattivi simili;

(c) membri ta' korpi governattivi ta' partiti politiċi;

(d) membri tal-qrati supremi, tal-qrati kostituzzjonali jew ta' korpi ġudizzjarji oħra ta' livell għoli li d-deċiżjonijiet tagħhom ġeneralment mhumiex soġġetti għal appell ulterjuri, ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali;

(e) membri tal-qrati tal-awdituri u tal-bordijiet tal-banek ċentrali;

(f) ambaxxaturi, chargés d'affaires u uffiċjali ta' grad għoli fil-forzi armati;

(g) membri tal-korpi amministrattivi, maniġerjali jew superviżorji tal-impriżi li huma proprjetà tal-Istat;

(h) diretturi, viċi diretturi u membri tal-bord jew funzjoni ekwivalenti ta' organizzazzjoni internazzjonali.

L-ebda funzjoni pubblika msemmija fil-punti (a) sa (h) ma għandha tinftiehem li tkopri uffiċjali ta' gradi medji jew ta' gradi inqas;

(10) "membri tal-familja" tinkludi dawn li ġejjin:

(a) il-konjuġi, jew persuna meqjusa ekwivalenti għal konjuġi, ta' persuna esposta politikament;

(b) it-tfal u l-konjuġi tagħhom, jew persuni meqjusin ekwivalenti għal konjuġi, ta' persuna esposta politikament;

(c) il-ġenituri ta' persuna esposta politikament;

(11) "persuni magħrufa bħala assoċjati mill-qrib" tinkludi:

(a) persuni fiżiċi li huma magħrufa li għandhom sjieda benefiċjarja konġunta ta' entitajiet ġuridiċi jew arranġamenti legali, jew kwalunkwe relazzjoni oħra ta' negozju mill-qrib, ma' persuna esposta politikament;

(b) persuni fiżiċi li għandhom sjieda benefiċjarja unika ta' entità legali jew arranġament legali li hija magħrufa li twaqqfet għall-benefiċċju de facto ta' persuna esposta politikament;

(12) "maniġment superjuri" tfisser uffiċjal jew impjegat b'għarfien suffiċjenti dwar l-esponiment għar-riskju tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu tal-istituzzjoni u anzjanità suffiċjenti li jista' jieħu deċiżjonijiet li jaffettwaw l-esponiment għar-riskju u li mhuwiex meħtieġ li jkun membru tal-bord ta' diretturi;

(13) "relazzjoni ta' negozju" tfisser relazzjoni ta' negozju, professjonali jew kummerċjali li hija marbuta mal-attivitajiet professjonali tal-entitajiet marbutin b'obbligu u li hija mistennija, fil-mument li jiġi stabbilit il-kuntratt, li jkollha element ta' durata;

(14) "servizzi tal-logħob tal-azzard" tfisser servizz li jinvolvi logħob ta' flus f'logħob tal-azzard, inklużi dawk b'element ta' ħila bħal lotteriji, il-logħob tal-casino, il-logħob tal-poker u transazzjonijiet tal-imħatri li huma pprovduti f'post fiżiku jew bi kwalunkwe mezz, mill-bogħod, b'mezzi elettroniċi jew bi kwalunkwe teknoloġija oħra li tiffaċilita l-komunikazzjoni, u fuq it-talba individwali ta' min jirċievi s-servizzi;

(15) "grupp" tfisser grupp ta' intrapriżi, li jikkonsisti minn intrapriża ewlenija, is-sussidjarji tagħha u l-entitajiet li fihom l-intrapriża ewlenija jew is-sussidjarji tagħha jkollhom parteċipazzjoni, kif ukoll intrapriżi marbutin flimkien b'relazzjoni fis-sens tal-Artikolu 22 tad-Direttiva 2013/34/UE.

(16) "flus elettroniċi" tfisser flus elettroniċi kif definiti fil-punt (2) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/110/KE;

(17) "shell bank" tfisser istituzzjoni ta' kreditu jew istituzzjoni finanzjarja, jew istituzzjoni li l-attivitajiet tagħha jkunu ekwivalenti għal dawk ta' istituzzjonijiet ta' kreditu jew istituzzjonijiet finanzjarji, inkorporata f'ġurisdizzjoni li fiha ma għandha l-ebda preżenza fiżika, li tinvolvi ħsieb u ġestjoni sinifikanti, u li mhijiex affiljata ma' grupp finanzjarju rregolat.

*Artikolu 4*

1. L-Istati Membri għandhom, f'konformità mal-approċċ ibbażat fuq ir-riskju, jiżguraw li l-ambitu ta' din id-Direttiva tiġi estiżi kollha kemm hi jew parzjalment għall-professjonijiet u għall-kategoriji tal-impriżi, minbarra l-entitajiet marbutin b'obbligu msemmija fl-Artikolu 2(1), li jidħlu f'attivitajiet li għandhom probabbiltà partikolari li jintużaw għal għanijiet ta' ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu.

2. Fejn Stat Membru jestendi l-ambitu ta' din id-Direttiva għal professjonijiet jew għal kategoriji ta' intrapriżi minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 2(1), huwa għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan.

*Artikolu 5*

L-Istati Membri jistgħu jadottaw jew iżommu fis-seħħ dispożizzjonijiet aktar stretti fil-qasam kopert minn din id-Direttiva sabiex jipprevjenu l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, fil-limiti tal-liġi tal-Unjoni.

TAQSIMA 2

***Valutazzjoni tar-riskju***

*Artikolu 6*

1. Il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni dwar ir-riskji tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu li jaffettwaw is-suq intern u relatati ma' attivitajiet transkonfinali.

Għal dak l-għan, il-Kummissjoni għandha, sas-26 ta' Ġunju 2017, tfassal rapport li jidentifika, janalizza, u jevalwa dawk ir-riskji fil-livell tal-Unjoni. Sussegwentement, il-Kummissjoni għandha taġġorna r-rapport tagħha kull sentejn, jew aktar spiss jekk ikun xieraq.

2. Ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkopri minn tal-anqas dan li ġej:

(a) l-oqsma tas-suq intern li huma fl-ikbar riskju;

(b) ir-riskji assoċjati ma' kull settur rilevanti;

(c) l-aktar mezz mifrux użat mill-kriminali li bih jaħslu rikavat illeċitu.

3. Il-Kummissjoni għandha tqiegħed ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1 għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri u tal-entitajiet marbutin b'obbligu biex tassistihom jidentifikaw, jifhmu, jiġġestixxu u jimmitigaw ir-riskju tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, u sabiex partijiet ikkonċernati oħra, inklużi l-leġislaturi nazzjonali, il-Parlament Ewropew, l-ASE u r-rappreżentanti tal-UIF ikunu jistgħu jifhmu aħjar ir-riskji.

4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri dwar il-miżuri adatti għall-indirizzar tar-riskji identifikati. Fl-eventwalità li l-Istati Membri jiddeċiedu li ma japplikaw ebda waħda mir-rakkomandazzjonijiet fir-reġimi nazzjonali tal-AML/CFT tagħhom, huma għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dan u jipprovdu ġustifikazzjoni għal tali deċiżjoni.

5. Sas-26 ta' Diċembru 2016, l-ASE, permezz tal-Kumitat Konġunt, għandu jagħti opinjoni dwar ir-riskji tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu li jaffettwaw is-settur finanzjarju tal-Unjoni (l-"opinjoni konġunta"). Sussegwentement, l-ASE, permezz tal-Kumitat Konġunt, għandu jagħti opinjoni kull sentejn.

6. Fit-twettiq tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha torganizza x-xogħol fil-livell tal-Unjoni u għandha tqis l-opinjonijiet konġunti msemmija fil-paragrafu 5, u għandha tinvolvi lill-esperti tal-Istati Membri fil-qasam tal-AML/CFT, rappreżentanti mill-UIF, u fejn xieraq, u korpi oħrajn fil-livell tal-Unjoni fejn ikun xieraq. Il-Kummissjoni għandha tqiegħed l-opinjonijiet konġunti għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri u lill-entitajiet marbutin b'obbligu biex tassistihom fl-identifikazzjoni, il-ġestjoni u l-mitigazzjoni tar-riskju tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.

7. Kull sentejn, jew aktar spiss jekk ikun xieraq, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-konklużjonijiet li jirriżultaw mill-valutazzjonijiet tar-riskju regolari u l-azzjoni meħuda abbażi ta' dawk il-konklużjonijiet.

*Artikolu 7*

1. Kull Stat Membru għandu jieħu passi xierqa biex jidentifika, jivvaluta, jifhem u jimmitiga r-riskji ta' ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu li jaffettwawh, kif ukoll kwalunkwe tħassib marbut mal-protezzjoni tad-data f'dak ir-rigward. Għandu jżomm il-valutazzjoni tar-riskju aġġornat.

2. Kull Stat Membru għandu jinnomina awtorità jew jistabbilixxi mekkaniżmu li bih jikkoordina r-rispons nazzjonali għar-riskji msemmija fil-paragrafu 1. L-identità ta' dik l-awtorità jew id-deskrizzjoni tal-mekkaniżmu għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni, lill-ASE u lil Stati Membri oħra.

3. Fit-twettiq tal-valutazzjonijiet tar-riskju msemmijin fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jagħmlu użu mill-konklużjonijiet tar-rapport imsemmi fl-Artikolu 6(1).

4. Fir-rigward tal-valutazzjoni tar-riskju msemmija fil-paragrafu 1, kull Stat Membru għandu:

(a) jużaha biex itejjeb ir-reġim tal-AML/CFT tiegħu, b'mod partikolari billi jidentifika l-oqsma kollha li fihom l-entitajiet marbutin b'obbligu għandhom japplikaw miżuri msaħħa u, fejn xieraq, jispeċifikaw il-miżuri li għandhom jittieħdu;

(b) jidentifika, fejn xieraq, setturi jew oqsma b'riskju aktar baxx jew aktar għoli tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu;

(c) jużaha biex tassistih biex jalloka u biex jagħti prijorità lir-riżorsi għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu;

(d) jużaha biex jiżgura li jiġu mfassla regoli xierqa għal kull settur jew qasam, skont ir-riskji tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu;

(e) iqiegħed minnufih l-informazzjoni xierqa għad-dispożizzjoni tal-entitajiet marbutin b'obbligu sabiex jiġi ffaċilitat it-twettiq tal-valutazzjonijiet tar-riskju tagħhom tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.

5. L-Istati Membri għandhom iqiegħdu r-riżultati tal-valutazzjonijiet tar-riskju għad-dispożizzjoni tal- -Kummissjoni, tal-ASE u tal-Istati Membri l-oħra.

*Artikolu 8*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet marbutin b'obbligu jieħdu l-passi xierqa biex jidentifikaw u jivvalutaw ir-riskji tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu tagħhom filwaqt li jieħdu kont ta' fatturi ta' riskju, inklużi dawk relattivi għall-klijenti, pajjiżi jew żoni ġeografiċi, prodotti, ervizzi, transazzjonijiet jew kanali ta' distribuzzjoni tagħhom. Dawk il-passi għandhom ikunu proporzjonati għan-natura u d-daqs tal-entitajiet marbutin b'obbligu.

2. Il-valutazzjonijiet tar-riskju imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu ddokumentati, jinżammu aġġornati u jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti u l-korpi awtoregolatorji rilevanti kkonċernati. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeċiedu li l-valutazzjonijiet tar-riskju individwali ddokumentati mhumiex meħtieġa, fejn ir-riskji speċifiċi inerenti fis-settur ikunu ċari u jinftiehmu.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet marbutin b'obbligu għandhom stabbiliti politiki, kontrolli u proċeduri biex jimmitigaw u jiġġestixxu b'mod effettiv ir-riskji tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu identifikati fil-livell tal-Unjoni, il-livell tal-Istati Membri, u l-livell tal-entitajiet marbutin b'obbligu. Dawk il-politiki, il-kontrolli u l-proċeduri għandhom ikunu proporzjonati għan-natura u d-daqs ta' dawk l-entitajiet marbutin b'obbligu.

4. Il-politiki, il-kontrolli u l-proċeduri msemmija fil-paragrafu 3 għandhom jinkludu:

(a) l-iżvilupp ta' politiki, kontrolli u proċeduri interni, inklużi l-mudelli ta' prattiki għall-ġestjoni tar-riskju, id-diliġenza dovuta tal-klijenti, ir-rappurtar, iż-żamma tar-rekords, il-kontroll intern, il-ġestjoni tal-konformità inkluż, fejn xieraq, skont id-daqs u n-natura tan-negozju, il-ħatra ta' uffiċjal tal-konformità fil-livell maniġerjali u l-verifiki fuq l-impjegati.

(b) fejn xieraq, skont id-daqs u n-natura tan-negozju, funzjoni indipendenti ta' awditu biex tittestja l-politiki, kontrolli u proċeduri interni msemmija fil-punt (a).

5. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-entitajiet marbutin b'obbligu jiksbu approvazzjoni mill-maniġment superjuri tagħhom għall-politiki, il-kontrolli u l-proċeduri li huma jistabbilixxu u li jimmonitorjaw u jsaħħu l-miżuri meħuda, fejn xieraq.

TAQSIMA 3

***Politika ta' pajjiż terz***

*Artikolu 9*

1. Il-ġurisdizzjonijiet ta' pajjiżi terzi li għandhom nuqqasijiet strateġiċi fir-reġimi nazzjonali tal-AML/CFF tagħhom li joħolqu theddid sinifikanti għas-sistema finanzjarja tal-Unjoni ("pajjiżi terzi b'riskju kbir") għandhom jiġu identifikati sabiex jiġi protett il-funzjonament tajjeb tas-suq intern.

2. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 64 biex tidentifika pajjiżi terzi b'riskju kbir, b'kont meħud tan-nuqqasijiet strateġiċi, b'mod partikolari fir-rigward ta':

(a) il-qafas legali u istituzzjonali tal-AML/CFT tal-pajjiż terz, b'mod partikolari:

  (i) il-kriminalizzazzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu;

  (ii) miżuri relatati ma' diliġenza dovuta tal-klijenti;

  (iii) rekwiżiti relatati maż-żamma ta' rekords; u

  (iv) rekwiżiti relatati mar-rappurtar ta' transazzjonijiet suspettużi;

(b) is-setgħat u l-proċeduri tal-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu;

(c) l-effettività tas-sistema tal-AML/CFT fl-indirizzar tar-riskji tal-pajjiż terz ta' ħasil tal-flus jew ta' finanzjament tat-terroriżmu.

3. L-atti delegati msemmija fil-paragrafu 2 għandhom jiġu adottati fi żmien xahar wara l-identifikazzjoni tan-nuqqasijiet strateġiċi msemmija f'dak il-paragrafu.

4. Il-Kummissjoni għandha tieħu kont, skont kif ikun xieraq, fit-tfassil tal-atti delegati msemmija fil-paragrafu 2, tal-evalwazzjonijiet, il-valutazzjonijiet jew ir-rapporti rilevanti mħejjija minn organizzazzjonijiet internazzjonali u korpi li jistabbilixxu standards b'kompetenzi fil-qasam tal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu, f'dak li għandu x'jaqsam mar-riskji maħluqa minn pajjiżi terzi individwali.

## KAPITOLU II

## DILIĠENZA DOVUTA TAL-KLIJENTI

### *TAQSIMA 1*

### ***Dispożizzjonijiet ġenerali***

#### *Artikolu 10*

1. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-istituzzjonijiet ta' kreditu u istituzzjonijiet finanzjarji milli jżommu kontijiet anonimi jew passbooks anonimi. F'kull eventwalità, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li s-sidien u l-benefiċjarji tal-kontijiet anonimi jew tal-passbooks anonimi eżistenti jkunu soġġett għal miżuri ta' diliġenza dovuta tal-klijenti malajr kemm jista' jkun u fi kwalunkwe każ qabel ma dawk il-kontijiet jew il-passbooks jintużaw b'xi mod.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jipprevjenu l-użu ħażin ta' ishma bearer u ta' ċertifikati tal-ishma bearer.

#### *Artikolu 11*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet japplikaw miżuri ta' diliġenza dovuta tal-klijenti fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) meta jistabbilixxu relazzjoni ta' negozju;

(b) meta jwettqu transazzjoni okkażjonali li:

    (i) tammonta għal EUR 15 000 jew iżjed, kemm jekk dik it-transazzjoni ssir f'operazzjoni waħda kif ukoll jekk issir f'diversi operazzjonijiet li jidhru li huma marbuta ma xulxin; jew

    (ii) tikkostitwixxi trasferiment ta' fondi kif definit fil-punt (9) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2015/847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) li jeċċedi EUR 1 000;

(c) fil-każ ta' persuni li jinnegozjaw f'oġġetti, meta jwettqu transazzjonijiet okkażjonali fi flus kontanti li jammontaw għal EUR 10 000 jew aktar, kemm jekk it-transazzjoni titwettaq f'operazzjoni waħda kif ukoll jekk titwettaq f'diversi operazzjonijiet li jidhru li huma marbutin ma' xulxin;

(d) għall-fornituri ta' servizzi tal-logħob tal-azzard, fil-ġbir ta' rebħ, fl-imħatri ta' flus, jew fit-tnejn li huma, meta jwettqu transazzjonijiet okkażjonali li jammontaw għal EUR 2 000 jew aktar, kemm jekk it-transazzjoni titwettaq f'operazzjoni waħda kif ukoll jekk titwettaq f'diversi operazzjonijiet li jidhru li huma marbutin ma' xulxin;

(e) meta jkun hemm suspett ta' ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu, irrispettivament minn kwalunkwe deroga, eżenzjoni jew limitu;

(f) meta jkun hemm dubbji dwar il-veraċità jew l-adegwatezza ta' data ta' identifikazzjoni tal-klijent miksuba qabel.

#### *Artikolu 12*

1. B'deroga mill-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1) u tal-Artikolu 14, u abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju xierqa li turi riskju żgħir, Stat Membru jista' jippermetti lill-entitajiet marbutin b'obbligu biex ma japplikawx ċerti miżuri ta' diliġenza dovuta tal-klijenti fir-rigward ta' flus elettroniċi, fejn il-kondizzjonijiet ta' mitigazzjoni tar-riskju kollha li ġejjin ikunu sodisfatti:

(a) l-istrument tal-ħlas mhuwiex rikarikabbli, jew għandu limitu massimu ta' transazzjonijiet ta' ħlas ta' EUR 250 kull xahar li jistgħu jintużaw biss f'dak l-Istat Membru;

(b) l-ammont massimu maħżun elettronikament ma jaqbiżx EUR 250;

([1]) Regolament (UE) 2015/847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1781/2006 (ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

(c) l-istrument tal-ħlas jintuża esklużivament għax-xiri ta' oġġetti jew servizzi;

(d) l-istrument tal-ħlas ma jistax jiġi ffinanzjat bi flus elettroniċi anonimi;

(e) l-emittent iwettaq monitoraġġ suffiċjenti tat-transazzjonijiet jew tar-relazzjoni ta' negozju biex ikunu jistgħu jiġu identifikati transazzjonijiet mhux tas-soltu jew suspettużi.

Għall-finijiet tal-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, Stat Membru jista' jżid l-ammont massimu għal EUR 500 għal strumenti ta' ħlas li jistgħu jintużaw biss f'dak l-Istat Membru;

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-deroga prevista fil-paragrafu 1 ma tkunx applikabbli f'każ ta' tifdija fi flus kontanti jew irtirar ta' flus kontanti tal-valur monetarju tal-flus elettroniċi fejn l-ammont mifdi jkun aktar minn EUR 100.

*Artikolu 13*

1. Il-miżuri ta' diliġenza dovuta tal-klijenti għandhom jinkludu:

(a) l-identifikazzjoni tal-klijent u l-verifika tal-identità tal-klijent fuq il-bażi ta' dokumenti, data jew informazzjoni li jinkisbu minn sors affidabbli u indipendenti;

(b) l-identifikazzjoni tas-sid benefiċjarju u t-teħid ta' miżuri raġonevoli biex tiġi vverifikata l-identità ta' dik il-persuna sabiex l-entità marbuta b'obbligu tkun sodisfatta li taf min hu s-sid benefiċjarju, inklużi, fir-rigward ta' persuni ġuridiċi, trusts, kumpanniji, fondazzjonijiet, u arranġamenti legali simili, billi jittieħdu miżuri raġonevoli biex tinftiehem is-sjieda u l-istruttura ta' kontroll tal-klijent;

(c) il-valutazzjoni u, kif xieraq, il-kisba ta' informazzjoni fuq l-għan u l-għan maħsub tar-relazzjoni ta' negozju;

(d) it-twettiq ta' monitoraġġ kontinwa tar-relazzjoni ta' negozju inkluż skrutinju tat-transazzjonijiet matul il-kors ta' dik ir-relazzjoni sabiex ikun żgurat li t-transazzjonijiet li jkunu qegħdin jitwettqu jkunu konsistenti mal-għarfien tal-entità marbuta b'obbligu tal-klijent, in-negozju u l-profil tar-riskju, inkluż fejn ikun neċessarju tas-sors tal-fondi u jiġi żgurat li d-dokumenti, id-data jew l-informazzjoni miżmuma jinżammu dejjem aġġornati.

Meta jwettqu l-miżuri msemmija fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu, l-entitajiet marbutin b'obbligu għandhom jivverifikaw ukoll li kull persuna li tidher li taġixxi f'isem il-klijent tkun hekk awtorizzata u jidentifikaw u jivverifikaw l-identità ta' dik il-persuna.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet marbutin b'obbligu japplikaw kull rekwiżit ta' diliġenza dovuta tal-klijenti stabbilit fil-paragrafu 1. Madankollu, l-entitajiet marbutin b'obbligu għandhom jiddeterminaw il-firxa ta' miżuri bħal dawn fuq bażi ta' sensittività għar-riskji.

3. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-entitajiet marbutin b'obbligu jieħdu kont tal-inqas tal-indikaturi stabbiliti fl-Anness I meta jivvalutaw ir-riskji tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet marbutin b'obbligu jistgħu juru lill-awtoritajiet kompetenti jew lill-korpi awtoregolatorji li l-miżuri huma xierqa fir-rigward tar-riskji tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu li ġew identifikati.

5. Għal negozju tal-assigurazzjoni tal-ħajja jew oħra relatata mal-investimenti, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, minbarra li jieħdu l-miżuri ta' diliġenza dovuta tal-klijenti meħtieġa għall-klijent u s-sid benefiċjarju, l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istituzzjonijiet finanzjarji jwettqu l-miżuri ta' diliġenza dovuta tal-klijenti li ġejjin fuq il-benefiċjarji tal-assigurazzjoni tal-ħajja u poloz tal-assigurazzjoni oħra relatati mal-investimenti, hekk kif il-benefiċjarji jiġu identifikati jew indikati:

(a) fil-każ ta' benefiċjarji li jiġu identifikati bħala persuni jew arranġamenti legali msemmija b'mod speċifiku, li jittieħed isem il-persuna;

(b) fil-każ ta' benefiċjarji li huma indikati skont il-karatteristiċi jew il-klassi jew b'mezzi oħra, billi tinkiseb biżżejjed informazzjoni dwar dawk il-benefiċjarji biex l-istituzzjonijiet ta' kreditu jew l-istituzzjoni finanzjarja tkun sodisfatta li ser tkun tista' tistabbilixxi l-identità tal-benefiċjarju fi żmien ir-ripagament.

Fir-rigward tal-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu, il-verifika tal-identità tal-benefiċjarji għandha sseħħ fi żmien ir-ripagament. Fil-każ ta' ċessjoni, sħiħa jew b'mod parzjali, ta' assigurazzjoni tal-ħajja jew assigurazzjoni oħra relatata mal-investiment, għal parti terza, l-istituzzjonijiet ta' kreditu jew l-istituzzjonijiet finanzjarji konxji miċ-ċessjoni għandhom jidentifikaw is-sid benefiċjarju fil-mument taċ-ċessjoni lill-persuna fiżika jew ġuridika jew l-arranġament legali li jirċievu għall-benefiċċju tagħhom stess il-valur tal-polza assenjata.

6. Fil-każ ta' benefiċjarji ta' trusts jew ta' arranġamenti legali simili li huma indikati skont karatteristiċi jew klassi partikolari, entità marbuta b'obbligu għandha tikseb biżżejjed informazzjoni dwar il-benefiċjarju sabiex l-entità marbuta b'obbligu tkun sodisfatta li ser tkun tista' tistabbilixxi l-identità tal-benefiċjarju fi żmien ir-ripagament jew fiż-żmien li l-benefiċjarju jeżerċita d-drittijiet mogħtija lilu.

*Artikolu 14*

1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-identità tal-klijent u l-identità tas-sid benefiċjarju jiġu verifikati qabel ma tiġi stabbilita r-relazzjoni ta' negozju jew it-twettiq tat-transazzjoni.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jippermettu li l-identitajiet tal-klijent u tas-sid benefiċjarju jiġu verifikati meta tiġi stabbilita relazzjoni ta' negozju jekk dan ikun meħtieġ sabiex ma jiġix interrott it-twettiq normali tan-negozju u fejn ir-riskju li jkun hemm ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu ikun żgħir. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, dawk il-proċeduri għandhom jitlestew hekk kif ikun prattiku wara l-kuntatt inizjali.

3. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jippermettu li jinfetaħ kont ma' istituzzjoni ta' kreditu jew istituzzjoni finanzjarja, inklużi kontijiet li jippermettu transazzjonijiet f'titoli trasferibbli, dment li jkun hemm salvagwardji adatti fis-seħħ biex jiġi żgurat li ma jitwettqux transazzjonijiet mill-klijent jew f'ismu sakemm tinkiseb konformità sħiħa mar-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta tal-klijenti stabbiliti fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1).

4. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li, fejn entità marbuta b'obbligu ma tkunx tista' tikkonforma mar-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta tal-klijenti stabbiliti fil-punti (a), (b) jew (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1), hi ma għandhiex twettaq transazzjoni permezz ta' kont tal-bank, tistabbilixxi relazzjoni ta' negozju jew twettaq it-transazzjoni, u li għandha twaqqaf ir-relazzjoni ta' negozju u tqis jekk għandhiex tfassal rapport dwar transazzjoni suspettuża lill-UIF fir-rigward tal-klijent f'konformità mal-Artikolu 33.

L-Istati Membri ma għandhomx japplikaw l-ewwel subparagrafu għal nutara, professjonisti legali indipendenti oħrajn, awdituri, kontabilisti esterni u konsulenti fiskali biss sa strettament fejn dawk il-persuni jiddeterminaw il-pożizzjoni legali tal-klijent tagħhom, jew iwettqu l-kompitu tagħhom ta' difiża jew rappreżentanza ta' dak il-klijent fi proċedimenti ġudizzjarji jew fir-rigward tagħhom, inkluż l-għoti ta' pariri dwar il-ftuħ jew l-evitar ta' tali proċedimenti

5. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-entitajiet marbutin b'obbligu japplikaw il-miżuri ta' diliġenza dovuta tal-klijenti mhux biss għall-klijenti l-ġodda kollha iżda anki fi żminijiet xierqa għall-klijenti eżistenti fuq bażi ta' sensittività għar-riskju, inklużi fi żminijiet meta jinbidlu ċ-ċirkustanzi rilevanti ta' klijent partikolari.

*TAQSIMA 2*

## ***Diliġenza dovuta tal-klijenti ssimplifikatA***

*Artikolu 15*

1. Meta Stat Membru jew entità marbuta b'obbligu jidentifikaw oqsma ta' riskju iktar baxx, dak l-Istat Membru jista' jippermetti li l-entitajiet marbutin b'obbligu japplikaw miżuri ta' diliġenza dovuta tal-klijenti ssimplifikati.

2. Qabel ma japplikaw il-miżuri ta' diliġenza dovuta tal-klijenti ssimplifikata, l-entitajiet marbutin b'obbligu għandhom jikkonfermaw li r-relazzjoni ta' negozju jew it-transazzjoni tippreżenta livell baxx ta' riskju.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet marbutin b'obbligu jwettqu monitoraġġ suffiċjenti tat-transazzjonijiet u tar-relazzjonijiet ta' negozju biex ikunu jistgħu jiġu identifikati transazzjonijiet mhux tas-soltu jew suspettużi.

*Artikolu 16*

Meta jivvalutaw ir-riskji ta' ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu relatati mat-tipi ta' klijenti, żoni ġeografiċi, u prodotti, servizzi, transazzjonijiet jew kanali tad-distribuzzjoni partikolari, l-Istati Membri u l-entitajiet marbutin b'obbligu għandhom jieħdu kont tal-inqas ta' dawk il-fatturi ta' sitwazzjonijiet b'potenzjal ta' riskju aktar baxx, stipulati fl-Anness II.

*Artikolu 17*

Sas-26 ta' Ġunju 2017, l-ASE għandhom joħorġu linji gwida indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti u lill-istituzzjonijiet ta' kreditu u istituzzjonijiet finanzjarji, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010, u (UE) Nru 1095/2010, rigward il-fatturi ta' riskju li għandhom jiġu kkunsidrati u l-miżuri li għandhom jittieħdu f'sitwazzjonijiet li fihom ikunu xierqa miżuri ta' diliġenza dovuta tal-klijenti ssimplifikata. Għandu jittieħed kont speċifiku tan-natura u d-daqs tan-negozju, u fejn ikun xieraq u proporzjonat, għandhom jiġu stabbiliti miżuri speċifiċi.

*TAQSIMA 3*

***Diliġenza Dovuta tal-Klijenti Msaħħa***

*Artikolu 18*

1. Fil-każijiet imsemmijin fl-Artikoli 19 sa 24, u fit-trattament ta' persuni fiżiċi jew entitajiet ġuridiċi stabbiliti fil-pajjiżi terzi, identifikati mill-Kummissjoni bħala pajjiżi terzi b'riskju kbir, kif ukoll f'każijiet oħrajn ta' riskju ikbar li jiġu identifikati mill-Istati Membri jew l-entitajiet marbutin b'obbligu, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-entitajiet marbutin b'obbligu japplikaw miżuri ta' diliġenza dovuta tal-klijenti msaħħa biex jiġġestixxu u jimmitigaw dawk ir-riskji kif xieraq.

L-Istati Membri m'għandhomx jirrikjedu li l-entitajiet marbutin b'obbligu japplikaw awtomatikament miżuri ta' diliġenza dovuta tal-klijenti msaħħa fir-rigward ta' fergħat jew sussidjarji li jkollhom il-maġġoranza tal-ishma tal-entitajiet marbutin b'obbligu stabbiliti fl-Unjoni li jkunu jinsabu f'pajjiżi terzi b'riskju kbir, fejn dawk il-fergħat jew sussidjarji li jkollhom il-maġġoranza tal-ishma jikkonformaw b'mod sħiħ mal-politiki u l-proċeduri li japplikaw għall-grupp kollu skont l-Artikolu 45. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk il-każijiet jiġu trattati mill-entitajiet marbutin b'obbligu bl-użu ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju.

2. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-entitajiet marbutin b'obbligu jeżaminaw, sa fejn dan ikun raġonevolment possibbli, l-isfond u l-għan tat-transazzjonijiet kollha li jkunu kumplessi u kbar b'mod mhux tas-soltu, u t-tipi kollha tat-transazzjonijiet mhux tas-soltu, li ma jidher li jkollhom l-ebda għan ekonomiku jew legali. B'mod partikolari, l-entitajiet marbutin b'obbligu għandhom iżidu l-grad u n-natura tal-monitoraġġ tar-relazzjoni ta' negozju, sabiex jiddeterminaw jekk dawk it-transazzjonijiet jew attivitajiet jidhrux suspettużi.

3. Meta jivvalutaw ir-riskji ta' ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu, l-Istati Membri u l-entitajiet marbutin b'obbligu għandhom jieħdu kont tal-inqas ta' dawk il-fatturi ta' sitwazzjonijiet b'potenzjal ta' riskju ogħla indikati fl-Anness III.

4. Sas-26 ta' Ġunju 2017, l-ASE għandhom joħorġu linji gwida indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti u lill-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istituzzjonijiet finanzjarji, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010, u (UE) Nru 1095/2010, rigward il-fatturi ta' riskju li għandhom jiġu kkunsidrati u l-miżuri li għandhom jittieħdu f'sitwazzjonijiet li fihom ikunu xierqa miżuri ta' diliġenza dovuta tal-klijenti msaħħa. Għandu jittieħed kont speċifiku tan-natura u d-daqs tan-negozju, u fejn ikun xieraq u proporzjonat, għandhom jiġu stabbiliti miżuri speċifiċi.

*Artikolu 19*

Fir-rigward ta' relazzjonijiet korrispondenti transkonfinali ma' istituzzjoni rispondenti minn pajjiż terz, l-Istati Membri, minbarra l-miżuri ta' diliġenza dovuta tal-klijenti stipulati fl-Artikolu 13, għandhom jirrikjedu li l-istituzzjonijiet ta' kreditu u istituzzjonijiet finanzjarji tagħhom:

(a) jiġbru informazzjoni biżżejjed dwar l-istituzzjoni rispondenti sabiex jifhmu b'mod sħiħ in-natura tan-negozju tar-rispondenti u sabiex jiddeterminaw ir-reputazzjoni tal-istituzzjoni u l-kwalità ta' superviżjoni minn informazzjoni pubblikament disponibbli;

(b) jivvalutaw il-kontrolli tal-AML/CFT tal-istituzzjoni rispondenti;

(c) jiksbu approvazzjoni mill-maniġment superjuri qabel ma jistabbilixxu relazzjonijiet korrispondenti ġodda;

(d) jiddokumentaw ir-responsabbiltajiet rispettivi ta' kull istituzzjoni;

(e) fir-rigward ta' pagamenti permezz ta' trasferimenti minn kontijiet, ikunu sodisfatti li l-istituzzjoni rispondenti tkun ivverifikat l-identità tal-klijenti u prattikat id-diliġenza dovuta kontinwata tal-klijenti li jkollhom aċċess dirett għall-kontijiet tal-istituzzjoni korrispondenti, u li tkun kapaċi tipprovdi data rilevanti għall-finijiet tad-diliġenza dovuta tal-klijenti fuq talba tal-istituzzjoni korrispondenti.

*Artikolu 20*

Fir-rigward tat-transazzjonijiet jew ir-relazzjonijiet ta' negozju ma' persuni esposti politikament, minbarra l-miżuri ta' diliġenza dovuta tal-klijenti stabbiliti fl-Artikolu 13, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-entitajiet marbutin b'obbligu:

(a) ikollhom stabbiliti sistemi adatti ta' ġestjoni tar-riskju, inklużi proċeduri bbażati fuq ir-riskju, sabiex jiddeterminaw jekk il-klijent jew is-sid benefiċjarju tal-klijent huwiex persuna esposta politikament;

(b) japplikaw il-miżuri li ġejjin f'każijiet ta' relazzjonijiet ta' negozju ma' persuni esposti politikament:

(i) jiksbu l-approvazzjoni tal-maniġment superjuri għall-istabbiliment jew it-tkomplija tar-relazzjonijiet ta' negozju ma' tali persuni;

(i) jieħdu miżuri adegwati sabiex jistabbilixxu s-sors tal-beni u s-sors tal-fondi li jkunu involuti fir-relazzjonijiet ta' negozju jew fit-transazzjonijiet ma' tali persuni;

(iii) iwettqu monitoraġġ msaħħaħ ta' dawk ir-relazzjonijiet ta' negozju fuq bażi kontinwa.

*Artikolu 21*

L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li entitajiet marbutin b'obbligu jieħdu miżuri raġonevoli biex jiddeterminaw jekk il-benefiċjarji ta' polza tal-assigurazzjoni tal-ħajja jew oħra relatata mal-investimenti u/jew, fejn hemm bżonn, is-sid benefiċjarju tal-benefiċjarju humiex persuni esposti politikament. Dawk il-miżuri għandhom jittieħdu mhux aktar tard mill-mument meta jsir il-ħlas tal-polza jew fil-mument taċ-ċessjoni tal-polza, kompletament jew parzjalment. Meta jiġu identifikati riskji ikbar, minbarra li japplikaw il-miżuri ta' diliġenza dovuta tal-klijenti stabbiliti fl-Artikolu 13, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-entitajiet marbutin b'obbligu:

(a) jgħarrfu lill-maniġment superjuri qabel ma jitħallas ir-rikavat mill-polza;

(b) iwettqu skrutinju msaħħaħ tar-relazzjoni ta' negozju kollha mad-detentur tal-polza.

*Artikolu 22*

Fejn persuna esposta politikament ma tibqax fdata b'funzjoni pubblika prominenti minn Stat Membru jew pajjiż terz, jew xi funzjoni pubblika prominenti minn organizzazzjoni internazzjonali, l-entitajiet marbutin b'obbligu għandhom, tal-anqas għal 12-il xahar, għandhom ikunu meħtieġa jikkunsidraw ir-riskju li dik il-persuna tibqa' timponi u li japplikaw miżuri xierqa u sensittivi għar-riskji sakemm dik il-persuna titqies li ma tkun għadha timponi l-ebda riskju speċifiku għal persuni esposti politikament.

*Artikolu 23*

Il-miżuri msemmijin fl-Artikoli 20 u 21 għandhom japplikaw ukoll għal membri tal-familja jew persuni magħrufa bħala assoċjati mill-qrib ma' persuni esposta politikament.

*Artikolu 24*

L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu lill-istituzzjonijiet ta' kreditu u istituzzjonijiet finanzjarji milli jidħlu f'relazzjoni korrispondenti ma' shell bank jew jibqgħu fiha. Huma għandhom jirrikjedu li dawk l-istituzzjonijiet jieħdu miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li la jibdew u lanqas ma jibqgħu f'relazzjonijiet korrispondenti ma' istituzzjoni ta' kreditu jew istituzzjoni finanzjarja li jkun magħruf li tippermetti li l-kontijiet tagħha jintużaw minn shell bank.

TAQSIMA 4

***Eżekuzzjoni minn partijiet terzi***

*Artikolu 25*

L-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-entitajiet marbutin b'obbligu sabiex jiddependu fuq partijiet terzi biex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta tal-klijenti stabbiliti fil-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1). Madankollu, ir-responsabbiltà finali li dawk ir-rekwiżiti jiġu sodisfatti għandha tibqa' tal-entità marbuta b'obbligu li tiddependi fuq il-parti terza.

*Artikolu 26*

1. Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, "partijiet terzi" tfisser l-entitajiet marbutin b'obbligu elenkati fl-Artikolu 2, l-organizzazzjonijiet jew il-federazzjonijiet membri ta' dawk l-entitajiet marbutin b'obbligu, jew istituzzjonijiet jew persuni oħra li jinsabu fi Stat Membru jew f'pajjiż terz li:

(a) japplika rekwiżiti ta' diliġenza dovuta tal-klijenti u ta' żamma ta' rekords li huma konsistenti ma' dawk stabbiliti f'din id-Direttiva; u

(b) l-konformità tagħhom mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva tkun sorveljata b'mod konsistenti mat-Taqsima 2 tal-Kapitolu VI.

2. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu li l-entitajiet marbutin b'obbligu jiddependu fuq partijiet terzi stabbiliti f'pajjiżi terzi b'riskju kbir. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw fergħat u sussidjarji li jkollhom il-maġġoranza tal-ishma tal-entitajiet marbutin b'obbligu stabbiliti fl-Unjoni minn dik il-projbizzjoni fejn dawk il-fergħat u s-sussidjarji li jkollhom il-maġġoranza tal-ishma jikkonformaw b'mod sħiħ mal-politiki u l-proċeduri li japplikaw għall-grupp kollu skont l-Artikolu 45.

*Artikolu 27*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet marbutin b'obbligu jiksbu mill-parti terza li jkunu qegħdin jiddependu fuqha l-informazzjoni li tkun meħtieġa fir-rigward tar-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta tal-klijenti stabbiliti fil-punti (a), (b), u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1).

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet marbutin b'obbligu li lilhom jiġi riferut il-klijent jieħdu passi adegwati biex jiżguraw li l-parti terza tipprovdi, minnufih, fuq talba, il-kopji rilevanti tad-data ta' identifikazzjoni u verifika u dokumentazzjoni rilevanti oħra fuq l-identità tal-klijent jew is-sid benefiċjarju.

*Artikolu 28*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju (għal politiki u proċeduri li japplikaw għall-grupp kollu) u l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti (għall-fergħat u s-sussidjarji) jistgħu jqisu li entità marbuta b'obbligu tikkonforma mad-dispożizzjonijiet adottati skont l-Artikoli 26 u 27 permezz tal-programm tagħha għall-grupp, fejn jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-entità marbuta b'obbligu tiddependi fuq l-informazzjoni pprovduta minn parti terza li hija parti mill-istess grupp;

(b) dak il-grupp japplika miżuri ta' diliġenza dovuta tal-klijenti, regoli dwar iż-żamma tar-rekords u programmi kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu f'konformità ma' din id-Direttiva jew regoli ekwivalenti;

(c) l-implimentazzjoni effettiva tar-rekwiżiti msemmija fil-punt (b) hija ssorveljata fil-livell tal-grupp minn awtorità kompetenti tal-Istati Membru tad-domiċilju jew tal-pajjiż terz.

*Artikolu 29*

Din it-Taqsima ma għandhiex tapplika għal relazzjonijiet ta' esternalizzazzjoni jew tal-aġenziji fejn, abbażi ta' arranġament kuntrattwali, il-fornitur jew l-aġent tas-servizz ta' esternalizzazzjoni għandu jitqies bħala parti mill-entità marbuta b'obbligu.

KAPITOLU III

**INFORMAZZJONI DWAR IS-SJIEDA BENEFIĊJARJA**

*Artikolu 30*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet korporattivi u dawk ġuridiċi oħrajn inkorporati fit-territorju tagħhom ikunu meħtieġa jiksbu u jżommu informazzjoni adegwata, preċiża u attwali dwar is-sjieda benefiċjarja tagħhom, inkluż id-dettalji tal-interessi benefiċjarji miżmuma.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li minbarra informazzjoni dwar is-sid ġuridiku tagħhom, dawk l-entitajiet ikunu meħtieġa jipprovdu informazzjoni dwar is-sid benefiċjarju lill-entitajiet marbutin b'obbligu, meta l-entitajiet marbutin b'obbligu jkunu qed jieħdu miżuri ta' diliġenza dovuta tal-klijenti f'konformità mal-Kapitolu II.

2. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tkun aċċessibbli b'mod f'waqtu mill-awtoritajiet kompetenti u mill-UIF.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tinżamm f'reġistru ċentrali f'kull Stat Membru, pereżempju reġistru kummerċjali, reġistru tal-kumpanniji kif imsemmi fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2009/101/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), jew reġistru pubbliku. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw il-karatteristiċi ta' dawk il-mekkaniżmi nazzjonali lill-Kummissjoni. L-informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja li tkun tinsab f'dik il-bażi ta' data tista' tinġabar f'konformità mas-sistemi nazzjonali.

4. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-informazzjoni miżmuma fir-reġistru ċentrali msemmi fil-paragrafu 3 tkun adegwata, preċiża u attwali.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja tkun aċċessibbli fil-każijiet kollha għal:

(a) awtoritajiet kompetenti u l-UIF, mingħajr ebda restrizzjoni;

(b) entitajiet marbutin b'obbligu, fil-qafas tad-diliġenza dovuta tal-klijenti f'konformità mal-Kapitolu II;

(c) kwalunkwe persuna jew organizzazzjoni li tista' turi interess leġittimu.

Il-persuni jew organizzazzjonijiet imsemmijin fil-punt (c) għandhom jaċċessaw tal-inqas l-isem, ix-xahar u s-sena tat-twelid, in-nazzjonalità u l-pajjiż tar-residenza tas-sid benefiċjarju kif ukoll in-natura u l-livell tal-interess benefiċjarju miżmum.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, l-aċċess għall-informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja għandu jsir f'konformità mar-regoli tal-protezzjoni tad-data u tista' tkun soġġetta għal reġistrazzjoni online u għall-ħlas ta' tariffa. It-tariffi imposti għall-ksib tal-informazzjoni ma għandhomx jaqbżu l-ispejjeż amministrattivi tiegħu.

6. Ir-reġistru ċentrali msemmi fil-paragrafu 3 għandu jiżgura aċċess f'waqtu u mhux ristrett mill-awtoritajiet kompetenti u l-UIF, mingħajr ma tinġibed l-attenzjoni tal-entità kkonċernata. Huwa għandu wkoll jippermetti aċċess f'waqtu mill-entitajiet marbutin b'obbligu fit-teħid ta' miżuri ta' diliġenza dovuta tal-klijenti.

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti u l-UIF ikunu jistgħu jipprovdu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 3 lill-awtoritajiet kompetenti u lill-UIF ta' Stati Membri oħra b'mod f'waqtu.

8. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-entitajiet marbutin b'obbligu ma jkunux jiddependu esklużivament mir-reġistru ċentrali msemmi fil-paragrafu 3 biex iwettqu r-rekwiżiti tagħhom ta' diliġenza dovuta tal-klijenti f'konformita' tal-Kapitolu II. Dawk ir-rekwi#iti għandhom jiġu sodisfatti bl-użu ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju.

9. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal għal eżenzjoni għall-aċċess imsemmi fil-punti (b) u (c) tal-paragrafu 5 għall-informazzjoni kollha dwar is-sjieda benefiċjarja jew għal parti minnha fuq bażi ta' każ b'każ f'ċirkostanzi eċċezzjonali, fejn tali aċċess jesponi lis-sid benefiċjarju għar-riskju ta' frodi, sekwestru, rikatt, vjolenza jew intimidazzjoni, jew fejn is-sid benefiċjarju jkun minorenni jew ma jkunx kapaċi għal xi raġuni oħra. L-eżenzjonijiet mogħtija bis-saħħa ta' dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw għal istituzzjonijiet ta' kreditu u istituzzjonijiet finanzjarji u għall-entitajiet marbutin b'obbligu msemmija fil-punt (3)(b) tal-Artikolu 2(1) li jkunu uffiċjali pubbliċi.

10. Sas-26 ta' Ġunju 2019, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fejn tivvaluta l-kondizzjonijiet u l-ispeċifikazzjonijiet u l-proċeduri tekniċi għall-iżgurar tal-interkonnessjoni sigura u effiċjenti tar-reġistri ċentrali msemmija fil-paragrafu 3 permezz tal-pjattaforma ċentrali Ewropea stabbilita bl-Artikolu 4a(1) tad-Direttiva 2009/101/KE. Fejn xieraq, dak ir-rapport għandu jiġi akkumpanjat minn proposta leġislattiva.

*Artikolu 31*

1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-fiduċjarji ta' kwalunkwe trust speċifika rregolata mil-liġi tagħhom tikseb u żżomm informazzjoni adegwata, preċiża u attwali dwar is-sjieda benefiċjarja tat-trust. Dik l-informazzjoni għandha tinkludi l-identità ta':

(a) is-settlor;

(b) il-fiduċjarju/i;

(c) il-protettur (jekk hemm);

[1] Direttiva 2009/101/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' salvagwardji li, għall-protezzjoni tal-interessi ta' membri u oħrajn, huma meħtieġa mill-Istati Membri minn kumpanniji fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 48 tat-Trattat, bil-għan li tagħmel dawn is-salvagwardji ekwivalenti. (ĠU L 258, 1.10.2009, p. 11).

(d) il-benefiċjarji jew il-klassi ta' benefiċjarji; u

(e) kwalunkwe persuna fiżika oħra li teżerċita kontroll effettiv fuq it-trust.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fiduċjarji jiżvelaw l-istatus tagħhom u jipprovdu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 b'mod f'waqtu lill-entitajiet marbutin b'obbligu fejn, bħala fiduċjarju, il-fiduċjarju joħloq relazzjoni ta' negozju jew iwettaq transazzjoni okkażjonali ogħla mil-livelli massimi stabbiliti fil-punti (b), (c) u (d) tal-Artikolu 11.

3. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tkun aċċessibbli b'mod f'waqtu mill-awtoritajiet kompetenti u mill-UIF.

4. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tinżamm f'reġistru ċentrali meta t-trust tkun tiġġenera konsegwenzi fiskali. Ir-reġistru ċentrali għandu jiżgura aċċess f'waqtu u mhux ristrett mill-awtoritajiet kompetenti u l-UIF, mingħajr ma tinġibed l-attenzjoni tal-partijiet tat-trust ikkonċernata. Huwa għandu wkoll jippermetti aċċess f'waqtu mill-entitajiet marbutin b'obbligu, fil-qafas tad-diliġenza dovuta tal-klijenti f'konformità mal-Kapitolu II. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-karatteristiċi ta' dawk il-mekkaniżmi nazzjonali.

5. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-informazzjoni miżmuma fir-reġistru ċentrali msemmi fil-paragrafu 4 tkun adegwata, preċiża u aġġornata.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet marbutin b'obbligu ma jkunux jiddependu esklużivament mir-reġistru ċentrali msemmi fil-paragrafu 4 biex iwettqu r-rekwiżiti tagħhom ta' diliġenza dovuta tal-klijenti kif stabbilit fil-Kapitolu II. Dawk ir-rekwiżiti għandhom jiġu sodisfatti bl-użu ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju.

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti u l-UIF jkunu jistgħu jipprovdu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 4 lill-awtoritajiet kompetenti u lill-UIF ta' Stati Membri oħra b'mod f'waqtu.

8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri previsti f'dan l-Artikolu japplikaw għal tipi oħra ta' arranġamenti legali li jkollhom struttura jew funzjonijiet simili għat-trusts.

9. Sas-26 ta' Ġunju 2019, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fejn tivvaluta l-kondizzjonijiet u l-ispeċifikazzjonijiet u l-proċeduri tekniċi għall-iżgurar tal-interkonnessjoni sigura u effiċjenti tar-reġistri ċentrali. Fejn xieraq, dak ir-rapport għandu jiġi akkumpanjat minn proposta leġislattiva.

## KAPITOLU IV

## OBBLIGI TA' RAPPURTAR

### *TAQSIMA 1*

### ***Dispożizzjonijiet ġenerali***

#### *Artikolu 32*

1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi UIF biex tipprevjeni, tindividwa u tiġġieled il-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu b'mod effettiv.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-miktub dwar l-isem u l-indirizz tal-UIF rispettivi.

3. Kull UIF għandha topera b'mod indipendenti u awtonomu li jfisser li UIF ikollha l-awtorità u l-kapaċità li twettaq il-funzjonijiet tagħha liberament, inkluża l-kapaċità li tieħu deċiżjonijiet awtonomi li tanalizza, titlob u tqassam informazzjoni speċifika. L-UIF bħala l-unità nazzjonali ċentrali għandha tkun responsabbli milli tirċievi u tanalizza rapporti dwar transazzjonijiet suspettużi u informazzjoni oħra rilevanti għall-ħasil tal-flus, ir-reati predikati assoċjati jew il-finanzjament tat-terroriżmu. L-UIF għandha tkun responsabbli għat-tqassim tar-riżultati tal-analiżi tagħha u kull informazzjoni rilevanti addizzjonali lill-awtoritajiet kompetenti fejn ikun hemm raġunijiet għal suspett ta' ħasil tal-flus, reati predikati assoċjati jew finanzjament tat-terroriżmu. Għandu jkun possibbli li din tikseb informazzjoni addizzjonali minn entitajiet marbutin b'obbligu.

L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-UIF tagħhom b'riżorsi finanzjarji, umani u tekniċi adegwati biex jwettqu l-kompiti tagħhom.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-UIF tagħhom jkollhom aċċess, direttament jew indirettament, b'mod opportun, għall-informazzjoni finanzjarja, amministrattiva u marbuta mal-infurzar tal-liġi li hija tkun teħtieġ sabiex twettaq il-funzjonijiet tagħha adegwatament. L-UIF għandhom ikunu jistgħu jwieġbu għal talbiet għall-informazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri rispettivi tagħhom meta dawn ikunu motivati minn tħassib marbut mal-ħasil ta' flus, ir-reati predikati assoċjati jew il-finanzjament tat-terroriżmu. Id-deċiżjoni dwar it-twettiq ta' analiżi jew il-kondiviżjoni tal-informazzjoni għandha tittieħed mill-UIF.

5. Fejn ikun hemm raġunijiet oġġettivi sabiex wieħed jassumi li l-forniment ta' tali informazzjoni jkollu impatt negattiv fuq l-investigazzjonijiet jew l-analiżi li jkunu għaddejjin f'dak il-mument, jew, f'ċirkustanzi eċċezzjonali, meta jkun jidher ċar li d-divulgazzjoni tal-informazzjoni tkun sproporzjonata għall-interessi leġittimi ta' persuna fiżika jew ġuridika jew irrelevanti fir-rigward tal-għanijiet li għalihom tkun intalbet, l-UIF ma għandha tkun taħt l-ebda obbligu li tissodisfa t-talba għall-informazzjoni.

6. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-awtoritajiet kompetenti jipprovdu feedback lill-UIF dwar l-użu li jkun sar mill-informazzjoni pprovduta f'konformità ma' dan l-Artikolu u dwar l-eżitu tal-investigazzjonijiet jew l-ispezzjonijiet imwettqa abbażi ta' dik l-informazzjoni.

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-UIF ikollha s-setgħa li tieħu azzjoni urġenti, direttament jew indirettament, fejn jkun hemm suspett li transazzjoni tkun relatata mal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li tissospendi jew tiċħad il-kunsens li transazzjoni tipproċedi, sabiex tanalizza t-transazzjoni, tikkonferma s-suspett u tikkondividi r-riżultati tal-analiżi tagħha mal-awtoritajiet kompetenti. L-UIF għandu jkollha s-setgħa li tieħu din l-azzjoni, direttament jew indirettament, fuq it-talba ta' UIF minn Stat Membru ieħor għall-perijodi u bil-kondizzjonijiet speċifikati fil-liġi nazzjonali tal-UIF li tirċievi t-talba.

8. Il-funzjoni ta' analiżi tal-UIF għandha tikkonsisti f'dan li ġej:

(a) analiżi operattiva li tiffoka fuq każijiet individwali u miri speċifiċi jew fuq informazzjoni magħżula adatta, skont it-tip u l-volum tal-informazzjoni żvelata li tkun irċeviet u l-użu mistenni tal-informazzjoni wara l-kondiviżjoni; u

(b) analiżi strateġika li tindirizza t-tendenzi u x-xejriet tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.

*Artikolu 33*

1. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-entitajiet marbutin b'obbligu, u fejn applikabbli d-diretturi u l-impjegati tagħhom, jikkooperaw b'mod sħiħ billi fil-pront:

(a) jinformaw lill-UIF, inkluż permezz tal-preżentazzjoni ta' rapport, fuq inizjattiva tagħhom stess, meta l-entità marbuta b'obbligu tkun taf, tissuspetta jew ikollha raġunijiet validi biex tissuspetta li l-fondi, irrispettivament mill-ammont ikkonċernat, huma r-rikavat ta' attività kriminali jew huma relatati mal-finanzjament tat-terroriżmu, u billi jwieġbu minnufih għal talbiet għal aktar informazzjoni mill-UIF f'każijiet bħal dawn; u

(b) jipprovdu lill-UIF fuq talba tagħha, direttament jew indirettament, l-informazzjoni kollha meħtieġa, f'konformità mal-proċeduri stabbiliti mil-liġi applikabbli.

It-transazzjonijiet suspettużi kollha, inklużi tentattivi ta' transazzjonijiet, għandhom jiġu rapportati.

2. Il-persuna maħtura f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 8(4) għandha tgħaddi l–informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu lill-UIF tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tkun stabbilita l-entità marbuta b'obbligu li tkun qed tgħaddi l-informazzjoni.

*Artikolu 34*

1. B'deroga mill-Artikolu 33(1), l-Istati Membri jistgħu, fil-każ tal-entitajiet marbuta b'obbligu msemmija fil-punt 3(a), (b), u (d) tal-Artikolu 2(1) jinnominaw korp awtoregolatorju adatt tal-professjoni kkonċernata bħala l-awtorità li għandha tirċievi l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 33(1).

Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, fil-każijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, il-korp awtoregolatorju nominat għandu jgħaddi l-informazzjoni lill-UIF minnufih u eżatt kif inhi.

2. L-Istati Membri ma għandhomx japplikaw l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 33(1) għal nutara, professjonisti legali indipendenti oħrajn, awdituri, kontabilisti esterni u konsulenti fiskali, sal-punt strettament biss fejn din l-eżenzjoni tkun marbuta mal-informazzjoni li huma jirċievu minn, jew jiksbu dwar, xi wieħed mill-klijenti tagħhom, meta jkunu qegħdin jiddeterminaw il-pożizzjoni legali tal-klijent tagħhom, jew fit-twettiq tal-kompitu tagħhom li jiddefendu jew jirrappreżentaw lil dak il-klijent fi proċedimenti ġudizzjarji jew fir-rigward tagħhom, inklużi l-għoti ta' pariri dwar il-ftuħ jew l-evitar ta' tali proċedimenti, sew jekk tali informazzjoni tasal jew tinkiseb qabel, matul jew wara dawn il-proċedimenti.

*Artikolu 35*

1. L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-entitajiet marbutin b'obbligu ma jwettqux transazzjonijiet li jafu jew jissuspettaw li huma relatati ma' rikavat ta' attività kriminali jew mal-finanzjament tat-terroriżmu, sakemm ikunu wettqu l-azzjoni meħtieġa f'konformità mal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 33(1) u jkunu kkonformaw ma' kwalunkwe struzzjoni speċifika ulterjuri mill-UIF jew mill-awtoritajiet kompetenti f'konformità mal-liġi tal-Istat Membru rilevanti.

2. Fejn ikun impossibbli li ma jsirux it-transazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, jew fejn it-twettiq tagħhom jista' jfixkel l-isforzi biex jiġu segwiti l-benefiċjarji ta' operazzjoni suspettata, l-entitajiet marbutin b'obbligu kkonċernati għandhom jinformaw lill-UIF immedjatament wara.

*Artikolu 36*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jekk, matul il-kontrolli mwettqa fuq l-entitajiet marbutin b'obbligu mill-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 48, jew b'xi mod ieħor, dawk l-awtoritajiet jiskopru fatti li jistgħu jkunu relatati mal-ħasil tal-flus jew mal-finanzjament tat-terroriżmu, huma għandhom jgħarrfu minnufih lill-UIF.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi superviżuri mogħtija s-setgħa skont il-liġi jew xi regolament li jissorveljaw il-Borża, is-swieq tal-kambju u s-swieq ta' derivattivi finanzjarji jinformaw lill-UIF jekk jiskopri fatti li jistgħu jkunu relatati mal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu.

*Artikolu 37*

L-iżvelar tal-informazzjoni *bona fide* minn entità marbuta b'obbligu jew minn impjegat jew direttur ta' tali entità marbuta b'obbligu f'konformità mal-Artikoli 33 u 34, ma għandux jikkostitwixxi ksur ta' xi restrizzjoni fuq l-iżvelar ta' informazzjoni imposta b'kuntratt jew b'xi dispożizzjoni leġislattiva, regolatorja jew amministrattiva, u ma għandu jinvolvi lill-entità marbuta b'obbligu jew id-diretturi jew l-impjegati tagħha fl-ebda tip ta' responsabbiltà, anke f'ċirkostanzi fejn ma kinux konxji b'mod preċiż tal-attività kriminali sottostanti, u irrispettivament minn jekk l-attività illegali tkunx fil-fatt twettqet.

*Artikolu 38*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-individwi, inklużi l-impjegati u r-rappreżentanti tal-entità marbuta b'obbligu li jirrapportaw suspetti ta' ħasil tal-flus jew ta' finanzjament tat-terroriżmu kemm meta jagħmlu dan internament kif ukoll meta jagħmlu dan lill-UIF ikunu protetti kif xieraq milli jiġu esposti għal theddid jew azzjoni ostili, u b'mod partikolari minn azzjonijiet ta' impjieg avversi jew diskriminatorji.

TAQSIMA 2

***Projbizzjoni ta' żvelar***

*Artikolu 39*

1. L-entitajiet marbutin b'obbligu u d-diretturi u l-impjegati tagħhom ma għandhomx jiżvelaw lill-klijent ikkonċernat jew lil partijiet terzi oħrajn il-fatt li l-informazzjoni tkun qed tintbagħat, ser tintbagħat jew tkun intbagħtet f'konformità mal-Artikoli 33 jew 34 jew li tkun qed titwettaq analiżi dwar ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu jew li din tista' titwettaq.

2. Il-projbizzjoni stipulata fil-paragrafu 1 ma għandhiex tinkludi żvelar lill-awtoritajiet kompetenti, inkluż il-korpi awtoregolatorji, jew l-iżvelar għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi.

3. Il-projbizzjoni stipulata fil-paragrafu 1 ma għandhiex tipprekludi l-iżvelar bejn istituzzjonijiet ta' kreditu u istituzzjonijiet finanzjarji jew bejn dawk l-istituzzjonijiet u l-fergħat tagħhom u sussidjarji li jkollhom il-maġġoranza tal-ishma stabbiliti f'pajjiżi terzi, sakemm dawk il-fergħat u s-sussidjarji li jkollhom il-maġġoranza tal-ishma jikkonformaw b'mod sħiħ mal-politiki u l-proċeduri tal-grupp kollu, inklużi proċeduri għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni fi ħdan il-grupp, f'konformità mal-Artikolu 45, u sakemm il-politiki u l-proċeduri tal-grupp kollu jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati f'din id-Direttiva.

4. Il-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ma għandhiex tipprekludi l-iżvelar bejn l-entitajiet marbutin b'obbligu msemmija fil-punt (3)(a) u (b) tal-Artikolu 2(1), jew entitajiet minn pajjiżi terzi li jimponu rekwiżiti ekwivalenti għal dawk stabbiliti f'din id-Direttiva, li jwettqu l-attivitajiet professjonali tagħhom, kemm bħala impjegati jew mhux bħala impjegati, fl-istess persuna ġuridika jew struttura aktar wiesgħa li l-persuna tagħmel parti minnha u li tikkondividi sjieda komuni, ġestjoni jew kontroll tal-konformità.

5. Għall-entitajiet marbutin b'obbligu msemmija fil-punti (1), (2), (3)(a) u (b) fl-Artikolu 2(1), f'każijiet relatati mal-istess klijent u l-istess transazzjoni li tinvolvi żewġ entitajiet marbutin b'obbligu jew aktar, il-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandhiex tipprevjeni l-iżvelar bejn l-entitajiet marbutin b'obbligu rilevanti dment li jkunu minn Stat Membru, jew entitajiet f'pajjiż terz li jimponu rekwiżiti ekwivalenti għal dawk stabbiliti f'din id-Direttiva, u dment li huma mill-istess kategorija professjonali u huma soġġetti għal obbligi fir-rigward tas-segretezza professjonali u l-protezzjoni tad-data personali.

6. Fejn l-entitajiet marbutin b'obbligu msemmija fil-punt (3)(a) u (b) tal-Artikolu 2(1) jippruvaw jiddisswadu klijent milli jieħu sehem f'attività illegali, dak ma għandux jikkostitwixxi żvelar fis-sens tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

## KAPITOLU V

## PROTEZZJONI TAD-DATA, ŻAMMA TA' REĠISTRI U DATA STATISTIKA

### *Artikolu 40*

1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-entitajiet obbligati jżommu d-dokumenti u l-informazzjoni li ġejjin f'konformità mal-liġi nazzjonali għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-individwazzjoni u l-investigazzjoni, mill-UIF jew minn awtoritajiet kompetenti oħrajn, ta' ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu possibbli:

(a) fil-każ ta' diliġenza dovuta tal-klijenti, kopja tad-dokumenti u l-informazzjoni li huma neċessarji biex ikun hemm konformità mar-rekwiżiti tad-diliġenza dovuta tal-klijenti stabbiliti fil-Kapitolu II, għal perijodu ta' ħames snin wara li r-relazzjoni ta' negozju mal-klijent tagħhom tkun intemmet jew wara d-data ta' transazzjoni okkażjonali.

(b) l-evidenza ta' sostenn u r-rekords tat-transazzjonijiet, li jikkonsistu mid-dokumenti oriġinali jew kopji ammissibbli fi proċedimenti ġudizzjarji skont il-liġi nazzjonali applikabbli, li huma neċessarji biex jiġu identifikati t-transazzjonijiet, għal perijodu ta' ħames snin wara li r-relazzjoni ta' negozju mal-klijent tagħhom tkun intemmet jew wara d-data ta' transazzjoni okkażjonali.

Mal-iskadenza tal-perijodi ta' żamma msemmijin fl-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet obbligati jħassru d-data personali, dment li ma jkunx previst mod ieħor skont il-liġi nazzjonali, li għandha tiddetermina taħt liema ċirkostanzi l-entitajiet marbutin b'obbligu jistgħu jew għandhom ikomplu jżommu d-data. L-Istati Membri jistgħu jippermettu jew jeħtieġu żamma ulterjuri biss wara li jkunu wettqu evalwazzjoni bir-reqqa tan-neċessità u l-proporzjonalità ta' tali żamma ulterjuri, u jikkunsidrawha ġustifikata bħala neċessarja għall-prevenzjoni, l-individwazzjoni jew l-investigazzjoni tal-ħasil tal-flus jew tal-finanzjament tat-terroriżmu. Dak il-perijodu ta' żamma ulterjuri ma għandux, fi kwalunkwe każ, jaqbeż il-ħames snin addizzjonali.

2. Fejn, fil-25 ta' Ġunju 2015, il-proċedimenti legali marbuta mal-prevenzjoni, l-individwazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' suspett ta' ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu huma pendenti fi Stat Membru, u entità marbuta b'obbligu żżomm informazzjoni jew dokumenti dwar dawn il-proċeduri pendenti, l-entità obbligata tista' żżomm dik l-informazzjoni jew dawk id-dokumenti, f'konformità mal-liġi nazzjonali għal perijodu ta' ħames snin mill-25 ta' Ġunju 2015. L-Istati Membri jistgħu, mingħajr preġudizzju għal-liġi kriminali nazzjonali dwar l-evidenza applikabbli għall-investigazzjonijiet kriminali u l-proċedimenti legali li għaddejjin bħalissa, jippermettu jew jirrikjedu iż-żamma ta' tali informazzjoni jew dokumenti għal perijodu ulterjuri ta' ħames snin, fejn in-neċessità u l-proporzjonalità ta' tali żamma ulterjuri tkun ġiet stabbilita għall-prevenzjoni, l-individwazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu suspettati.

### *Artikolu 41*

1. L-ipproċessar ta' data personali taħt din id-Direttiva hija soġġetta għad-Direttiva 95/46/KE, kif trasposta fil-liġi nazzjonali. Id-data personali li hija pproċessata skont din id-Direttiva mill-Kummissjoni u mill-ASE hija soġġetta għar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

2. Id-data personali għandha tiġi proċessata mill-entitajiet marbutin b'obbligu abbażi ta' din id-Direttiva biss għall-finijiet tal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu kif imsemmi fl-Artikolu 1 u ma għandhiex tiġi pproċessata ulterjorment b'mod li ma jkunx kompatibbli ma' dawk il-finijiet. L-ipproċessar tad-data personali abbażi ta' din id-Direttiva għal kwalunkwe fini ieħor bħal finijiet kummerċjali, għandu jkun projbit.

3. L-entitajiet marbutin b'obbligu għandhom jipprovdu lill-klijenti l-ġodda bl-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 95/46/KE qabel ma jistabbilixxu relazzjoni ta' negozju jew iwettqu transazzjoni okkażjonali. Dik l-informazzjoni għandha, b'mod partikolari, tinkludi avviż ġenerali dwar l-obbligi legali ta' entitajiet marbutin b'obbligu taħt din id-Direttiva li jipproċessaw data personali għall-finijiet tal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu kif imsemmi fl-Artikolu 1 ta' din id-Direttiva.

4. Fl-applikazzjoni tal-projbizzjoni tal-iżvelar stipulata fl-Artikolu 39(1), l-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri leġislattivi li jirrestrinġu, kompletament jew parzjalment, id-dritt tas-suġġett tad-data għall-aċċess għad-data personali relatata miegħu jew magħha sal-punt li tali restrizzjoni parzjali jew kompleta tikkostitwixxi miżura neċessarja u sproporzjonata f'soċjetà demokratika b'konsiderazzjoni xierqa lejn l-interessi leġittimi tal-persuna kkonċernata sabiex:

(a) l-entità marbuta b'obbligu jew l-awtorità nazzjonali kompetenti tkun tista' tissodisfa l-kompiti tagħha b'mod korrett għall-finijiet ta' din id-Direttiva; jew

(b) jiġi evitat li l-inkjesti, l-analiżi, l-investigazzjonijiet jew il-proċeduri uffiċjali jew legali jiġu ostakolati għall-finijiet ta' din id-Direttiva u sabiex ikun żgurat li l-prevenzjoni, l-investigazzjoni u l-individwazzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu ma jiġux ipperikolati.

*Artikolu 42*

L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-entitajiet marbutin b'obbligu tagħhom ikollhom fis-seħħ sistemi li permezz tagħhom ikunu jistgħu jwieġbu b'mod sħiħ u rapidu għal mistoqsijiet mill-UIF tagħhom, jew minn awtoritajiet oħrajn, f'konformità mal-liġi nazzjonali tagħhom, dwar jekk attwalment għandhomx jew kellhomx, matul perijodu ta' ħames snin qabel dak il-kweżitu, relazzjoni ta' negozju ma' persuni speċifikati u dwar in-natura ta' dik ir-relazzjoni, b'mezzi siguri u b'mod li jiżgura l-kunfidenzjalità sħiħa tal-kweżitu.

*Artikolu 43*

L-ipproċessar tad-data personali abbażi ta' din id-Direttiva għall-finijiet tal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu kif imsemmi fl-Artikolu 1 għandu jkun kkunsidrat bħala kwistjoni ta' interess pubbliku skont id-Direttiva 95/46/KE.

*Artikolu 44*

1. Sabiex jikkontribwixxu għat-tħejjija tal-valutazzjonijiet tar-riskju skont l-Artikolu 7, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkunu jistgħu janalizzaw l-effettività tas-sistemi tagħhom fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu billi jżommu statistika komprensiva dwar kwistjonijiet rilevanti għall-effettività ta' tali sistemi.

2. L-istatistika msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi:

(a) data li tkejjel id-daqs u l-importanza tas-setturi differenti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, inkluż in-numru ta' entitajiet u persuni u l-importanza ekonomika ta' kull settur;

(b) data li tkejjel il-fażijiet ta' rappurtar, ta' investigazzjoni u dawk ġudizzjarji tar-reġim nazzjonali tal-AML/CFT, inkluż in-numru ta' rapporti ta' transazzjonijiet suspettużi li saru lill-UIF, il-mod kif ġew segwiti dawk ir-rapporti u, fuq bażi annwali, in-numru ta' każijiet investigati, in-numru ta' persuni mixlijin, in-numru ta' persuni kkundannati għal reati ta' ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu, it-tipi ta' reati predikati, fejn tali informazzjoni tkun disponibbli, u l-valur f'euro ta' proprjetà li tkun ġiet iffriżata, sekwestrata jew ikkonfiskata;

(c) jekk disponibbli, data li tidentifika n-numru u l-perċentwal ta' rapporti li jirriżultaw f'investigazzjoni ulterjuri, flimkien mar-rapport annwali lill-entitajiet marbutin b'obbligu li jagħti fid-dettall l-utilità u s-segwitu tar-rapporti dwar ir-rapporti li jkunu ppreżentaw;

(d) data rigward in-numru ta' talbiet transkonfinali għal informazzjoni li jkunu saru, ġew riċevuti, irrifjutati u parzjalment jew kompletament imwieġba mill-UIF.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tiġi ppubblikata analiżi kkonsolidata tal-istatistika tagħhom.

4. L-Istati Membri għandhom jibagħtu l-istatistika msemmija fil-paragrafu 2 lill-Kummissjoni.

KAPITOLU VI

**POLITIKI, PROĊEDURI U SUPERVIŻJONI**

*TAQSIMA 1*

***Proċeduri interni, taħriġ u feedback***

*Artikolu 45*

1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-entitajiet marbutin b'obbligu li huma parti minn grupp jimplimentaw politiki u proċeduri għall-grupp kollu, inklużi l-politiki dwar il-protezzjoni tad-data u politiki u proċeduri għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni fi ħdan il-grupp għall-finijiet tal-AML/CFT. Dawk il-politiki u l-proċeduri għandhom jiġu implimentati b'mod effettiv fil-livell tal-fergħat u s-sussidjarji li jkollhom il-maġġoranza tal-ishma fl-Istati Membri u pajjiżi terzi.

2. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-entitajiet marbutin b'obbligu li joperaw stabbilimenti fi Stat Membru ieħor jiżguraw li dawk l-istabbilimenti jirrispettaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali ta' dak l-Istat Membru l-ieħor li jittrasponi din id-Direttiva.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fejn l-entitajiet marbutin b'obbligu jkollhom fergħat jew sussidjarji li jkollhom il-maġġoranza tal-ishma f'pajjiżi terzi, fejn ir-rekwiżiti minimi tal-AML/CFT huma inqas stretti minn dawk tal-Istat Membru, il-fergħat u s-sussidjarji tagħhom li jkollhom il-maġġoranza tal-ishma li jinstabu fil-pajjiż terz jimplimentaw ir-rekwiżiti tal-Istat Membru, inkluż il-protezzjoni tad-data, sa fejn hu permess mil-liġi tal-pajjiż terz.

4. L-Istati Membri u l-ASE għandhom jgħarrfu lil xulxin dwar istanzi li fihom il-liġi ta' pajjiż terz ma tippermettix l-implimentazzjoni tal-politiki u proċeduri meħtieġa skont il-paragrafu 1. F'tali każijiet, tista' tittieħed azzjoni kkoordinata biex tinstab soluzzjoni.

5. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li, fejn il-liġi ta' pajjiż terz ma tippermettix l-implimentazzjoni tal-politiki u proċeduri meħtieġa skont il-paragrafu 1, l-entitajiet marbutin b'obbligu jiżguraw li l-fergħat u s-sussidjarji li jkollhom il-maġġoranza tal-ishma f'dak il-pajjiż terz japplikaw miżuri addizzjonali biex jindirizzaw b'mod effettiv ir-riskju ta' ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu, u jgħarrfu lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tagħhom. Jekk il-miżuri addizzjonali ma jkunux biżżejjed, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandhom jeżerċitaw azzjonijiet superviżorji addizzjonali, inkluż li jirrikjedu li l-grupp ma jistabbilixxix relazzjonijiet ta' negozju jew li jtemmhom, u li ma jwettaqx transazzjonijiet u, fejn meħtieġ, jitolbu lill-grupp biex ma jibqax jopera fil-pajjiż terz.

6. L-ASE għandhom jiżviluppaw abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw it-tip ta' miżuri addizzjonali msemmija fil-paragrafu 5 u l-azzjoni minima li għandha tittieħed mill-istituzzjonijiet ta' kreditu u istituzzjonijiet finanzjarji meta l-liġi ta' pajjiż terz ma tkunx tippermetti l-implimentazzjoni tal-miżuri meħtieġa skont il-paragrafi 1 u 3.

L-ASE għandhom jippreżentaw l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel paragrafu lill-Kummissjoni sas-26 ta' Diċembru 2016.

7. Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fil-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010 u (UE) Nru 1095/2010.

8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tkun permessal-kondiviżjoni tal-informazzjoni fil-grupp. Informazzjoni dwar suspetti li l-fondi jkunu r-rikavat ta' attività kriminali jew li jkunu relatati mal-finanzjament tat-terroriżmu, li tiġi rrappurtata lill-UIF għandha tiġi kondiviża fil-grupp, dment li ma jkunx hemm struzzjonijiet oħra mill-UIF.

9. L-Istati Membri jistgħu jeħtieġu li l-emittenti ta' flus elettroniċi kif definiti fil-punt (3) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/110/KE u l-fornituri tas-servizzi ta' pagament kif definiti fil-punt (9) tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2007/64/KE stabbiliti fit-territorju tagħhom f'forom oħra li mhumiex fergħa, u li l-uffiċċju ewlieni tagħhom ikun jinstab fi Stat Membru ieħor, jaħtru punt ta' kuntatt ċentrali fit-territorju tagħhom biex, f'isem l-istituzzjoni tal-ħatra, jiżguraw il-konformità mar-regoli tal-AML/CFT u li jiffaċilitaw is-superviżjoni mill-awtoritajiet kompetenti, inkluż billi fuq talba, jipprovdu d-dokumenti u l-informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti.

10. L-ASE għandhom jiżviluppaw abbozz ta' standards tekniċi regolatorji dwar il-kriterji biex jiġu ddeterminati ċ-ċirkostanzi li fihom ikun xieraq li jinħatar punt ta' kuntatt ċentrali skont il-paragrafu 9, u dwar x'għandhom ikunu l-funzjonijiet tal-punti ta' kuntatt ċentrali.

L-ASE għandhom jippreżentaw l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu lill-Kummissjoni sas-26 ta' Ġunju 2017.

11. Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fil-paragrafu 10 ta' dan l-Artikolu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010 u (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 46*

1. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-entitajiet marbutin b'obbligu jieħdu miżuri proporzjonati għar-riskji, in-natura u d-daqs tagħhom biex l-impjegati tagħhom ikunu konxji mid-dispożizzjonijiet adottati skont din id-Direttiva, inklużi r-rekwiżiti rilevanti għall-protezzjoni tad-data.

Dawk il-miżuri għandhom jinkludu l-parteċipazzjoni tal-impjegati tagħhom fi programmi ta' taħriġ speċjali kontinwu li jgħinuhom jagħrfu dawk l-operazzjonijiet li jistgħu jkunu relatati mal-ħasil tal-flus jew mal-finanzjament tat-terroriżmu u li jagħtuhom istruzzjonijiet dwar kif għandhom jipproċedu f'każijiet bħal dawn.

Fejn persuna fiżika li taqa' taħt waħda mill-kategoriji elenkati fil-punt (3) tal-Artikolu 2(1) teżegwixxi l-attivitajiet professjonali bħala impjegat ta' persuna ġuridika, l-obbligi stabbiliti f'din it-Taqsima għandhom japplikaw għal dik il-persuna ġuridika pjuttost milli għall-persuna fiżika.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet marbutin b'obbligu jkollhom aċċess għal informazzjoni aġġornata dwar il-prattiki ta' dawk li jwettqu ħasil tal-flus u li jiffinanzjaw it-terroriżmu u dwar indikazzjonijiet li jwasslu għal rikonoxximent ta' transazzjonijiet suspettużi.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fejn ikun prattiku, jingħata feedback f'waqtu lill-entitajiet marbutin b'obbligu dwar l-effettività u s-segwitu tar-rapporti ta' ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu suspettati.

4. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li, fejn applikabbli, l-entitajiet marbutin b'obbligu jidentifikaw il-membru tal-bord ta' tmexxija li jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikun hemm konformità ma' din id-Direttiva.

*TAQSIMA 2*

***Superviżjoni***

*Artikolu 47*

1. L-Istati Membri għandhom jipprevedu li l-uffiċċji tal-kambju u l-uffiċċji li jsarrfu ċ-ċekkijiet u l-fornituri ta' servizzi fiduċjarji jew għall-kumpanniji jkollhom liċenzja jew ikunu rreġistrati u l-fornituri tas-servizzi tal-logħob tal-azzard għandhom ikunu regolati.

2. L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-awtoritajiet kompetenti jiżguraw li l-persuni li jkollhom kariga ta' tmexxija fl-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 1, jew li huma s-sidien benefiċjarji ta' entitajiet bħal dawn, ikunu persuni kompetenti u idonei.

3. Fir-rigward tal-entitajiet marbutin b'obbligu msemmija fil-punt (3)(a), (b) u (d) tal-Artikolu 2(1), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jimpedixxu lill-kriminali misjuba ħatja ta' reat fl-oqsma rilevanti jew lill-assoċjati tagħhom milli jkollhom kariga ta' tmexxija f'dawk l-entitajiet marbutin b'obbligu jew li jkunu s-sidien benefiċjarji tagħhom.

*Artikolu 48*

1. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-awtoritajiet kompetenti jwettqu monitoraġġ effettiv u jieħdu l-miżuri meħtieġa bil-għan li jiżguraw li jkun hemm konformità ma' din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom setgħat adegwati, inkluża s-setgħa li jitolbu l-produzzjoni ta' kwalunkwe informazzjoni li tkun rilevanti għall-monitoraġġ tal-konformità u li jwettqu verifiki, u jkollhom riżorsi finanzjarji, umani u tekniċi adegwati biex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persunal ta' dawk l-awtoritajiet iżommu standards professjonali għoljin, inklużi standards ta' kunfidenzjalità u protezzjoni tad-data, li huma ta' integrità għolja u li għandhom ħiliet xierqa.

3. Fil-każ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u istituzzjonijiet finanzjarji u fornituri ta' servizzi tal-logħob tal-azzard, l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom setgħat superviżorji msaħħa.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih l-entità marbuta b'obbligu topera xi stabbilimenti, iwettqu superviżjoni biex jiżguraw li dawk l-istabbilimenti jirrispettaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali ta' dak l-Istat Membru li jittrasponi din id-Direttiva. Fil-każ tal-istabbilimenti msemmija fl-Artikolu 45(9), tali superviżjoni tista' tinkludi t-teħid ta' miżuri adatti u proporzjonati biex jindirizzaw nuqqasijiet serji li jeħtieġu rimedji immedjati. Dawk il-miżuri għandhom ikunu temporanji u jiġu terminati meta n-nuqqasijiet identifikati jiġu indirizzati, inkluż bl-għajnuna tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tal-entità marbuta b'obbligu, f'konformità mal-Artikolu 45(2).

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih jiġu operati stabbilimenti mill-entità marbuta b'obbligu għandhom jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih l-entità marbuta b'obbligu jkollha l-uffiċċju prinċipali tagħha, biex tiġi żgurata superviżjoni effettiva tar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta jiġi applikat approċċ fuq il-bażi tar-riskju għas-superviżjoni, l-awtoritajiet kompetenti:

(a) ikunu jifhmu b'mod ċar ir-riskji ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu preżenti fl-Istati Membri tagħhom;

(b) ikollhom aċċess fuq il-post u mhux fuq il-post għall-informazzjoni kollha rilevanti dwar ir-riskji domestiċi u internazzjonali speċifiċi assoċjati ma' klijenti, prodotti u servizzi tal-entitajiet marbutin b'obbligu; u

(c) jibbażaw il-frekwenza u l-intensità tas-superviżjoni fuq il-post u mhux fuq il-post fuq il-profil ta' riskju tal-entitajiet marbutin b'obbligu, u fuq ir-riskji ta' ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu preżenti f'dak l-Istat Membru.

7. Il-valutazzjoni tal-profil ta' riskju ta' ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu ta' entitajiet marbutin b'obbligu, inklużi r-riskji ta' nuqqas ta' konformità, għandha tiġi rieżaminata kemm b'mod perjodiku kif ukoll meta jseħħu avvenimenti jew żviluppi ewlenin fit-tmexxija u l-operazzjonijiet tagħhom.

8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jikkunsidraw il-livell ta' diskrezzjoni permess lill-entità marbuta b'obbligu, u janalizzaw kif xieraq il-valutazzjonijiet tar-riskju abbażi ta' din id-diskrezzjoni, u l-adegwatezza u l-implimentazzjoni tal-politiki, il-kontrolli u l-proċeduri interni tagħha.

9. Fil-każ tal-entitajiet marbutin b'obbligu msemmija fil-punti (3)(a), (b) u (d) tal-Artikolu 2(1) l-Istati Membri jistgħu jippermettu li l-funzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jitwettqu minn korpi awtoregolatorji, dment li dawk il-korpi awtoregolatorji jikkonformaw mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

10. Sas-26 ta' Ġunju 2017, l-ASE għandhom, joħorġu linji gwida indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010 u (UE) Nru 1095/2010 rigward il-karatteristiċi ta' approċċ għas-superviżjoni li jkun sensittiv għar-riskji u l-passi li għandhom jittieħdu meta jwettqu superviżjoni fuq il-bażi ta' sensittività għar-riskji. Għandhom jitqiesu speċifikament in-natura u d-daqs tan-negozju, u fejn dan ikun xieraq u proporzjonat, għandhom jiġu stabbiliti miżuri speċifiċi.

*TAQSIMA 3*

***Kooperazzjoni***

Subtaqsima I

**Kooperazzjoni nazzjonali**

*Artikolu 49*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk li jfasslu l-politiki, l-UIF, is-superviżuri u awtoritajiet kompetenti oħrajn involuti fl-AML/CFT ikollhom mekkaniżmi effettivi fis-seħħ biex ikunu jistgħu jikkooperaw u jikkoordinaw fil-livell domestiku dwar l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki u attivitajiet biex jiġġieldu l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, inkluż bil-għan li jissodisfaw l-obbligu tagħhom skont l-Artikolu 7.

Subtaqsima II

**Kooperazzjoni mal-ASE**

*Artikolu 50*

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu lill-ASE l-informazzjoni kollha neċessarja biex tippermettilhom li jwettqu l-kompiti tagħhom skont din id-Direttiva.

Subtaqsima III

**Kooperazzjoni bejn l-UIF u l-Kummissjoni**

*Artikolu 51*

Il-Kummissjoni tista' tagħti assistenza bħal din kif meħtieġ sabiex tiffaċilita l-koordinazzjoni, inkluż l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-UIF, fi ħdan l-Unjoni. Hija tista' tlaqqa' b'mod regolari lir-rappreżentanti mill-Istati Membri tal-Pjattaforma tal-UIF tal-UE, sabiex tiffaċilita l-kooperazzjoni fost l-UIF, isir skambju ta' fehmiet u jingħataw pariri dwar kwistjonijiet ta' implimentazzjoni rilevanti għall-UIF u l-entitajiet relaturi kif ukoll dwar kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni bħal kooperazzjoni effettiva tal-UIF, l-identifikazzjoni ta' transazzjonijiet suspettużi b'dimensjoni transkonfinali, l-istandardizzazzjoni tal-formati ta' rappurtar permezz tan-netwerk FIU.net jew is-suċċessur tiegħu, l-analiżi konġunta ta' każijiet transkonfinali, u l-identifikazzjoni tat-tendenzi u l-fatturi rilevanti għall-valutazzjoni tar-riskji marbutin mal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll dak sovranazzjonali.

*Artikolu 52*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-UIF jikkooperaw kemm jista' jkun ma' xulxin, irrispettivament mill-istatus tal-organizzazzjoni tagħhom.

*Artikolu 53*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-UIF jiskambjaw, minn jeddhom jew fuq talba, kwalunkwe informazzjoni li tista' tkun rilevanti għall-ipproċessar jew l-analiżi ta' informazzjoni mill-UIF, relatata mal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu u l-persuna fiżika jew ġuridika involuta, anki jekk it-tip ta' reati predikati li jistgħu jkunu involuti ma jiġix identifikat waqt l-iskambju.

Talba għandu jkollha l-fatti rilevanti, informazzjoni ta' sfond, raġunijiet għat-talba u kif ser tintuża l-informazzjoni mitluba. Jistgħu jiġu applikati mekkaniżmi ta' skambju differenti jekk ikun hemm qbil bejn l-UIF, b'mod partikolari fir-rigward ta' skambji permezz tal-FIU.net jew is-suċċessur tiegħu.

Meta UIF tirċievi rapport skont il-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 33(1) li jikkonċerna Stat Membru ieħor, hi għandha tibagħtu minnufih lill-UIF ta' dak l-Istat Membru.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-UIF li tirċievi t-talba tkun meħtieġa tuża l-firxa sħiħa tas-setgħat disponibbli tagħha li normalment tuża fil-livell domestiku biex tirċievi u tanalizza l-informazzjoni meta twieġeb għal talba għall-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 minn UIF tal-UE oħra. L-UIF li tirċievi t-talba għandha twieġeb mingħajr dewmien.

Meta UIF tfittex li tikseb informazzjoni addizzjonali minn entità marbuta b'obbligu stabbilita fi Stat Membru ieħor li topera fit-territorju tagħha, it-talba għandha tiġi indirizzata lill-UIF tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu hija stabbilita l-entità marbuta b'obbligu. Dik l-UIF għandha tibgħat u twieġeb it-talbiet minnufih.

3. UIF tista' tiċħad li tagħmel skambju ta' informazzjoni f'ċirkostanzi eċċezzjonali biss fejn l-iskambju jista' jmur kontra l-prinċipji fundamentali tal-liġi nazzjonali tiegħu. Dawk l-eċċezzjonijiet għandhom ikunu speċifikati b'mod li jimpedixxi l-użu ħażin, u limitazzjonijiet indebiti fuq, l-iskambju liberu ta' informazzjoni għal skopijiet analitiċi.

*Artikolu 54*

L-informazzjoni u d-dokumenti riċevuti skont l-Artikoli 52 u 53 għandhom jintużaw għat-twettiq tal-kompiti tal-UIF kif stabbiliti f'din id-Direttiva. Meta tiskambja informazzjoni u dokumenti skont l-Artikoli 52 u 53, l-UIF li tkun qed tittrasmettihom tista' timponi restrizzjonijiet u kondizzjonijiet għall-użu ta' dik l-informazzjoni. L-UIF riċeventi għandha tikkonforma ma' dawk ir-restrizzjonijiet u l-kondizzjonijiet.

*Artikolu 55*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni skambjata skont l-Artikoli 52 u 53 tintuża biss għall-għan li għalih tkun intalbet jew ingħatat u li kwalunkwe disseminazzjoni ta' dik l-informazzjoni mill-UIF li tirċeviha ma' xi awtorità, aġenzija jew dipartiment ieħor, jew kwalunkwe użu ta' din l-informazzjoni għal skopijiet li jmorru lil hinn minn dawk oriġinarjament approvati, tiġi soġġetta għal kunsens minn qabel mill-UIF li tipprovdi l-informazzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kunsens minn qabel tal-UIF li tirċievi t-talba biex tikkondividi l-informazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti jingħata minnufih u bl-aktar mod mifrux possibbli. L-UIF li tirċievi t-talba għandha tiċħad il-kunsens tagħha li ssir din il-kondiviżjoni biss jekk din tmur lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-AML/CFT tagħha, tista' xxekkel l-investigazzjoni kriminali, ikun ċar li tkun sproporzjonata għall-interessi leġittimi ta' persuna fiżika jew ġuridika jew l-Istat Membru tal-UIF li tirċievi t-talba, jew inkella ma tkunx f'konformità mal-prinċipji fundamentali tal-liġi nazzjonali ta' dak l-Istat Membru. Kwalunkwe ċaħda ta' dan it-tip għall-għoti tal-kunsens għandha tkun spjegata b'mod adatt.

*Artikolu 56*

1. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-UIF tagħhom jużaw mezzi ta' komunikazzjoni protetti bejniethom u li jinkoraġġixxu l-użu tan-netwerk FIU.net jew is-suċċessur tiegħu.

2. Bil-għan li jwettqu l-kompiti tagħhom kif stipulat f'din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-UIF tagħhom jikkooperaw fl-applikazzjoni ta' teknoloġiji bl-ogħla livell ta' żvilupp tekniku f'konformità mal-liġi nazzjonali tagħhom. Dawk it-teknoloġiji għandhom jippermettu li l-UIF iqabblu d-data tagħhom ma' dik ta' UIF oħrajn b'mod anonimu billi tiġi żgurata protezzjoni sħiħa tad-data personali bil-għan li jiġu identifikati s-suġġetti li jinteressaw lill-UIF fi Stati Membri oħrajn u li jiġu identifikati r-rikavat u l-fondi tagħhom.

*Artikolu 57*

Id-differenzi bejn id-definizzjonijiet ta' reati fiskali fil-liġi nazzjonali ma għandhomx ixekklu l-kapaċità tal-UIF li jiskambjaw informazzjoni jew jipprovdu assistenza lil UIF oħra, bl-aktar mod mifrux possibbli skont il-liġi nazzjonali tagħhom.

TAQSIMA 4

***Sanzjonijiet***

*Artikolu 58*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet marbutin b'obbligu jkunu jistgħu jinżammu responsabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva f'konformità ma' dan l-Artikolu u mal-Artikoli 59 sa 61. Kwalunkwe sanzjoni jew miżura li tirriżulta għandha tkun effettiva, proporzjonata u dissważiva.

2. Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li jipprevedu u jimponu sanzjonijiet kriminali, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar sanzjonijiet u miżuri amministrattivi u jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom ikunu jistgħu jimponu tali sanzjonijiet u miżuri fir-rigward ta' ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva, u għandhom jiżguraw li dawn jiġu implimentati.

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jistabbilixxux regoli għal sanzjonijiet jew miżuri amministrattivi għal ksur li jkun soġġett għal sanzjonijiet kriminali fil-liġi nazzjonali tagħhom. F'dak il-każ, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi kriminali.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fejn obbligi japplikaw għal persuni ġuridiċi fil-każ ta' ksur ta' dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva, jistgħu jiġu applikati sanzjonijiet u miżuri fir-rigward tal-membri tal-korp maniġerjali, u persuni fiżiċi oħrajn li jkunu responsabbli għall-ksur skont il-liġi nazzjonali.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħat superviżorji u investigattivi kollha meħtieġa biex jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom.

5. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jeżerċitaw is-setgħat tagħhom li jimponu sanzjonijiet u miżuri amministrattivi f'konformità ma' din id-Direttiva u mal-liġi nazzjonali, fi kwalunkwe mod fost dawn li ġejjin:

(a) direttament;

(b) f'kollaborazzjoni ma' awtoritajiet oħrajn;

(c) taħt ir-responsabbiltà tagħhom b'delega lil tali awtoritajiet oħrajn;

(d) b'applikazzjoni lill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti.

Fl-eżerċizzju tas-setgħat tagħhom li jimponu sanzjonijiet u miżuri amministrattivi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw mill-qrib biex jiżguraw li dawk il-miżuri amministrattivi jew is-sanzjonijiet jipproduċu r-riżultati mixtieqa u jikkoordinaw l-azzjoni tagħhom meta jittrattaw każijiet transkonfinali.

*Artikolu 59*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dan l-Artikolu japplika tal-inqas għall-ksur min-naħa tal-entitajiet marbutin b'obbligu li huwa serju, ripetut, sistematiku, jew kombinament ta' dawn, tar-rekwiżiti stipulati fi:

(a) l-Artikoli 10 sa 24 (diliġenza dovuta tal-klijenti);

(b) l-Artikoli 33, 34 u 35 (rappurtar ta' transazzjonijiet suspettużi);

(c) l-Artikolu 40 (żamma ta' rekords); u

(d) l-Artikoli 45 u 46 (kontrolli interni).

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, is-sanzjonijiet u l-miżuri li jistgħu jiġu applikati jinkludu mill-inqas dan li ġej:

(a) dikjarazzjoni pubblika li tindika l-persuna fiżika jew ġuridika u n-natura tal-ksur;

(b) ordni li titlob lill-persuna fiżika jew ġuridika biex twaqqaf il-kondotta u li ma tirrepetix dik il-kondotta;

(c) fejn entità marbuta b'obbligu tiġi soġġetta għal awtorizzazzjoni, irtirar jew sospensjoni tal-awtorizzazzjoni;

(d) projbizzjoni temporanja kontra kwalunkwe persuna li twettaq responsabbiltajiet ta' tmexxija f'entità marbuta b'obbligu, jew kwalunkwe persuna fiżika oħra li tinżamm responsabbli għall-ksur, milli jeżerċitaw funzjonijiet ta' tmexxija f'entitajiet marbutin b'obbligu;

(e) sanzjonijiet pekunjarji amministrattivi massimi b'valur ta' mill-inqas id-doppju tal-ammont tal-benefiċċju li jirriżulta mill-ksur fejn dak il-benefiċċju jkun jista' jiġi ddeterminat jew mill-inqas EUR 1 000 000.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, b'deroga minn paragrafu 2(e), fejn l-entità marbuta b'obbligu kkonċernata tkun istituzzjoni ta' kreditu jew istituzzjoni finanzjarja, jistgħu jiġu applikati wkoll is-sanzjonijiet li ġejjin:

(a) fil-każ ta' persuna ġuridika, sanzjonijiet monetarji amministrattivi massimi ta' mill-inqas EUR 5 000 000 jew 10 % tal-fatturat annwali totali skont l-aħħar kontijiet disponibbli approvati mill-korp maniġerjali; fejn l-entità marbuta b'obbligu tkun impriża prinċipali jew sussidjarja ta' impriża prinċipali li hija meħtieġa tħejji kontijiet finanzjarji konsolidati skont l-Artikolu 22 tad-Direttiva 2013/34/UE, il-fatturat annwali totali rilevanti għandu jkun il-fatturat annwali totali jew it-tip korrispondenti ta' dħul skont id-Direttivi rilevanti dwar il-kontabbiltà skont l-aħħar kontijiet konsolidati disponibbli approvati mill-korp maniġerjali tal-impriża prinċipali finali;

(b) fir-rigward ta' persuna fiżika, sanzjonijiet monetarji amministrattivi massimi ta' mhux inqas minn EUR 5 000 000, jew fl-Istati Membri fejn il-munita mhijiex l-euro, il-valur korrispondenti fil-munita nazzjonali fil-25 ta' Ġunju 2015.

4. L-Istati Membri jistgħu jagħtu s-setgħa lill-awtoritajiet kompetenti li jimponu tipi addizzjonali ta' sanzjonijiet amministrattivi barra dawk imsemmija fil-punti (a) sa (d) tal-paragrafu 2 jew li jimponu sanzjonijiet pekunjarji amministrattivi li jaqbżu l-ammonti msemmija fil-punt (e) tal-paragrafu 2 u fil-paragrafu 3.

*Artikolu 60*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li deċiżjoni li timponi sanzjoni jew miżura amministrattiva għal ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva li ma jistax isir appell kontriha għandha tiġi ppubblikata mill-awtoritajiet kompetenti fuq is-sit elettroniku uffiċjali tagħhom immedjatament wara li l-persuna sanzjonata tiġi mgħarrfa b'dik id-deċiżjoni. Il-pubblikazzjoni għandha tinkludi tal-inqas informazzjoni dwar it-tip u n-natura tal-ksur u l-identità tal-persuni responsabbli. L-Istati Membri ma għandhomx ikunu obbligati li japplikaw dan is-subparagrafu għal deċiżjonijiet li jimponu miżuri li huma ta' natura investigatorja.

Fejn il-pubblikazzjoni tal-identità tal-persuni responsabbli kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu jew id-data personali ta' tali persuni titqies mill-awtorità kompetenti li hi sproporzjonata wara valutazzjoni skont il-każ imwettqa fir-rigward tal-proporzjonalità tal-pubblikazzjoni ta' din id-data, jew meta l-pubblikazzjoni tipperikola l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji jew xi investigazzjoni kurrenti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom:

(a) idewmu l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni li tiġi imposta sanzjoni jew miżura sal-mument li fih ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' pubblikazzjoni ma jibqgħux jeżistu;

(b) jippubblikaw id-deċiżjoni li tiġi imposta sanzjoni jew miżura amministrattiva fuq bażi anonima b'mod li jkun konformi mal-liġi nazzjonali, jekk din il-pubblikazzjoni anonima tiżgura l-protezzjoni effettiva tad-data personali kkonċernata; fil-każ ta' deċiżjoni li sanzjoni jew miżura amministrattiva tiġi ppubblikata fuq bażi anonima, il-pubblikazzjoni tad-data rilevanti tista' tiġi posposta għal perijodu ta' żmien raġonevoli jekk ikun previst li matul dak il-perijodu, ir-raġunijiet għall-pubblikazzjoni anonima ma jibqgħux jeżistu.

(c) ma jippubblikawx id-deċiżjoni li tiġi imposta sanzjoni jew miżura amministrattiva fil-każ li l-alternattivi stipulati f'(a) u (b) jitqiesu li mhumiex biżżejjed biex jiġi żgurat li:

  (i) ma tiġix ipperikolata l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji; jew

  (ii) tiġi osservata l-proporzjonalità tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni fir-rigward tal-miżuri meqjusa li huma ta' natura minuri.

2. Meta l-Istati Membri jippermettu l-pubblikazzjoni ta' deċiżjonijiet li jista' jsir appell kontrihom, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ukoll jippubblikaw minnufih din l-informazzjoni u kwalunkwe informazzjoni sussegwenti dwar ir-riżultat ta' dan l-appell fuq is-sit elettroniku uffiċjali tagħhom. Barra minn hekk, għandha tiġi ppubblikata wkoll kwalunkwe deċiżjoni li tannulla deċiżjoni preċedenti biex tiġi imposta sanzjoni jew miżura amministrattiva.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li kwalunkwe pubblikazzjoni f'konformità ma' dan l-Artikolu għandha tibqa' fuq is-sit elettroniku uffiċjali tagħhom għal perijodu ta' ħames snin wara l-pubblikazzjoni tagħha. Madankollu, id-data personali li tkun tinsab fil-pubblikazzjoni għandha tinżamm fuq is-sit elettroniku uffiċjali tal-awtorità kompetenti biss għall-perijodu li jkun meħtieġ f'konformità mar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jiddeterminaw it-tip u l-livell ta' sanzjonijiet jew miżuri amministrattivi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw iċ-ċirkostanzi rilevanti kollha, inkluż, fejn ikun applikabbli:

(a) il-gravità u t-tul ta' żmien tal-ksur;

(b) il-livell ta' responsabbiltà tal-persuna fiżika jew ġuridika miżmuma responsabbli;

(c) is-saħħa finanzjarja tal-persuna fiżika jew ġuridika li tinżamm responsabbli, kif indikat pereżempju mill-fatturat totali tal-persuna ġuridika li tinżamm responsabbli jew mid-dħul annwali tal-persuna fiżika li tinżamm responsabbli;

(d) il-benefiċċju li jirriżulta mill-ksur mill-persuna fiżika jew ġuridika li tinżamm responsabbli, dment li dan ikun jista' jiġi ddeterminat;

(e) it-telf għal partijiet terzi kkawżat mill-ksur, dment li dan ikun jista' jiġi ddeterminat;

(f) il-livell ta' kooperazzjoni tal-persuna fiżika jew ġuridika li tinżamm responsabbli mal-awtorità kompetenti;

(g) ksur preċedenti mill-persuna fiżika jew ġuridika li tinżamm responsabbli.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni ġuridiċi jistgħu jinżammu responsabbli għall-ksur imsemmi fl-Artikolu 59(1) imwettqa għall-benefiċċju tagħhom minn kwalunkwe persuna, li taġixxi individwalment jew bħala parti minn organu ta' dik il-persuna ġuridika, u li jkollha pożizzjoni ta' tmexxija fi ħdan il-persuna ġuridika abbażi ta' kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) is-setgħa li tirrappreżenta l-persuna ġuridika;

(b) awtorità li tieħu deċiżjonijiet f'isem il-persuna ġuridika; jew

(c) l-awtorità li teżerċita kontroll fil-persuna ġuridika.

6. L-Istati Membri għandhom ukoll jiżguraw li l-persuni ġuridiċi jkunu jistgħu jinżammu responsabbli fejn in-nuqqas ta' superviżjoni jew ta' kontroll minn persuna msemmija fil-paragrafu 5 ta'dan l-Artikolu ippermetta t-twettiq tal-ksur imsemmi fl-Artikolu 59(1) għall-benefiċċju ta' dik il-persuna ġuridika minn persuna li taqa' taħt l-awtorità tagħha.

*Artikolu 61*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jistabbilixxu mekkaniżmi effettivi u affidabbli biex jinkoraġġixxu r-rappurtar lill-awtoritajiet kompetenti ta' ksur potenzjali jew proprju tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva.

2. Il-mekkaniżmi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu mill-inqas:

(a) proċeduri speċifiċi ta' kif għandhom jaslu r-rapporti dwar ksur u għas-segwitu tagħhom;

(b) protezzjoni xierqa għal impjegati jew persuni f'pożizzjoni komparabbli, ta' entitajiet marbutin b'obbligu li jirrappurtaw ksur imwettaq fi ħdan l-entità marbuta b'obbligu;

(c) protezzjoni xierqa għall-persuna akkużata;

(d) protezzjoni tad-data personali li tikkonċerna kemm lill-persuna li tirrapporta l-ksur kif ukoll lill-persuna fiżika li hija allegatament responsabbli għall-ksur, f'konformità mal-prinċipji stipulati fid-Direttiva 95/46/KE.

(e) regoli ċari li jiżguraw li tiġi ggarantita l-kunfidenzjalità fil-każijiet kollha fir-rigward tal-persuna li tirrapporta l-ksur imwettaq fi ħdan l-entità marbuta b'obbligu, sakemm l-iżvelar ma jkunx meħtieġ mil-liġi nazzjonali fil-kuntest ta' investigazzjonijiet ulterjuri jew proċedimenti ġudizzjarji sussegwenti.

3. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-entitajiet marbutin b'obbligu jkollhom fis-seħħ proċeduri adatti biex l-impjegati tagħhom jew persuni f'pożizzjoni komparabbli jirrappurtaw ksur internament b'mezz speċifiku, indipendenti u anonimu, proporzjonat għan-natura u d-daqs tal-entità marbuta b'obbligu kkonċernata.

*Artikolu 62*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jinfurmaw lill-ASE bis-sanzjonijiet u l-miżuri amministrattivi kollha imposti f'konformità mal-Artikoli 58 u 59 dwar istituzzjonijiet ta' kreditu u istituzzjonijiet finanzjarji, inkluż kwalunkwe appell fir-rigward tagħhom u l-eżitu tiegħu.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li f'konformità mal-liġi nazzjonali tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw l-eżistenza ta' kundanna rilevanti fil-kondotta kriminali tal-persuna kkonċernata. Kwalunkwe skambju ta' informazzjoni għal dawk il-finijiet għandu jsir f'konformità mad-Deċiżjoni 2009/316/ĠAI u d-Deċiżjoni Qafas 2009/315/ĠAI kif implimentati fil-liġi nazzjonali.

3. L-ASE għandhom iżommu attiv sit elettroniku b'links għall-pubblikazzjoni ta' sanzjonijiet u miżuri amministrattivi imposti minn kull awtorità kompetenti f'konformità mal-Artikolu 60 dwar istituzzjonijiet ta' kreditu u istituzzjonijiet finanzjarji, u għandhom juru l-perijodu ta' żmien li matulu kull Stat Membru jippubblika sanzjonijiet u miżuri amministrattivi.

KAPITOLU VII

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 63*

Il-punt (d) tal-paragrafu 2 tal-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) il-kontroparti ċentrali hija stabbilita jew awtorizzata f'pajjiż terz li mhuwiex ikkunsidrat, mill-Kummissjoni f'konformità mad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*), li għandu nuqqasijiet strateġiċi fir-reġim nazzjonali tiegħu tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu li jikkostitwixxu theddid sinifikanti għas-sistema finanzjarja tal-Unjoni.

(*) Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73).".

*Artikolu 64*

1. Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikolu 9 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perijodu ta' żmien indeterminat mill-25 ta' Ġunju 2015.

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 9 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-Deċiżjoni. Hi għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Hi ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li huwa diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att iddelegat adottat skont l-Artikolu 9 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahar min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn informaw lill-Kummissjoni li mhumiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahar fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 65*

Sas-26 ta' Ġunju 2019, il-Kummissjoni għandha tfassal rapport dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u tippreżentah lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

*Artikolu 66*

Id-Direttivi 2005/60/KE u 2006/70/KE jitħassru b'effett mis-26 ta' Ġunju 2017.

Ir-referenzi għad-Direttivi mħassra għandhom jinftehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni li tinsab fl-Anness IV għal din id-Direttiva.

*Artikolu 67*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sas-26 ta' Ġunju 2017. Huma għandhom immedjatament jikkomunikaw it-test ta' dawk il-miżuri lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi kif għandha issir tali referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

([1]) Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-transazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1).

*Artikolu 68*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 69*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburgu, l-20 ta' Mejju 2015.

| Għall-Parlament Ewropew | Għall-Kunsill |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| M. SCHULZ | Z. KALNIŅA-LUKAŠEVICA |

*ANNESS I*

Il-lista li ġejja hi lista mhux eżawrjenti tal-fatturi varjabbli tar-riskju li għandhom jiġu kkunsidrati mill-entitajiet marbutin b'obbligu meta jkunu qegħdin jiddeterminaw sa fejn għandhom japplikaw il-miżuri ta' diliġenza dovuta tal-klijenti f'konformità mal-Artikolu 13(3):

(i) l-għan ta' kont jew relazzjoni;

(ii) il-livell ta' assi li għandhom jiġu ddepożitati minn klijent jew id-daqs tat-transazzjonijiet imwettqa;

(iii) ir-regolarità jew it-tul ta' żmien tar-relazzjoni ta' negozju.

*ANNESS II*

Il-lista li ġejja hi lista mhux eżawrjenti ta' fatturi u tipi ta' evidenza ta' riskju potenzjalment aktar baxx li jissemmew fl-Artikolu 16:

(1) Fatturi ta' riskju tal-klijenti:

(a) kumpanniji pubbliċi kkwotati fil-Borża u soġġetti għal rekwiżiti ta' divulgazzjoni (jew mir-regoli tal-Borża jew permezz ta' liġi jew mezzi eżekuttivi), li jimponu rekwiżiti biex tiġi żgurata trasparenza adegwata tas-sjieda benefiċjarja;

(b) amministrazzjonijiet jew impriżi pubbliċi;

(c) klijenti li huma residenti f'żoni ġeografiċi ta' riskju aktar baxx kif indikat fil-punt (3);

(2) Fatturi ta' riskju tal-prodotti, is-servizzi, it-transazzjonijiet jew il-kanali tad-distribuzzjoni;

(a) poloz tal-assigurazzjoni tal-ħajja li għalihom il-primjum ikun baxx;

(b) poloz tal-assigurazzjoni għal skemi tal-pensjonijiet jekk ma jkun hemm l-ebda għażla ta' rtirar bikri u l-polza ma tistax tintuża bħala kollateral;

(c) skema ta' pensjoni, investiment għall-pensjoni jew skema simili li tipprovdi benefiċċji tal-irtirar għall-impjegati, fejn il-kontribuzzjonijiet isiru permezz ta' tnaqqis minn salarji, u r-regoli tal-iskema ma jippermettux iċ-ċessjoni tal-interess ta' membru fl-iskema;

(d) prodotti jew servizzi finanzjarji li jipprovdu servizzi definiti u limitati kif xieraq għal ċerti tipi ta' klijenti, sabiex jiżdied l-aċċess għall-fini ta' inklużjoni finanzjarja;

(e) prodotti fejn ir-riskju ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu jiġi kkontrollat minn fatturi oħrajn bħal-limiti fuq l-infiq jew it-trasparenza tas-sjieda (eż. ċerti tipi ta' flus elettroniċi;

(3) Fatturi ta' riskju ġeografiċi:

(a) Stati Membri;

(b) pajjiżi terzi li għandhom sistemi effettivi tal-AML/CFT;

(c) pajjiżi terzi identifikati minn sorsi kredibbli bħala li għandhom livell baxx ta' korruzzjoni jew attività kriminali oħra;

(d) pajjiżi terzi li, abbażi ta' sorsi kredibbli bħall-evalwazzjonijiet reċiproċi, ir-rapporti ta' valutazzjoni dettaljati jew rapporti ta' segwitu ppubblikati għandhom ir-rekwiżiti biex jiġġieldu kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu li huma konsistenti mar-Rakkomandazzjonijiet FATF u jimplimentaw b'mod effettiv dawk ir-rekwiżiti.

*ANNESS III*

Din li ġejja hija lista mhux eżawrjenti ta' fatturi u tipi ta' evidenza ta' riskju potenzjalment ogħla msemmi fl-Artikolu 18(3):

(1) Fatturi ta' riskju tal-klijenti:

(a) ir-relazzjoni ta' negozju titwettaq f'ċirkustanzi mhux tas-soltu;

(b) klijenti li huma residenti f'żoni ġeografiċi ta' riskju ogħla kif indikat fil-punt (3);

(c) persuni jew arranġamenti ġuridiċi li huma strutturi ta' żamma ta' assi personali;

(d) kumpanniji li għandhom azzjonisti nominati jew ishma f'forma ta' bearer;

(e) negozji li huma kkaratterizzati mill-intensità tal-flus kontanti;

(f) l-istruttura tas-sjieda tal-kumpannija tidher mhux tas-soltu jew eċċessivament kumplessa meta wieħed iqis n-natura tan-negozju tal-kumpannija;

(2) Fatturi ta' riskju tal-prodotti, is-servizzi, it-transazzjonijiet jew il-kanali tad-distribuzzjoni:

(a) servizzi bankarji privati;

(b) prodotti jew transazzjonijiet li jistgħu jiffavorixxu l-anonimità;

(c) relazzjonijiet ta' negozju jew transazzjonijiet mhux wiċċ imb'wiċċ, mingħajr ċerti salvagwardji, bħal firem elettroniċi;

(d) ħlas riċevut minn partijiet terzi mhux magħrufin jew mhux assoċjati;

(e) prodotti ġodda u prattiki ġodda ta' negozju, inkluż mekkaniżmu ġdid ta' kunsinna, u l-użu ta' teknoloġiji ġodda jew li qed jiġu żviluppati kemm għal prodotti ġodda u dawk eżistenti minn qabel;

(3) Fatturi ta' riskju ġeografiċi:

(a) mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 9, il-pajjiżi identifikati minn sorsi kredibbli, bħal evalwazzjonijiet reċiproċi, rapporti ta' valutazzjoni dettaljati jew rapporti ta' segwitu ppubblikati, bħala li m'għandhomx sistemi tal-AML/CFT effettivi;

(b) pajjiżi identifikati minn sorsi kredibbli bħala pajjiżi b'livelli sinifikanti ta' korruzzjoni jew attività kriminali oħra;

(c) pajjiżi soġġetti għal sanzjonijiet, embargos jew miżuri simili, pereżempju dawk maħruġa mill-Unjoni jew min-Nazzjonijiet Uniti;

(d) pajjiżi li jipprovdu finanzjament jew appoġġ għal attivitajiet terroristiċi, jew dawk li fihom joperaw organizzazzjonijiet terroristiċi identifikati.

*ANNESS IV*

## Tabella ta' korrelazzjoni

| Din id-Direttiva | Direttiva 2005/60/KE | Direttiva 2006/70/KE |
|---|---|---|
| — | | Artikolu 1 |
| — | | Artikolu 3 |
| — | | Artikolu 5 |
| — | | Artikolu 6 |
| — | | Artikolu 7 |
| Artikolu 1 | Artikolu 1 | |
| Artikolu 2 | Artikolu 2 | |
| Artikolu 2(3) sa (9) | | Artikolu 4 |
| Artikolu 3 | Artikolu 3 | |
| Artikolu 3(9), (10) u (11) | | Artikolu 2(1), (2) u (3) |
| Artikolu 4 | Artikolu 4 | |
| Artikolu 5 | Artikolu 5 | |
| Artikoli 6 sa 8 | — | |
| Artikolu 10 | Artikolu 6 | |
| Artikolu 11 | Artikolu 7 | |
| Artikolu 13 | Artikolu 8 | |
| Artikolu 14 | Artikolu 9 | |
| Artikolu 11(d) | Artikolu 10(1) | |
| — | Artikolu 10(2) | |
| Artikoli 15, 16 u 17 | Artikolu 11 | |
| — | Artikolu 12 | |
| Artikoli 18 sa 24 | Artikolu 13 | |
| Artikolu 22 | | Artikolu 2(4) |
| Artikolu 25 | Artikolu 14 | |
| — | Artikolu 15 | |
| Artikolu 26 | Artikolu 16 | |
| — | Artikolu 17 | |
| Artikolu 27 | Artikolu 18 | |
| Artikolu 28 | — | |
| Artikolu 29 | Artikolu 19 | |
| Artikolu 30 | — | |
| Artikolu 31 | — | |
| — | Artikolu 20 | |
| Artikolu 32 | Artikolu 21 | |
| Artikolu 33 | Artikolu 22 | |

| Din id-Direttiva | Direttiva 2005/60/KE | Direttiva 2006/70/KE |
|---|---|---|
| Artikolu 34 | Artikolu 23 | |
| Artikolu 35 | Artikolu 24 | |
| Artikolu 36 | Artikolu 25 | |
| Artikolu 37 | Artikolu 26 | |
| Artikolu 38 | Artikolu 27 | |
| Artikolu 39 | Artikolu 28 | |
| — | Artikolu 29 | |
| Artikolu 40 | Artikolu 30 | |
| Artikolu 45 | Artikolu 31 | |
| Artikolu 42 | Artikolu 32 | |
| Artikolu 44 | Artikolu 33 | |
| Artikolu 45 | Artikolu 34 | |
| Artikolu 46 | Artikolu 35 | |
| Artikolu 47 | Artikolu 36 | |
| Artikolu 48 | Artikolu 37 | |
| Artikolu 49 | — | |
| Artikolu 50 | Artikolu 37a | |
| Artikolu 51 | Artikolu 38 | |
| Artikoli 52 sa 57 | — | |
| Artikoli 58 sa 61 | Artikolu 39 | |
| — | Artikolu 40 | |
| — | Artikolu 41 | |
| — | Artikolu 41a | |
| — | Artikolu 41b | |
| Artikolu 65 | Artikolu 42 | |
| — | Artikolu 43 | |
| Artikolu 66 | Artikolu 44 | |
| Artikolu 67 | Artikolu 45 | |
| Artikolu 68 | Artikolu 46 | |
| Artikolu 69 | Artikolu 47 | |

# RETTIFIKA

## Rettifika tar-Regolament (KE) Nru 861/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 li jistabbilixxi Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 199 tal-31 ta' Lulju 2007)*

F'paġna 12, il-punt 4.7:

*minflok:* "L-għażla tal-qorti jew tribunal kif miftiehma mill-partijiet ",

*aqra:* "L-għażla tal-qorti jew tribunal kif miftiehma mill-partijiet □".

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT